HCCH
HAGUE CONFERENCE ON
PRIVATE INTERNATIONAL LAW
CONFÉRENCE DE LA HAYE
DE DROIT INTERNATIONAL PRIVÉ

Il-Kummissjoni
Ewropea

MANWAL PRATTIKU GĦALL-ASSISTENTI SOĊJALI SKONT IL-KONVENZJONI TAL-2007 DWAR IL-MANTENIMENT GĦAT-TFAL

MANWAL PRATTIKU GĦALL-ASSISTENTI SOĊJALI SKONT IL-KONVENZJONI TAL-2007 DWAR IL-MANTENIMENT GĦAT-TFAL

HCCH
HAGUE CONFERENCE ON
PRIVATE INTERNATIONAL LAW
CONFÉRENCE DE LA HAYE
DE DROIT INTERNATIONAL PRIVÉ

Il-Kummissjoni
Ewropea

Ippubblikat minn
Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat
Il-Bureau Permanenti
Churchillplein 6b
2517 JW The Hague
Il-Pajjiżi l-Baxxi

Telefown: +31 70 363 3303
Faks: +31 70 360 4867
Posta elettronika: secretariat@hcch.net
Websajt: www.hcch.net

© Hague Conference on Private International Law 2013

Id-drittijiet kollha miżmuma. L-ebda parti ta' din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta, maħżuna f'sistema minn fejn tista' terġa' tittella', jew trażmessa bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, fosthom iffotokopjar jew irrekordjar, mingħajr il-permess bil-miktub tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

Il-layout u t-traduzzjoni (bl-eċċezzjoni tal-Ingliż u l-Franċiż) u d-distribuzzjoni tal-"Manwal Prattiku għal dawk li jaħdmu fuq il-każjiet fil-qafas tal-Appoġġ għat-Tfal 2007" bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea, saru possibbli permezz tal-ġenerożità tal-Kummissjoni Ewropea/DĠ Ġustizzja.

Il-verżjonijiet uffiċjali ta' din il-pubblikazzjoni huma disponibbli fuq il-websajt tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (<www.hcch.net>) bl-Ingliż u l-Franċiż. It-traduzzjonijiet ta' din il-pubblikazzjoni f'lingwi oħra ma ġewx riveduti mill-Bureau Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

ISBN 978-92-79-56699-8

Stampat fil-Belġju

Werrej

Introduzzjoni 11

A. X'ikopri dan il-Manwal (u x'ma jkoprix) 11
B. Kif inhu mqassam il-Manwal 12
C. Kif tużu l-Manwal 13
D. Sorsi oħrajn ta' tagħrif 13
E. Xi pariri tal-aħħar 14

Kapitolu 1 – Ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjonijiet u t-talbiet skont il-Konvenzjoni 1

I. Deskrizzjoni tal-applikazzjonijiet u t-talbiet skont il-Konvenzjoni 1
A. Ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni 2
B. Talba għal miżuri speċifiċi 6
II. Sejbien tat-tip ta' applikazzjoni 7

Kapitolu 2 – Spjegazzjoni tat-termini 15

A. Skop ta' dan il-Kapitlu 15
B. Termini użati f'dan il-Manwal 15

Kapitolu 3 – Kwistjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali 29

Parti 1 – Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni 29

I. Skop ta' dan il-Kapitlu 29
II. Kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni 29
A. Ġenerali 29
B. Applikabbiltà ċentrali – obbligi tal-manteniment 30
C. Fatturi oħrajn li jirregolaw l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni 35

Parti 2 – Kwistjonijiet komuni għall-applikazzjonijiet kollha skont il-Konvenzjoni u għal Talbiet għal Miżuri Speċifiċi 38

I. Lingwa 38
A. Lingwa tal-applikazzjoni u d-dokumenti 38
B. Lingwa tal-komunikazzjonijiet 38
C. Eċċezzjonijiet fit-traduzzjoni 39
D. Kif dan jaħdem fil-prattika 39
E. Rekwiżiti oħrajn tad-dokumenti 40
II. Protezzjoni ta' informazzjoni personali u kunfidenzjali 41
III. Aċċess effettiv għal proċeduri u assistenza legali 42
A. Ħarsa ġenerali 42
B. Rekwiżit li tingħata assistenza legali b'xejn 44
IV. Funzjonijiet speċifiċi tal-Awtorità Ċentrali 51
V. Konvenzjonijiet Oħrajn tal-Aja 53

Kapitolu 4 – L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet mibgħuta għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar (Art. 10(1) *a)* u 10(2) *a)*) 55

I. Ħarsa ġenerali u prinċipji ġenerali 55
A. Meta ser tintużu din l-applikazzjoni 56
B. Eżempju ta' każ 56
C. Min jista' japplika għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar? 57
D. Kontestazzjoni ta' rikonoxximent u infurzar 57
II. Proċedura għall-ipproċessar u l-mili ta' applikazzjonijiet 58
A. Stadji għat-tlestija tal-applikazzjoni ta' rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar 59
B. Proċedura – pass, pass 60
III. Preparazzjoni tad-dokumenti meħtieġa għall-applikazzjoni 63
A. Ġenerali 63
B. Kontenut tal-applikazzjoni (rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar) 64
IV. Rikonoxximent u infurzar – kunsiderazzjonijiet oħra 68
A. Arranġamenti tal-manteniment 68

B. Manteniment għall-konjuġi 71
C. Forom oħrajn ta' manteniment tal-familja 71
V. Kwistjonijiet oħrajn 71
A. Fejn jinsab ir-rispondent 71
B. Rikonoxximent u infurzar – impatt tar-riservi li saru mill-Istat rikjest 72
VI. Materjali addizzjonali 73
A. Pariri prattiċi 73
B. Ideat siewja u għodod 73
C. Formoli relatati 74
D. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni 74
E. Sezzjonijiet relatati tal-Manwal 74
VII. Lista ta' kontroll – applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar 74
VIII. Mistoqsijiet frekwenti 75

Kapitolu 5 – L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet riċevuti għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar 78

I. Ħarsa ġenerali u prinċipji ġenerali 78
A. Prinċipji ġenerali 78
B. Ħarsa ġenerali proċedurali 79
C. Meta ser tintuża din l-applikazzjoni 81
D. Eżempju ta' każ 81
E. Min jista' japplika 82
II. Il-proċess ta' rikonoxximent u infurzar fil-qosor 82
III. Proċeduri 84
A. Verifika preliminari tad-dokumenti riċevuti mill-Awtorità Ċentrali 84
B. Dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà jew reġistrazzjoni mill-awtorità kompetenti 89
C. Rikonoxximent u infurzar – eżiti tal-applikazzjoni 93
D. Komunikazzjoni mal-Istat rikjedenti 94
IV. Aspetti oħrajn: rikonoxximent u applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar 95
A. Applikazzjonijiet għal rikonoxximent miftuħin minn debitur 95
B. Proċess alternattiv għal rikonoxximent u rikonoxximent u infurzar (Art. 24) 97
C. Arranġamenti dwar il-manteniment 100
V. Rikonoxximent u infurzar – kwistjonijiet oħrajn 101
A. Assistenza legali 101
B. Kwistjonijiet ta' infurzar 101
C. Eċċezzjonijiet u riservi rilevanti 102
VI. Materjali addizzjonali 102
A. Pariri prattiċi 102
B. Ideat tajbin u għodod 103
C. Formoli relatati 103
D. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni 103
E. Sezzjonijiet relatati tal-Manwal 103
VII. Lista ta' kontroll – applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar 104
VIII. Mistoqsijiet frekwenti 104

Kapitolu 6 – It-tħejjija ta' applikazzjonijiet mibgħuta għall-infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest (Art. 10(1) *b)*) 107

I. Ħarsa ġenerali 107
A. Meta ser tintuża din l-applikazzjoni 107
B. Eżempju ta' każ 107
C. Min jista' japplika għal infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment? 108
D. Ġenerali – infurzar, mhux rikonoxximent 108
II. Proċedura għall-ipproċessar u l-mili tal-applikazzjonijiet 109
A. Proċeduri 109

B. Tħejjija tal-applikazzjoni mibgħuta għal infurzar 111
C. Eċċezzjonijiet għal proċeduri ġenerali 114
III. Materjali addizzjonali 114
A. Pariri prattiċi 114
B. Formoli relatati 115
C. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni 115
D. Sezzjonijiet relatati tal-Manwal 115
IV. Lista ta' kontroll – applikazzjoni mibgħuta għal infurzar ta' deċiżjoni mill-Istat rikjest 115
V. Mistoqsijiet Frekwenti 116
Kapitolu 7 – L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet riċevuti għal infurzar ta' deċiżjonijiet meħudin jew rikonoxxuti fl-Istat rikjest 117
I. Ħarsa ġenerali – applikazzjonijiet riċevuti għal infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest 117
A. Meta ser tintuża l-applikazzjoni 117
B. Eżempju ta' każ 118
C. Differenza importanti – applikazzjonijiet għal infurzar ta' deċiżjoni proprja ta' Stat 118
II. L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal infurzar 119
A. Flowchart 119
B. Reviżjoni tad-dokumenti riċevuti 121
III. Materjali addizzjonali 123
A. Pariri prattiċi 123
B. Formoli relatati 123
C. Artikoli Relevanti 123
D. Sezzjonijiet relatati tal-Manwal 124
IV. Lista ta' kontroll – talbiet riċevuti għal infurzar 124
V. Mistoqsijiet frekwenti 124
Kapitolu 8 – Applikazzjonijiet mibgħuta għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment 125
I. Ħarsa Ġenerali 125
A. Meta ser tintuża din l-applikazzjoni 125
B. Eżempju ta' każ 126
C. Min jista' japplika għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment? ... 126
D. Tnedija ta' stabbiliment ta' deċiżjoni – xi kunsiderazzjonijiet 127
E. Ċirkustanzi speċjali: applikazzjonijiet għal stabbiliment meta tkun meħtieġa deċiżjoni ġdida minħabba riserva (Art. 20(4)) 128
F. Ċirkustanzi speċjali: applikazzjonijiet għal stabbiliment meta tkun meħtieġa deċiżjoni ġdida għaliex rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ma jkunux possibbli 128
II. Proċeduri għall-mili u l-bgħit tal-applikazzjoni 129
A. Ħarsa Ġenerali 129
B. Stadji preliminari 130
C. Tħejjija tal-pakkett ta' dokumenti għal applikazzjoni mibgħuta għal stabbiliment 132
III. Materjali addizzjonali 136
A. Pariri prattiċi 136
B. Formoli relatati 136
C. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni 137
D. Sezzjonijiet relatati tal-Manwal 137
IV. Lista ta' kontroll – applikazzjonijiet għal stabbiliment mibgħuta 137
V. Mistoqsijiet frekwenti 138
Kapitolu 9 – Applikazzjonijiet riċevuti għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment 141
I. Ħarsa ġenerali 141
A. Meta ser tintuża din l-applikazzjoni 141

B. Eżempju ta' każ 141
C. Min jista' japplika għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment? ... 142
D. Stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment meta deċiżjoni eżistenti ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta 142
II. L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet riċevuti għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment 143
A. Ġenerali 143
B. Flowchart 144
C. Stadji fil-proċess ta' stabbiliment 145
III. Materjali addizzjonali 151
A. Pariri prattiċi 151
B. Formoli relatati 151
C. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni 151
D. Sezzjonijiet relatati tal-Manwal 151
IV. Lista ta' kontroll – applikazzjonijiet riċevuti għal stabbiliment 152
V. Mistoqsijiet frekwenti 152
Kapitolu 10 – Infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment 154
I. Ħarsa ġenerali 154
A. Infurzar ta' deċiżjoni skont il-Konvenzjoni 154
II. Proċessi ta' infurzar skont il-Konvenzjoni 155
A. Ġenerali 155
B. Infurzar minnufih 156
C. Miżuri ta' infurzar 156
D. Pagamenti 158
E. Kwistjonijiet ta' infurzar 159
III. Materjali addizzjonali 163
A. Pariri prattiċi 163
B. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni 163
C. Sezzjonijiet relatati tal-Manwal 164
IV. Mistoqsijiet frekwenti 164
Kapitolu 11 – Applikazzjonijiet għal modifika ta' deċiżjoni (Art. 10(1) *e)* u *f)* u 10(2) *b)* u *c)*) 165
I. Ħarsa ġenrali – modifika ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment 165
A. Ġenerali 165
B. Fejn tista' ssir talba diretta jew applikazzjoni għal modifika u huwa possibbli li ssir applikazzjoni skont il-Konvenzjoni? 167
II. Eżempji 168
A. Eżempju 1: Debitur telaq mill-Istat ta' oriġini, il-kreditur le 168
B. Eżempju 2: Kreditur telaq mill-Istat ta' oriġini, id-debitur le 173
C. Eżempju 3: kemm il-kreditur kif ukoll id-debitur telqu mill-Istat ta' oriġini u marru jgħixu fi Stati differenti 177
D. Eżempju 4: iż-żewġ partijiet telqu mill-Istat ta' oriġini u issa jgħixu fl-istess Stat 181
E. Prattika tajba f'applikazzjonijiet għal modifika 182
III. Materjali addizzjonali 183
A. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni 183
B. Sezzjonijiet relatati tal-Manwal 183
Kapitolu 12 – Proċeduri ta' modifika – riċevuti u mibgħuta 184
Parti I – Proċeduri għal applikazzjonijiet mibgħuta għal modifika 184
I. Ħarsa ġenerali 184
A. Ir-rwol tal-Awtorità Ċentrali 184
B. Proċedura – flowchart 184
C. Proċeduri spjegati 187
II. Mili tad-dokumenti meħtieġa 189
A. Ġenerali 189

B. Mili tal-formola ta' applikazzjoni (modifika ta' deċiżjoni) 190
C. Mili tad-dokumenti addizzjonali 190
III. Lista ta' kontroll – applikazzjonijiet mibgħuta għal modifika 192
Parti II – Proċeduri għal applikazzjonijiet riċevuti għal modifika 192
I. Ħarsa ġenerali 192
II. Proċeduri 192
III. Lista ta' kontroll – applikazzjonijiet riċevuti għal modifika 195
Parti III – Kwistjonijiet komuni bejn applikazzjonijiet riċevuti u mibgħuta għal modifika 195
I. Materjali addizzjonali 195
A. Pariri prattiċi għall-applikazzjonijiet jew it-talbiet kollha għal modifika 195
B. Formoli relatati 196
C. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni 196
D. Sezzjonijiet relatati tal-Manwal 196
II. Mistoqsijiet frekwenti 196
Kapitolu 13 – Mili tat-Talbiet mibgħuta għal Miżuri Speċifiċi 199
I. Ħarsa Ġenerali – Talbiet għal Miżuri Speċifiċi 199
A. Meta ser issir din it-talba 199
B. Eżempju ta' każ 200
C. Min jista' japplika? 200
D. Flowchart 200
II. Proċeduri 202
A. Stabbilixxi l-kuntest tat-talba 202
B. Jekk it-talba ssir fil-kuntest ta' applikazzjoni kkontemplata skont il-Konvenzjoni (Art. 7(1)) 202
C. Jekk it-talba ssir fil-kuntest ta' proċediment b'bixra internazzjonali (Art. 7(2)) 203
D. Id-dokumenti huma kompluti? 203
E. Ibgħat lill-Istat rikjest 204
III. Kwistjonijiet oħrajn 205
A. Spejjeż 205
B. Protezzjoni ta' informazzjoni personali 205
IV. Materjali addizzjonali 206
A. Pariri prattiċi 206
B. Formoli relatati 206
C. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni 206
D. Sezzjonijiet relatati tal-Manwal 206
V. Lista ta' kontroll – Talba mibgħuta għal Miżuri Speċifiċi 207
VI. Mistoqsijiet Frekwenti 207
Kapitolu 14 – L-ipproċessar ta' Talbiet riċevuti għal Miżuri Speċifiċi 208
I. Ħarsa Ġenerali – Talbiet għal Miżuri Speċifiċi 208
A. Meta ser tintuża din it-talba 208
B. Eżempju ta' każ 209
C. Min jista' jagħmel talba? 209
D. Flowchart 209
II. Proċeduri 211
A. Konferma tar-riċevuta ta' talba 211
B. Qed tiġi kkunsidrata applikazzjoni skont il-Konvenzjoni? 211
C. Jekk it-Talba għal Miżuri Speċifiċi hija marbuta ma' applikazzjoni kkontemplata skont il-Konvenzjoni (Art. 7(1)) 211
D. Jekk it-talba tkun marbuta ma' każ fl-Istat rikjedenti b'bixra internazzjonali (Art. 7(2)) 213
E. Ipprovdi l-istatus lill-Istat rikjedenti 213
III. Kwistjonijiet oħrajn 213
A. Spejjeż 213

IV. Materjali addizzjonali 214
A. Pariri prattiċi 214
B. Formoli relatati 215
C. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni 215
D. Sezzjonijiet relatati tal-Manwal 215
V. Lista ta' kontroll – Talbiet Riċevuti għal Miżuri Speċifiċi 215
VI. Mistoqsijiet frekwenti 216
Kapitolu 15 – Mili tal-formoli 217
I. Il-mili tal-formoli obbligatorji meħtieġa għall-applikazzjonijiet kollha 217
A. Formola ta' Trasmissjoni 217
B. Formola ta' Konferma 220
II. Struzzjonijiet għall-mili tal-formoli rakkomandati ta' applikazzjoni 221
A. Formola rakkomandata għal applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar 222
B. Formola ta' rakkomandazzjoni għal applikazzjoni għal infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest 227
C. Formola rakkomandata għal applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni 230
D. Formola rakkomandata għal applikazzjoni għal modifika ta' deċiżjoni 235
III. Struzzjonijiet għall-mili ta' formoli addizzjonali 240
A. Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji 240
B. Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa 241
C. Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà ta' deċiżjoni 242
D. Astratt ta' deċiżjoni 242
E. Kalkolu tal-arretrati 242
F. Dokument li jispjega kif taġġusta 243
G. Prova tal-benefiċċji jew dritt ta' aġir (korp pubbliku) 243
H. Status tar-rapport tal-applikazzjoni 243
IV. Listi ta' kontroll – dokumentazzjoni li trid tkun inkluża f'applikazzjonijiet mibgħuta skont il-Konvenzjoni 244
A. Applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar 245
B. Applikazzjoni għal infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest 246
C. Applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni 247
D. Applikazzjoni għal modifika ta' deċiżjoni 248
V. Mili tal-formoli għal talba diretta għal rikonoxximent u infurzar 249
Appendiċi – Bażijiet għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni 250
Kapitolu 16 – Talbiet diretti lil awtoritajiet kompetenti 252
I. Introduzzjoni 252
A. Eżempju ta' każ 253
B. Dan kif isir skont il-Konvenzjoni 253
II. Talbiet diretti għal rikonoxximent u infurzar 253
A. Talbiet diretti mibgħuta (rikonoxximent u infurzar) 253
B. Talbiet diretti riċevuti (rikonoxximent u infurzar) 255
III. Talbiet diretti għal stabbiliment u modifika ta' deċiżjonijiet 256
IV. Materjali addizzjonali 257
A. Pariri prattiċi 257
B. Formoli relatati 257
C. Artikoli Relevanti 257
V. Mistoqsijiet frekwenti 257

Werrej tal-figuri

Figura 1: Tabella tal-applikazzjonijiet 2
Figura 2: Applikazzjonijiet possibbli meta jkun hemm deċiżjoni dwar il-manteniment 8
Figura 3: Applikazzjonijiet possibbli meta ma tkun teżisti l-ebda deċiżjoni infurzabbli 9
Figura 4: Applikazzjonijiet għal modifika magħmulin minn kreditur 11
Figura 5: Applikazzjonijiet għal modifika magħmulin minn debitur 13
Figura 6: Talbiet għal Miżuri Speċifiċi 14
Figura 7: Determinazzjoni ta' jekk applikazzjoni taqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni 34
Figura 8: Assistenza legali: applikazzjonijiet għal manteniment għat-tfal minn kreditur 45
Figura 9: Assistenza legali: applikazzjonijiet għal manteniment mhux għat-tfal minn kreditur 47
Figura 10: Assistenza legali: applikazzjonijiet minn debitur 48
Figura 11: Assistenza legali: test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal 50
Figura 12: Stadji għat-tlestija ta' applikazzjoni mibgħuta għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar 59
Figura 13: Dokumenti meħtieġa – rikonoxximent u infurzar 63
Figura 14: Dijagramma tal-applikazzjonijiet riċevuti għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar (Awtorità Ċentrali) 83
Figura 15: Kontenut tal-applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar 85
Figura 16: Stadji meħudin mill-awtorità kompetenti f'applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar (Art. 23) 89
Figura 17: Proċess alternattiv għal rikonoxximent u infurzar – ħarsa ġenerali 98
Figura 18: Proċeduri għal applikazzjoni mibgħuta għal infurzar 110
Figura 19: Flowchart – ħarsa ġenerali lejn il-proċess ta' applikazzjoni għal infurzar 120
Figura 20: Lista ta' formoli u dokumenti 121
Figura 21: Ħarsa ġenerali – proċess ta' applikazzjoni għal stabbiliment 129
Figura 22: Stadji preliminari fil-proċess ta' applikazzjoni 130
Figura 23: Tħejjija tal-applikazzjoni għal stabbiliment 133
Figura 24: Tabella tad-dokumenti – applikazzjonijiet għal stabbiliment 134
Figura 25: Ħarsa ġenerali lejn il-proċess ta' stabbiliment 144
Figura 26: Kunsiderazzjonijiet inizjali: applikazzjoni għal stabbiliment 146
Figura 27: Ħarsa ġenerali lejn id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni marbutin mal-infurzar 155
Figura 28: Applikazzjonijiet għal modifika meta l-kreditur ikun jgħix fl-Istat ta' oriġini 169
Figura 29: Applikazzjonijiet għal modifika meta d-debitur ikun jgħix fl-Istat ta' oriġini 174
Figura 30: Applikazzjonijiet għal modifika meta ż-żewġ partijiet ikunu telqu mill-Istat ta' oriġini u marru jgħixu fi Stati differenti 178
Figura 31: Talba għal modifika meta t-tnejn li huma telqu mill-Istat ta' oriġini u jinsabu fl-istess Stat 181
Figura 32: Proċeduri għall-mili u t-trażmissjoni ta' applikazzjoni għal modifika 186
Figura 33: Dokumenti meħtieġa għall-applikazzjoni għal modifika 189

Figura 34: Ħarsa ġenerali lejn l-istadji għal applikazzjoni riċevuta għal modifika 193
Figura 35: Flowchart – l-ipproċessar ta' Talbiet mibgħuta għal Miżuri Speċifiċi 201
Figura 36: Flowchart – l-ipproċessar ta' Talba għal Miżuri Speċifiċi 210
Figura 37: Tabella tal-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 10 219
Figura 38: Tabella tad-dokumenti li jridu jiġu inklużi fl-applikazzjoni għal stabbiliment 234
Figura 39: Dokumenti li jridu jiġu inklużi ma' applikazzjoni mibgħuta għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar 245
Figura 40: Dokumenti li jridu jiġu inklużi ma' applikazzjoni għal infurzar 246
Figura 41: Dokumenti li jridu jiġu inklużi ma' applikazzjoni għal stabbiliment 247
Figura 42: Dokumenti li jridu jiġu inklużi ma' applikazzjoni għal modifika 248
Figura 43: Assistenza legali – talbiet diretti lil awtorità kompetenti 254

Introduzzjoni

1. Il-*Konvenzjoni tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment għat-Tfal u Forom Oħra ta' Manteniment tal-Familja* hija pass 'il quddiem importanti fil-ħolqien ta' sistema kosteffikaċi, aċċessibbli u ssimplifikata għall-irkupru internazzjonali tal-manteniment.

2. L-assistenti soċjali li jieħdu ħsieb każijiet, jiftħu u jipproċessaw applikazzjonijiet, u jaħdmu ma' Stati oħrajn biex jinfurzaw b'mod effettiv deċiżjonijiet dwar il-manteniment, huma l-qofol tal-istabbiliment u l-infurzar internazzjonali tal-manteniment. Id-dedikazzjoni u l-impenn tagħhom sabiex jgħinu lil tfal u familji jiżguraw li l-Konvenzjoni taħdem b'suċċess.

3. Dan il-Manwal huwa maħsub għal dawk l-assistenti soċjali. Inkiteb biex jassisti lill-assistenti soċjali f'kull xorta ta' sistemi ġudizzjarji, kemm jekk jaħdmu fi Stati kbar b'sistemi kompjuterizzati tat-teknoloġija tal-informazzjoni kumplessi, li fihom hemm mijiet ta' każijiet, kif ukoll jekk jaħdmu fi Stati żgħar bi ftit każijiet biss. Jindirizza l-kwistjonijiet u l-proċessi li ser ikunu affaċċjati meta jieħdu ħsieb xi każ internazzjonali.

A. X'ikopri dan il-Manwal (u x'ma jkoprix)

4. Dan il-Manwal huwa maħsub sabiex jassisti lill-assistenti soċjali fil-ġestjoni proprja tal-każijiet skont il-Konvenzjoni. Ta' min jisħaq li mhuwiex gwida ġuridika għall-Konvenzjoni, għal avukati, imħallfin, dawk li jieħdu deċiżjonijiet jew għall-qrati. Peress li huwa gwida biss għall-elementi internazzjonali tal-każijiet tal-Konvenzjoni, ma jkoprix kull aspett tal-ġestjoni ta' każijiet internazzjonali. Il-każijiet internazzjonali xorta jibqgħu soġġetti għal proċessi domestiċi bħall-proċeduri għall-infurzar.

5. Il-Konvenzjoni kienet ir-riżultat ta' negozjati mifruxin fuq erba' snin u li involvew iktar minn 70 Stat. Ħafna kwistjonijiet ġew miħaddta tul in-negozjati, b'tali mod li jinformaw u jsawru t-test tal-Konvenzjoni li finalment intlaħaq qbil fuqu. Fir-Rapport Spjegattiv komprensiv dwar il-Konvenzjoni hemm spjegazzjonijiet li jidħlu fid-dettall dwar id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni u l-proċess tan-negozjati tul iż-żmien.[1] Ir-Rapport Spjegattiv jipprovdi l-bażi ġuridika u l-interpretazzjoni xierqa ta' kull dispożizzjoni tal-Konvenzjoni.

6. Min-naħa l-oħra, dan il-Manwal jipprovdi spjegazzjoni prattika u operazzjonali tal-proċessi tal-Konvenzjoni u jiddiskuti l-mod li bih fil-fatt ser jaħdmu każijiet tal-Konvenzjoni fil-prattika. Dawk il-persuni li jeħtieġu interpretazzjoni ġuridika tal-Konvenzjoni huma meħtieġa jikkonsultaw ir-Rapport Spjegattiv u, maż-żmien, il-każistika li tiżviluppa fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni.

7. Barra minn hekk, l-operat tal-Konvenzjoni bilfors li ser tkun akkumpanjata minn prattiki domestiċi għall-ġestjoni ta' każijiet tal-manteniment għaliex, ladarba jintbagħat minn Stat, il-każ tal-manteniment isir parti mill-volum ta' każijiet domestiċi ta' Stat ieħor u jiġi amministrat skont il-prattiki domestiċi ta' dak l-Istat. Fil-qofol tagħha, il-Konvenzjoni tkopri b'mod primarju l-interazzjonijiet bejn l-Istati, u l-fluss tal-każijiet u t-tagħrif bejniethom.

---

[1] A. Borrás and J. Degeling, Rapport Spjegattiv – *Convention on the International Recovery of Child Support and Other Forms of Family Maintenance*, disponibbli fuq is-sit tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt is-Taqsima "Child Support / Maintenance".

8. B'hekk, il-Manwal ma jipprovdix tweġibiet jew gwida għall-kwistjonijiet kollha li jqumu f'każijiet internazzjonali. Il-prattika domestika u l-liġi domestika f'kull Stat ser jistabbilixxu, fost l-oħrajn, id-dokumenti li jridu jintużaw sabiex il-partijiet jiġu nnotifikati dwar l-applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni, jew kif għandha tittieħed deċiżjoni dwar il-manteniment. Għalhekk, filwaqt li l-Manwal jista' jkun l-ewwel sors ta' tagħrif għall-assistenti soċjali rigward kif taħdem fil-prattika l-Konvenzjoni, dan dejjem irid ikun issupplimentat minn kunsiderazzjoni tal-prattika u l-liġi domestika f'kull Stat.

B. Kif inhu mqassam il-Manwal

9. Il-Manwal mhuwiex ktieb li jrid jinqara minn qoxra sa qoxra jew mill-bidu sal-aħħar!

10. Minflok, huwa maqsum f'taqsimiet differenti, li jkopru kull tip ta' applikazzjoni jew talba li tista' ssir skont il-Konvenzjoni. Peress li kull applikazzjoni jew talba tinvolvi żewġ Stati – Stat mittenti msejjaħ Stat rikjedenti u Stat ospitanti msejjaħ Stat rikjest – hemm kapitolu separat għalih għal kull tmiem tal-applikazzjoni jew it-talba. Il-kapitolu marbut mal-applikazzjonijiet "Mibgħuta" jkopri l-proċeduri mħaddma mill-Istat rikjedenti, u l-kapitolu bl-isem applikazzjonijiet "Riċevuti" jkopri l-proċeduri użati mill-Istat rikjest.

11. Kull kapitolu fih kemm spjegazzjoni tal-applikazzjoni stess, meta tista' tintuża u eżempji ta' każijiet, kif ukoll flowcharts u proċeduri pass, pass għall-ġestjoni tal-applikazzjoni jew it-talba. Fi tmiem kull kapitolu, hemm referenzi għal materjali addizzjonali, kif ukoll Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs).

12. Hemm għadd ta' kwistjonijiet komuni għall-applikazzjonijiet u t-talbiet kollha li, minflok ma jiġu ripetuti f'kull kapitolu, jiġu spjegati fl-ewwel parti tal-Manwal, fil-Kapitoli 1 sa 3. Dawn il-kapitoli jinkludu spjegazzjoni qasira ta' kull wieħed mit-tipi possibbli ta' applikazzjonijiet jew talbiet, u mbagħad jirreferu lill-qarrej għall-kapitolu xieraq tal-Manwal għall-ispjegazzjoni li tidħol fid-dettall.

13. Il-kapitoli introduttorji jinkludu wkoll analiżi tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni – x'tipi ta' obbligi tal-manteniment huma koperti mill-Konvenzjoni u liema mhumiex – u spjegazzjonijiet dwar l-estensjonijiet jew il-limitazzjonijiet possibbli għall-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Fl-aħħar jiġu mitħaddta kwistjonijiet ġenerali bħall-importanza li tkun protetta informazzjoni personali u l-għoti ta' aċċess effettiv għall-proċeduri u assistenza legali f'applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni.

14. Il-Kapitolu 2 fih spjegazzjonijiet tal-iktar termini użati spiss fil-Manwal. Dawn mhumiex definizzjonijiet ġuridiċi. Il-Konvenzjoni stess tiddefinixxi wħud mit-termini użati, u tistabbilixxi wkoll li "fl-interpretazzjoni tagħha, għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni n-natura internazzjonali u l-ħtieġa li tiġi promossa uniformità fl-applikazzjoni tagħha".[2]

15. L-ispjegazzjonijiet fil-Kapitolu 2 iddaħħlu sabiex jgħinu lill-assistenti soċjali jifhmu l-lingwa u t-tir tal-Konvenzjoni, b'mod partikolari f'dawk l-oqsma fejn il-kunċetti jew il-kliem użati jkunu kemxejn differenti minn dawk li jistgħu jintużaw fil-liġi jew il-prattika domestika. Il-kapitoli individwali jagħmlu referenza għal dawn l-ispjegazzjonijiet fit-test tal-kapitolu sabiex jgħinu lill-assistenti soċjali li jridu jsegwu d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni.

---

[2] Art. 53.

16. Fl-aħħar nett, il-Kapitolu 15 tal-Manwal fih struzzjonijiet dwar kif jimtlew il-formoli rakkomandati għal applikazzjonijiet u talbiet li jsiru skont il-Konvenzjoni.

C. Kif tuża l-Manwal

17. Jekk m'intix midħla ta' każijiet tal-Konvenzjoni, l-ewwel għandek taqra l-Kapitolu 1 – Ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjonijiet u t-talbiet skont il-Konvenzjoni. Dan ser jagħtik spjegazzjoni tal-applikazzjonijiet jew it-talbiet differenti li huma disponibbli skont il-Konvenzjoni u indikazzjoni dwar għal liema parti minn dan il-Manwal għandek tirreferi.

18. Imbagħad mur għall-Kapitolu 3 u ara li l-kwistjoni dwar il-manteniment taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Jekk le, la dan il-Manwal u lanqas il-proċessi tal-Konvenzjoni ma huma ser japplikaw. Jekk il-kwistjoni taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, ara l-kapitolu għall-applikazzjoni partikolari – u segwi l-proċeduri tal-applikazzjonijiet riċevuti jew mibgħuta.

D. Sorsi oħrajn ta' tagħrif

19. L-iktar sors komprensiv ta' tagħrif dwar it-test tal-Konvenzjoni huwa r-Rapport Spjegattiv, imsemmi iktar 'il fuq. Jekk għandek xi mistoqsija fuq każ tal-Konvenzjoni, għandek taqra l-Artikolu relevanti tal-Konvenzjoni u mbagħad tmur fit-taqsima korrispondenti tar-Rapport Spjegattiv. Ser issib li ħafna mistoqsijiet tekniċi mhux indirizzati fil-Manwal huma mwieġba fir-Rapport Spjegattiv. Minbarra r-Rapport Spjegattiv, hemm għadd importanti ta' dokumenti u rapporti preliminari li fihom tagħrif ta' sfond u tagħrif tekniku, li sar riferiment għalihom u li ntużaw bħala bażi matul in-negozjati li minnhom nibtet il-Konvenzjoni. Dawn ir-rapporti kollha jistgħu jiġu aċċessati mis-sit tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-Taqsima "Child Support / Maintenance".

20. Mistoqsijiet fuq il-liġijiet u l-prattiki interni ta' Stat ieħor fi kwistjonijiet li jikkonċernaw il-manteniment spiss jistgħu jiġu mwieġba billi jsir riferiment għall-Profil tal-Pajjiż li Stat Kontraenti jkun ippreżenta lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata. Il-Profil tal-Pajjiż fih tagħrif dwar miżuri ta' infurzar, li fuq il-bażi tagħhom huma stabbiliti deċiżjonijiet dwar il-manteniment, u limitazzjonijiet fuq il-modifika, u jekk normalment jintużawx proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji għall-applikazzjonijiet. Il-Profil tal-Pajjiż fih ukoll tagħrif ta' kuntatt u kull rekwiżit speċjali ta' dak l-Istat għal applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni. Mill-Profil tal-Pajjiż jistgħu jinkisbu wkoll ħoloq għal siti tal-Istat jew sorsi simili ta' tagħrif. Il-Profil tal-Pajjiż jista' jinstab mis-sit tal-Konferenza tal-Aja wkoll.[3]

21. Fl-aħħar nett, ovvjament, l-assistenti soċjali għandhom jikkonsultaw il-prattiki domestiċi u l-materjal tal-proċeduri tagħhom u, meta jkun hemm bżonn, jirreferu kwistjonijiet fuq l-interpretazzjoni ġuridiċi għar-riżorsi ġuridiċi xierqa, bħal manwali ġuridiċi jew avukati fl-Istat tagħhom stess. Peress li ħafna Stati diġà għandhom esperjenza importanti fil-ġestjoni ta' każijiet internazzjonali dwar il-manteniment, ħafna Stati huma ferm kompetenti sabiex jgħinu lil assistenti soċjali li jeħtieġu għajnuna biex jipproċessaw każijiet internazzjonali.

---

[3] Ċerti Stati jistgħu jagħżlu li ma jużawx il-formola rakkomandata tal-Profil tal-Pajjiż, madankollu l-Art. 57 jeħtieġ li kull Stat Kontraenti jipprovdi l-istess tip ta' tagħrif lill-Uffiċċju Permanenti. Dan it-tagħrif ser ikun disponibbli mis-sit tal-Konferenza tal-Aja wkoll fuq < www.hcch.net > taħt it-Taqsima "Child Support / Maintenance".

E. Xi pariri tal-aħħar

22. Int u tara l-applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni ser tara li fil-proċeduri tingħata importanza lill-fatt li l-proċess jinżamm sempliċi, jitħaffu l-applikazzjonijiet u t-talbiet, jintużaw miżuri effettivi ta' infurzar, u jinżammu komunikazzjonijiet regolari bejn iż-żewġ Stati involuti fil-każ. Tabilħaqq, dawn huma l-iktar objettivi importanti tal-Konvenzjoni u huma riflessi fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni. Jekk dawn l-objettivi jistgħu jinkisbu fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, ser ikun hemm benefiċċju ċar u dejjiemi għat-tfal u l-familji madwar id-dinja. Dan ser jinkiseb biss permezz tal-ħidma u l-isforzi bla heda tal-assistenti soċjali li jieħdu ħsieb il-każijiet, u nittamaw li dan il-Manwal ser ikun għodda siewja sabiex dan iseħħ.

Kapitolu 1
Ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjonijiet u t-talbiet skont il-Konvenzjoni

23. Dan il-kapitolu jispjega t-tipi ta' applikazzjonijiet u talbiet li jistgħu jgħaddu minn **Awtorità Ċentrali** skont il-Konvenzjoni. Għandu jinqara flimkien mal-Kapitolu 3, li jipprovdi tagħrif essenzjali dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni u l-applikazzjoni tagħha għal kull każ partikolari.

L-**Awtorità Ċentrali** hija l-awtorità pubblika magħżula minn Stat Kontraenti biex tirrilaxxa jew twettaq id-dmirijiet tal-assistenza u l-kooperazzjoni amministrattiva skont il-Konvenzjoni. Dawn id-dmirijiet huma stabbiliti fil-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni.

24. Il-kapitolu jibda b'ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjonijiet u t-talbiet possibbli li jistgħu jsiru skont il-Konvenzjoni. Imbagħad jipprovdi xi flowcharts sabiex jiġi stabbilit liema applikazzjoni jew talba hija xierqa skont il-Konvenzjoni.

25. Jekk jogħġbok ftakar li dan il-kapitolu huwa maħsub sabiex jagħti ħarsa ġenerali lejn it-tipi differenti ta' applikazzjonijiet u talbiet biss; tagħrif iktar dettaljat fuq kull tip ta' applikazzjoni jew talba huwa pprovdut fil-kapitoli individwali. Għalhekk, l-eżempji u l-flowcharts f'dan il-kapitolu bilfors li jkunu limitati għall-iktar użi komuni tal-applikazzjonijiet jew it-talbiet u ma jidħlux fil-livell ta' dettall ipprovdut fil-kapitoli individwali tal-Manwal.

26. Ladarba tidentifika t-tip ta' applikazzjoni jew talba li qed issir, tista' tmur fil-Kapitolu 3 biex issib jekk l-applikazzjoni jew it-talba taqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, u mbagħad tmur għall-kapitolu speċifiku tal-Manwal li jittratta t-tip ta' applikazzjoni jew talba partikolari li tkun qed issir. Il-Kapitolu 2 fih spjegazzjonijiet tat-termini ewlenin użati fil-Manwal.

I. Deskrizzjoni tal-applikazzjonijiet u t-talbiet skont il-Konvenzjoni

27. Din il-parti tagħti ħarsa ġenerali bażika lejn it-tipi differenti ta' ***applikazzjonijiet*** (rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, infurzar, stabbiliment, u modifika) u ***talbiet*** permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali (***Talbiet għal Miżuri Speċifiċi***) li huma disponibbli skont il-Konvenzjoni u meta kull waħda minnhom tista' tintuża. Tispjega t-tipi ta' fatturi li ser jaffettwaw jekk tistax issir applikazzjoni jew talba.

Idea siewja: *F'dan il-Manwal ser tara distinzjoni bejn **talbiet diretti** u **applikazzjonijiet**. Applikazzjoni hija azzjoni skont il-Konvenzjoni li tgħaddi minn Awtorità Ċentrali, bħal applikazzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar. Talba diretta hija azzjoni li tmur dritt għand awtorità kompetenti, bħal talba diretta sabiex jiġi stabbilit manteniment għall-konjuġi, meta l-Istat rikjest ma jkunx estenda l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dak it-tip ta' applikazzjoni.*

*Madankollu, ftakar li **Talba għal Miżuri Speċifiċi** skont l-Artikolu 7 hija eċċezzjoni għal din ir-regola. Dawk it-Talbiet jgħaddu minn Awtorità Ċentrali. Ara l-Kapitolu 13.*

A. Ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni

28. It-tipi ta' applikazzjonijiet li jistgħu jinfetħu skont il-Konvenzjoni huma stabbiliti fl-Artikolu 10. Dawn l-applikazzjonijiet huma disponibbli għall-persuni (jew korp pubbliku f'xi każijiet) fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Sitwazzjoni	Tip ta' applikazzjoni disponibbli skont il-Konvenzjoni
Applikant li għandu deċiżjoni dwar il-manteniment mill-Istat rikjedenti u jrid li tiġi infurzata f'dak l-Istat	Applikazzjoni għal infurzar
Applikant li għandu deċiżjoni minn Stat Kontraenti u jridha rikonoxxuta jew rikonoxxuta u infurzata fi Stat ieħor	Applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar
Applikant li għadu ma għandux deċiżjoni dwar il-manteniment meta rispondent ikun jgħix fi Stat Kontraenti ieħor	Applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment
Applikant li għandu deċiżjoni dwar il-manteniment iżda jeħtieġ deċiżjoni ġdida għaliex hemm diffikultajiet fir-rikonoxximent jew l-infurzar tad-deċiżjoni eżistenti fi Stat Kontraenti ieħor	Applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment
Applikant li għandu deċiżjoni dwar il-manteniment minn Stat Kontraenti iżda jixtieq jimmodifikaha, u r-rispondent (il-parti l-oħra) jgħix fi Stat Kontraenti ieħor	Applikazzjoni għal modifika

Figura 1: Tabella tal-applikazzjonijiet

29. Kif muri fil-Figura 1 hawn fuq, hemm erba' tipi ġenerali ta' applikazzjonijiet li jistgħu jsiru skont il-Konvenzjoni. Fi ħdan dawn il-kategoriji mifruxin, hemm bosta eżiti differenti li wieħed jista' jfittex. L-erba' tipi ġenerali huma:

- applikazzjoni għal infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest,
- applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment eżistenti,
- applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment, inkluż l-istabbiliment tal-parentela fejn ikun hemm bżonn,
- applikazzjoni għal modifika ta' deċiżjoni dwar il-manteniment eżistenti.

30. Dawn l-applikazzjonijiet kollha jistgħu jsiru minn kreditur, u wħud jistgħu jsiru minn debitur ukoll, kif stabbilit fl-Artikolu 10(2).

1. Applikazzjoni għal rikonoxximent jew infurzar ta' deċiżjoni eżistenti

31. Din l-applikazzjoni ser tintuża meta l-applikant diġà jkollu ***deċiżjoni dwar il-manteniment*** u jixtieq li Stat ieħor, li mhuwiex dak fejn jgħix, jirrikonoxxi jew jirrikonoxxi u jinfurza dik id-deċiżjoni. Il-proċess ta' rikonoxximent u infurzar ineħħi l-ħtieġa li l-applikant japplika fl-Istat rikjest għal deċiżjoni ġdida sabiex jikseb manteniment. Minflok, il-proċess ta' rikonoxximent u infurzar jippermetti sabiex id-deċiżjoni eżistenti tiġi infurzata fl-Istat l-ieħor fuq l-istess bażi daqslikieku oriġinarjament ittieħdet f'dak l-Istat. Iż-żewġ Stati jridu jkunu Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni u d-deċiżjoni trid tkun ittieħdet fi Stat Kontraenti.

Deċiżjoni dwar il-manteniment *tistabbilixxi l-obbligu li d-debitur iħallas manteniment u tista' tinkludi wkoll aġġustament awtomatiku permezz ta' indiċjar u r-rekwiżit li jitħallsu arretrati tal-manteniment, imgħax jew manteniment retroattiv u determinazzjoni tal-kostijiet u l-ispejjeż.*

a) Meta ser tintuża din l-applikazzjoni

32. F'ħafna każijiet, applikant ser jitlob rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni sabiex jinġabru pagamenti tal-manteniment u jinfetħu proċedimenti ta' infurzar, meta jkun hemm bżonn. F'ċerti każijiet applikant ser jitlob rikonoxximent biss. Pereżempju, debitur jista' jitlob rikonoxximent biss ta' deċiżjoni barranija sabiex jiġi limitat jew sospiż l-infurzar ta' pagamenti li jaqgħu taħt deċiżjoni differenti, jew kreditur jista' jitlob rikonoxximent biss, meta ma jitlobx l-assistenza tal-Istat l-ieħor biex jinfurza d-deċiżjoni.

b) Eżempju

33. D tgħix fil-Pajjiż A u għandha deċiżjoni mill-Pajjiż A li teħtieġ li l-eks raġel tagħha jħallas manteniment għat-tlett itfal tagħha. L-eks raġel tagħha jgħix fil-Pajjiż B. D tixtieq li tiġi infurzata d-deċiżjoni dwar il-manteniment tagħha. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma ***Stati Kontraenti***.

Stat Kontraenti *huwa Stat li huwa marbut bil-Konvenzjoni għaliex lesta l-proċess ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni meħtieġ skont il-Konvenzjoni.*

34. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A tibgħat applikazzjoni għal ***rikonoxximent u infurzar*** tad-deċiżjoni lill-Pajjiż B. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B tibgħat id-deċiżjoni lil awtorità kompetenti sabiex tiġi rreġistrata għal infurzar jew tiġi ddikjarata infurzabbli. L-eks raġel jiġi nnotifikat dwar ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni u jkollu opportunità li jikkontesta r-rikonoxximent tad-deċiżjoni. Ladarba tkun ġiet rikonoxxuta d-deċiżjoni, jekk l-eks raġel ma jħallasx il-manteniment minn jeddu, awtorità kompetenti fil-Pajjiż B tieħu l-passi meħtieġa biex tinfurza d-deċiżjoni u tgħaddi l-pagamenti lill-Pajjiż A.[4]

L-Artikolu applikabbli tal-Konvenzjoni – Artikolu 10(1) a) *u 10(2)* a)

Ara l-Kapitolu 4, Applikazzjonijiet mibgħuta għal rikonoxximent u infurzar u l-Kapitolu 5, Applikazzjonijiet riċevuti għal rikonoxximent u infurzar

---

[4] L-Awtorità Ċentrali jew kompetenti hija meħtieġa skont il-Konvenzjoni sabiex "tiffaċilita" l-infurzar u l-ġbir u t-trasferiment ta' pagamenti. Il-passi meħudin f'kull Stat sabiex isir hekk ser ivarjaw. Ara l-Kapitolu 10 dwar l-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment.

2. Applikazzjoni għal infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest

35. Din hija l-iktar applikazzjoni sempliċi skont il-Konvenzjoni. L-applikazzjoni titlob sabiex Stat Kontraenti jinfurza d-deċiżjoni tiegħu stess jew deċiżjoni li diġà rrikonoxxa u jassisti fit-trażmissjoni ta' pagamenti lil kreditur.

36. Id-differenza bejn din l-applikazzjoni u l-applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar, deskritta iktar 'il fuq, hija li d-deċiżjoni li trid tiġi infurzata ttieħdet jew diġà ġiet rikonoxxuta fl-Istat li ser ikun qed jinfurza d-deċiżjoni (l-Istat rikjest). Għalhekk, id-deċiżjoni ma għandhiex bżonn tiġi rikonoxxuta qabel ma tkun tista' tiġi infurzata.[5]

__Awtorità kompetenti__ hija l-awtorità fi Stat partikolari li hija inkarigata jew awtorizzata skont il-liġijiet ta' dak l-Istat sabiex twettaq kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, programm ta' infurzar tal-manteniment għat-tfal jew kull entità governattiva oħra li twettaq xi kompiti assoċjati mal-Konvenzjoni.

a) Meta ser tintuża din l-applikazzjoni

37. Din l-applikazzjoni ser issir meta l-applikant ikollu deċiżjoni dwar il-manteniment meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat fejn jgħix ir-rispondent jew fejn dan għandu assi jew dħul. L-applikant jista' jitlob lil dak l-Istat sabiex jinfurza d-deċiżjoni li ħa jew irrikonoxxa. L-applikant ma għandux bżonn imur fl-Istat li ħa d-deċiżjoni biex jagħmel dik it-talba. Minflok, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat fejn jgħix l-applikant ser tibgħat l-applikazzjoni għall-infurzar tad-deċiżjoni lill-Istat rikjest. Iż-żewġ Stati jridu jkunu Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

b) Eżempju

38. F tgħix fil-Pajjiż A u għandha deċiżjoni dwar il-manteniment mill-Pajjiż B fejn jgħix missier it-tifel tagħha. Tixtieq li l-Pajjiż B jinfurza d-deċiżjoni dwar il-manteniment. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

L-__Istat rikjedenti__ huwa l-Istat fejn jgħix l-applikant u fejn issir applikazzjoni jew talba skont il-Konvenzjoni.

L-__Istat rikjest__ huwa l-Istat li jirċievi l-applikazzjoni u li qed jintalab jipproċessa l-applikazzjoni jew it-talba. Normalment ikun l-Istat fejn jgħix ir-rispondent.

39. Skont il-Konvenzjoni, F tista' titlob lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A sabiex tibgħat applikazzjoni għall-infurzar f'isimha lill-Pajjiż B. F mhuwiex ser ikollha bżonn tapplika għal rikonoxximent tad-deċiżjoni, peress li hija mill-Pajjiż B. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B ser tipproċessa l-applikazzjoni u tgħaddiha lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż B għal infurzar. Jekk id-debitur ma jħallasx il-manteniment minn jeddu, l-awtorità ser tieħu l-miżuri li għandha għad-dispożizzjoni tagħha skont il-liġi domestika sabiex tinfurza d-deċiżjoni.

L-Artikolu applikabbli tal-Konvenzjoni – Artikolu 10(1) b)

Ara l-Kapitolu 6, Applikazzjonijiet mibgħuta għal infurzar u l-Kapitolu 7, Applikazzjonijiet riċevuti għal infurzar

---

[5] Kif diskuss fil-Kapitolu 4, sabiex deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata fl-Istat rikjest, trid tkun ittieħdet fi Stat Kontraenti (ara r-Rapport Spjegattiv, para. 240). Jekk id-deċiżjoni tkun minn Stat mhux Kontraenti, tista' ssir applikazzjoni għal infurzar jekk l-Istat rikjest diġà jkun irrikonoxxa d-deċiżjoni, jew permezz ta' trattat ieħor jew liġi domestika. Inkella, ser ikun hemm bżonn li ssir applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni ġdida.

3. Applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni

40. Din l-applikazzjoni ser tintuża biex tinkiseb deċiżjoni li tipprevedi l-manteniment għall-applikant, it-tfal tiegħu jew għal persuni oħrajn.[6] L-applikant ser jitlob lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat fejn jgħix sabiex tibgħat applikazzjoni f'ismu lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat fejn jgħix id-debitur sabiex tittieħed id-deċiżjoni, inkluża determinazzjoni tal-parentela, jekk ikun hemm bżonn.[7] Iż-żewġ Stati jridu jkunu Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

a) Meta ser tintuża din l-applikazzjoni

41. L-applikazzjoni ser tintuża meta ma tkun teżisti l-ebda deċiżjoni dwar il-manteniment jew meta l-applikant ikollu deċiżjoni dwar il-manteniment, iżda għal xi raġuni din ma tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata fl-Istat fejn jgħix id-debitur jew fejn għandu jseħħ l-infurzar.

b) Eżempju

42. G tgħix fil-Pajjiż A u għandha tifel ta' erba' snin. Qatt ma żżewġet lil missier it-tifel, u l-parentela ma ġietx stabbilita għat-tifel. Missier it-tifel issa mar jgħix fil-Pajjiż B. G tixtieq li missier it-tifel jibda jħallas manteniment għat-tifel. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

43. Skont il-Konvenzjoni, l-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A tibgħat applikazzjoni għal ***stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment*** għat-tifel lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B tieħu l-passi meħtieġa biex tiftaħ l-applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni, normalment billi tirreferi l-applikazzjoni lil awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti fil-Pajjiż B tiffaċilita d-determinazzjoni tal-parentela. Dan jista' jsir permezz ta' test tal-paternità u ser isir kuntratt mal-omm direttament jew permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali, sabiex l-omm u t-tifel ikunu jistgħu jagħmlu t-test. Inkella, f'xi Stati l-parentela tista' tiġi stabbilita permezz ta' determinazzjoni ġudizzjarja jew il-ġenitur jista' jipprovdi konferma tal-parentela. Ladarba tiġi stabbilita d-deċiżjoni dwar il-manteniment fil-Pajjiż B, l-awtorità kompetenti fil-Pajjiż B tiżgura li hija infurzata jekk ikun hemm bżonn u l-pagamenti jintbagħtu lill-omm fil-Pajjiż A mingħajr il-ħtieġa ta' applikazzjoni oħra mill-omm.[8]

L-Artikolu applikabbli tal-Konvenzjoni – Artikolu 10(1) c) *u* d)

Ara l-Kapitolu 8, Applikazzjonijiet mibgħuta għal stabbiliment ta' deċiżjoni u l-Kapitolu 9, Applikazzjonijiet riċevuti għal stabbiliment ta' deċiżjoni

4. Applikazzjoni għal modifika ta' deċiżjoni eżistenti

44. Din l-applikazzjoni ser tintuża meta tkun teżisti deċiżjoni dwar il-manteniment iżda waħda mill-partijiet tixtieq li tiġi mmodifikata.

a) Meta ser tintuża din l-applikazzjoni

45. Applikazzjoni għal modifika tista' ssir għaliex inbidlu l-ħtiġijiet tal-kreditur jew tat-tfal, jew inbidlet il-ħila tad-debitur li jħallas il-manteniment. L-applikant (il-kreditur jew id-debitur) ser jitlob lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat fejn jgħix sabiex jibgħat applikazzjoni għal modifika lill-Istat fejn tgħix il-parti l-oħra (jew fejn trid issir il-modifika). Jekk din tkun awtorizzata skont il-liġi tal-Istat rikjest, id-deċiżjoni ser tiġi

---

6 Applikazzjoni għal stabbiliment tista' ssir biss għal "persuni oħrajn" jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jkun ġie estiż għal dawk il-persuni l-oħrajn. Ara t-taħdita dwar il-kamp ta' applikazzjoni fil-Kapitolu 3.

7 L-Art. 10(3) jistabbilixxi li l-applikazzjoni tiġi deċiża skont il-liġijiet tal-Istat rikjest, u r-regoli ġuriżdizzjonali tiegħu jkunu japplikaw ukoll. Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 248.

8 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 108, rigward l-użu tat-terminu "tiffaċilita".

mmodifikata jew tittieħed deċiżjoni ġdida.[9] Imbagħad, id-deċiżjoni mmodifikata jista' jkollha bżonn tiġi rikonoxxuta jekk issir fi Stat li mhuwiex l-Istat fejn trid tiġi infurzata.

46. Il-Konvenzjoni ma tkoprix is-sitwazzjonijiet kollha li fihom persuna f'każ dwar il-manteniment internazzjonali tixtieq timmodifika deċiżjoni eżistenti. F'ħafna sitwazzjonijiet, ma hija ser issir l-ebda applikazzjoni skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u l-applikant ser jagħmel talba diretta għal modifika lil awtorità kompetenti fl-Istat ta' oriġini tiegħu, jew fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni. Madankollu, il-Konvenzjoni tipprovdi mekkaniżmi għat-trażmissjoni ta' applikazzjonijiet meta persuna tagħżel hekk, jew meta tkun meħtieġa tiftaħ applikazzjoni fi Stat Kontraenti u tlesti l-proċedimenti fi Stat Kontraenti ieħor.[10]

b) Eżempju

47. H għandha deċiżjoni dwar il-manteniment mill-Pajjiż A li tesiġi li l-eks raġel tagħha jħallas il-manteniment għaż-żewġt itfal tiegħu. L-eks raġel tagħha mar jgħix fil-Pajjiż B. Id-deċiżjoni qed tiġi infurzata fil-Pajjiż B. H tixtieq żieda fil-manteniment għaliex id-dħul tal-eks raġel tagħha żdied minn meta ttieħdet id-deċiżjoni.

48. Jekk H tagħżel li tapplika għal modifika skont il-Konvenzjoni, l-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A ser tibgħat applikazzjoni għal ***modifika ta' deċiżjoni eżistenti*** f'isem H lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B. L-eks raġel ser jiġi nnotifikat u l-kwistjoni ser tinstema' fil-Pajjiż B. Id-deċiżjoni mmodifikata tista' tiġi infurzata fil-Pajjiż B ladarba tittieħed.

L-Artikolu applikabbli tal-Konvenzjoni – Artikolu 10(1) e) *u* f)*, 10(2)* b) *u* c)

Ara l-Kapitolu 11, Applikazzjonijiet għal modifika ta' deċiżjoni u l-Kapitolu 12, Proċeduri ta' modifika

B. Talba għal miżuri speċifiċi

49. Minbarra l-erba' tipi ta' applikazzjonijiet disponibbli skont il-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni tipprevedi wkoll ċerti talbiet addizzjonali li jsiru lil Awtorità Ċentrali meta applikant ma jkunx għadu applika. Dawn huma magħrufin bħala Talbiet għal Miżuri Speċifiċi. L-għoti ta' assistenza bħala rispons għal talba bħal din huwa diskrezzjonali, u l-Istat rikjest ser jistabbilixxi x'miżuri jittieħdu bħala tweġiba.

50. L-Artikolu 7 jistabbilixxi sitt talbiet possibbli li jistgħu jsiru permezz ta' Awtorità Ċentrali lil Awtorità Ċentrali oħra. Talba għal Miżuri Speċifiċi tista' ssir sabiex:

1 tingħata għajnuna ħalli jinstab debitur jew kreditur
2 tingħata għajnuna ħalli jinkiseb tagħrif fuq id-dħul u l-qagħda finanzjarja tad-debitur jew il-kreditur, inkluż tagħrif fuq assi
3 titħaffef il-kisba ta' evidenza dokumentarja jew oħra
4 tingħata assistenza sabiex tiġi stabbilita l-parentela
5 titnieda jew tiġi ffaċilitata l-kisba ta' miżuri provviżorji sakemm titlesta l-applikazzjoni għall-manteniment
6 tiġi ffaċilitata n-notifika tad-dokumenti.

[9] Ara l-Art. 10(3). L-applikazzjoni tiġi deċiża skont il-liġijiet tal-Istat rikjest, inklużi regoli ġuriżdizzjonali.
[10] Ara l-Kapitoli 11 u 12. Hemm restrizzjonijiet fil-Konvenzjoni li jistgħu jħallu impatt fuq il-ħila ta' debitur sabiex jirnexxielu jimmodifika deċiżjoni eżistenti, b'mod partikolari meta l-kreditur ikun jgħix fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni.

a) Meta ser issir Talba għal Miżuri Speċifiċi

51. Talba għal Miżuri Speċifiċi ser issir meta applikant ikun jeħtieġ tip limitat ta' assistenza sabiex japplika għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, infurzar, stabbiliment jew modifika skont il-Konvenzjoni. L-assistenza tista' tkun meħtieġa wkoll biex jinstab jekk għandhiex tinfetaħ applikazzjoni jew tistax titfittex assistenza matul proċediment domestiku dwar il-manteniment meta dik il-kwistjoni dwar il-manteniment ikollha bixra internazzjonali.

b) Eżempju

52. J tgħix fil-Pajjiż A u għandha żewġt itfal. Hija ddivorzjata minn missier it-tfal u għandha deċiżjoni dwar il-manteniment li tesiġi li huwa jħallas il-manteniment. J temmen li l-missier jista' jkun qiegħed jgħix fil-Pajjiż B jew fil-Pajjiż C peress li għandu qraba fiż-żewġ pajjiżi. Trid li d-deċiżjoni tagħha tiġi infurzata iżda ma tafx f'liema Stat tibgħatha.

53. Skont il-Konvenzjoni, l-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A tista' tagħmel talba lill-Awtoritajiet Ċentrali fil-Pajjiż B jew il-Pajjiż C sabiex jgħinu fis-sejbien tal-missier. Issir Talba għal Miżuri Speċifiċi, li tindika li J tixtieq tissottometti applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni, ladarba jinstab il-missier / ir-rispondent. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B jew il-Pajjiż C tikkonferma jekk ir-rispondent jistax jinstab fl-Istat sabiex imbagħad il-Pajjiż A ikun jista' jibgħat il-pakkett lill-Awtorità Ċentrali xierqa.

L-Artikolu applikabbli tal-Konvenzjoni – Artikolu 7

Ara l-Kapitolu 13, Talbiet Mibgħuta għal Miżuri Speċifiċi, Kapitolu 14, Talbiet Riċevuti għal Miżuri Speċifiċi u l-Kapitolu 3, Parti 2, Taqsima V – Konvenzjonijiet Oħrajn tal-Aja

II. Sejbien tat-tip ta' applikazzjoni

54. Is-sejbien ta' x'tip ta' applikazzjoni huwa involut f'kull sitwazzjoni partikolari huwa pjuttost sempliċi. Is-sensiela li ġejja ta' flowcharts turi l-għażliet differenti.

55. Jekk jogħġbok żomm f'moħħok li t-tagħrif f'din it-taqsima bilfors li jkun ferm ġenerali. Bl-użu ta' riservi u dikjarazzjonijiet, Stat jista' jispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni f'dak l-Istat. Pereżempju, Stat jista' jagħmel riserva li tillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal tfal taħt it-18-il sena. Dan jaffettwa l-mod li bih dak l-Istat partikolari jittratta l-applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar dwar tfal taħt it-18-il sena. Dan huwa mitħaddet fid-dettall fil-Kapitolu 3.

1. Meta diġà jkun hemm deċiżjoni fis-seħħ



Figura 2: Applikazzjonijiet possibbli meta jkun hemm deċiżjoni dwar il-manteniment

2. Meta ma jkun hemm l-ebda deċiżjoni jew l-ebda deċiżjoni infurzabbli

56. Il-flowchart li jmiss turi l-ġħażliet li jkun hemm meta ma tkun teżisti l-ebda deċiżjoni dwar il-manteniment, jew meta d-deċiżjoni ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta jew infurzata, forsi minħabba riserva skont il-Konvenzjoni.



Figura 3: Applikazzjonijiet possibbli meta ma tkun teżisti l-ebda deċiżjoni infurzabbli

3. Meta l-applikant irid modifika tad-deċiżjoni

57. F'xi każijiet, l-applikant jista' jkollu bżonn modifika tad-deċiżjoni sabiex jiżgura li din tkun tirrifletti ċ-ċirkustanzi mibdulin tal-partijiet jew tat-tifel. Il-proċess ser ikun ftit differenti skont min iniedi l-modifika, jiġifieri d-debitur jew il-kreditur.

58. Il-flowchart fil-paġna li jmiss turi l-proċess li bih il-kreditur jixtieq iniedi l-modifika.

APPLIKAZZJONIJIET GĦAL MODIFIKA MAGĦMULIN MINN KREDITUR (Art. 10(1) *e)* u *f)*)



Figura 4: Applikazzjonijiet ghal modifika magħmulin minn kreditur

59. Il-flowchart fil-paġna li jmiss turi l-proċess li bih id-debitur jixtieq iniedi l-modifika. Kif muri, hemm xi differenzi fl-applikazzjoni, peress li idealment l-applikazzjoni tinstema' fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni, jekk il-kreditur jgħix f'dak l-Istat.



Figura 5: Applikazzjonijiet ġħal modifika magħmulin minn debitur

4. Meta l-applikant ikun jeħtieġ xi assistenza

60. F'xi sitwazzjonijiet, l-applikant ikun jeħtieġ xi assistenza minn Awtorità Ċentrali qabel ma jiftaħ applikazzjoni skont il-Konvenzjoni. Qabel ma tkun tista' tinfetaħ l-applikazzjoni skont il-Konvenzjoni jistgħu jkunu meħtieġa tagħrif addizzjonali, dokumenti jew prova tal-parentela. Il-Konvenzjoni tippermetti wkoll li ssir Talba għal Miżuri Speċifiċi minn applikant fi kwistjoni domestika dwar il-manteniment lil Awtorità Ċentrali għal assistenza, meta jkun hemm bixra ekonomika fil-każ domestiku dwar il-manteniment. Dawn it-talbiet huma koperti mill-Artikolu 7. Il-flowchart ta' hawn taħt turi l-proċess għat-tali talbiet.[11]



Figura 6: Talbiet għal Miżuri Speċifiċi

[11] Meta ż-żewġ Stati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-Notifika Barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji f'Kawżi Ċivili u Kummerċjali (il-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika) jew il-Konvenzjoni tat-18 ta' Marzu 1970 dwar it-Teħid ta' Evidenza Barra l-Pajjiż f'Kawżi Ċivili jew Kummerċjali (il-Konvenzjoni tal-1970 dwar l-Evidenza), jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, Parti 2, Taqsima V - Konvenzjonijiet Oħrajn tal-Aja.

Kapitolu 2
Spjegazzjoni tat-termini

A. Skop ta' dan il-Kapitlu

61. It-termini speċifiċi użati fil-Konvenzjoni huma r-riżultat ta' erba' snin ta' negozjati u taħditiet. Uħud mit-termini użati fil-Konvenzjoni huma ddefiniti fil-Konvenzjoni stess. Madankollu, hemm bosta oħrajn li mhumiex, u t-tifsira tat-terminu tista' tkun tiddependi mil-liġi interna tal-Istat fejn ikun qed iseħħ il-proċediment dwar il-manteniment.

62. Pereżempju, ma hemm l-ebda definizzjoni tat-terminu infurzar. Dak it-terminu jintuża fil-Konvenzjoni, iżda nħass li l-Konvenzjoni ma kellhiex bżonn tipprovdi definizzjoni għaliex it-tifsira tat-terminu ġeneralment tkun maqbula sew bejn l-Istati li jieħdu ħsieb obbligi tal-manteniment, u għaliex wieħed mill-prinċipji sottostanti importanti tal-Konvenzjoni huwa li l-Konvenzjoni għandha tiġi interpretata b'mod ġenerali u liberali.[12]

63. Għalhekk, fil-prattika, jekk azzjoni partikolari tikkostitwixxix infurzar ser jiġi stabbilit mill-awtorità kompetenti responsabbli għall-infurzar tad-deċiżjoni. Madankollu, kun af li l-Konvenzjoni tissuġġerixxi li jistgħu jittieħdu ċerti miżuri biex tiġi infurzata deċiżjoni, u b'hekk tipprovdi gwida dwar x'azzjonijiet ġeneralment jitqiesu li huma infurzar. B'mod simili, it-tifsira tat-terminu konjuġi, sabiex jiġi stabbilit jekk il-manteniment huwiex manteniment għall-konjuġi, ser tiġi deċiża mill-awtorità kompetenti li tieħu d-deċiżjoni (fil-każ ta' stabbiliment ta' deċiżjoni) jew l-awtorità kompetenti li tieħu ħsieb it-talba għal rikonoxximent (jekk jintalbu rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni).

64. Dan il-kapitolu mhuwiex maħsub sabiex jipprovdi definizzjonijiet ġuridiċi jew definittivi għat-termini użati fil-Konvenzjoni. Minflok, jipprovdi glossarju jew spjegazzjoni tat-termini użati fil-Manwal, u jispjega t-tifsira tagħhom ***fil-kuntest tal-proċessi operazzjonali*** użati għal każijiet tal-Konvenzjoni, b'tali mod li dawk li ma jkunux midħla tal-każijiet internazzjonali tal-manteniment ikunu jistgħu jsegwu l-proċeduri aħjar. Fil-każijiet kollha, meta jkun hemm xi dubju dwar it-tifsira ġuridika xierqa ta' kelma jew terminu partikolari użati fil-Konvenzjoni, għandhom jiġu kkonsultati r-Rapport Spjegattiv u sorsi tal-liġi internazzjonali jew domestika.

B. Termini użati f'dan il-Manwal

Adeżjoni

65. L-adeżjoni hija wieħed mill-proċessi li jistgħu jintużaw minn Stat biex isir Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni.[13] L-Artikolu 60 jistabbilixxi meta l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ (tliet xhur wara d-depożitu tat-tieni strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni) u meta jidħol fis-seħħ fi Stat Kontraenti speċifiku. Is-sit tal-Konferenza tal-Aja juri liema Stati saru Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

Ara l-Artikoli 58 u 60

---

12 Ara t-taħdita fir-Rapport Spjegattiv, par. 60–65.
13 Rapport Spjegattiv, para. 690.

Awtorità amministrattiva

66. F'ċerti Stati, kwistjonijiet dwar il-manteniment huma deċiżi minn awtorità amministrattiva (kultant imsejħa Aġenzija tal-Appoġġ għat-Tfal) li titwaqqaf mill-gvern b'mod speċifiku biex tassisti fil-kisba, l-infurzar u l-modifika ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment.[14]

67. L-Artikolu 19(3) jiddefinixxi awtorità amministrattiva li trid tkun korp pubbliku li d-deċiżjonijiet tiegħu jissodisfaw iż-żewġ kriterji stabbiliti f'dak l-Artikolu. Id-deċiżjonijiet iridu jkunu jistgħu jiġu appellati jew eżaminati minn awtorità ġudizzjarja f'dak l-Istat u d-deċiżjonijiet iridu jkunu ta' setgħa u effett simili bħal deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja dwar l-istess kwistjoni.

Ara l-Artikolu 19(1) u 19(3)

Dehra

68. Dan it-terminu jintuża biex jirreferi għall-attendenza jew il-preżenza ta' persuna f'xi tip ta' smigħ. Skont il-liġijiet u l-proċeduri ta' Stat, dehra minn persuna jew parti tista' tinkludi l-attendenza għas-smigħ personalment jew il-parteċipazzjoni fis-smigħ bit-telefon jew mezzi elettroniċi oħrajn. Persuna tista' "tidher fi proċediment" ukoll billi tqabbad avukat jew rappreżentant ieħor sabiex jattendi jew jagħmel rappreżentazzjonijiet f'isimha. Jekk parti dehritx fi proċediment biex tiġi stabbilita deċiżjoni huwa relevanti skont il-Konvenzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx bżonn li tkun inkluża Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa ma' applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni.

Ara l-Artikoli 25 u 29

Ara wkoll id-Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa

Referenza fil-Manwal – Kapitoli 4 u 5

Applikant

69. Fil-Manwal, l-applikant huwa l-persuna jew l-awtorità tal-gvern ("korp pubbliku") li tagħmel it-talba lil Awtorità Ċentrali, għal waħda mill-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 10 (rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, infurzar, stabbiliment jew modifika).

70. F'ċerti partijiet fil-Konvenzjoni, applikant jista' jkun ukoll il-persuna jew il-parti fi proċediment ġudizzjarju li fetħet appell ("rikorrent"). Pereżempju, fl-Artikolu 23(6), ir-rikorrent hija l-persuna li qed tappella d-deċiżjoni biex tiġi rreġistrata deċiżjoni għal infurzar jew biex deċiżjoni tiġi ddikjarata infurzabbli.

71. Applikant jista' jkun kreditur, debitur, jew ir-rappreżentant legali ta' tifel. Għall-finijiet ta' ċerti applikazzjonijiet, kreditur jinkludi korp pubbliku.

Ara l-Artikoli 7, 10, 36 u 37

Referenza tal-Manwal – Kapitoli 1 u 3

---

14 Rapport Spjegattiv, para. 432.

Applikazzjonijiet u talbiet

72. F'dan il-Manwal u fil-Konvenzjoni, issir distinzjoni bejn "*applikazzjonijiet*" u "*talbiet*". It-terminu applikazzjoni jirreferi għall-applikazzjonijiet li jsiru lil Awtorità Ċentrali skont l-Artikolu 10. Skont dak l-Artikolu, applikazzjoni tista' ssir għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, infurzar, stabbiliment jew modifika.

73. Talba diretta ma ssirx permezz ta' Awtorità Ċentrali. Talba diretta hija talba riċevuta minn awtorità kompetenti, bħal qorti jew awtorità amministrattiva, direttament minn individwu. Issir barra mill-Artikolu 10. Pereżempju, issir talba direttament lil awtorità kompetenti għal rikonoxximent ta' deċiżjoni għal manteniment tal-konjuġi biss.

74. L-Artikolu 7 li jippermetti għal Talbiet għal Miżuri Speċifiċi huwa eċċezzjoni għal din id-distinzjoni ġenerali. Għad li miżuri speċifiċi ma jaqgħux taħt l-Artikolu 10, it-Talba xorta ssir minn Awtorità Ċentrali lil Awtorità Ċentrali oħra.

Ara l-Artikoli 7, 10 u 37

Referenza tal-Manwal – Kapitoli 1 u 3

Strument awtentiku

Ara l-ftehim dwar il-manteniment

Awtorità Ċentrali

75. L-Awtorità Ċentrali hija l-awtorità pubblika magħżula minn Stat Kontraenti biex tirrilaxxa jew twettaq id-dmirijiet ta' kooperazzjoni u assistenza amministrattiva skont il-Konvenzjoni. Dawn id-dmirijiet huma stabbiliti fil-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni.[15]

76. Fil-każ ta' Stati federali, jew Stati b'unitajiet awtonomi, jista' jkun hemm iktar minn Awtorità Ċentrali waħda.[16] L-Awtorità Ċentrali tibgħat applikazzjonijiet lil Stati oħrajn u ġeneralment tieħu ħsieb il-fluss u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet. Sa fejn dan ikun permess skont il-liġi tal-Istat tagħha, ħafna mir-responsabbiltajiet tal-Awtorità Ċentrali jistgħu jitwettqu minn korpi pubbliċi fi ħdan Stat, pereżempju Aġenzija tal-Appoġġ għat-Tfal, taħt is-superviżjoni tal-Awtorità Ċentrali.

Ara l-Artikoli 4, 5, 6, 7 u 8

Awtorità kompetenti

77. Awtorità kompetenti hija l-korp pubbliku jew il-persuna fi Stat partikolari inkarigati jew mogħtijin permess b'konformità mal-liġijiet ta' dak l-Istat sabiex iwettqu kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, aġenzija ta' infurzar tal-manteniment għat-tfal jew kull entità governattiva oħra li twettaq uħud mill-kompiti marbutin mal-Konvenzjoni. F'ċerti Stati, l-Awtorità Ċentrali tista' tkun ukoll l-awtorità kompetenti għad-dmirijiet kollha jew uħud minnhom skont il-Konvenzjoni.

Ara l-Artikolu 6

---

15 Rapport Spjegattiv, para. 85.
16 Rapport Spjegattiv, para. 89.

Stati Kontraenti

78. Stat Kontraenti huwa Stat li huwa marbut bil-Konvenzjoni għaliex lesta l-proċess ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni stabbilit fl-Artikolu 58.

79. It-terminu Stat jintuża spiss f'dan il-Manwal. Normalment jirreferi għal Stat sovran, jew pajjiż, u mhux għal subunità tal-Istat jew unità territorjali, bħal provinċja, jew Stat fi ħdan l-Istati Uniti tal-Amerika. Madankollu, hemm sitwazzjonijiet li fihom it-terminu Stat jinkludi l-unità territorjali wkoll. Dan huwa stabbilit fl-Artikolu 46. Pereżempju, referenza għall-awtorità kompetenti fi Stat fejn ittieħdet deċiżjoni tista' tinftiehem jew tiġi interpretata li qed tirreferi għal awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva fl-unità territorjali partikolari.[17]

Ara l-Artikoli 46 u 58

Konvenzjoni

80. It-terminu Konvenzjoni jintuża fil-Manwal biex jirreferi għall-*Konvenzjoni tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment għat-Tfal u Forom Oħra ta' Manteniment tal-Familja*.

Profil tal-Pajjiż

81. Skont l-Artikolu 57 tal-Konvenzjoni, kull Stat Kontraenti jrid jgħaddi ċertu tagħrif lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar il-liġijiet u l-proċeduri tiegħu u l-miżuri li ser jieħu sabiex jimplimenta l-Konvenzjoni, inkluża deskrizzjoni tal-mod li bih l-Istat ser jieħu ħsieb talbiet biex jistabbilixxi, jirrikonoxxi u jinfurza deċiżjonijiet dwar il-manteniment.[18]

82. Il-Profil tal-Pajjiż rakkomandat u ppubblikat mill-Konferenza tal-Aja jista' jintuża minn Stat Kontraenti bħala mezz ta' forniment ta' dan it-tagħrif. Il-Profil tal-Pajjiż ser jindika kull dokument jew rekwiżit speċifiku għall-Istat għall-applikazzjonijiet.

83. Mhux bilfors irid jintuża l-Profil tal-Pajjiż. Madankollu, Stat li ma jużax il-Profil tal-Pajjiż xorta waħda jrid jipprovdi t-tagħrif meħtieġ skont l-Artikolu 57 lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja.

84. Kemm il-Profil tal-Pajjiż kif ukoll kull tagħrif ipprovdut minn Stat Kontraenti skont l-Artikolu 57 huma disponibbli fis-sit tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-Taqsima "Child Support / Maintenance".

Ara l-Artikolu 57

Kreditur

85. Kreditur huwa ddefinit fl-Artikolu 3 bħala l-individwu li huwa dovut jew allegatament dovut lilu l-manteniment. Kreditur jista' jkun ġenitur jew konjuġi, tifel, ġenituri adottivi, jew qraba jew persuni oħrajn li jindukraw tifel. F'ċerti Stati, din il-persuna tista' tissejjaħ riċevitur tal-manteniment, destinatarju, jew ġenitur kustodju jew indukratur. Kreditur jista' jkun il-persuna li qed tfittex li tikseb manteniment għall-ewwel darba (pereżempju, f'applikazzjoni għal stabbiliment) jew il-persuna li ser tibbenefika mill-manteniment skont deċiżjoni eżistenti.[19]

---

17 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 637.
18 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 683.
19 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 66.

86. Jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jiġi estiż minn Stat Kontraenti għal forom oħrajn ta' manteniment tal-familja, inklużi persuni vulnerabbli, kreditur jista' jkun kull persuna oħra intitolata għal dak it-tip ta' manteniment tal-familja.

87. L-Artikolu 36 jistabbilixxi li għal uħud mit-taqsimiet tal-Konvenzjoni, it-terminu kreditur jinkludi korp pubbliku. Korp pubbliku jista' jkun kreditur biss għall-fini ta' applikazzjoni għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, infurzar jew stabbiliment ta' deċiżjoni ġdida dwar il-manteniment li fiha ġie miċħud rikonoxximent ta' deċiżjoni eżistenti minħabba r-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(4).

Ara l-Artikoli 3, 10 u 36

Referenza tal-Manwal – Kapitolu 3

Debitur

88. Debitur huwa ddefinit fl-Artikolu 3 bħala l-individwu li jrid iħallas jew allegatament irid iħallas il-manteniment. Id-debitur jista' jkun ġenitur, jew konjuġi jew kull persuna oħra li, skont il-liġi tal-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni, għandu obbligu jħallas manteniment. F'ċerti Stati din il-persuna tissejjaħ dak li jħallas, obbligant, jew ġenitur mhux kustodju jew mhux residenti. Korp pubbliku, bħal aġenzija tas-servizzi soċjali, ma jistax ikun debitur.

89. Jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jiġi estiż minn Stat Kontraenti għal forom oħrajn ta' manteniment tal-familja, debitur jista' jkun ukoll kull persuna li hija dovuta jew allegatament hija dovuta dik il-forma ta' manteniment tal-familja.

Ara l-Artikol 3 u 10

Referenza tal-Manwal – Kapitolu 3

Deċiżjoni

90. It-terminu deċiżjoni huwa ddefinit fil-Konvenzjoni għall-fini ta' applikazzjonijiet għal rikonxximent u infurzar, infurzar u xi tipi ta' talbiet lil awtoritajiet kompetenti.

91. Deċiżjoni tistabbilixxi l-obbligu tad-debitur li jħallas manteniment u tista' tinkludi wkoll aġġustament awtomatiku permezz ta' indiċjar u r-rekwiżit li jitħallsu arretrati tal-manteniment, imgħax jew manteniment retroattiv u determinazzjoni tal-kostijiet u l-ispejjeż.[20]

92. Pereżempju, it-terminu jinkludi t-tip ta' deċiżjoni li spiss tittieħed minn awtorità ġudizzjarja u tinsab f'sentenza jew ordni tal-qorti. Deċiżjonijiet ta' awtorità amministrattiva huma inklużi b'mod speċifiku wkoll, diment li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(3). Għaldaqstant, anki valutazzjonijiet magħmulin minn Aġenzija tal-Appoġġ għat-Tfal f'sistema amministrattiva ser ikunu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, diment li jissodisfaw dawn il-kriterji.

Ara l-Artikoli 3 u 19

[20] Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 434–437.

Dikjarazzjoni

93. Dikjarazzjoni hija stqarrija formali magħmula minn Stat kontraenti fir-rigward ta' ċerti Artikoli jew rekwiżiti skont il-Konvenzjoni. Id-dikjarazzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 63. Pereżempju, Stat jista' jagħmel dikjarazzjoni li l-Konvenzjoni sħiħa ser tapplika għal manteniment tal-konjuġi, kif stabbilit fl-Artikolu 2(3). Id-dikjarazzjonijiet jistgħu jsiru meta Stat jidħol fil-Konvenzjoni, jew f'kull waqt wara. Id-dikjarazzjonijiet jistgħu jiġu mmodifikati jew jinbidlu wkoll. Il-Profil tal-Pajjiż għal Stat jistabbilixxi d-dikjarazzjonijiet magħmulin minn dak l-Istat u d-dikjarazzjonijiet magħmulin minn Stat huma stabbiliti wkoll fis-sit tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-Taqsima "Child Support / Maintenance".

Ara l-Artikolu 63

Dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà

94. Dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà hija mekkaniżu li jista' jitħaddem f'ċerti Stati biex jistabbilixxi li deċiżjoni barranija għandha l-istess effett (fi ħdan il-limiti stabbiliti fil-liġi domestika) bħal deċiżjoni meħuda f'dak l-Istat. Dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà hija differenti minn dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà li hija dokument li jistipula li deċiżjoni hija infurzabbli fl-Istat ta' oriġini, u li jrid ikun inkluż fil-pakkett ta' dokument għal applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar.

Ara l-Artikoli 23(2) u 25(1) b)

Referenza tal-Manwal – Kapitoli 4 u 5

Stabbiliment ta' deċiżjoni

95. Dan it-terminu jintuża biex jirreferi għall-proċess sabiex tinkiseb deċiżjoni dwar il-manteniment, meta ma tkun teżisti l-ebda deċiżjoni dwar il-manteniment jew id-deċiżjoni dwar il-manteniment li teżisti ma tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata għal xi raġuni. L-istabbiliment jista' jinkludi determinazzjoni tal-parentela, jekk din tkun meħtieġa sabiex tittieħed deċiżjoni dwar il-manteniment.

Ara l-Artikolu 10

Referenza tal-Manwal – Kapitoli 8 u 9

Stabbiliment tal-parentela

96. Stabbiliment tal-parentela jinvolvi sejba dwar il-parentela bijoloġika jew ġuridika tat-tfal għall-finijiet tal-manteniment. Skont il-Konvenzjoni, id-determinazzjoni tal-parentela spiss titfittex b'rabta ma' applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment, għad li tista' tkun ukoll is-suġġett ta' Talba għal Miżuri Speċifiċi skont l-Artikolu 7.[21] Għad li l-parentela tista' tiġi stabbilita permezz ta' testijiet ġenetiċi, tista' tiġi stabbilita wkoll bħala kwistjoni legali permezz ta' presuppożizzjonijiet bħaż-żwieġ jew il-koabitazzjoni tal-partijiet qabel ma twieldu t-tfal, jew permezz ta' ammissjoni jew konferma tal-parentela mill-ġenitur.

Ara l-Artikoli 7 u 10

Referenza tal-Manwal – Kapitoli 8 u 9

---

[21] Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 174.

Eżami *ex officio*

97. Eżami *ex officio* huwa xorta ta' eżami li jista' jsir minn awtorità kompetenti minn jeddha fil-proċedimenti għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar. L-eżami huwa stabbilit fl-Artikolu 23(4) u fl-Artikolu 24(4).[22] L-ebda waħda mill-partijiet ma hija intitolata tagħmel sottomissjonijiet dwar l-eżami.

98. Sakemm l-Istat rikjest ma jkunx għamel dikjarazzjoni biex juża l-proċess stabbilit fl-Artikolu 24, l-eżami *ex officio* fl-Artikolu 23 jista' jqis jekk ir-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni għal infurzar jew id-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà tkunx inkompatibbli biċ-ċar mal-politika pubblika.

99. Jekk jintuża l-proċess alternattiv tal-Artikolu 24, l-eżami *ex officio* se jkun ftit differenti peress li hemm motivi oħrajn li l-awtorità kompetenti trid tikkunsidra.

Ara l-Artikolu 5 għal diskussjoni sħiħa dwar dan il-proċess

Ara l-Artikol 12(8), 23(4) u 24(4)

Referenza tal-Manwal – Kapitoli 4 u 5

Sekwestru

100. Is-sekwestru huwa l-interċettazzjoni mill-awtorità tal-infurzar ta' fondi li kienu jkunu pagabbli lil debitur. Avviż jew ordni ta' sekwestru jeħtieġu li l-persuna jew l-organizzazzjoni li kellhom iħallsu dawk il-fondi lid-debitur iħallsuhom lill-awtorità tal-infurzar għall-benefiċċju tal-kreditur tal-manteniment minflok. F'ċerti Stati, sekwestru jissejjaħ irbit jew interċettazzjoni tal-fondi.

Ara l-Artikolu 34

Referenza tal-Manwal – Kapitolu 10

Residenza abitwali

101. It-terminu residenza abitwali mhuwiex iddefinit fil-Konvenzjoni.[23] Jintuża f'għadd ta' Artikoli tal-Konvenzjoni b'rabta ma' jekk deċiżjoni tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata. Il-fatti individwali f'kull każ ser jiddeterminaw jekk persuna hijiex resident abitwali fi Stat. Determinazzjoni tar-residenza abitwali tista' tkun imsejsa fuq fatti bħal fejn tgħix il-persuna, fejn il-persuna għandha r-residenza primarja (jew ewlenija) tagħha, fejn taħdem jew tmur l-iskola. Sempliċi preżenza fi Stat mhijiex ser tkun biżżejjed biex tiġi stabbilita residenza abitwali.

Ara l-Artikolu 20(1) a)

Referenza tal-Manwal – Kapitolu 5

---

22 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 500.
23 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 63 u 444.

Ġurisdizzjoni

102. F'kontestazzjoni jew appell tad-deċiżjoni ta' rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni, rikorrent jista' jissuġġerixxi li l-bażijiet għal rikonoxximent u infurzar kif stabbiliti fl-Artikolu 20 mhumiex issodisfati. Dawk il-bażijiet għal rikonoxximent u infurzar, u r-referenza għal ġurisdizzjoni f'dak il-kuntest, jikkonċernaw il-konnessjonijiet li huma meħtieġa bejn il-partijiet u l-Istat fejn jinsab min ħa d-deċiżjoni. Pereżempju, qorti jista' jkollha l-ġurisdizzjoni li tieħu deċiżjoni dwar il-manteniment jekk iż-żewġ ġenituri jgħixu f'dak l-Istat. Għalhekk, deċiżjoni meħuda fuq dik il-bażi tista' tiġi rikonoxxuta u infurzata.

Ara l-Artikoli 20 u 21

Legalizzazzjoni

103. Legalizzazzjoni huwa t-terminu użat biex jiġu deskritti ċerti proċedurii ġuridiċi formali. L-effett ta' leġiżlazzjoni huwa li tiċċertifika l-awtentiċità tal-firma, il-kapaċità li fiha aġixxiet il-persuna li ffirmat id-dokument u, fejn xieraq, l-identità tas-siġill jew it-timbru fuq id-dokument. Il-legalizzazzjoni mhijiex marbuta mal-kontenut tad-dokument sottostanti stess (jiġifieri d-dokument legalizzat). Skont l-Artikolu 41, ma tista' tkun meħtieġa l-ebda legalizzazzjoni jew xi formalità analoga, inkluż l-użu ta' Postilla, għal proċedimenti skont il-Konvenzjoni.[24]

Ara l-Artikolu 41

Rahan

104. Rahan hija talba jew qbid li jista' jiġi ppreżentat kontra l-proprjetà ta' persuna. F'xi Stati, rahan jista' jiġi ppreżentat kontra l-proprjetà ta' debitur, inklużi art u vetturi, li jrid iħallas manteniment. Jekk il-proprjetà tinbiegħ, l-arretrati tal-manteniment jistgħu jiġu rkuprati mir-rikavat tal-bejgħ.

Ara l-Artikolu 34

Referenza tal-Manwal– Kapitolu 10

Manteniment

105. Il-manteniment jinkludi manteniment għat-tfal, konjuġi jew sieħeb/sieħba, u spejjeż relatati mal-indukrar tat-tfal jew il-konjuġi / sieħeb/sieħba. Skont il-Konvenzjoni, Stat jista' jestendi wkoll il-manteniment sabiex isostni obbligi li jirriżultaw minn forom oħrajn ta' relazzjonijiet familjari.

106. Il-manteniment jitħallas mid-debitur lill-kreditur. Il-manteniment jista' jinkludi kemm pagamenti perjodiċi kif ukoll pagamenti ta' somma f'daqqa jew trasferimenti ta' proprjetà, skont il-liġi tal-Istat fejn tittieħed id-deċiżjoni.[25]

Ara l-Artikolu 2

Referenza tal-Manwal – Kapitolu 3

Ftehim dwar il-manteniment

107. Skont l-Artikolu 30, ftehim dwar il-manteniment jista' jiġi rikonoxxut u infurzat jekk huwa infurzabbli bħala deċiżjoni fl-Istat fejn sar, u għall-fini ta' applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar tal-Artikolu 10, it-terminu deċiżjoni jinkludi ftehim dwar il-manteniment.[26]

---

24 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 614.
25 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 65.
26 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 554.

108. Ftehim dwar il-manteniment huwa ddefinit fl-Artikolu 3 bħala qbil bil-miktub marbut mal-ħlas tal-manteniment li jista' jkun soġġett għal eżami u modifika minn awtorità kompetenti u li

- tfassal jew ġie rreġistrat b'mod formali bħala strument awtentiku minn awtorità kompetenti, jew
- ġie awtentiċizzat, konkluż, irreġistrat jew ippreżentat ma' awtorità kompetenti.

109. Għalhekk, id-definizzjoni tinkludi kemm l-istrumenti awtentiċi li jintużaw f'xi Stati kif ukoll ftehimiet privati li jintużaw fi Stati oħrajn. Pereżempju, ftehim dwar il-manteniment li fih isiru partijiet ġenituri matul proċedimenti ta' divorzju, jew deċiżjoni li tirriżulta minn proċess ta' meditazzjoni bejn il-ġenituri, jistgħu jitqiesu li huma arranġament dwar il-manteniment u infurzabbli skont il-Konvenzjoni jekk jissodisfa dawn il-kriterji.

110. Stat jista' jagħmel riserva li tindika li mhuwiex ser jirrikonoxxi ftehimiet dwar il-manteniment.

Ara l-Artikoli 3 u 30

Referenza tal-Manwal – Kapitoli 4 u 5

Deċiżjoni dwar il-manteniment

Ara deċiżjoni

Test tal-mezzi

111. F'ċerti sitwazzjonijiet, il-Konvenzjoni tippermetti li Stat jużа test tal-mezzi biex isib jekk rikorrent huwiex intitolat għal assistenza legali għall-fini ta' proċediment skont il-Konvenzjoni, u jekk dik l-assistenza hijiex ser tiġi pprovduta lil rikorrent jew parti b'xejn. Test tal-mezzi ġeneralment iħares lejn id-dħul u l-assi tal-applikant, jew ċirkustanzi finanzjarji oħrajn li ser iħallu impatt fuq il-ħila tar-rikorrent sabiex iħallas għal assistenza legali.

112. Test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal huwa awtorizzat mill-Artikolu 16 għal ċerti applikazzjonijiet, u jqis il-mezzi jew iċ-ċirkustanzi finanzjarji tat-tfal, minflok dawk tal-ġenitur, u jista' jintużа minn xi Stati biex jistabbilixxu jekk jipprovdux assistenza legali b'xejn.

Ara l-Artikoli 16 u 17

Referenza tal-Manwal – Kapitolu 3

Test tal-merti

113. F'ċerti sitwazzjonijiet, il-Konvenzjoni tippermetti li test tal-merti jintużа minn Stat sabiex jiddetermina jekk jipprovdix assistenza legali b'xejn lil rikorrent fi proċediment skont il-Konvenzjoni. Test tal-merti ġeneralment janalizza l-merti jew il-probabbiltà ta' suċċess tal-applikazzjoni, wara li jitqiesu merti tali bħall-bażi ġuridika għall-applikazzjoni u jekk il-fatti fil-każ aktarx li jirriżultaw f'eżitu ta' suċċess. It-tip ta' kwistjonijiet meqjusin f'test tal-merti jiddependi fuq l-Istat li jużа t-test.

Ara l-Artikoli 15(2) u 17 a)

Referenza tal-Manwal – Kapitolu 3

Modifika ta' deċiżjoni

114. Modifika tirreferi għall-proċess ta' bidla ta' deċiżjoni dwar il-manteniment wara li tkun ittieħdet. F'xi Stati, dan huwa magħruf bħala applikazzjoni għal varjazzjoni jew applikazzjoni biex tinbidel deċiżjoni. Il-modifika tista' tkun marbuta mal-ammont tal-manteniment, il-frekwenza jew xi terminu ieħor tad-deċiżjoni dwar il-manteniment. Skont il-Konvenzjoni, il-modifika tat-terminu tkopri wkoll it-teħid ta' deċiżjoni ġdida, li fiha l-liġijiet interni tal-Istat rikjest ma għandhomx proċedura għat-tibdil ta' deċiżjoni barranija u jippermettu biss it-teħid ta' deċiżjoni ġdida.[27] Applikazzjoni għal modifika tista' tiġi ppreżentata minn kreditur skont l-Artikolu 10(1) *e)* jew *f)* jew debitur skont l-Artikolu 10(2) *b)* jew *c)*.

Ara l-Artikoli 10 u 18

Referenza tal-Manwal – Kapitolu 11

Uffiċċju Permanenti / Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat

115. Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (HCCH) hija organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali li tiżviluppa u tieħu ħsieb strumenti ġuridiċi multilaterali, billi tippromwovi kooperazzjoni ġudizzjarja u amministrattiva internazzjonali fil-qasam tal-liġi privata, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ħarsien tal-familja u t-tfal, tal-proċedura ċivili u l-liġi kummerċjali.

116. L-Uffiċċju Permanenti huwa s-Segretarjat tal-Konferenza tal-Aja responsabbli għall-ħidma ta' kuljum tal-organizzazzjoni.

117. Skont il-Konvenzjoni, l-Istati Kontraenti jridu jipprovdu lill-Uffiċċju Permanenti t-tagħrif stabbilit fl-Artikolu 57, filwaqt li jindikaw kif ir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni ser jitwettqu f'dak l-Istat. L-Uffiċċju Permanenti ser jiġbor tagħrif ukoll, inkluži statistiki u każistika rigward it-tħaddim tal-Konvenzjoni.

Ara l-Artikoli 54 u 57

Dejta personali / informazzjoni personali

118. Dejta personali hija informazzjoni personali dwar persuna li tinġabar, tintuża jew tiġi żvelata matul il-proċedimenti skont il-Konvenzjoni. Tinkludi l-identifikazzjoni ta' tagħrif bħad-data tat-twelid, l-indirizz ta' persuna, id-dħul, u tagħrif dwar l-impjieg dwar l-individwu kif ukoll identifikaturi nazzjonali jew tal-Istat bħal numri tal-assigurazzjoni soċjali, in-numri tas-sigurtà soċjali, in-numru tas-saħħa personali u numri simili li huma uniċi għal individwu.[28]

119. Skont il-Konvenzjoni, dejta personali tista' tintuża biss għall-finijiet li għalihom inġabret jew intbagħtet u l-kunfidenzjalità tad-dejta trid tinżamm skont il-liġi tal-Istat li jieħu ħsieb l-informazzjoni. L-iżvelar tad-dejta personali jew informazzjoni personali mhuwiex awtorizzat meta dak l-iżvelar ikun jista' jixħet f'riskju s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' individwu.[29]

Ara l-Artikoli 38, 39 u 40

Referenza tal-Manwal – Kapitolu 3

---

27 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 264.
28 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 605.
29 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 608.

Protokoll dwar il-Liġi Applikabbli għal Obbligi tal-Manteniment

120. Il-*Protokoll tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għal Obbligi tal-Manteniment* huwa strument internazzjonali li fih regoli ġenerali dwar il-liġi applikabbli li tissupplimenta l-*Konvenzjoni tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment għat-Tfal u Forom Oħra ta' Manteniment tal-Familja*. Ċerti Stati li huma Partijiet għall-Konvenzjoni jistgħu jkunu wkoll firmatarji għall-Protokoll u ser japplikaw il-Protokoll fi kwistjonijiet dwar il-manteniment.

Referenza tal-Manwal – Kapitoli 8, 9 u 12

Miżuri provviżorji

121. Il-miżuri provviżorji huma stabbiliti fl-Artikoli 6(2) *i)* u 7 tal-Konvenzjoni. Dawn huma proċedimenti li jinfetħu fi Stat sabiex jiggarantixxu l-eżitu ta' applikazzjoni għall-manteniment. Pereżempju, miżuri provviżorji jistgħu jitfittxu biex tiġi evitata ċ-ċessjoni tal-assi, jew biex jiġi evitat milli d-debitur jitlaq mill-Istat sabiex jevita l-proċedimenti tal-manteniment.[30]

Ara l-Artikoli 6 u 7

Referenza tal-Manwal – Kapitoli 13 u 14

Korp pubbliku

122. It-terminu korp pubbliku jintuża f'żewġ kuntesti differenti fil-Konvenzjoni.

123. Skont l-Artikolu 36, korp pubbliku huwa awtorità tal-gvern li tista' tagħmel applikazzjoni għall-manteniment, bħala kreditur, f'ċirkustanzi limitati. Korp pubbliku jista' jiftaħ applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, jew infurzar ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 10(1) *a)* u *b)*. Jista' jiftaħ ukoll applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni fiċ-ċirkustanzi li fihom deċiżjoni eżistenti ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta għar-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 20(4).[31]

124. Sabiex ikun intitolat jiftaħ l-applikazzjoni, il-korp pubbliku jrid jaġixxi minflok il-kreditur, jew ifittex rimborżi ta' benefiċċji pprovduti minflok manteniment.

125. L-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni jirreferi wkoll għal korpi pubbliċi, u f'dak il-kuntest il-korpi pubbliċi huma dawk l-entitajiet awtorizzati mil-liġijiet ta' Stat sabiex iwettqu l-funzjonijiet ta' Awtorità Ċentrali. Korp pubbliku li huwa responsabbli għal dawn il-funzjonijiet irid ikun soġġett għas-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat, u l-firxa tal-involviment tagħhom f'każijiet tal-Konvenzjoni trid tiġi kkomunikata lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja.

Ara l-Artikoli 6(3) u 36

Ratifika

126. Ir-ratifika hija waħda mill-mezzi li Stat jista' jużа biex isir Parti għall-Konvenzjoni. L-Artikolu 60 jistabbilixxi meta l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ (tliet xhur wara d-depożitu tat-tieni strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni) u meta tidħol fis-seħħ fi Stat Kontraenti Speċifiku. Is-sit tal-Konvenzjoni tal-Aja juri liema Stati saru Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

Ara l-Artikoli 58 u 60

---

30 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 176.
31 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 590.

Rikonoxximent

127. Ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar il-manteniment huwa l-proċedura użata minn awtorità kompetenti tal-Istat biex taċċetta d-determinazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi li jikkonċernaw il-manteniment magħmula mill-awtorità fl-Istat ta' oriġini, fejn ittieħdet id-deċiżjoni, u tagħti setgħa ġuridika lil dik id-deċiżjoni.[32] F'ħafna każijiet, applikant ser ikollu japplika wkoll sabiex id-deċiżjoni tiġi infurzata b'tali mod li l-applikazzjoni tkun kemm għal rikonoxximent kif ukoll għal infurzar. Madankollu, applikant jista' japplika għal rikonoxximent tad-deċiżjoni biss. Skont l-Artikolu 26, applikazzjoni għal rikonoxximent ser tkun soġġetta għall-istess rekwiżiti bħal applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar, u minbarra dawn ma hemm l-ebda rekwiżit ieħor li d-deċiżjoni trid tkun infurzabbli fl-Istat ta' oriġini, iżda biss li "jkollha effett" f'dak l-Istat.

Ara l-Artikoli 19 sa 28

Referenza tal-Manwal – Kapitoli 4 u 5

Rikonoxximent u infurzar

128. Ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet eżistenti dwar il-manteniment huwa wieħed mill-proċessi ewlenin skont il-Konvenzjoni. L-iskop tar-rikonoxximent u l-infurzar huwa li jippermetti li deċiżjoni meħuda fi Stat minnhom tkun effettiva jew kapaċi tkun infurzata fi Stat Kontraenti ieħor.[33] Il-proċess ta' rikonoxximent u infurzar ineħħi l-ħtieġa li kreditur jistabbilixxi deċiżjoni ġdida fl-Istat fejn id-Deċiżjoni trid tiġi infurzata u jippermetti lill-Istat rikjest sabiex jinfurza d-deċiżjoni eżistenti.

Ara l-Artikoli 19 sa 28

Referenza tal-Manwal – Kapitoli 4 u 5

Awtorità Ċentrali rikjedenti u Awtorità Ċentrali rikjesta

129. L-Awtorità Ċentrali rikjedenti hija l-Awtorità Ċentrali fl-Istat fejn titnieda l-applikazzjoni jew it-talba. Dik l-Awtorità Ċentrali ser tibgħat l-applikazzjoni lill-Awtorità Ċentrali rikjesta, li ser tipproċessa l-applikazzjoni u tibgħatha lill-awtorità kompetenti biex timtela. Id-dmirijiet ta' Awtorità Ċentrali huma stabbiliti fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

Ara l-Artikolu 7

Stat rikjedenti u Stat rikjest

130. L-***Istat rikjedenti*** huwa l-Istat fejn jgħix l-applikant u fejn titnieda applikazzjoni jew talba skont il-Konvenzjoni. L-***Istat rikjest*** huwa l-Istat li qed jintalab jipproċessa l-applikazzjoni jew it-talba. Normalment ikun l-Istat fejn jgħix ir-rispondent.[34]

Ara l-Artikoli 10 u 12

---

32 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 429.

33 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 490.

34 It-termini "Stat rikjest" u "Stat rikjedenti" mhumiex iddefiniti fil-Konvenzjoni jew fir-Rapport Spjegattiv. Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 64. Art.e 9 tal-Konvenzjoni fih definizzjoni ta' residenza għall-fini ta' dak l-Artikolu biss. Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 228.

Riserva

131. Riserva hija dikjarazzjoni formali minn Stat Kontraenti, awtorizzata f'ċerti ċirkustanzi skont il-Konvenzjoni, li tispeċifika li l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni f'dak l-Istat ser tkun limitata b'xi mod. Pereżempju, Stat jista' jagħmel riserva li mhuwiex ser jirrikonoxxi jew jinfurza ftehimiet dwar il-manteniment. Il-proċessi għar-riservi huwa stabbilit fl-Artikolu 62. Il-Profil tal-Pajjiż għal Stat ser jistabbilixxi r-riservi li saru minn dak l-Istat. It-test sħiħ tar-riservi kollha li jkunu saru minn Stat jistgħu jinstabu wkoll fis-sit tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-Taqsima "Child Support / Maintenance".

Ara l-Artikolu 62

Rispondent

132. Rispondent (jew "konvenut") huwa l-persuna li ser tkun qed twieġeb jew tirrispondi għal applikazzjoni jew appell skont il-Konvenzjoni. Rispondent jista' jkun kreditur jew debitur.

Ara l-Artikoli 11, 23 u 24

Miżuri Speċifiċi

133. Il-Miżuri Speċifiċi huma ċerti dmirijiet ta' kooperazzjoni amministrattiva li huma elenkati fl-Artikolu 7 u jistgħu jkunu s-suġġett ta' talba minn Awtorità Ċentrali lil Awtorità Ċentrali oħra. It-talba ser issir b'mod separat minn applikazzjoni għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, stabbiliment, infurzar jew modifika. Il-Miżuri Speċifiċi li jistgħu jintalbu jinkludu assistenza fir-rigward ta':

- sejbien ta' fejn jinsab debitur jew kreditur
- kisba ta' tagħrif dwar id-dħul u ċ-ċirkustanzi finanzjarji ta' kreditur jew debitur, inkluż fejn jinsabu assi
- determinazzjoni tal-parentela tat-tfal
- kisba ta' dokumenti jew evidenza
- notifika ta' dokumenti
- kisba ta' miżuri interim jew provviżorji.

Ara l-Artikolu 7

Referenza tal-Manwal – Kapitoli 13 u 14

Stat

Ara Stat Kontraenti

Stat ta' oriġini

134. Dan it-terminu jintuża biex jirreferi għall-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni dwar il-manteniment. L-Istat ta' oriġini jista' jkun differenti mill-Istat fejn l-applikant jew ir-rispondent jgħix bħalissa, jew jista' jkun l-istess. Li jkun magħruf liema Stat huwa l-Istat ta' oriġini huwa importanti biex, pereżempju, jinstab liema awtorità kompetenti trid timla d-Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà f'applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar. L-Istat ta' oriġini jista' jissejjaħ l-Istat mittenti wkoll.

135. Fil-każ ta' ftehim dwar il-manteniment, l-Istat ta' oriġini aktarx li se jkun l-Istat fejn ġie konkluż jew formalizzat il-ftehim.

Ara l-Artikoli 11, 20, 25 u 30

Referenza tal-Manwal – Kapitolu 4

Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà

136. Dan id-dokument huwa meħtieġ f'applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar sabiex jiġi stabbilit li d-deċiżjoni hija infurzabbli fl-Istat fejn ittieħdet (l-Istat ta' oriġini). F'ċerti Stati, id-Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà ser tkun fil-forma ta' dokument mill-awtorità kompetenti li d-deċiżjoni għandha "setgħa ġuridika", jiġifieri tista' tiġi infurzata f'dak l-Istat. Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà hija differenti minn dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà li hija wieħed mill-mekkaniżmi li jistgħu jintużaw f'xi Stati għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni.[35]

Ara l-Artikoli 23(2) u 25(1) b)

Referenza tal-Manwal – Kapitolu 4

Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa

137. Dan id-dokument huwa meħtieġ f'applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar meta l-konvenut (spiss id-debitur) ma jkunx deher u ma jkunx rappreżentat fil-proċedimenti fl-Istat ta' oriġini. Ser jikkonferma li l-konvenut ġie nnotifikat bil-proċedimenti li rriżultaw fid-deċiżjoni dwar il-manteniment u ngħata l-opportunità li jinstema', jew li l-konvenut ġie nnotifikat bid-deċiżjoni u ngħata l-opportunità li jikkontesta jew jappella d-deċiżjoni kemm fuq bażi fattwali kif ukoll ġuridika ("fuq il-merti u l-liġi").[36]

Ara l-Artikolu 25

Referenza tal-Manwal – Kapitolu 4

Persuna vulnerabbli

138. Persuna vulnerabbli hija ddefinita fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni bħala persuna li mhijiex kapaċi ssostni lilha nfisha, minħabba xi indeboliment jew insuffiċjenza fil-fakultajiet personali tagħha. Il-Konvenzjoni tkopri persuni vulnerabbli biss jekk tkun saret dikjarazzjoni skont l-Artikolu 2(3) kemm mill-Istat rikjedenti kif ukoll dak rikjest sabiex tiġi estiża l-applikazzjoni tagħha.

Ara l-Artikolu 2

Referenza tal-Manwal – Kapitolu 3

---

35 F'ċerti Stati tista' tintuża "*attestation de la force de chose jugée*" li tistipula li d-deċiżjoni għandha setgħa ġuridika f'dak l-Istat.

36 Ara l-Kapitolu 4, Taqsima III, B.3, tħejjija tad-"Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa" meħtieġa għall-applikazzjoni.

Kapitolu 3
Kwistjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali

Parti 1
Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni

I. Skop ta' dan il-Kapitolu

139. Hemm għadd ta' kunsiderazzjonijiet komuni x'jittieħdu u kompiti rikorrenti x'jitwettqu f'kull applikazzjoni mibgħuta jew riċevuta skont il-Konvenzjoni, jew kull Talba għal Miżuri Speċifiċi. L-ewwel u l-iktar kunsiderazzjoni importanti hija jekk l-applikazzjoni jew it-talba taqax taħt il-Konvenzjoni affattu. Dan huwa magħruf bħala l-"kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni".

140. Jekk l-applikazzjoni jew it-talba ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, f'dak il-każ il-proċeduri stabbiliti f'dan il-Manwal ma japplikawx. Din il-parti tal-Kapitolu 3 tistabbilixxi l-fatturi li ser jintużaw biex jiġi stabbilit jekk applikazzjoni taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, u daqstant ieħor importanti, kemm japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, jekk hux f'parti minnhom jew bis-sħiħ, għat-tip ta' applikazzjoni jew talba.

141. It-tieni parti tal-Kapitolu 3 tkopri kwistjonijiet li huma komuni għall-proċeduri kollha li jaqgħu taħt il-Konvenzjoni – ir-regoli dwar il-lingwa tal-komunikazzjoni, il-ħtieġa tat-traduzzjoni ta' dokumenti u deċiżjonijiet, il-protezzjoni ta' informazzjoni personali, u r-rekwiżit għall-aċċess effettiv għal proċeduri.

II. Kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni

A. Ġenerali

142. Fehim tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni huwa ferm importanti sabiex jiġi stabbilit kemm il-Konvenzjoni tapplika f'applikazzjoni għall-manteniment (applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, infurzar, stabbiliment jew modifika). Il-Konvenzjoni mhijiex maħsuba biex tkopri kull tip ta' applikazzjoni għall-manteniment meta l-partijiet jgħixu fi Stati differenti, u lanqas ma huwa minnu li kull dispożizzjoni tal-Konvenzjoni tapplika b'mod awtomatiku għal kull applikazzjoni li ssir skont il-Konvenzjoni.

143. Għaldaqstant, jekk il-Kapitoli tal-Konvenzjoni dwar id-dmirijiet tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-funzjonijiet tal-Awtorità Ċentrali, inkluż l-għoti ta' assistenza legali, u r-regoli dwar il-kontenut u t-trażmissjoni ta' applikazzjonijiet, japplikawx f'sitwazzjoni partikolari hija l-ewwel kunsiderazzjoni importanti. Dawn id-dmirijiet huma stabbiliti fil-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni.

144. L-Artikolu 2 huwa l-punt tat-tluq sabiex jinstab il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni u jekk il-Kapitoli II u III japplikawx f'applikazzjoni partikolari. L-Artikolu 2 jistabbilixxi t-tipi ta' obbligi tal-manteniment li huma koperti mill-Konvenzjoni, u kemm il-kamp ta' applikazzjoni jista' jitwessa' jew jiċċekken permezz ta' dikjarazzjoni minn Stat Kontraenti jew permezz ta' riserva minn Stat Kontraenti.

B. *Applikabbiltà ċentrali – obbligi tal-manteniment*

145. Fil-qofol tagħha, il-Konvenzjoni tkopri obbligi tal-manteniment għat-tfal u l-konjuġi kif spjegat hawn taħt.

1. Manteniment għat-tfal

146. L-iktar applikazzjoni komuni tal-Konvenzjoni hija għall-manteniment għat-tfal. Bħala punt tat-tluq, il-kapitoli kollha tal-Konvenzjoni japplikaw għall-obbligi kollha tal-***manteniment*** għat-tfal, diment li:

- l-obbligu tal-manteniment irriżulta minn relazzjoni bejn ġenitur u t-tfal,
- it-tfal għandhom inqas minn 21 sena.

*Il-**manteniment** jinkludi manteniment għal tfal, konjuġi jew sieħeb/sieħba, u spejjeż marbutin mal-indukrar tat-tfal jew konjuġi / sieħeb/sieħba. Skont il-Konvenzjoni, Stat jista' jestendi l-manteniment ukoll għal manteniment li jirriżulta minn forom oħrajn ta' relazzjonijiet familjari.*

147. L-Istati Kontraenti jistgħu jestendu jew jillimitaw dan il-kamp ta' applikazzjoni inizjali bl-użu ta' dikjarazzjonijiet jew riservi, kif diskuss fit-Taqsima 3 iktar 'il quddiem.

2. Manteniment għall-konjuġi

148. L-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għall-manteniment tal-konjuġi mhijiex komuni daqs kemm hija komuni għall-manteniment għat-tfal.

149. Il-Konvenzjoni sħiħa, inklużi d-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II u III, dejjem tapplika f'applikazzjoni għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, jew infurzar jekk it-talba għal manteniment tal-konjuġi ssir flimkien ma', jew bħala parti minn, talba għal manteniment għat-tfal fil-kuntest spjegat hawn fuq.[37] Għalhekk, dawn l-applikazzjonijiet jgħaddu mill-Awtoritajiet Ċentrali fiż-żewġ Stati u japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni marbutin mal-Awtoritajiet Ċentrali, bħall-obbligi li jiġu pprovduti aġġornamenti u jintbagħtu deċiżjonijiet lill-awtorità kompetenti fi ħdan l-Istat.

150. Madankollu, jekk l-applikazzjoni tinvolvi biss manteniment għall-konjuġi, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II u III ma japplikawx għall-applikazzjoni sakemm l-Istat ma jkunx estenda l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni sħiħa b'dikjarazzjoni għall-manteniment tal-konjuġi. Dan ifisser li t-talba jew l-applikazzjoni mhijiex ser tgħaddi mill-Awtorità Ċentrali, iżda minflok ser tmur direttament quddiem l-awtorità kompetenti fl-Istat l-ieħor. Dawn jissejħu talbiet diretti lil awtorità kompetenti. Peress li l-Awtoritajiet Ċentrali mhumiex involuti, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar l-attivitajiet tagħhom ma japplikawx, iżda hemm dispożizzjonijiet oħrajn li ser japplikaw għal talbiet diretti lil awtoritajiet kompetenti. L-Artikoli kollha fil-Konvenzjoni, ħlief dawk fil-Kapitoli II u III, dejjem ser ikunu japplikaw għal deċiżjonijiet għal manteniment għall-konjuġi biss.

151. Stat Kontraenti jista' jestendi l-involviment tal-Awtorità Ċentrali tiegħu għall-kwistjonijiet kollha dwar il-manteniment għall-konjuġi, kif spjegat fit-taqsima li jmiss.

---

[37] Il-Konvenzjoni tuża l-kliem "issir b'talba" għal manteniment għat-tfal. Dan mhux bilfors ifisser li t-talba konjugali trid tkun fl-istess deċiżjoni, iżda trid tkun marbuta jew relatata mat-talba għal manteniment għat-tfal. Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 47.

3. Riservi u dikjarazzjonijiet

152. Il-ħila tal-Istati Kontraenti li jillimitaw jew jestendu l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni hija spjegata fl-Artikolu 2.

a) Manteniment għat-tfal – età tat-tfal

153. Stat Kontraenti jista' jagħmel ***riserva*** skont il-Konvenzjoni li tillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal tfal taħt it-18-il sena. Stat Kontraenti jista' jestendi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni (jew kull parti minnha) għal ulied ta' iktar minn 21 sena wkoll.

Riserva *hija dikjarazzjoni formali minn Stat Kontraenti, awtorizzata f'ċerti ċirkustanzi skont il-Konvenzjoni, li tispeċifika li l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni f'dak l-Istat ser tkun limitata b'xi mod.*

b) Manteniment għall-konjuġi

154. Stat Kontraenti jista' jagħmel dikjarazzjoni sabiex jestendi l-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni għal uħud mill-applikazzjonijiet li jinvolvu manteniment għall-konjuġi jew għal kollha kemm huma. Effettivament, dan ifisser li d-dmirijiet tal-Awtorità Ċentrali, inkluż li tagħmel jew twieġeb għal Talbiet għal Miżuri Speċifiċi, u d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw uħud mill-applikazzjonijiet jew kollha kemm huma ser japplikaw għall-obbligi u t-talbiet kollha ta' manteniment għall-konjuġi.

c) Forom oħrajn ta' manteniment tal-familja

155. Il-Konvenzjoni tippermetti lil Stati Kontraenti sabiex jagħmlu ***dikjarazzjoni*** li testendi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni (jew xi silta mill-Konvenzjoni) għal tipi oħrajn ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjoni familjari. Għaldaqstant, Stat Kontraenti jista' jestendi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal manteniment li jirriżulta f'sitwazzjonijiet ta' affinità jew relazzjoni familjari oħra. Stat Kontraenti jista' jestendi l-Konvenzjoni wkoll biex din tkopri l-manteniment għal persuni vulnerabbli, kif iddefiniti fil-Konvenzjoni.

Dikjarazzjoni *hija stqarrija formali li ssir minn Stat Kontraenti fir-rigward ta' ċerti Artikoli jew rekwiżiti skont il-Konvenzjoni. Id-dikjarazzjonijiet huma spjegati fl-Artikolu 63.*

d) Ftehimiet dwar il-manteniment

156. Stat Kontraenti jista' jagħmel riserva skont il-Konvenzjoni li tindika li mhuwiex ser jirrikonoxxi u jinfurza ***ftehimiet dwar il-manteniment***. Jekk issir din ir-riserva, deċiżjonijiet dwar il-manteniment kif iddefiniti fil-Konvenzjoni biss jistgħu jiġu rikonoxxuti u infurzati f'dak l-Istat. Stat jista' jagħmel ukoll dikjarazzjoni li l-applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar ta' ftehimiet dwar il-manteniment għandhom isiru biss permezz tal-Awtorità Ċentrali tiegħu. Ara l-Artikoli 19(4) u 30(7).

Ftehim dwar il-manteniment *huwa ddefinit fl-Artikolu 3 bħala ftehim bil-miktub marbut mal-ħlas tal-manteniment, li tfassal jew ġie rreġistrat b'mod formali bħala strument awtentiku minn awtorità kompetenti, jew ġie awtentiċizzat, konkluż, irreġistrat jew ippreżentat ma' awtorità kompetenti u li jista' jkun soġġett*

4. Effett tar-riservi biex jillimitaw l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni

157. Kif diskuss iktar 'il fuq, Stat Kontraenti jista' jagħmel riserva skont il-Konevenzjoni li tillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Skont l-Artikolu 2(2), Stat Kontraenti jista' jillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għall-manteniment għat-tfal taħt it-18-il sena. Dan ifisser li, f'dak l-Istat, il-Konvenzjoni mhijiex ser tkopri applikazzjonijiet li huma marbutin mal-manteniment għal tfal li għandhom inqas minn 18-il sena.

158. Jekk Stat Kontraenti għamel riserva li tillimita l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni fl-Istat tiegħu għal persuni ta' inqas minn 18-il sena, ma jistax jitlob lil Stati oħrajn sabiex jieħdu ħsieb applikazzjonijiet għal tfal ta' 18-il sena jew iktar (Art. 2(2) u 62(4)).

159. Tagħirf li jindika jekk xi riserva li tirrestrinġi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni saritx minn Stat Kontraenti huwa disponibbli fis-sit tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-Taqsima "Child Support / Maintenance".

5. Effett tad-dikjarazzjonijiet għal estensjoni tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni

160. Ta' min jisħaq li estensjonijiet tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni jridu jkunu "jaqblu" kemm fl-Istat rikjest kif ukoll fl-Istat rikjedenti sabiex il-Konvenzjoni tkun tapplika fiż-żewġ Stati b'rabta mal-kamp ta' applikazzjoni estiż. Dan ma jfissirx li l-estensjoni sħiħa trid tkun l-istess fiż-żewġ Stati – iżda biss li parti minnha tkun l-istess.

__Dikjarazzjoni__ hija stqarrija formali li ssir minn Stat Kontraenti fir-rigward ta' ċerti Artikoli jew rekwiżiti skont il-Konvenzjoni.

161. Pereżempju, jekk l-Istat Kontraenti A (l-Istat rikjedenti) estenda l-applikazzjoni tal-Artikoli kollha tal-Konvenzjoni, inklużi l-Kapitoli II u III, biex ikopri kwistjonijiet relatati mal-manteniment ta' persuni vulnerabbli, dan ma jimponi l-ebda obbligu fuq l-Istat Kontraenti B (l-Istat rikjest) li jaċċetta applikazzjoni għall-istabbiliment tal-manteniment għal persuna vulnerabbli, sakemm id-***dikjarazzjoni*** mill-Pajjiż B ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni għall-manteniment għal persuni vulnerabbli, u estendiet il-Kapitoli II u III għal applikazzjonijiet ta' stabbiliment għall-manteniment għal persuni vulnerabbli. F'dan l-eżempju, id-dikjarazzjonijiet mill-Pajjiż A u l-Pajjiż B jaf ma jkunux l-istess iżda "jaqblu" fir-rigward tal-applikazzjonijiet sabiex jistabbilixxu manteniment għal persuni vulnerabbli, għaliex iż-żewġ Stati estendew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal applikazzjonijiet ta' stabbiliment.

162. Tagħrif dwar jekk saritx xi dikjarazzjoni għal estensjoni tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni minn Stat Kontraenti huwa disponibbli fis-sit tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-Taqsima "Child Support / Maintenance".

6. Eżempji ta' każijiet

Eżempju 1

163. K tgħix fil-Pajjiż A. Għandha deċiżjoni dwar il-manteniment meħuda fil-Pajjiż A li tesiġi li L iħallas manteniment għal żewġt itfal, li għandhom 10 u 12-il sena, u li jħallas manteniment għall-konjuġi. L huwa missier it-tfal u jgħix fil-Pajjiż B. K tixtieq li d-deċiżjoni dwar il-manteniment tiġi rikonoxxuta u infurzata fil-Pajjiż B. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

Il-Konvenzjoni tapplika?

164. Il-Konvenzjoni tapplika għal din il-kwistjoni. It-tfal huma taħt il-21 sena u l-kwistjoni tikkonċerna manteniment għat-tfal li jirriżulta minn relazzjoni bejn ġenitur u t-tfal. Peress li t-talba għal rikonoxximent u infurzar tal-manteniment għall-konjuġi hija inkluża mat-talba għal manteniment għat-tfal, id-dispożizzjonijiet sħaħ tal-Konvenzjoni japplikaw għal dik it-talba wkoll.

Eżempju 2

165. M tgħix fil-Pajjiż A u għandha deċiżjoni dwar il-manteniment meħuda fil-Pajjiż A li tipprovdi għal manteniment għat-tfal għal tifel wieħed, li llum għandu 20 sena. M tixtieq li d-deċiżjoni dwar il-manteniment tiġi infurzata kontra missier it-tifel, li issa jgħix fil-Pajjiż B. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

Il-Konvenzjoni tapplika?

166. Peress li dan l-aħħar każ jikkonċerna manteniment għat-tfal minn relazzjoni bejn ġenitur u tifel, il-Konvenzjoni tapplika sakemm il-Pajjiż A jew B ma jkunx għamel xi riserva li tillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal każijiet li fihom it-tifel ikollu inqas minn 18-il sena. Jekk saret dik ir-riserva mill-Pajjiż A jew inkella mill-Pajjiż B, il-Konvenzjoni ma tapplikax għal dan il-każ.

Eżempju 3

167. N tgħix fil-Pajjiż A u qed tfittex li tiġi stabbilita deċiżjoni dwar il-manteniment għat-tfal għat-tifla tagħha, ta' sitt xhur, u manteniment għall-konjuġi għaliha stess. Missier it-tifla, l-eks raġel ta' N, jgħix fil-Pajjiż B. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

Il-Konvenzjoni tapplika?

168. Il-Konvenzjoni ser tapplika għall-applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni għall-manteniment għat-tfal. Madankollu, N ma tistax tuża s-servizzi tal-Awtorità Ċentrali, jew id-dispożizzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni biex *tistabbilixxi* deċiżjoni għal manteniment għall-konjuġi, sakemm kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B ma jkunux estendew l-applikazzjoni tal-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni għal obbligi tal-manteniment għall-konjuġi, jew b'mod iktar speċifiku sabiex jiġu stabbiliti obbligi tal-manteniment għall-konjuġi.

169. Id-dijagramma fil-paġna li jmiss turi kif jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk il-Konvenzjoni, jew xi parti minnha, tapplikax għal obbligu partikolari ta' manteniment.

DETERMINAZZJONI TAL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-KONVENZJONI



Figura 7: Determinazzjoni ta' jekk applikazzjoni taqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni

C. *Fatturi oħrajn li jirregolaw l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni*

170. Hemm għadd ta' fatturi oħrajn li jistgħu jħallu impatt fuq il-mod li bih tapplika l-Konvenzjoni f'sitwazzjoni partikolari. Dawn jinkludu:

- il-partijiet jgħixu fi Stati Kontraenti?
- l-applikant huwa debitur jew kreditur?
- l-applikant għandu deċiżjoni dwar il-manteniment?
- fejn ittieħdet id-deċiżjoni?
- liema hija r-residenza abitwali tal-kreditur?

1. Il-partijiet jgħixu fi Stati Kontraenti?

171. Sabiex tkun tapplika l-Konvenzjoni, l-applikant (il-persuna li tagħmel l-applikazzjoni jew titlob assistenza skont il-Konvenzjoni) trid tkun tgħix fi Stat Kontraenti.

172. Jekk l-applikant jgħix fi Stat Kontraenti iżda r-rispondent (il-persuna li ser tkun qed twieġeb għall-applikazzjoni) ma tgħixx fi Stat Kontraenti jew, fil-każ ta' persuna li twieġeb li hija debitur, ma għandhiex assi jew dħul fi Stat Kontraenti, l-applikant mhuwiex ser ikun jista' juża l-Konvenzjoni għal rikonoxximent, infurzar, stabbiliment jew modifika ta' deċiżjoni dwar il-manteniment. F'din is-sitwazzjoni, l-applikant jista' jkun jaqbillu jfittex pariri legali biex jiddetermina jekk hemmx mezzi oħrajn ta' kif jikseb il-manteniment partikolari mfittex.

173. Jekk l-applikant jgħix fi Stat mhux Kontraenti iżda r-rispondent / id-debitur jgħix jew għandu assi fi Stat Kontraenti, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat tal-applikant mhijiex ser tkun involuta, iżda l-applikant jista' jagħmel talba diretta lil awtorità kompetenti fl-Istat tar-rispondent għal assistenza.[38]

174. Jekk l-ebda waħda mill-partijiet ma tgħix fi Stat Kontraenti, il-kwistjoni ma tistax tipproċedi billi tintuża l-Konvenzjoni, iżda l-applikant jaf ikun jista' juża proċeduri oħrajn fl-Istat fejn jgħix, għal stabbiliment jew infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment.

175. Tista' ssir taf jekk Stat huwiex Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni billi tidħol fis-sit tal-Konvenzjoni tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-Taqsima "Child Support / Maintenance".

2. L-applikant huwa debitur jew kreditur?

176. L-applikant għal rimedju skont il-Konvenzjoni jista' jkun kreditur, debitur jew korp pubbliku. ***Kreditur*** huwa l-individwu li lilu huwa dovut jew allegatament dovut il-manteniment. ***Debitur*** huwa l-individwu li jrid iħallas jew allegatament irid iħallas il-manteniment. ***Korp pubbliku*** huwa entità governattiva li pprovdiet benefiċċji lill-kreditur, minflok manteniment, jew li qed taġixxi minflok jew f'isem kreditur.

---

38 Ftakar li r-regoli u l-proċeduri għall-każijiet li awtorità kompetenti taċċetta direttament ser jiġu stabbiliti kompletament mil-liġi domestika. Għalhekk, f'din is-sitwazzjoni l-applikant ikollu jidħol f'kuntatt mal-awtorità kompetenti biex isir jaf x'ser ikun meħtieġ sabiex jagħmel it-talba.

Għaliex huwa importanti l-applikant?

177. Importanti li jiġi identifikat l-applikant, għaliex l-Artikolu 10 jistabbilixxi min huwa intitolat jiftaħ kull tip ta' applikazzjoni.

178. ***Kreditur*** jista' jiftaħ kull waħda mill-applikazzjonijiet li ġejjin:

- applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni,
- applikazzjoni għal infurzar ta' deċiżjoni magħmula jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest,
- applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni meta ma tkun teżisti l-ebda deċiżjoni preċedenti, inkluż l-istabbiliment tal-parentela jekk ikun hemm bżonn,
- applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni meta tkun teżisti deċiżjoni iżda din ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta jew infurzata,
- applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni magħmula fl-Istat rikjest jew fi Stat ieħor li mhuwiex l-Istat rikjest.

*Il-**kreditur** huwa l-individwu li lilu huwa dovut jew allegatament dovut il-manteniment. Kreditur jista' jkun ġenitur jew konjuġi, tifel, ġenituri adottivi, jew qraba jew oħrajn li jieħdu ħsieb it-tifel. F'ċerti Stati, din il-persuna tista' tissejjaħ riċevitur tal-manteniment, destinatarju, jew ġenitur kustodju jew indukratur.*

179. ***Debitur*** jista' jiftaħ biss l-applikazzjonijiet li ġejjin skont il-Konvenzjoni:

- applikazzjoni għal rikonoxximent ta' deċiżjoni sabiex jiġi limitat jew sospiż infurzar ta' deċiżjoni preċedenti, jew
- applikazzjoni għal modifika ta' deċiżjoni meħuda fl-Istat rikjest jew fi Stat ieħor li mhuwiex l-Istat rikjest.

*Id-**debitur** huwa l-individwu li jrid jew allegatament irid iħallas il-manteniment. Id-debitur jista' jkun ġenitur, jew konjuġi jew kull persuna oħra li, skont il-liġi tal-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni, hija obbligata tħallas manteniment. F'ċerti Stati, din il-persuna tissejjaħ min iħallas il-manteniment, obbligant, jew ġenitur mhux kustodju jew mhux residenti.*

180. ***Korp pubbliku*** jista' jiftaħ biss l-applikazzjonijiet li ġejjin:

- applikazzjoni għal infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest,
- applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni meħuda xi mkien ieħor, jew
- applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni biss jekk deċiżjoni eżistenti ma tistax tiġi rikonoxxuta minħabba riserva skont l-Artikolu 20(2).

***Korp pubbliku** huwa awtorità tal-gvern li tista' tagħmel applikazzjoni għal manteniment, bħala kreditur, f'ċirkustanzi limitati.*

181. B'hekk, korp pubbliku ma jistax, pereżempju, jużа l-Konvenzjoni biex iniedi modifika ta' deċiżjoni eżistenti, u lanqas debitur ma jista' jużа l-proċessi tal-Konvenzjoni biex jistabbilixxi deċiżjoni dwar il-manteniment.

182. Barra minn hekk, hemm limitazzjonijiet fil-Konvenzjoni marbutin mal-firxa tal-assistenza legali li trid tiġi pprovduta lil kreditur jew debitur fi kwalunkwe applikazzjoni. Ara l-Kapitolu 3, Parti 2, Taqsima III, li tispjega r-rekwiżit li tingħata assistenza legali.

3. L-applikant għandu deċiżjoni dwar il-manteniment?

183. ***Deċiżjoni dwar il-manteniment*** hija dispożizzjoni f'deċiżjoni meħuda minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva li teħtieġ il-ħlas tal-manteniment għal applikant, tifel jew persuna oħra li teħtieġ appoġġ. Deċiżjoni dwar il-manteniment tista' tkun ordni magħmula minn awtorità ġudizzjarja, jew ordni jew deċiżjoni ta' awtorità amministrattiva, tribunal jew ministeru, jekk dik id-deċiżjoni tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19.

184. Ftehim dwar il-manteniment, kif iddefinit fil-Konvenzjoni, jista' jiġi rikonoxxut u infurzat fi Stat jekk huwa infurzabbli fl-Istat fejn sar. Madankollu, ftehim dwar il-manteniment mhuwiex deċiżjoni skont it-tifsira tal-Konvenzjoni u hemm regoli differenti li japplikaw għar-rikonoxximent ta' ftehimiet dwar il-manteniment.

185. Jekk l-applikant ma għandux deċiżjoni dwar il-manteniment, f'dak il-każ l-applikazzjoni xierqa hija għal stabbiliment. Madankollu, l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni għal talba għal stabbiliment tista' tkun tiddependi fuq x'tip ta' manteniment qed jintalab, kif diskuss fit-taqsima dwar il-kamp ta' applikazzjoni iktar 'il fuq.

4. Fejn ittieħdet id-deċiżjoni dwar il-manteniment?

186. Il-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni dwar il-manteniment huwa importanti sabiex jiġi stabbilit jekk id-deċiżjoni tridx tiġi rikonoxxuta jew le qabel ma tkun tista' tiġi infurzata. Jekk id-deċiżjoni ttieħdet fl-Istat rikjest, ma hemm bżonn issir l-ebda talba għal rikonoxximent, u l-applikant jista' jipproċedi sempliċiment sabiex jitlob infurzar tad-deċiżjoni. Jekk id-deċiżjoni ttieħdet fi Stat Kontraenti li mhuwiex l-Istat fejn ser tiġi infurzata, l-ewwel trid tiġi rikonoxxuta.

187. F'applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, id-deċiżjoni dwar il-manteniment trid tkun ittieħdet fi Stat Kontraenti.[39]

5. Liema hija r-residenza abitwali tal-kreditur?

188. Minbarra l-kunsiderazzjoni ta' jekk l-applikant u r-rispondent f'kull applikazzjoni jgħixux fi Stati Kontraenti, l-istabbiliment tar-residenza abitwali tal-kreditur huwa kunsiderazzjoni importanti f'applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, u f'applikazzjonijiet għal modifika miftuħin minn debituri. Dan għaliex hemm dispożizzjonijiet speċjali marbutin mar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni mmodifikata skont min fetaħ l-applikazzjoni u jekk il-kreditur huwiex resident abitwali fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni oriġinali dwar il-manteniment.

189. It-terminu "residenza abitwali" mhuwiex iddefinit fil-Konvenzjoni u, għalhekk, jekk kreditur huwiex resident abitwali fi Stat ser jiddependi fuq il-fatti tal-każ partikolari. Is-soltu, residenza abitwali tinstab billi jitqiesu fatturi bħal fejn għandha residenza l-persuna, fejn normalment tgħix, taħdem jew tmur l-iskola.[40]

190. Skont il-Konvenzjoni, jekk il-kreditur huwa resident abitwali fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni, ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni ta' modifika meħuda fuq talba ta' debitur jista' jiġi rrifjutat skont l-Artikolu 18 sakemm ma japplikawx l-eċċezzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 18. Dan huwa kopert f'iktar dettall fil-Kapitoli 11 u 12 tal-Manwal.

---

39 Rapport Spjegattiv, para. 240.
40 Rapport Spjegattiv, para. 63 u 444.

Parti 2
Kwistjonijiet komuni għall-applikazzjonijiet kollha skont il-Konvenzjoni u għal Talbiet għal Miżuri Speċifiċi

191. Din il-Parti tittratta għadd ta' kwistjonijiet li huma komuni għall-applikazzjonijiet u t-talbiet kollha skont il-Konvenzjoni.

I. Lingwa

192. Minħabba l-għamla internazzjonali tal-operazzjoni tal-Konvenzjoni, importanti li l-applikazzjonijiet u l-komunikazzjonijiet isegwu r-regoli stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar il-lingwa tal-komunikazzjoni u kull rekwiżit għat-traduzzjoni ta' dokumenti. Dawn huma stabbiliti fl-Artikoli 44 u 45.

A. Lingwa tal-applikazzjoni u d-dokumenti

193. Kull applikazzjoni li ssir skont il-Konvenzjoni, u d-dokumenti li jakkumpanjaw l-applikazzjoni (inkluża d-deċiżjoni) iridu jsiru fil-lingwa oriġinali tagħhom. Traduzzjoni tal-applikazzjoni (u d-dokumenti relatati) f'lingwa uffiċjali[41] tal-Istat rikjest trid tkun inkluża wkoll sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat rikjest (l-awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja li tipproċessa l-applikazzjoni) ma tindikax li ma teħtieġx traduzzjoni.

194. L-Istat rikjest jista' jiddikjara wkoll skont il-Konvenzjoni li ser tintuża lingwa oħra minbarra l-lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest għal applikazzjonijiet u dokumenti relatati. Meta jkun hemm unitajiet territorjali fi Stat (*pereż.*, provinċji jew Stati) u jkun hemm iktar minn lingwa uffiċjali waħda, jew meta Stat ikollu bosta lingwi uffiċjali li jistgħu jintużaw f'partijiet differenti tat-territorju tiegħu, l-Istat Kontraenti jista' jagħmel ukoll dikjarazzjoni li tispeċifika liema lingwa trid tintuża għal kull unità territorjali speċifika.

195. Kun af li wieħed mill-vantaġġi importanti li jintużaw il-formoli rakkomandati għal applikazzjoni skont il-Konvenzjoni huwa li l-istruttura tagħhom tippermettilhom jimtlew f'kull lingwa u jinftiehmu faċilment f'lingwa oħra, u b'hekk tonqos il-ħtieġa ta' traduzzjoni.

B. Lingwa tal-komunikazzjonijiet

196. Sakemm l-Awtoritajiet Ċentrali ma jkunux qablu mod ieħor, il-komunikazzjonijiet kollha bejn l-Awtoritajiet Ċentrali jridu jsiru fil-lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest, jew fl-Ingliż jew fil-Franċiż. Stat Kontraenti jista' jagħmel riserva li teskludi l-użu tal-Ingliż jew il-Franċiż f'dawn il-komunikazzjonijiet. F'dan il-kuntest il-komunikazzjoni tirreferi għal korrispondenza ta' rutina, aġġornamenti u avviżi bejn Stati Kontraenti.

---

41 Meta Stat ikollu iktar minn lingwa uffiċjali waħda, u mhux il-partijiet kollha tat-territorju tiegħu jużaw il-lingwi uffiċjali kollha, importanti li jikkonferma liema lingwa hija meħtieġa fit-territorju fejn ser tintbagħat dik l-applikazzjoni (Art. 44(2)).

C. Eċċezzjonijiet fit-traduzzjoni

197. F'xi każijiet jista' ma jkunx prattiku jew possibbli li l-Istat rikjedenti jittraduċi d-dokumenti fil-lingwa użata jew speċifikata mill-Istat rikjest. Pereżempju, is-servizzi tat-traduzzjoni disponibbli fl-Istat rikjedenti jistgħu ma jipprovdux traduzzjoni fil-lingwa tal-Istat rikjest. F'dan il-każ, jekk l-applikazzjoni hija skont il-Kapitolu III (ġeneralment – kull applikazzjoni li tikkonċerna l-manteniment għat-tfal jew rikonoxximent u infurzar tal-manteniment għat-tfal u tal-konjuġi), l-Istat rikjest jista' jaqbel, jew għal dak il-każ jew b'mod ġenerali, biex ilesti t-traduzzjoni huwa stess.[42]

198. Jekk l-Istat rikjest ma jaqbilx li jassisti fit-traduzzjoni, f'dak il-każ l-Istat rikjedenti għandu l-għażla li sempliċiment jittraduċi d-dokumenti fl-Ingliż jew fil-Franċiż. L-Istat rikjest jista' mbagħad ikompli jittraduċi d-dokument fil-lingwa tiegħu stess, jekk ikun hemm bżonn.

D. Kif dan jaħdem fil-prattika

1 Meta jibgħat applikazzjoni skont il-Konvenzjoni, l-applikant (jew ir-rappreżentant tal-Awtorità Ċentrali) jimla l-applikazzjoni bil-lingwa tiegħu stess, u jinkludi kull dokument relatat, bħad-deċiżjoni dwar il-manteniment fil-lingwa oriġinali tagħha.

2 Jekk il-lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest jew tat-territorju jew is-subunità partikolari tal-Istat rikjest hija lingwa differenti minn dik tal-Istat rikjedenti, sakemm l-Istat rikjest ma jkunx qabel li ma hemm bżonn ta' l-ebda traduzzjoni, l-applikazzjoni u d-dokumenti meħtieġa ser ikollhom jiġu tradotti f'dik il-lingwa uffiċjali, jew f'kull lingwa oħra li l-Istat rikjest indika f'dikjarazzjoni.

3 Jekk l-Istat rikjedenti ma jistax jittraduċi d-dokumenti fil-lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest (jew lingwa oħra speċifikata mill-Istat rikjest), u l-applikazzjoni taqa' taħt il-Kapitolu III, l-Istat rikjedenti jista':

i) jistaqsi jekk l-Istat rikjest jaqbilx li jagħmel it-traduzzjoni;

ii) Jekk l-Istat rikjest ma jaqbilx, jittraduċi d-dokumenti fl-Ingliż jew il-Franċiż (sakemm l-Istat rikjest ma għamilx riserva li teskludi waħda minn dawn il-lingwi) u jibgħat id-dokumenti lill-Istat rikjest, fejn jistgħu jerġgħu jiġu tradotti fil-lingwa uffiċjali mill-Istat rikjest.

4 Il-komunikazzjonijiet sussegwenti kollha (ittri, rapporti u korrispondenza simili) bejn l-Awtoritajiet Ċentrali ser ikunu bil-lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest, jew bl-Ingliż jew bil-Franċiż. L-Istat rikjedenti għandu għażla dwar jekk jikkomunikax bil-lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest, jew bl-Ingliż jew bil-Franċiż, sakemm l-Istat rikjest ma jkunx għamel riserva li teskludi l-użu tal-Ingliż jew il-Franċiż.

Żewġ eżempji

199. Deċiżjoni dwar il-manteniment saret fil-Ġermanja u ser tintbagħat il-Messiku għal rikonoxximent u infurzar. Il-materjali li ntbagħtu l-Messiku ser jinkludu kopja tad-deċiżjoni bil-Ġermaniż jekk dik kienet il-lingwa oriġinali tad-deċiżjoni, u traduzzjoni tad-deċiżjoni fl-Ispanjol. Il-Formola mandatorja ta' Trażmissjoni, il-formola tal-applikazzjoni rakkomandata u d-dokumenti meħtieġa bħad-Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà jridu jkunu sottomessi bl-Ispanjol, u b'hekk jekk tħejjew bil-Ġermaniż, ser ikollha tiġi pprovduta kopja tradotta sakemm il-Messiku ma jkunx għamel dikjarazzjoni li tindika li ma jeħtieġx traduzzjoni. Il-komunikazzjonijiet kurrenti f'dan

[42] Kun af li jekk l-Istat rikjest jagħmel it-traduzzjoni kif spjegat iktar 'il fuq, l-ispejjeż ta' dik it-traduzzjoni jridu jiġġarrbu mill-Istat rikjedenti (sakemm l-Awtoritajiet Ċentrali taż-żewġ Stati ma jkunux qablu mod ieħor). Ara wkoll l-Art. 45(3).

il-każ isiru jew bl-Ispanjol (il-lingwa tal-Istat rikjest) jew bl-Ingliż jew il-Franċiż, sakemm il-Messiku ma jkunx għamel dikjarazzjoni li teskludi l-użu tal-Ingliż jew tal-Franċiż.

200. L-applikant fl-Istat rikjedenti (in-Norveġja) ma għandux il-kapaċità li jittraduċi d-dokumenti fil-lingwa tal-Istat rikjest (Spanjol fil-Messiku), u l-awtorità fil-Messiku ma tistax tittraduċi d-deċiżjoni min-Norveġiż fl-Ispanjol. F'dan il-każ, minflok, id-dokumenti jistgħu jiġu tradotti mill-applikant min-Norveġiż fl-Ingliż jew il-Franċiż. Imbagħad, it-traduzzjoni fl-Ingliż jew il-Franċiż tista' tintbagħat il-Messiku, u l-awtorità Messikana tista' tittraduċiha fl-Ispanjol.

E. Rekwiżiti oħrajn tad-dokumenti

1. Legalizzazzjoni

201. F'konformità ma' Konvenzjonijiet oħrajn tal-Aja, l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni tal-2007 dwar il-Manteniment għat-Tfal jistabbilixxi li l-ebda ***legalizzazzjoni*** jew formalitajiet simili ma jistgħu jkunu meħtieġa skont il-Konvenzjoni. Għalhekk, ma hemm l-ebda ħtieġa ta' xi awtentikazzjoni formali tal-firma tal-uffiċjal pubbliku li jimla d-dokumenti jew il-ħtieġa ta' Postilla, jekk din hija l-prattika normali fi Stat Kontraenti.

Legalizzazzjoni *huwa t-terminu użat biex jiddeskrivi ċerti proċeduri legali formali, bħall-użu ta' Postilla jew notarizzazzjoni, għall-awtentikazzjoni tad-dokumenti.*

2. Prokura

202. L-Artikolu 42 jistabbilixxi li prokura tista' tintalab biss minn applikant f'ċirkustanzi ferm limitati. Prokura tista' tintalab f'sitwazzjoni li fiha l-Awtorità Ċentrali jew awtorità oħra fl-Istat rikjest ser tirrappreżenta lill-applikant, pereżempju fi proċediment il-qorti, jew meta l-prokura tkun meħtieġa sabiex jinħatar rappreżentant sabiex jaġixxi fi kwistjoni partikolari.[43] Il-Profil tal-Pajjiż jindika jekk hijiex meħtieġa prokura mill-Istat rikjest.

3. Firem u kopji ċċertifikati ta' dokumenti

203. Ma hemm l-ebda rekwiżit skont il-Konvenzjoni li applikazzjoni trid tkun iffirmata sabiex tkun valida. Barra minn hekk, fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal rikonoxximent, jew rikonoxximent u infurzar, l-Artikoli applikabbli (Art. 12(2), 13, 25 u 30) jipprevedu proċess li fih jistgħu jintbagħtu sempliċi kopji ta' dokumenti, inkluża d-deċiżjoni, mal-applikazzjoni għal rikonoxximent. Matul il-proċedimenti ta' rikonoxximent u infurzar, l-awtorità kompetenti jew ir-rispondent jistgħu jitolbu kopja ċċertifikata ta' kull wieħed mid-dokumenti, jekk din tkun meħtieġa għall-ipproċessar jew it-tweġib tal-applikazzjoni. Madankollu, sakemm ma ssirx talba, is-sempliċi kopji ikunu biżżejjed. Stat jista' jaċċetta dokumenti b'mod elettroniku wkoll, peress li l-lingwa tal-Konvenzjoni hija "newtrali għall-mezzi" intenzjonalment.

204. Skont il-Konvenzjoni, Stat jista' jispeċifika wkoll li, fil-każijiet kollha, ser jitlob kopja ċċertifikata ta' kull dokument. Il-Profil tal-Pajjiż jindika jekk Stat għamilx dik l-ispeċifikazzjoni għall-każijiet kollha.

---

43 Rapport Spjegattiv, para. 617.

II. Protezzjoni ta' informazzjoni personali u kunfidenzjali

205. Il-Konvenzjoni tistabbilixxi xi salvagwardji importanti għall-protezzjoni ta' informazzjoni personali u kunfidenzjali mibgħuta skont il-Konvenzjoni. (Kun af li din tissejjaħ "dejta" personali skont il-Konvenzjoni, għaliex dak huwa t-terminu użat f'Konvenzjonijiet oħrajn tal-Aja). Dawn huma stabbiliti fl-Artikoli 38, 39 u 40. Informazzjoni personali tinkludi (iżda mhijiex limitata għal) tagħrif bħall-isem, id-data tat-twelid, l-indirizz jew informazzjoni ta' kuntatt, u identifikaturi personali bħal numri tal-identità nazzjonali.[44]

206. Il-Konvenzjoni tagħraf li minħabba s-sensittività tat-tip ta' informazzjoni li ser tinqasam bejn l-Istati rigward individwi, il-protezzjoni ta' dik l-informazzjoni hija ferm importanti sabiex jiġi żgurat li l-partijiet ikunu protetti minn kull konsegwenza avversa li tista' tirriżulta mill-iżvelar ta' dik l-informazzjoni.

207. Hemm limiti speċifiċi fil-Konvenzjoni dwar l-iżvelar u l-konferma tal-informazzjoni miġbura jew mibgħuta skont il-Konvenzjoni f'ċerti ċirkustanzi. L-iżvelar jew il-konferma tal-informazzjoni mhumiex permessi meta dawn jixħtu riskju fuq is-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' persuna (Art. 40(1)). Il-persuna tista' tkun tifel/tifla, l-applikant, jew ir-rispondent, jew kull persuna oħra. Il-Konvenzjoni mhijiex limitata f'dan ir-rigward.

208. Meta Awtorità Ċentrali tistabbilixxi li l-iżvelar jew il-konferma tal-informazzjoni jistgħu joħolqu riskju bħal dan, hia tgħaddi dan it-tħassib lill-Awtorità Ċentrali l-oħra involuta, u dik l-Awtorità Ċentrali tqis dik is-sejba meta tipproċessa applikazzjoni skont il-Konvenzjoni. L-Awtorità Ċentrali rikjesta mhijiex marbuta bid-determinazzjoni tar-riskju li ssir mill-Awtorità Ċentrali rikjedenti. Madankollu, l-Awtorità Ċentrali rikjesta hija meħtieġa tiddetermina jekk l-iżvelar jistax jixħet f'riskju s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' persuna, u skont l-Artikolu 40(2), id-determinazzjoni li ssir mill-Istat rikjedenti għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni mill-Awtorità Ċentrali rikjesta. Il-mod li bih tipproċedi l-Awtorità Ċentrali f'din is-sitwazzjoni jiddependi fuq x'inhu meħtieġ sabiex tiġi pproċessata l-applikazzjoni, u sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-Istat skont il-Konvenzjoni (Art. 40). Jekk l-Awtorità Ċentrali rikjedenti hija mħassba dwar il-ħruġ tal-informazzjoni kunfidenzjali dwar l-applikant, il-kreditur jew persuna oħra, prattika rakkomandata hija li jintuża l-indirizz tal-awtorità Ċentrali jew kompetenti fl-Istat rikjedenti, b'tali mod li jingħata l-indirizz "intermedjarju" tal-kreditur jew l-applikant.[45]

209. Il-formoli obbligatorji u rrakkomandati ppubblikati mill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja tfasslu wkoll biex ikopru l-protezzjoni tal-informazzjoni personali. Dawn il-formoli jipprevedu sabiex Awtorità Ċentrali tindika li hemm tħassib li l-iżvelar jew konferma tal-informazzjoni jistgħu jixħtu f'riskju s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' persuna (hemm "kaxxa" fuq il-formoli fejn dan huwa indikat).

210. Meta jiġi indikat dan it-tħassib, il-formoli jippermettu sabiex l-informazzjoni personali sensittiva (bħal informazzjoni ta' kuntatt jew informazzjoni li tista' tintuża biex tiġi identifikata jew tinstab il-persuna) tkun inkluża f'parti separata tal-formola. B'dan il-mod, l-applikazzjoni, li fiha biss l-informazzjoni li r-rispondent ser ikollu bżonn sabiex iwieġeb għall-applikazzjoni, tista' tiġi pprovduta lir-rispondent jew l-awtorità kompetenti, mingħajr ma jinħoloq riskju għall-applikant, il-kreditur jew persuna oħra.

---

44 Rapport Spjegattiv, para. 605.

45 Rapport Spjegattiv, para. 612. Stat li jagħżel li juża indirizz "intermedjarju" għandu jkun jaf li, għal raġunijiet tal-liġi domestika, pereżempju għan-notifika ta' dokumenti, l-Istat rikjest jista' jitlob l-indirizz personali ta' kreditur.

211. Barra minn hekk, kull awtorità fl-Istat rikjest jew fl-Istat rikjedenti li tipproċessa informazzjoni skont il-proċeduri tal-Konvenzjoni trid issegwi l-liġijiet interni tagħha stess rigward il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni (Art. 39). Għalhekk, kull trażmissjoni ta' informazzjoni trid tkun konformi wkoll ma' kull rekwiżit intern stabbilit fil-liġi domestika, bħall-kisba ta' kunsens għall-ħruġ tal-informazzjoni, jew kull restrizzjoni fuq l-iżvelar.

III. Aċċess effettiv għal proċeduri u assistenza legali

A. Ħarsa ġenerali

1. Aċċess effettiv għal proċeduri

212. Wieħed mill-iktar prinċipji importanti li huwa fil-qalba tal-Konvenzjoni huwa li l-applikanti jrid ikollhom aċċess effettiv għall-proċedura meħtieġa biex jimlew l-applikazzjonijiet tagħhom fl-Istat rikjest. L-aċċess effettiv għal proċeduri jfisser li l-applikant, bl-assistenza tal-awtoritajiet fl-Istat rikjest jekk hemm bżonnha, ikun jista' jtella' l-każ tiegħu quddiem l-awtoritajiet xierqa fl-Istat rikjest.[46]

213. L-Artikoli 14, 15, 16, 17 u 43 tal-Konvenzjoni jieħdu ħsieb l-obbligu tal-Istat rikjest sabiex jipprovdi aċċess effettiv għal proċeduri, inkluż il-forniment ta' assistenza legali b'xejn f'ċerti ċirkustanzi, u l-ħila li jirkupra spejjeż minn parti li titlef f'ċerti ċirkustanzi (Art. 43). Din it-taqsima tal-Manwal tiġbor dawn id-dispożizzjonijiet fil-qosor.

214. Fl-Artikolu 14 hemm obbligu ġenerali li l-applikanti jiġu pprovduti b'aċċess effettiv għall-proċeduri, inklużi proċeduri ta' infurzar u appell. L-applikanti jinkludu krediturі, debituri, u korpi pubbliċi, meta jaġixxu minflok kreditur għall-fini ta' applikazzjonijiet għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, jew infurzar, li jagħmlu applikazzjonijiet permezz ta' Awtorità Ċentrali.

215. Talbiet diretti minn applikant lil awtorità kompetenti ma jaqgħux taħt id-dispożizzjoni ġenerali, iżda l-Artikolu 17 *b)* jinkludi rekwiżit ġenerali li tingħata assistenza limitata f'applikazzjonijiet ta' rikonoxximent u infurzar u anki l-Artikolu 14(5) japplika għal dawn l-applikazzjonijiet. (Dan huwa diskuss iktar 'il quddiem.)

2. Assistenza legali

216. It-tip ta' aċċess effettiv li jrid jiġi pprovdut ser jinkludi assistenza legali jekk iċ-ċirkustanzi jeħtieġu hekk. Il-mezzi jew il-ħila tal-applikant li jħallas ma għandhiex tkun xkiel għal dan l-aċċess. Għalhekk, l-Artikolu 15 jistabbilixxi li għandha tiġi pprovduta assistenza legali b'xejn għal krediturі ta' manteniment għat-tfal f'ħafna sitwazzjonijiet.

---

46 Rapport Spjegattiv, para. 357.

217. L-obbligu li tiġi pprovduta assistenza legali b'xejn huwa kkwalifikat mir-rikonoxximent li t-tali assistenza ma għandhiex bżonn tingħata jekk il-proċeduri użati fl-Istat rikjest huma sempliċi bieżżejjed biex l-applikant ikun jista' jippreżenta l-każ tiegħu b'mod effettiv mingħajr assistenza legali, u l-Awtorità Ċentrali tipprovdi s-servizzi meħtieġa b'xejn.

L-Artikolu 3 jiddefinixxi ***l-assistenza legali*** *bħala "l-assistenza meħtieġa biex l-applikanti jkunu jistgħu jsiru jafu u jasserixxu drittijiethom u jiżguraw li l-applikazzjonijiet huma indirizzati b'mod sħiħ u effettiv fl-Istat rikjest. Il-mezzi għall-għoti tat-tali assistenza jistgħu jinkludu skont il-bżonn pariri legali, assistenza fit-tressiq ta' każ quddiem awtorità, rappreżentazzjoni ġudizzjarja u eżenzjoni minn spejjeż tal-proċedimenti".*

218. Dan huwa importanti għaliex ħafna Stati żviluppaw proċeduri effettivi u effiċjenti għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, infurzar, stabbiliment u modifika ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment li jistgħu jintużaw mill-applikanti kollha f'dak l-Istat mingħajr il-bżonn ta' ***assistenza legali***, u dawn il-proċeduri ser ikunu disponibbli bl-istess mod għall-applikanti skont il-Konvenzjoni. Skont l-Istat, dan jista' jinkludi l-użu ta' formoli u proċeduri amministrattivi ssimplifikati, u l-forniment ta' tagħrif u pariri lill-applikanti kollha, mill-awtorità Ċentrali jew kompetenti. Diment li dawn il-proċeduri ssimplifikati jippermettu li l-applikant iressaq il-każ tiegħu b'mod effettiv, u jingħataw lill-applikant b'xejn mill-Istat rikjest, l-Istat rikjest mhuwiex obbligat jipprovdi lill-applikant b'assistenza legali b'xejn.

219. F'każ li l-proċeduri ssimplifikati ma jkunux disponibbli u jkun hemm bżonn ta' assistenza legali, hemm għadd ta' dispożizzjonijiet li jiddefinixxu ċ-ċirkustanzi li fihom trid tiġi pprovduta b'xejn lill-applikanti.

220. Peress li l-proċeduri għall-indirizzar ta' kwistjonijiet dwar il-manteniment ivarjaw bejn l-Istati, it-tip ta' assistenza legali meħtieġa bilfors li ser ikun differenti f'kull każ. Is-sistemi tat-tip amministrattiv u tribunali jistgħu jeħtieġu tip ta' assistenza mod, u s-sistemi ġudizzjarji mod ieħor. L-assistenza tista' tiġi pprovduta permezz ta' aċċess għal servizzi bħal kliniki tal-informazzjoni legali, għajnuna legali pubblika jew servizzi ta' appoġġ għall-familji. It-tip ta' servizzi ġuridiċi disponibbli ser jiġi stabbilit fil-Profil tal-Pajjiż tal-Istat Kontraenti.

221. Meta l-assistenza legali tkun meħtieġa mill-applikant, ġeneralment, bħala punt tat-tluq, il-Konvenzjoni teħtieġ li l-Istati Kontraenti kollha jipprovdu t-tali assistenza mingħajr spejjeż għall-krediturі kważi fis-sitwazzjonijiet kollha li jinvolvu ***manteniment għat-tfal***. Hemm xi eċċezzjonijiet għal dan għall-Istati li għamlu dikjarazzjonijiet skont il-Konvenzjoni.[47]

222. Madankollu, l-intitolament mill-applikanti għal assistenza legali b'xejn għal applikazzjonijiet rigward ***kwistjonijiet dwar il-manteniment mhux marbutin mat-tfal*** huwa iktar limitat, hekk ukoll id-dritt tad-debituri għal assistenza legali b'xejn għal applikazzjonijiet għal rikonoxximent u modifika. Għal dawn it-tipi ta' applikazzjonijiet, jista' jintuża ***test tal-mezzi*** jew ***test tal-merti*** mill-Istat rikjest bħala prekundizzjoni għall-għoti ta' assistenza legali.

Test tal-mezzi *jħares lejn id-dħul u l-assi tal-applikant, jew ċirkustanzi finanzjarji oħrajn li ser iħallu impatt fuq il-ħila tal-applikant sabiex iħallas għall-assistenza legali.*

Test tal-merti *janalizza l-merti jew il-probabbiltà ta' suċċess tal-applikazzjoni, billi jqis kwistjonijiet bħall-bażi ġuridika għall-applikazzjoni u jekk il-fatti fil-każ għandhomx probabbiltà li jirriżultaw f'eżitu pożittiv.*

---

47 Stat jista' jagħmel dikjarazzjoni li ser juża test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal għal ċerti każijiet (Art. 16(1)).

223. Madankollu, ta' min jisħaq li fil-każijiet kollha li jinvolvu rikonoxximent u infurzar, l-assistenza legali pprovduta lill-applikanti kollha (krediturі, debituri jew korp pubbliku[48]) minn Stat ma tistax tkun inqas minn dik li tingħata li kieku l-applikant kien applikant f'każ domestiku ekwivalenti. Dan jiżgura li jingħata l-istess livell ta' servizz lill-applikanti kollha, indipendentement minn fejn jgħixu. Barra minn hekk, għad li l-assistenza legali b'xejn mhux dejjem tkun disponibbli, l-Istat rikjest ma jistax jitlob xi bond jew depożitu bħala garanzija għall-ħlas ta' kull spiża legali (Art. 37(2) u 14(5)).

224. Għalhekk, jekk l-assistenza legali b'xejn hijiex disponibbli għal applikant ser jiddependi mill-fatturi li ġejjin:

- jekk hemmx proċeduri ssimplifikati b'xejn disponibbli għall-applikant fl-Istat rikjest,
- x'tip ta' manteniment huwa involut (manteniment għat-tfal, manteniment għall-konjuġi jew forma oħra ta' manteniment tal-familja),
- jekk l-applikant huwiex kreditur jew debitur,
- x'tip ta' applikazzjoni qed issir (rikonoxximent, infurzar, stabbiliment, modifika jew miżuri speċifiċi),
- jekk huwiex ser jiġi applikat test tal-merti għall-applikazzjoni partikolari,
- jekk test tal-mezzi huwiex qiegħed jintuża fl-Istat rikjest għall-applikazzjoni partikolari (iffokat fuq it-tfal jew ibbażat fuq iċ-ċirkustanzi tal-applikant).

225. It-taqsimiet u l-flowcharts li ġejjin jagħtu spjegazzjoni fid-dettall tal-intitolament għal assistenza legali b'xejn f'għadd ta' sitwazzjonijiet differenti.

B. Rekwiżit li tingħata assistenza legali b'xejn

226. It-taqsima li ġejja tispjega l-intitolament għal assistenza legali b'xejn għal applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni fl-Istati kollha, għajr dawk li għamlu dikjarazzjoni li jużaw test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal. Il-proċeduri użati f'dawk l-Istati huma koperti fi tmiem din it-taqsima.

Nota: *Jekk id-deċiżjoni ta' rikonoxximent u infurzar tinkludi manteniment għall-konjuġi kif ukoll manteniment għat-tfal, japplika l-istess intitolament għal assistenza legali.*

1. Applikazzjonijiet minn kreditur

a) Applikazzjonijiet li jikkonċernaw manteniment għat-tfal, għall-manteniment ta' tfal ta' taħt il-21 sena (jew iżgħar minn 18 jekk saret riserva)

227. Kif muri hawn taħt, jekk l-applikazzjoni tikkonċerna rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, jew infurzar ta' deċiżjoni għal manteniment għat-tfal, l-assistenza legali għandha tiġi pprovduta fuq bażi mingħajr spejjeż. Ma hemm l-ebda eċċezzjoni għal dan ir-rekwiżit. Jekk l-applikazzjoni tikkonċerna manteniment għat-tfal iżda hija għall-istabbiliment ta' deċiżjoni jew modifika ta' deċiżjoni, l-assistenza legali b'xejn tista' tiġi miċħuda minn Stat jekk dan iqis li l-applikazzjoni jew l-appell ma għandhomx merti.[49]

---

48 Rapport Spjegattiv, para. 383.

49 Ara wkoll l-Art. 43(2) fir-rigward tal-irkupru ta' spejjeż.



Figura 8: Assistenza legali: applikazzjonijiet ghal manteniment ghat-tfal minn kreditur

b) Applikazzjonijiet li jikkonċernaw il-manteniment għajr manteniment għat-tfal għal tfal ta' taħt il-21 sena (jew iżgħar minn 18 jekk saret riserva)

228. Meta l-applikazzjoni tikkonċerna manteniment għat-tfal għal tfal ta' 21 sena jew iktar, il-manteniment għall-konjuġi jew forma oħra ta' manteniment, u Stat estenda l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn it-tipi ta' każijiet, l-assistenza legali b'xejn ma għandhiex għalfejn tiġi pprovduta dejjem. Stat Kontraenti jista' jiċħad milli jipprovdi t-tali assistenza jekk l-applikazzjoni ma jkollhiex probabbiltà li tirnexxi (test tal-merti) u l-Istat jista' jagħmel ukoll it-test tal-mezzi bħala kundizzjoni għar-riċevuta tat-tali servizzi.

229. Madankollu, f'kull każ li jikkonċerna rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, jew infurzar ta' deċiżjoni eżistenti għat-tipi ta' manteniment deskritti fil-paragrafu ta' qabel, meta l-applikant ikun irċieva assistenza legali b'xejn fl-Istat ta' oriġini għal stabbiliment ta' deċiżjoni, l-applikant huwa intitolat ukoll għall-istess livell ta' assistenza fl-Istat rikjest, jekk dik l-assistenza tkun disponibbli fl-Istat rikjest. Dan huwa muri fil-Figura 9 fil-paġna li jmiss.



Figura 9: Assistenza legali: applikazzjonijiet għal manteniment mhux għat-tfal minn kreditur

c) Applikazzjonijiet minn korp pubbliku

230. Jekk l-applikant ikun korp pubbliku kif iddefinit fl-Artikolu 36, dan ser ikun jaqa' fi ħdan id-definizzjoni ta' kreditur għall-fini ta' applikazzjonijiet għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, jew infurzar ta' deċiżjoni. Għalhekk, hemm intitolament għal assistenza legali b'xejn għal korpi pubbliċi f'dawn l-applikazzjonijiet li jinvolvu deċiżjonijiet għal manteniment għat-tfal għal tfal ta' taħt il-21 sena (jew 18-il sena, skont il-każ).[50]

2. Applikazzjonijiet minn debitur

231. F'applikazzjonijiet li jsiru minn debitur, l-Istat rikjest jista' juża kemm test tal-merti kif ukoll test tal-mezzi biex jistabbilixxi jekk għandux jipprovdi assistenza legali b'xejn. Dan jintwera fil-Figura 10 ta' hawn taħt.



Figura 10: Assistenza legali: applikazzjonijiet minn debitur

50 Rapport Spjegattiv, para. 383 u 384.

3. Test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal

232. Stat Kontraenti jista' jagħmel dikjarazzjoni li beħsiebu jużа test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal f'applikazzjonijiet għajr dawk għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni dwar manteniment għat-tfal, biex isib jekk l-applikant huwiex intitolat għal assistenza legali b'xejn (ara l-Art. 16(3)). Il-flowchart ta' hawn taħt turi kif ser jiġi applikat it-test. Importanti li wieħed ifakkar li huwa l-mezzi tat-tfal, u mhux tal-ġenitur, li ser jiġu kkunsidrati fl-applikazzjoni tat-test, u b'hekk ħafna mill-applikanti jikkwalifikaw għal assistenza, sakemm it-tfal ma jkunux f'qagħda finanzjarja tajba b'mod indipendenti.

233. Jekk l-Istat rikjest għamel dikjarazzjoni sabiex jużа test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal, l-applikazzjoni trid tinkludi "attestazzjoni formali" li l-mezzi tat-tfal ser jissodisfaw il-kriterji stabbiliti mill-Istat rikjest. Dawn il-kriterji jistgħu jinkisbu mis-sit tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-Taqsima "Child Support / Maintenance". L-attestazzjoni mill-applikant tkun biżżejjed sakemm l-Istat rikjest ma jkollux raġunijiet raġonevoli sabiex jemmen li l-informazzjoni tal-applikant mhijiex preċiża.



Figura 11: Assistenza legali: test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal

4. Parentela jew testijiet ġenetiċi

234. L-Artikolu 6(2) *h)* tal-Konvenzjoni jeħtieġ li Awtorità Ċentrali tieħu l-miżuri xierqa biex tipprovdi assistenza fl-istabbiliment tal-parentela, meta din tkun meħtieġa għall-irkupru tal-manteniment. L-ispejjeż tat-testijiet ġenetiċi biex tinstab il-parentela jistgħu jkunu sinifikanti. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-ispejjeż ma jsirux ta' xkiel għall-kisba ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment għat-tfal,[51] jekk it-testijiet tal-parentela jkunu meħtieġa f'applikazzjoni skont l-Artikolu 10(1) *c)*, l-Istat rikjest ma jistax jitlob lill-applikant iħallas għat-testijiet, u dawk l-ispejjeż jaqgħu taħt id-dispożizzjoni ġenerali biex tiġi pprovduta assistenza legali b'xejn.[52]

235. Il-mod kif dan jaħdem fil-prattika ser jiddependi mill-proċeduri domestiċi għat-testijiet ġenetiċi fl-Istati Kontraenti involuti. F'ċerti Stati, bħala kundizzjoni tat-talba għat-testijiet, il-persuna li titlob it-testijiet tista' tkun meħtieġa tħallas għall-ispejjeż sħaħ tat-testijiet, inklużi l-ispejjeż għall-omm u t-tifel/tfal, bil-quddiem. Fi Stati oħrajn, id-debitur jista' jintalab iħallas biss is-sehem tiegħu mill-ispejjeż tat-testijiet bil-quddiem. F'dak il-każ, l-Istat rikjest ikopri l-ispejjeż għat-testijiet tal-omm u t-tifel/tfal – l-ispejjeż li kienu jkunu pagabbli mill-applikant, madankollu dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu rkuprati mid-debitur jekk jinstab li huwa missier it-tfal. Kull Stat jiddeċiedi, bħala kwistjoni ta' liġi jew proċedura domestika, kemm id-debitur ikun meħtieġ iġarrab l-ispejjeż tat-testijiet, u f'liema punt ikun meħtieġ dan il-proċess, jekk ikun meħtieġ affattu.

236. Il-Profil tal-Pajjiż għal kull Stat Kontraenti jindika x'arranġamenti hemm fis-seħħ f'dak l-Istat għat-testijiet tal-parentela.

237. Meta l-applikazzjoni tkun għal manteniment għat-tfal għal tfal ta' taħt il-21 sena, ir-regola ġenerali hija li sakemm ma jkunx ċar li l-applikazzjoni ma għandhiex merti, il-kreditur mhuwiex ser ikollu jħallas bil-quddiem għall-ispejjeż tat-testijiet tal-parentela.[53]

238. F'dawk l-Istati li għamlu dikjarazzjoni sabiex jużaw test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal, l-ispejjeż tat-testijiet tal-parentela ser ikunu koperti bħala parti mill-assistenza legali disponibbli sakemm it-tfal ma jgħaddux mit-test tal-mezzi.

IV. Funzjonijiet speċifiċi tal-Awtorità Ċentrali

239. L-assistenza u l-kooperazzjoni amministrattiva f'applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni huma fundamentali għall-konklużjoni b'suċċess tal-kwistjonijiet skont il-Konvenzjoni. Il-Kapitolu II tal-Konvenzjoni jistabbilixxi l-funzjonijiet ġenerali u speċifiċi tal-Awtoritajiet Ċentrali u l-Kapitolu III jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-applikazzjonijiet li jsiru permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali.

240. Meta l-Kapitolu II tal-Konvenzjoni jkun japplika għal applikazzjoni, l-Artikolu 6(1) jeħtieġ li l-Awtoritajiet Ċentrali jipprovdu assistenza b'rabta mal-applikazzjonijiet skont il-Kapitolu III. B'mod partikolari, għandhom:

- jibagħtu u jirċievu applikazzjonijiet,
- jiftħu jew jiffaċilitaw il-ftuħ ta' proċedimenti fir-rigward tat-tali applikazzjonijiet.

---

51 L-affrankament tal-ispejjeż tat-testijiet tal-parentela jkun meħtieġ biss meta jkun jidher li t-talba biex tiġi stabbilita l-parentela ssir f'ċirkustanzi ferm dubjużi (mingħajr bażi valida). Rapport Spjegattiv, para. 391.

52 Rapport Spjegattiv, para. 392.

53 Rapport Spjegattiv, para. 390.

241. Skont l-Artikolu 6(2), fir-rigward tat-tali applikazzjonijiet, l-Awtoritajiet Ċentrali jieħdu l-miżuri xierqa kollha:

- meta ċ-ċirkustanzi jeħtieġu hekk, sabiex jipprovdu jew jiffaċilitaw l-għoti ta' assistenza legali,
- sabiex jgħinu fis-sejbien tal-kreditur jew id-debitur,
- sabiex jgħinu fil-kisba tat-tagħrif relevanti dwar id-dħul u, jekk ikun hemm bżonn, ċirkustanzi finanzjarji oħrajn tad-debitur jew il-kreditur, inkluż is-sejbien tal-assi,
- sabiex iħeġġu soluzzjonijiet amikevoli bil-għan li jiksbu ħlas volontarju tal-manteniment, fejn xieraq billi jużaw medjazzjoni, konċiljazzjoni jew proċessi simili,
- sabiex jiffaċilitaw l-infurzar kontinwu ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment, inkluż kull arretrat,
- sabiex jiffaċilitaw il-ġbir u t-trasferiment mgħaġġel tal-pagamenti tal-manteniment,
- sabiex jiffaċilitaw il-ġbir ta' evidenza dokumentarja jew oħra,
- sabiex jagħtu assistenza sabiex tiġi stabbilita l-parentela, meta din tkun meħtieġa għall-irkupru tal-manteniment,
- sabiex jiftħu jew jiffaċilitaw il-ftuħ ta' proċedimenti biex tinkiseb kull miżura provviżorja neċessarja li hija territorjali fl-għamla tagħha u li għandha l-għan li tiggarantixxi l-eżitu ta' applikazzjoni pendenti għall-manteniment,
- sabiex jiffaċilitaw in-notifika tad-dokumenti.

242. Kull Stat Kontraenti ser jagħżel ***Awtorità Ċentrali*** (Stati b'diversi unitajiet jistgħu jagħżlu iktar minn waħda) u kull Stat Kontraenti ser jispeċifika wkoll liema minn dawn it-tipi ta' assistenza ta' hawn fuq ser jingħataw mill-Awtorità Ċentrali jew minn ***awtorità kompetenti*** jew korp pubbliku jew korpi oħrajn f'dak l-Istat Kontraenti partikolari taħt is-superviżjoni ta' Awtorità Ċentrali.[54]

*L-**Awtorità Ċentrali** hija l-awtorità pubblika magħżula minn Stat Kontraenti biex tirrilaxxa jew twettaq id-dmirijiet ta' kooperazzjoni u assistenza amministrattiva skont il-Konvenzjoni.*

***Awtorità kompetenti** hija l-korp pubbliku jew il-persuna fi Stat partikolari inkarigati b'kompiti speċifiċi jew mogħtija permess mil-liġijiet ta' dak l-Istat sabiex iwettqu kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, aġenzija ta' infurzar tal-manteniment għat-tfal jew kull entità governattiva oħra li twettaq uħud mill-kompiti marbutin mal-Konvenzjoni.*

243. Importanti li ssir referenza għall-kamp ta' applikazzjoni jew il-firxa ta' kemm tista' tapplika l-Konvenzjoni f'waqt partikolari meta tqis id-dmirijiet tal-Awtorità Ċentrali f'każ. Pereżempju, jekk l-applikant ifittex stabbiliment tal-manteniment għall-konjuġi biss, il-forom ta' assistenza ta' hawn fuq mhumiex ser ikunu disponibbli sakemm l-Istati Kontraenti ma jkunux estendew l-applikazzjoni tal-Kapitoli II u III għall-applikazzjonijiet tal-konjuġi kollha.

[54] Ara wkoll l-Art. 50.

V. Konvenzjonijiet Oħrajn tal-Aja

244. Ċerti Stati huma Partijiet għal Konvenzjonijiet jew strumenti internazzjonali oħrajn li jistgħu jkunu relevanti f'każijiet li jinvolvu applikazzjonijiet internazzjonali dwar il-manteniment. B'mod partikolari dan jinkludi l-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika ta' Proċess Barra l-Pajjiż (il-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika) u l-Konvenzjoni tal-1970 dwar it-Teħid ta' Evidenza Barra l-Pajjiż (il-Konvenzjoni tal-1970 dwar l-Evidenza).[55] Jekk tqum sitwazzjoni li fiha jistgħu japplikaw dawn il-Konvenzjonijiet, importanti li wieħed ifittex parir legali biex jiġi żgurat li jkunu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni tal-2007 dwar il-Manteniment għat-Tfal.

245. Kemm il-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika kif ukoll tal-1970 dwar l-Evidenza japplikaw biss jekk u meta trid issir notifika jew evidenza tkun ittieħdet *barra l-pajjiż*. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li t-terminu "***barra l-pajjiż***" ma jintużax fis-sottoparagrafu *g)* tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni tal-2007 dwar il-Manteniment għat-Tfal, li huwa relatat ukoll ma' Talbiet għal Miżuri Speċifiċi ("jiffaċilitaw il-ġbir ta' evidenza dokumentarja jew oħra"), u *j)* ("jiffaċilitaw in-notifika tad-dokumenti"). Dan għaliex f'ħafna każijiet, Awtorità Ċentrali ser tintalab tiffaċilita t-teħid ta' evidenza jew in-notifika ta' dokumenti *fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħha stess* għal proċedimenti tal-manteniment li jseħħu *fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħha stess*. Talbiet biex jitħaffef it-teħid ta' evidenza jew in-notifika ***barra l-pajjiż*** ser ikunu inqas spissi. Hemm ħafna sitwazzjonijiet koperti mill-Konvenzjoni tal-2007 dwar il-Manteniment għat-Tfal li la jeħtieġu t-trażmissjoni ta' dokumenti għal notifika barra l-pajjiż u lanqas it-teħid ta' evidenza barra l-pajjiż.[56]

246. Diskussjoni dwar Konvenzjonijiet oħrajn applikabbli f'dan il-qasam toħroġ mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Manwal. Biex issir taf jekk Stat huwiex Parti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1 ta' Marzu 1954 dwar il-Proċedura Ċivili, jew il-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika ta' Proċess Barra l-Pajjiż u l-Konvenzjoni tal-1970 dwar it-Teħid ta' Evidenza Barra l-Pajjiż, ikkonsulta s-sit tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net >.

Il-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika ta' Proċess Barra l-Pajjiż[57]

247. Din il-Konvenzjoni (magħrufa b'mod komuni bħala l-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika) tipprevedi li l-kanali ta' trażmissjoni jintużaw meta jkun irid jintbagħat dokument ġudizzjarju jew extraġudizzjarju minn Stat li huwa Parti għall-Konvenzjoni għal Stat ieħor li huwa wkoll ikun Parti għall-Konvenzjoni għan-notifika fit-tieni Stat.

248. Il-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika tkun applikabbli jekk ikunu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

1 il-liġi tal-Istat fejn qed iseħħu l-proċedimenti (Stat tal-forum) teħtieġ li dokument (*pereż*. notifika ta' azzjoni) jintbagħat minn dak l-Istat lil Stat ieħor għan-notifika fl-aħħar Stat,
2 iż-żewġ Stati huma Partijiet għall-Konvenzjoni dwar in-Notifika,
3 ikun magħruf l-indirizz għall-persuna li trid tiġi nnotifikata,
4 id-dokument li jrid jiġi nnotifikat huwa dokument ġudizzjarju jew extraġudizzjarju, u
5 id-dokument li jrid jiġi nnotifikat huwa relatat ma' kwistjoni ċivili jew kummerċjali.

---

55 Ara l-Art. 50 u r-Rapport Spjegattiv, para. 648-651.

56 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 164-167 u 182-185. Għal diskussjoni dwar it-tipi ta' assistenza li tista' tingħata mill-Istat rikjest b'mod li ma jaqax taħt il-Konvenzjoni tal-1970 dwar l-Evidenza, ara l-Rapport Spjegattiv, para. 174.

57 Għal iktar tagħrif fuq il-Konvenzjoni dwar in-Notifika, ara t-Taqsima "Service" fuq is-sit tal-Konvenzjoni tal-Aja.

249. Jekk hemm xi dubju dwar jekk tapplikax il-Konvenzjoni dwar in-Notifika jew kif tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tagħha, għandu jiġi kkonsultat konsulent legali.

Il-Konvenzjoni tal-1970 dwar it-Teħid ta' Evidenza Barra l-Pajjiż [58]

250. Din il-Konvenzjoni (magħrufa b'mod komuni bħala l-Konvenzjoni tal-Aja dwar l-Evidenza) tistabbilixxi metodi ta' kooperazzjoni għat-teħid ta' evidenza barra l-pajjiż (jiġifieri fi Stat ieħor) f'kawżi ċivili jew kummerċjali. Il-Konvenzjoni, li tapplika biss bejn l-Istati li huma Partijiet għaliha, tipprevedi t-teħid ta' evidenza (i) permezz ta' ittri ta' talba, u (ii) permezz ta' aġenti u kummissarji diplomatiċi jew konsulari. Il-Konvenzjoni tipprovdi mezzi effettivi biex jingħelbu d-differenzi bejn is-sistemi tal-liġi ċivili u tal-liġi komuni fir-rigward tat-teħid ta' evidenza.

251. Jekk tqum il-ħtieġa għat-teħid ta' evidenza barra l-pajjiż, l-assistenti soċjali għandhom jiksbu pariri legali, jekk ikun hemm bżonn, sabiex jiżguraw li jkunu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni tal-1970 dwar l-Evidenza.

---

58 Għal iktar tagħrif fuq il-Konvenzjoni dwar l-Evidenza, ara t-Taqsima "Evidence" fuq is-sit tal-Konvenzjoni tal-Aja.

Kapitolu 4
L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet mibgħuta għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar (Art. 10(1) *a)* u 10(2) *a)*)

Kif inhu mqassam dan il-Kapitolu:

Dan il-Kapitolu jittratta applikazzjonijiet mibgħuta għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment.

It-Taqsima I tagħti ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjoni – meta ser tintuża, min jista' japplika għaliha u spjegazzjoni tat-termini u l-kunċetti bażiċi.

It-Taqsima II tispjega l-proċedura jew il-passi għat-tħejjija u l-ipproċessar ta' applikazzjoni.

It-Taqsima III tfiehem il-formoli u d-dokumenti meħtieġa u tipprovdi tagħrif dwar x'irid ikun inkluż u kif għandhom jimtlew il-formoli.

It-Taqsima IV tkopri r-rikonoxximent u l-infurzar ta' arranġamenti dwar il-manteniment u eċċezzjonijiet oħrajn għall-proċessi fit-Taqsima II.

It-Taqsima V tkopri kwistjonijiet oħrajn.

It-Taqsima VI fiha referenzi għal materjali addizzjonali.

It-Taqsima VII fiha Lista ta' Kontroll għall-proċeduri meħtieġa.

It-Taqsima VIII fiha mistoqsijiet frekwenti.

I. Ħarsa ġenerali u prinċipji ġenerali

252. Il-proċess ta' rikonoxximent u infurzar huwa l-qofol tal-irkupru tal-manteniment internazzjonali u jiżgura li hemm mod kosteffiċjenti sabiex kreditur ifittex il-pagament tal-manteniment f'każijiet li fihom id-debitur ikun jgħix jew ikollu assi jew dħul fi ***Stat Kontraenti*** ieħor. Il-proċess ta' rikonoxximent u infurzar jiffranka lill-kreditur milli jkollu jivjaġġa biex imur fl-***Istat*** fejn trid tiġi infurzata d-deċiżjoni u jikseb deċiżjoni f'dak l-Istat Kontraenti. Ladarba jkun seħħ ir-rikonoxximent, permezz ta' dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà jew reġistrazzjoni tad-deċiżjoni, deċiżjoni meħuda fi Stat tista' tiġi infurzata fi Stat Kontraenti ieħor fuq l-istess bażi daqslikieku d-deċiżjoni oriġinarjament ittieħdet f'dak l-Istat.

__Stat Kontraenti__ huwa Stat marbut bil-Konvenzjoni għaliex lesta l-proċess ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni stabbilit fl-Artikolu 58.

It-terminu __Stat__ jintuża spiss f'dan il-Manwal. Ġeneralment jirreferi għal Stat sovran, jew pajjiż, u mhux subunità tal-Istat, jew

253. Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni huma maħsubin sabiex joħolqu proċeduri għal rikonoxximent u rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet li huma sempliċi, veloċi u mhumiex għoljin.[59] Dan jinkiseb billi tiġi pprovduta sistema li biha, meta tiġi riċevuta talba għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar minn Stat Kontraenti ieħor, ikun hemm proċess sempliċi u veloċi biex tiġi rikonoxxuta u, jekk ikun hemm bżonn, infurzata d-deċiżjoni. Ser issir dikjarazzjoni li d-deċiżjoni hija infurzabbli jew id-

[59] Rapport Spjegattiv, para. 490.

deċiżjoni ser tiġi rreġistrata għal infurzar mingħajr l-ebda sottomissjoni minn xi parti u b'eżami limitat biss mill-awtorità kompetenti involuta. Ladarba d-deċiżjoni tiġi ddikjarata infurzabbli jew irreġistrata, jistgħu jittieħdu miżuri ta' infurzar biex jinġabar il-manteniment fl-Istat rikjest. Ir-rispondent jista' jqajjem oġġezzjoni dwar ir-reġistrazzjoni jew id-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà, iżda hemm limiti ta' żmien u raġunijiet stretti biex wieħed jagħmel hekk.[60] Ħafna drabi, ma tiġi ppreżentata l-ebda oġġezzjoni jew appell, biex il-proċess ikun jista' jimxi bl-iktar mod veloċi possibbli.

254. Mill-perspettiva tal-Istat Kontraenti li fetaħ l-applikazzjoni (l-Istat rikjedenti), il-proċeduri għat-tħejjija tal-applikazzjoni huma daqstant ieħor faċli u d-dokumentazzjoni meħtieġa hija limitata. Il-Konvenzjoni tillimita b'mod espliċitu d-dokumentazzjoni li tista' tintalab għal applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, u spiss l-applikazzjoni tkun tista' ssir mingħajr ma jkun hemm bżonn li jinkisbu kopji ċċertifikati ta' deċiżjonijiet jew dokumenti. Dan jirrifletti l-objettivi tal-Konvenzjoni biex il-proċess isir sempliċi u effiċjenti kemm jista' jkun, biex b'hekk ikun hemm l-usa' rikonoxximent possibbli tad-deċiżjonijiet.

255. Hemm proċess ftit differenti għal rikonoxximent u infurzar ta' arranġamenti dwar il-manteniment. Il-proċess għar-rikonoxximent u l-infurzar tagħhom huwa ttrattat f'parti iktar 'il quddiem f'dan il-Kapitolu.

A. Meta tintuża din l-applikazzjoni

256. Applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar tintuża meta kreditur diġà jkollu deċiżjoni dwar il-manteniment meħuda fi Stat Kontraenti u jixtieq li d-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stat Kontraenti ieħor, fejn ikun jgħix jew ikollu assi jew dħul id-debitur.

*L-**Istat rikjedenti** huwa l-Istat Kontraenti li fetaħ applikazzjoni u qed jagħmel it-talba f'isem applikant li jgħix f'dak l-Istat. L-**Istat rikjest** huwa l-Istat Kontraenti li qed jintalab jipproċessa l-applikazzjoni.*

257. F'ċerti każijiet, kreditur japplika biss għal ***rikonoxximent*** tad-deċiżjoni – normalment għaliex ma jkunx hemm bżonn ta' infurzar f'dak il-waqt. Applikazzjoni għal rikonoxximent biss tista' ssir ukoll minn debitur li jfittex li jikseb deċiżjoni minn Stat Kontraenti rikonoxxut sabiex jillimita jew jissospendi l-infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment.

Rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar il-manteniment huwa l-proċedura użata minn awtorità kompetenti ta' Stat biex taċċetta d-determinazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi rigward il-manteniment li ssir mill-awtorità fl-Istat ta' oriġini fejn ittieħdet id-deċiżjoni, u tagħti setgħa tal-liġi lil dik id-deċiżjoni.

258. Jekk oriġinarjament id-deċiżjoni ttieħdet fl-Istat rikjest, id-deċiżjoni ma jkollhiex bżonn tiġi rikonoxxuta, iżda infurzata biss. Dan it-tip ta' applikazzjoni huwa ttrattat fl-Artikolu 10(1) *b)* u huwa kopert fil-Kapitolu 6.

B. Eżempju ta' każ

259. P u ż-żewġt itfal tagħha jgħixu fil-Pajjiż A. P għandha deċiżjoni li teħtieġ li Q iħallas manteniment għat-tfal u manteniment għall-konjuġi. Id-deċiżjoni ttieħdet fil-Pajjiż A. Q issa jgħix fil-Pajjiż B. P tixtieq li d-deċiżjoni dwar il-manteniment tintbagħat lill-Pajjiż B sabiex jiġi kkuntattjat B u jinġabar il-manteniment. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll dak B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

---

60 Il-Konvenzjoni tipprovdi sabiex l-Istat jagħmlu dikjarazzjoni sabiex jużaw proċedura alternattiva li tippermetti li jinħareġ avviż għar-rispondent qabel ir-reġistrazzjoni jew id-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà u għal raġunijiet usa' ta' eżami mill-awtorità kompetenti. Dan huwa indirizzat fit-Taqsima IV tal-Kapitolu 5.

Dan kif jaħdem skont il-Konvenzjoni

260. P tmur għand l-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A. L-Awtorità Ċentrali ser tibgħat applikazzjoni bid-dokumenti meħtieġa f'isem l-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B. L-applikazzjoni ser titlob li d-deċiżjoni dwar il-manteniment ***tiġi rikonoxxuta u infurzata*** fil-Pajjiż B. Jekk id-deċiżjoni tissodisfa r-rekwiżiti għal rikonoxximent skont il-Konvenzjoni, l-awtorità kompetenti (jew l-Awtorità Ċentrali jekk hija l-awtorità kompetenti) fil-Pajjiż B tipproċessa t-talba u tirrikonoxxi u tinfurza d-deċiżjoni. Q jiġi notifikat dwar ir-rikonoxximent u infurzar, u jingħata opportunità sabiex jikkontesta jew jappella d-deċiżjoni ta' rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni dwar il-manteniment. Ladarba d-deċiżjoni tkun ġiet rikonoxxuta, tiġi infurzata fil-Pajjiż B minn awtorità kompetenti. P trid tikkuntattja biss lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A. Ġeneralment, kull xorta ta' kuntatt mal-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B iseħħ permezz tal-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A.

C. Min jista' japplika għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar?

261. Din l-applikazzjoni tista' ssir minn ***kreditur*** individwali li jgħix fi Stat Kontraenti, minn korp pubbliku li jaġixxi bħala kreditur, li jista' jressaq l-applikazzjoni f'isem applikant, jew minn korp pubbliku li jaġixxi bħala kreditur, jekk il-korp pubbliku jkun ipprovda benefiċċji lill-kreditur minflok il-manteniment.

262. ***Debitur*** jista' japplika wkoll għal rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar il-manteniment minn Stat Kontraenti ieħor, sabiex jissospendi jew jillimita l-infurzar ta' deċiżjoni preċedenti dwar il-manteniment.

Kreditur *huwa l-individwu li huwa dovut jew allegatament dovut lilu l-manteniment. Kreditur jista' jkun ġenitur jew konjuġi, tifel, ġenituri adottivi, jew qraba jew persuni oħrajn li jindukaw tifel. F'ċerti Stati, din il-persuna tista' tissejjaħ riċevitur tal-manteniment, destinatarju tal-manteniment jew ġenitur kustodju jew residenti.*

Debitur *huwa l-individwu li huwa dovut jew allegatament dovut iħallas il-manteniment. Id-debitur jista' jkun ġenitur jew konjuġi jew kull persuna oħra li, skont il-liġi tal-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni, hija obbligata tħallas il-manteniment. F'ċerti Stati, din il-persuna tissejjaħ min iħallas il-manteniment, obbligant, jew ġenitur mhux kustodju jew mhux residenti.*

D. Kontestazzjoni ta' rikonoxximent u infurzar

263. F'ħafna każijiet, il-proċess ta' rikonoxximent u infurzar jimxi mingħajr intoppi fl-Istat rikjest u mingħajr l-ebda oġġezzjoni mid-debitur jew ***ir-rispondent***. Madankollu, jista' jkun hemm xi każijiet li fihom il-parti l-oħra għall-applikazzjoni (id-debitur jew il-kreditur) toġġezzjona għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni, fuq il-bażi li d-deċiżjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti minimi għat-tip ta' deċiżjoni li tista' tiġi rikonoxxuta jew infurzata skont il-Konvenzjoni. Dawn ir-rekwiżiti huma indirizzati f'iktar dettall fil-Kapitolu 5 peress li l-kontestazzjoni jew l-appell isiru fl-Istat rikjest fejn qed tipproċedi l-applikazzjoni għal rikonoxximent, u propjament din hija parti mill-proċeduri diħlin għal rikonoxximent u infurzar. Madankollu, huwa importanti li dawk li jiftħu applikazzjoni fl-Istat rikjedenti jkunu jafu bil-possibbiltà ta' kontestazzjoni jew appell tar-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar, sabiex dawn jaraw li d-dokumentazzjoni mibgħuta mal-applikazzjoni hija sħiħa u li l-Istat

Ir-rispondent *huwa l-persuna li tkun qed twieġeb jew tirrispondi għal applikazzjoni jew appell skont il-Konvenzjoni. Ir-rispondent jista' jkun kreditur jew debitur.*

rikjest għandu t-tagħrif li jeħtieġ biex ikun jista' jwieġeb kull tħassib imqajjem mir-rispondent.

264. Barra minn hekk, assistenti soċjali li jimlew l-Applikazzjoni għal Rikonoxximent jew Rikonoxximent u Infurzar ikollhom jindikaw il-bażijiet li fuqhom qed isiru r-rikonoxximent jew l-infurzar u r-rikonoxximent tad-deċiżjoni sabiex jimlew it-taqsima xierqa tal-formola. Dan huwa indirizzat f'iktar dettall fil-Kapitolu 15, li jkopri l-istruzzjonijiet dwar il-mili tal-formola ta' Applikazzjoni rakkomandata.

*Qed tfittex sommarju qasir dwar il-proċessi involuti fl-applikazzjonijiet ta' rikonoxximent u infurzar? Ara l-**Lista ta' Kontroll** fi tmiem dan il-Kapitolu.*

II. Proċedura għall-ipproċessar u l-mili ta' applikazzjonijiet

265. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti hija responsabbli għat-tħejjija tad-dokumenti, l-iżgurar li l-formoli jew id-dokumentazzjoni meħtieġa huma inklużi u l-preparazzjoni tal-pakkett li jrid jintbagħat fl-Istat l-ieħor. Peress li hemm differenzi bejn l-Istati Kontraenti, ara l-Profil tal-Pajjiż[61] tal-Istat fejn ser tkun qed tibgħat id-deċiżjoni, peress li dak ser jindika kull rekwiżit speċjali, bħal rekwiżiti ta' traduzzjoni u ċertifikazzjoni. Madankollu, Stat ma jistax jitlob li jintbagħtu xi dokumenti addizzjonali, ħlief dawk stipulati fl-Artikoli 11 u 25, mal-applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar.

266. Din it-taqsima tapplika bl-istess mod għal applikazzjonijiet għal rikonoxximent biss. Dawn l-applikazzjonijiet ser ikunu pjuttost rari. L-Artikolu 26 jistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V (Rikonoxximent u infurzar) japplikaw "*mutatis mutandis*" għal applikazzjonijiet għal rikonoxximent biss, bl-eċċezzjoni li r-rekwiżit għal infurzabbiltà huwa sostitwit ma' rekwiżit li d-deċiżjoni għandha effett fl-Istat ta' oriġini. Li jfisser huwa li għal skopijiet prattiċi, id-dispożizzjonijiet relatati ma' rikonoxximent u infurzar ser japplikaw għal applikazzjonijiet għal rikonoxximent, ħlief fir-rigward ta' dawk id-dispożizzjonijiet li għandhom jinbidlu, għaliex ma jkun qed jintalab l-ebda infurzar tad-deċiżjoni.[62]

---

61 Ċerti Stati Kontraneti mhux ser jużaw il-Profil tal-Pajjiż rakkomandat, iżda ħafna minn dan it-tagħrif ser jiġi pprovdut lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata. It-tagħrif ser ikun disponibbli fis-sit tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-Taqsima "Child Support / Maintenance".

62 Rapport Spjegattiv, para. 546.

A. Stadji għat-tlestija tal-applikazzjoni ta' rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar

APPLIKAZZJONI MIBGĦUTA GĦAL RIKONOXXIMENT JEW RIKONOXXIMENT U INFURZAR	
1	Iġbor id-dokumenti meħtieġa ▪ Deċiżjoni dwar il-manteniment ▪ Formola ta' applikazzjoni ▪ Profil tal-Pajjiż
2	Ivverifika t-tagħrif mill-applikant ▪ Huwa komplut?
3	Ara jekk l-applikazzjoni tistax issir skont il-Konvenzjoni? ▪ L-applikant huwa resident fl-Istat tiegħek? o Jekk le – l-applikant għandu japplika fl-Istat ta' residenza ▪ L-applikant għandu deċiżjoni dwar il-manteniment? o Ara l-ispjegazzjonijiet ta' "manteniment" u "deċiżjoni" fil-Kapitolu 2 o Jekk l-ebda deċiżjoni – agħmel applikazzjoni għal stabbiliment o Jekk id-deċiżjoni mhijiex għall-manteniment – il-Konvenzjoni ma tapplikax
4	Fejn ittieħdet id-deċiżjoni? ▪ Fl-Istat rikjest – o Agħmel applikazzjoni għal infurzar biss ▪ Fl-Istat rikjedenti jew Stat Kontraenti terz – o Agħmel applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar
5	Id-deċiżjoni ġiet rikonoxxuta diġà fl-Istat rikjest? ▪ Jekk iva – agħmel applikazzjoni għal infurzar biss
6	Ittraduċi d-dokumenti kif ikun hemm bżonn ▪ (Ara l-Profil tal-Pajjiż)
7	Ikseb kopji ċċertifikati tad-deċiżjoni jekk ikun hemm bżonn ▪ (Ara l-Profil tal-Pajjiż)
8	Ikseb Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà mill-awtorità kompetenti
9	Imla l-Applikazzjoni għal Rikonoxximent jew Rikonoxximent u Infurzar ▪ (Ara l-Kapitolu 15)
10	Ehmeż id-dokumenti relevanti kollha
11	Imla Formola ta' Trażmissjoni ▪ (Ara l-Kapitolu 15)
12	Ibgħat kollox lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest
13	Stenna konferma tar-riċevuta
14	Ipprovdi dokumenti ta' segwitu kif mitlub fi żmien tliet xhur mit-talba

Figura 12: Stadji għat-tlestija ta' applikazzjoni mibgħuta għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar

B. *Proċedura – pass, pass*

Kull waħda mit-taqsimiet ta' hawn taħt tipprovdi dettalji dwar l-istadji fil-Figura 12 ta' hawn fuq.

1. Iġbor id-dokumenti meħtieġa

267. Ser ikollok bżonn kopja tad-deċiżjoni dwar il-manteniment u t-tagħrif jew it-talba mill-applikant. Trid tikkonsulta l-Profil tal-Pajjiż għall-Istat li ser tkun qed tibgħatlu l-applikazzjoni, peress li dan jindika kull dokument speċifiku jew tagħrif meħtieġ. Jekk ma għandekx kopja tal-Profil tal-Pajjiż, mur fis-sit tal-Konferenza tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-Taqsima "Child Support / Maintenance".

2. Ivverifika t-tagħrif mill-applikant

268. L-applikant ser jimla kull formola addizzjonali meħtieġa mill-Istat tiegħek. Ara li l-formoli huma mimlijin kemm jista' jkun u li huwa pprovdut it-tagħrif kollu meħtieġ. Jekk l-applikant mhuwiex qed jimla xi parti mill-formola ta' applikazzjoni rakkomandata, irid jipprovdi biżżejjed tagħrif sabiex l-Awtorità ċentrali tiegħek tkun tista' tlesti d-dokument.

3. L-applikazzjoni tista' ssir skont il-Konvenzjoni?

269. Qis dan li ġej qabel timla l-applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar:

- L-applikant irid ikun jgħix fl-Istat tiegħek sabiex japplika mal-Awtorità Ċentrali għal servizzi. Jekk l-applikant jgħix fi Stat ieħor, għandu japplika mal-Awtorità Ċentrali ta' dak l-Istat.
- Jekk l-applikant għad ma għandux ***deċiżjoni dwar il-manteniment***, jew jekk id-deċiżjoni mhijiex minn Stat Kontraenti,[63] għandha ssir applikazzjoni biex tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida (ara l-Artikolu 8).
- Id-deċiżjoni hija għal manteniment? Ara d-definizzjoni fil-Kapitolu 2. Jekk id-deċiżjoni ma tikkonċernax manteniment, ma tistax issir applikazzjoni għal rikonoxximent tad-deċiżjoni skont il-Konvenzjoni.
- Jekk ir-rispondent jgħix fi Stat mhux Kontraenti, jew l-assi jew id-dħul li ser ikunu s-suġġett ta' infurzar jinstabu fi Stat mhux Kontraenti, il-Konvenzjoni ma tistax tintuża għal rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni f'dak l-Istat.

*Il-**manteniment** jinkludi manteniment għat-tfal, konjuġi, jew sieħeb/sieħba, u spejjeż marbutin mal-indukrar tat-tfal jew il-konjuġi / sieħeb.*

***Deċiżjoni dwar il-manteniment** tistipula l-obbligu tad-debitur li jħallas manteniment u tista' tinkludi wkoll aġġustament awtomatiku b'indiċjar u r-rekwiżit li jitħallsu arretrati tal-manteniment, manteniment retroattiv jew imgħax u determinazzjoni ta' kostijiet u spejjeż.*

---

63 Id-deċiżjoni li qed tintbagħat sabiex tiġi rikonoxxuta fl-Istat rikjest trid tkun ittieħdet minn Stat Kontraenti sabiex tkun intitolata għal rikonoxximent u infurzar skont il-Konvenzjoni. Mhuwiex biżżejjed li qabel kienet rikonoxxuta fi Stat Kontraenti. Rapport Spjegattiv, para. 241.

4. Sib fejn ittieħdet id-deċiżjoni

270. Jekk id-deċiżjoni ttieħdet fl-Istat fejn ser tkun qed tibgħat l-applikazzjoni (l-Istat rikjest) jew diġà ġiet rikonoxxuta f'dak l-Istat, f'dak il-każ l-applikazzjoni hija waħda ta' sempliċi infurzar. Ma hemm bżonn l-ebda rikonoxximent. Dak l-Istat qed jintalab jinfurza d-deċiżjoni tiegħu stess, mhux deċiżjoni barranija. Għad li l-applikazzjonijiet huma simili, id-dokumentazzjoni hija differenti. Jekk id-deċiżjoni ttieħdet fl-Istat rikjest, mur għall-Kapitolu 6.

271. Id-deċiżjoni li trid tiġi rikonoxxuta trid tkun ittieħdet fi Stat Kontraenti. Jekk le – il-Konvenzjoni ma tapplikax. Jistgħu jkunu disponibbli rimedji oħrajn, bħal ftehim bilaterali jew xi proċedura oħra skont il-liġi tal-Istat fejn jgħix id-debitur. L-applikant ser ikollu bżonn jikkuntattja lill-awtorità xierqa dwar il-manteniment jew il-manteniment tat-tfal għal assistenza. F'ċerti każijiet, jista' jkun hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni ġdida dwar il-manteniment.

5. Id-deċiżjoni ġiet rikonoxxuta diġà?

272. Jekk id-deċiżjoni ġiet rikonoxxuta qabel fl-Istat rikjest, ma hemm l-ebda bżonn li terġa' tiġi rikonoxxuta. Ibgħat applikazzjoni għal infurzar biss. Ara l-Kapitolu 6.

6. Il-materjali jridu jiġu tradotti?

273. L-applikazzjoni u d-deċiżjoni li jintbagħtu jridu jkunu fil-lingwa oriġinali tagħhom, iżda traduzzjoni tal-applikazzjoni (u dokumenti relatati) f'lingwa uffiċjali[64] tal-Istat rikjest trid tkun inkluża wkoll sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat rikjest (l-awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja li tipproċessa l-applikazzjoni) ma tkunx indikat li ma teħtieġx traduzzjoni. Il-Profil tal-Pajjiż ser jipprovdi tagħrif fuq il-lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest u kull rekwiżit ta' traduzzjoni. Jekk hemm bżonn traduzzjoni, il-Profil tal-Pajjiż ser jindika wkoll jekk jistgħux jiġu pprovduti astratt jew silta mid-deċiżjoni (ara l-ispjegazzjoni iktar 'il quddiem). Dan jista' jnaqqas l-ispiża u l-kumplessità tat-traduzzjoni.

7. Sib hemmx bżonn xi kopja ċċertifikata tad-dokumenti

274. Ara l-Istadju 1, Parti II, Taqsima 1 tal-Profil tal-Pajjiż. Hemm indikat jekk l-Istat rikjest jeħtieġx li dejjem jintbagħtu kopji ċċertifikati ta' xi dokumenti. Jekk iva, agħmel it-talba lill-awtorità xierqa fl-Istat tiegħek jew itlob lill-applikant jikseb il-kopi ċċertifikati.

8. Ikseb Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà u Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa

275. Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà ser tkun meħtieġa (ara iktar 'il quddiem) bħala prova li d-deċiżjoni hija infurzabbli fl-Istat fejn ittieħdet.[65] Id-Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa tikkonferma li r-rispondent ġie nnotifikat bil-proċedimenti li rriżultaw fid-deċiżjoni dwar il-manteniment u ngħata opportunità li jinstema', jew li r-rispondent ġie nnotifikat bid-deċiżjoni u ngħata opportunità jikkontesta jew jappella d-deċiżjoni. Jekk id-deċiżjoni ma ttiħditx fl-Istat tiegħek iżda ttieħdet fi Stat Kontraenti differenti,

---

64 Meta Stat ikollu iktar minn lingwa uffiċjali waħda, u mhux il-partijiet kollha tat-territorju tiegħu jużaw il-lingwi uffiċjali kollha, importanti li tikkonferma x'lingwa hija meħtieġa fit-territorju fejn ser tintbagħat l-applikazzjoni (Art. 44(2)).

65 Għal dan tista' tintuża l-formola rakkomandata. F'ċerti Stati tista' tintuża "*attestation de la force de chose jugée*" li tistipula li d-deċiżjoni għandha setgħa tal-liġi f'dak l-Istat. Jekk l-applikazzjoni hija għal rikonoxximent biss, id-Dikjarazzjoni trid tindika biss li d-deċiżjoni għandha effett, u mhux li hija infurzabbli. (Art. 26).

ser ikun hemm bżonn li ssir talba għad-Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà lil dak l-Istat (l-Istat ta' oriġini).

9. Imla l-Applikazzjoni għal Rikonoxximent jew Rikonoxximent u Infurzar

276. Uża l-formola rakkomandata.[66] Ara li l-entrati kollha mtlew kif suppost. Ivverifika l-Profil tal-Pajjiż biex tara li huwa ssodisfat kull rekwiżit speċifiku għall-Applikazzjoni għal Rikonoxximent jew Rikonoxximent u Infurzar, bħall-bżonn ta' kopji ċċertifikati, jew il-ħila li jintużaw silta jew astratt (ara l-Istadju 1, Parti II, Taqsima 1). Dan ser jiżgura li l-applikazzjoni tista' tiġi pproċessata mingħajr dewmien fl-Istat rikjest.

277. Ara l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili tal-formola ta' applikazzjoni rakkomandata.

10. Ehmeż id-dokumenti relevanti kollha

278. It-taqsima li jmiss ta' dan il-Kapitolu tispjega fid-dettall id-dokumenti l-oħrajn li huma meħtieġa u kif timlihom.

11. Imla l-Formola ta' Trażmissjoni

279. Din il-formola obbligatorja hija meħtieġa f'kull applikazzjoni skont il-Konvenzjoni, u tintbagħat mal-formola ta' applikazzjoni u d-dokumenti meħtieġa. Isem ir-rappreżentant awtorizzat tal-Awtorità Ċentrali li tibgħat l-applikazzjoni huwa fuq il-formola. Mhijiex iffirmata. Ara l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili ta' din il-formola.

12. Ibgħatha lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat l-ieħor

280. F'ħafna każijiet, id-dokumenti ser jintbagħtu bil-posta lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest. Ċerti Stati jistgħu jaċċettaw id-dokumenti b'mod elettroniku. Ivverifika l-Profil tal-Pajjiż għall-Istat rikjest u ibgħat id-dokumenti fil-format mitlub jew fuq l-indirizz muri.

13. Stenna konferma tar-riċevuta

281. L-Istat rikjest irid jikkonferma r-riċevuta fi żmien sitt ġimgħat. Dan irid isir mill-Awtorità Ċentrali billi tuża l-Formola ta' Konferma obbligatorja. Ma' dik il-konferma, l-Awtorità Ċentrali rikjesta ser tgħidlek fejn għandek tibgħat il-mistoqsijiet ta' segwitu – u ser tagħtik id-dettalji ta' kuntatt xierqa għal dik il-persuna jew l-unità fi ħdan dak l-Istat.

14. Ipprovdi dokumenti ta' segwitu kif ikun hemm bżonn

282. Il-Formola ta' Konferma tista' titlob dokumenti jew tagħrif addizzjonali. Ipprovdi t-tagħrif malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn tliet xhur wara t-talba. Jekk taħseb li ser tieħu iktar minn tliet xhur, ara li tgħarraf lill-Awtorità Ċentrali l-oħra, peress li jaf tagħlaq il-fajl tagħha wara tliet xhur, jekk ma tirċievi l-ebda tweġiba.

---

66 Ċerti Stati ser jagħżlu li ma jużawx il-formola rakkomandata. F'dawn l-Istati, il-formola xierqa li għandha tintuża ser tiġi speċifikata mil-liġi domestika jew il-politiki tal-Awtorità Ċentrali. Dan il-Manwal ikopri biss il-proċeduri għall-mili tal-formoli obbligatorji u rakkomandati, mhux formoli domestiċi jew interni.

Prattika tajba: *Għarraf lill-Awtorità Ċentrali l-oħra jekk qed tesperjenza diffikultajiet fil-kisba tat-tagħrif jew id-dokumenti mitlubin. Inkella, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjesta jaf tagħlaq il-fajl tagħha, jekk ma tirċievi l-ebda tweġiba wara tliet xhur.*

III. Preparazzjoni tad-dokumenti meħtieġa għall-applikazzjoni

A. Ġenerali

283. L-Artikoli 11, 12 u 25 tal-Konvenzjoni stabbilixxew il-kontenut meħtieġ ta' kull applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment.

284. Din it-taqsima tal-Manwal tistabbilixxi xi jrid ikun hemm fil-pakkett u kif tiġbor u timla d-dokumenti għall-applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar. It-tabella ta' hawn taħt telenka d-dokumenti meħtieġa. Stat rikjest ma jistax jitlob xi dokument addizzjonali f'applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar (Art. 11(3)).

√	Applikazzjoni (Użu l-Formola Rakkomandata)
√	Test sħiħ tad-deċiżjoni jew astratt
√	Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà
√	Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa (sakemm ir-rispondent ma deherx jew ma kkontestax id-deċiżjoni)
Skont il-bżonn	Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji (għal applikazzjonijiet minn krediturі biss)
Skont il-bżonn	Dokument li jikkalkola l-arretrati
Skont il-bżonn	Dokument li jispjega kif tiġi aġġustata jew indiċizzata deċiżjoni
Skont il-bżonn	Kopji tradotti tad-dokumenti
√	Formola ta' Trażmissjoni

Figura 13: Dokumenti meħtieġa – rikonoxximent u infurzar

285. Skont iċ-ċirkustanzi tal-każ partikolari, l-Istat rikjedenti jista' jixtieq ukoll li jinkludi tagħrif dwar il-benefiċċji pprovduti mill-korp pubbliku, jekk il-korp pubbliku jkun l-applikant.

286. Din it-taqsima tassumi li l-assistenti soċjali jew il-persuna li tħejji l-applikazzjoni ser ikunu qed jużaw il-formoli rakkomandati ppubblikati mill-Konferenza tal-Aja. Ċerti Stati jistgħu jagħżlu li ma jużawx dawn il-formoli. F'dawn l-Istati, l-assistent soċjali għandu jikkonsulta l-politiki jew il-proċeduri tiegħu stess għall-gwida dwar il-mili tal-formoli domestiċi.

B. Kontenut tal-applikazzjoni (rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar)

1. Formola ta' applikazzjoni

287. Użu l-formola ta' applikazzjoni rakkomandata (Applikazzjoni għal Rikonoxximent jew Rikonoxximent u Infurzar). Dan jiżgura li t-tagħrif meħtieġ huwa inkluż f'kull applikazzjoni.

288. Ara l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili tal-formola rakkomandata.

2. Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà

289. Sabiex tiġi infurzata fl-Istat rikjest, id-deċiżjoni li qed tintbagħat trid tkun infurzabbli fl-Istat ta' oriġini – l-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni. Dan huwa l-essenza tal-kunċett ta' reċiproċità – li deċiżjonijiet li huma infurzabbli fi Stat għandhom ikunu infurzati f'ieħor.

Idea siewja: *F'ċerti każijiet, id-deċiżjoni li qed jitfittxu r-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar tagħha ma tkunx mill-Istat rikjedenti jew dak rikjest. Ser tkun mingħand Stat Kontraenti terz. Importanti li tiftakar li d-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà trid tkun saret minn awtorità kompetenti fl-Istat li ħa d-deċiżjoni (l-Istat ta' oriġini) u trid tindika li d-deċiżjoni hija infurzabbli fl-Istat ta' oriġini.*

a) Jekk id-deċiżjoni ttieħdet minn awtorità ġudizzjarja

290. Jekk id-deċiżjoni ttieħdet minn awtorità ġudizzjarja, kull ma huwa meħtieġ huwa dikjarazzjoni li tindika li d-deċiżjoni hija infurzabbli fl-Istat fejn ittieħdet.[67]

b) Jekk id-deċiżjoni ttieħdet minn awtorità amministrattiva

291. Jekk id-deċiżjoni ttieħdet minn awtorità amministrattiva, id-Dikjarazzjoni trid tindika li,

1 id-deċiżjoni hija infurzabbli fl-Istat fejn ittieħdet u,

2 l-awtorità li ħadet id-deċiżjoni kienet korp pubbliku li d-deċiżjonijiet tiegħu:

i) jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell jew eżami minn awtorità ġudizzjarja u
ii) għandhom effett simili jew l-istess effett bħal deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja, fuq l-istess kwistjoni.

292. Din l-aħħar dikjarazzjoni (Nru 2 iktar 'il fuq) mhijiex meħtieġa meta l-Istat ta' oriġini jkun speċifika fl-Artikolu 57 li d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet amministrattivi tiegħu dejjem jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti (Art. 25(1) *b*)). Barra minn hekk, l-Istat rikjest jista' jispeċifika skont l-Artikolu 57 li ma jeħtieġx dokument li jagħmel id-dikjarazzjoni stipulata fin-Nru 2 iktar 'il fuq.

293. Għaldaqstant, jekk id-deċiżjoni li trid tiġi rikonoxxuta jew li hija rikonoxxuta u infurzata ttieħdet minn awtorità amministrattiva, ser ikollok tivverifika biex tara jekk saritx speċifikazzjoni mill-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni jew mill-Istat rikjest, sabiex jiġi stabbilit x'ser ikun meħtieġ għad-Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà. Il-Profili tal-Pajjiż għall-Istat ta' oriġini u għall-Istat rikjest jipprovdu dan it-tagħrif.

---

67 F'ċerti Stati tista' tintuża "*attestation de la force de chose jugée*" li tistipula li d-deċiżjoni għandha setgħa tal-liġi f'dak l-Istat.

294. Ftakar li jekk l-applikazzjoni hija għal rikonoxximent biss, id-deċiżjoni mhux bilfors tkun infurzabbli fl-Istat ta' oriġini; irid biss ikollha effett f'dak l-Istat. Id-Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà rakkomandata tidħol meta tkun indikata d-data ta' effett tad-deċiżjoni, sabiex ir-rekwiżit ikun jista' jiġi ssodisfat b'dik il-formola.

3. Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa

295. L-Istat rikjest ser ikollu bżonn ikun jaf li r-rispondent ingħata avviż xieraq fil-proċedimenti li wasslu għat-teħid tad-deċiżjoni. F'ċerti każijiet, din ser tkun in-notifika tal-proċedimenti u opportunità li jinstema', jew, f'każijiet oħrajn, din ser tkun in-notifika tad-deċiżjoni u opportunità li tiġi kkontestata.

296. Jekk ir-rispondent deher fil-proċedimenti – dan għandu jkun indikat fit-Taqsima 7 tal-formola ta' Applikazzjoni. Jekk ir-rispondent ma deherx u ma kienx rappreżentat fil-proċedimenti, hemm bżonn ta' Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa.[68]

297. Id-Dikjarazzjoni għandha timtela minn awtorità kompetenti fl-Istat li ħa d-deċiżjoni. Dik il-persuna tindika li, skont id-deċiżjoni jew ir-rekords tal-***awtorità kompetenti***, ir-rispondent

- ġie notifikat bil-proċedimenti u kellu l-opportunità li jinstema', jew
- ġie notifikat bid-deċiżjoni meħuda u l-opportunità li tiġi kkontestata d-deċiżjoni, kif meħtieġ mil-liġi tal-Istat li ħa d-deċiżjoni (l-Istat ta' oriġini).

Awtorità Ċentrali *hija l-awtorità pubblika magħżula minn Stat Kontraenti biex tirrilaxxa jew twettaq id-dmirijiet ta' kooperazzjoni u assistenza amministrattivi skont il-Konvenzjoni.*

Awtorità kompetenti *hija l-awtorità fi Stat partikolari li hija inkarigata jew li ngħatat permess skont il-liġi tal-Istat sabiex twettaq kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni. Awtorità kompetenti tista tkun qorti, aġenzija amministrattiva, aġenzija ta' infurzar tal-manteniment għat-tfal jew kull entità oħra tal-gvern li twettaq uħud mill-kompiti assoċjati mal-Konvenzjoni.*

298. F'ħafna każijiet, meta n-notifika meħtieġa lir-rispondent tkun saret fi ħdan l-Istat ta' oriġini, ser ikun hemm xi dokumentazzjoni disponibbli, bħal affidavit tan-notifika jew l-avviż, jew rikonoxximent tas-servizz li ser jikkonferma li r-rispondent ġie nnotifikat dwar il-proċedimenti jew li ttieħdet id-deċiżjoni. F'każijiet oħrajn, jista' jkun hemm indikazzjoni fid-deċiżjoni li r-rispondent deher, ġie nnotifikat bil-proċedimenti jew id-deċiżjoni, u kellu opportunità li jinstema' jew li jikkontesta d-deċiżjoni. F'ċerti Stati, ir-rispondent ser jipprovdi tweġiba bil-miktub biss, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika. Dik id-dokumentazzjoni tista' tassisti lill-awtorità kompetenti fit-tħejjija tad-Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa.

299. F'każ li n-notifika meħtieġa trid issir barra l-Istat, u kemm l-Istat ta' oriġini kif ukoll l-Istat l-ieħor huma l-Partijiet għal strument internazzjonali ieħor li jirregola n-notifika, id-dokumentazzjoni minn dak il-proċess ser tkun disponibbli biex tassisti lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' oriġini fil-mili tad-Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa.

4. Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji

300. Dan id-dokument ser jassisti fl-infurzar tad-deċiżjoni rikonoxxuta, u jipprovdi tagħrif addizzjonali li ser jgħin fis-sejbien tar-rispondent. Madankollu, ftakar li peress li l-formola tintuża għal għadd ta' applikazzjonijiet differenti, mhux ser ikun hemm bżonn li jimtlew il-partijiet kollha ta' applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar. B'mod partikolari, ftakar li peress li l-applikazzjoni hija għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar – ma hemmx bżonn li timtela l-informazzjoni dwar iċ-

[68] Il-Konvenzjoni tkopri deċiżjonijiet meħudin kemm f'sistemi amministrattivi kif ukoll ġudizzjarji. F'ċerti sistemi, ir-rispondent / id-debitur ser jiġi nnotifikat qabel ma tittieħed id-deċiżjoni iżda ser jirċievi avviż dwar id-deċiżjoni ladarba tkun ittieħdet u ser jingħata opportunità sabiex jikkontesta d-deċiżjoni.

ċirkustanzi tal-kreditur. Jekk ma jkunx qed jintalab infurzar (jiġifieri l-applikazzjoni hija għal rikonoxximent biss), mhuwiex ser ikun hemm bżonn ta' din il-formola.

301. Il-formola rakkomandata tinkludi t-tagħrif meħtieġ dwar iċ-ċirkustanzi finanzjarji tad-debitur u l-assi tiegħu. Dan it-tagħrif ser ikun ta' utilità parikolari fl-infurzar tad-deċiżjoni, jekk id-debitur ma jħallasx il-manteniment meħtieġ minn jeddu. Il-formola għandha timtela kemm jista' jkun, sa fejn jista' l-applikant.

302. Il-formola tista' timtela mill-kreditur / applikant, peress li spiss l-applikant ser ikollu aċċess għat-tagħrif dwar id-debitur li jinsab fil-formola. Madankollu, jekk il-kreditur / applikant jimla l-formola, ir-rappreżentant tal-Awtorità Ċentrali jrid jivverifikaha biex jiżgura li hija kompluta.

303. Ara l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili ta' din il-formola.

5. Dokument li jikkalkola l-arretrati

304. Bħala parti minn talba għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, applikant jista' jitlob l-infurzar ta' arretrati tal-manteniment li nġemgħu minn meta ttieħdet id-deċiżjoni. L-applikant għandu jipprovdi kalkolu sħiħ, li juri l-ammonti dovuti skont id-deċiżjoni, l-ammonti mħallsin (jekk jeżistu) u l-bilanċ. Dan id-dokument għandu jkun sħiħ u preċiż kemm jista' jkun, peress li r-rispondent jista' jikkontesta r-rikonoxximent u l-infurzar fuq il-bażi li l-arretrati tħallsu bis-sħiħ. Jekk l-imgħax ikun inkluż fl-arretrati, hija prattika tajba li tiddokumenta bis-sħiħ il-mod li bih ġie kkalkolat l-imgħax u l-bażi ġuridika sabiex jintalab l-imgħax.

> ***Prattika tajba**: Jekk aġenzija tal-appoġġ għat-tfal jew ta' infurzar tal-manteniment kienet involuta fil-kalkolu u l-infurzar tal-arretrati tal-manteniment, ara li tinkludi dikjarazzjoni mingħand dik l-aġenzija, peress li r-rekords tagħha ser ikunu preċiżi u sħaħ.*

6. Dokument li jispjega kif jiġi indiċizzat jew aġġustat l-ammont tal-manteniment

305. F'ċerti Stati, id-deċiżjoni jew il-liġi domestika li skontha ttieħdet id-deċiżjoni tipprovdi li d-deċiżjoni trid tiġi indiċizzata jew aġġustata b'mod awtomatiku b'intervalli speċifikati. Jekk dan japplika, l-Istat rikjedenti għandu jipprovdi dettalji dwar kif ser isir l-aġġustament. Pereżempju – jekk l-aġġustament isir billi jintuża perċentwal tal-għoli tal-ħajja, agħti dettalji dwar liema Stat ser jikkalkola l-aġġustament, x'tagħrif ser ikun meħtieġ biex isir il-kalkolu, u l-mod li bih l-ammont ikkalkolat mill-ġdid tal-manteniment ser jiġi kkomunikat lill-Awtorità Ċentrali u lill-partijiet.

306. B'mod simili, ċerti deċiżjonijiet maħruġin minn awtorità amministrattiva jipprevedu li ssir rivalutazzjoni f'intervalli fissi, u jiġi aġġustat il-manteniment fuq il-bażi taċ-ċirkustanzi finanzjarji tal-partijiet.[69] Jekk id-deċiżjoni li trid tiġi rikonoxxuta ser tkun soġġetta għal dan it-tip ta' rivalutazzjoni, ara li jingħata biżżejjed tagħrif biex jiġi spjegat lill-Istat rikjest kif ser isseħħ ir-rivalutazzjoni u kif ser tiġi pprovduta kull valutazzjoni ġdida lill-Istat rikjest.

---

69 Pereżempju, fl-Awstrija, rivalutazzjoni tal-manteniment issir kull 15-il xahar u tinħareġ valutazzjoni ġdida.

307. Bħala l-aħjar prattika ġenerali, huwa rakkomandat li l-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni għandu jikkalkula l-aġġustament peress li dak l-Istat ser ikun l-iktar wieħed midħla tal-proċess tal-kalkolu. Imbagħad, jekk dan huwa l-proċess mistenni, id-dokument li jispjega kif tiġi aġġustata d-deċiżjoni jindika lill-Istat rikjest kif dan il-proċess ser jiġi ġestit u meta l-Istat rikjest jista' jistenna li jirċievi aġġustamenti fl-ammont tal-manteniment.

7. Test sħiħ tad-deċiżjoni

308. Soġġetta għall-eċċezzjonijiet ta' hawn taħt, fil-pakkett trid tkun inkluża kopja kompluta tad-deċiżjoni dwar il-manteniment. Is-soltu, din tkun sempliċi kopja tad-deċiżjoni stess mill-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva li ħadet id-deċiżjoni.

a) Sakemm l-Istat ma qabilx li ser jaċċetta astratt jew silta

309. Stat jista' jiddikjara li ser jaċċetta silta jew astratt tad-deċiżjoni, minflok test sħiħ tad-deċiżjoni (Art. 25(3) *b)*). F'ċerti każijiet, id-dispożizzjonijiet dwar il-manteniment ta' deċiżjoni jkunu biss parti żgħira mid-deċiżjoni sħiħa, u Stat jista' ma jkunx jixtieq iġarrab l-ispejjeż tat-traduzzjoni tat-test sħiħ, meta jkunu meħtieġa d-dispożizzjonijiet dwar il-manteniment biss. Il-Profil tal-Pajjiż għall-Istat li jkun qed jirċievi l-każ ser jindika jekk huwiex aċċettabbli li jintbagħtu astratt jew silta.

310. Jekk astratt huwa aċċettabbli – uża l-formola rakkomandata (Astratt ta' Deċiżjoni).

> ***Prattika tajba**: Meta jkun hemm iktar minn deċiżjoni waħda fuq din il-kwistjoni, inkludi l-kopji tad-deċiżjonijiet kollha jekk hemm arretrati jew manteniment mhux imħallas li jirriżultaw minn dawk id-deċiżjonijiet. Jekk id-deċiżjoni sussegwenti ħadet post id-deċiżjoni ta' qabel bis-sħiħ, id-deċiżjoni ta' qabel ma għandhiex tintalab mill-Istat rikjest. Ftakar ukoll li jekk id-deċiżjoni ttieħdet fi Stat fejn id-deċiżjonijiet jerġgħu jiġu aġġustati b'mod awtomatiku (pereżempju, l-Awstralja, fejn rivalutazzjoni ssir fuq bażi regolari), għandhom jiġu inklużi l-valutazzjonijiet relevanti kollha għall-perjodu ta' żmien, peress li kull valutazzjoni tista' titqies bħala deċiżjoni ġdida u separata.*

b) Sakemm l-Istat rikjest ma jkunx speċifika li hemm bżonn ta' kopja ċċertifikata tad-deċiżjoni, hemm kontestazzjoni jew appell, jew issir talba għal kopja ċċertifikata sħiħa

311. Skont l-Artikolu 25(3), Stat jista' jispeċifika li jeħtieġ kopja tad-deċiżjoni ċċertifikata mill-awtorità kompetenti. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 25(2), jekk hemm kontestazzjoni jew appell, jew jekk l-awtorità kompetenti titlob waħda, f'dak il-każ jista' jkun hemm bżonn li tiġi pprovduta kopja ċċertifikata.[70] Fil-każijiet kollha l-oħrajn, kopja sempliċi ser tkun biżżejjed. Il-Profil tal-Pajjiż ser jindika jekk hemmx bżonn ta' kopji ċċertifikati.

312. Id-deċiżjoni jaf ikollha tiġi tradotta fil-lingwi uffiċjali tal-Istat rikjest[71] jew fl-Ingliż jew il-Franċiż. Ara l-Kapitolu 3 (Parti 2) għal diskussjoni sħiħa dwar ir-rekwiżiti ta' traduzzjoni. Ivverifika l-Profil tal-Pajjiż biex issib jekk huwiex ser ikun hemm bżonn ta' dan.

---

70 Art. 25(2).

71 Ftakar li l-lingwa uffiċjali tista' tkun il-lingwa uffiċjali ta' subunità tal-Istat, bħal provinċja jew territorju. Ara l-Kapitolu 3 (Art. 44).

8. Tagħrif ieħor ta' sostenn

313. Għad li Stat rikjest ma jistax jitlob xi dokument addizzjonali minbarra dawk stabbiliti fl-Artikolu 25, f'applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, jista' jkun hemm każijiet li fihom ser ikun hemm tagħrif ieħor ta' sostenn li ser jassisti fil-proċess ta' rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar.

314. Pereżempju, jekk l-applikant ikun korp pubbliku, u l-korp pubbliku jkun ipprovda benefiċċji minflok manteniment, tista' tiġi pprovduta dokumentazzjoni tal-għoti tal-benefiċċji sabiex jiġi stabbilit id-dritt tal-korp pubbliku li jagħmel l-applikazzjoni. B'mod simili, jekk id-deċiżjoni dwar il-manteniment tistipula li manteniment issokta għal tifel li kiber jiddependi mill-attendenza f'istituzzjoni postsekondarja, prova ta' reġistrazzjoni fl-università jew il-kulleġġ tista' tgħin fl-infurzar tad-deċiżjoni. Filwaqt li ma hemm l-ebda rekwiżit li dawn jiġu pprovduti mal-applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar fil-fażi inizjali, dawn id-dokumenti jistgħu jiżguraw li l-applikazzjoni tiġi indirizzata malajr mill-Istat rikjest.

9. Formola ta' Trażmissjoni Sħiħa

315. Il-Formola ta' Trażmissjoni hija formola obbligatorja li tipprovdi mezz standard u uniformi biex jintbagħtu applikazzjonijiet bejn l-Istati. Trid takkumpanja kull applikazzjoni li titnieda skont il-Konvenzjoni. Telenka d-dokumenti meħtieġa u t-tagħrif li jinsab fil-pakkett u tindika lill-Awtorità Ċentrali rikjesta x'applikazzjoni qed issir.

316. Ara l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili tal-formola.

IV. Rikonoxximent u infurzar – kunsiderazzjonijiet oħra

A. Arranġamenti tal-manteniment

1. Ġenerali

317. ***Arranġamenti tal-manteniment*** huma ddefiniti b'mod speċifiku fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Mhumiex deċiżjonijiet dwar il-manteniment għad li huma ttrattati daqslikieku kienu deċiżjonijiet dwar il-manteniment f'ċerti partijiet tal-Konvenzjoni. L-Artikolu 30 jagħmel dispożizzjonijiet speċifiċi għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' arranġamenti dwar il-manteniment, diment li dawk l-arranġamenti dwar il-manteniment ikunu infurzabbli bl-istess mod bħal deċiżjoni dwar il-manteniment fl-Istat ta' oriġini.

Arranġament dwar il-manteniment *huwa ftehim bil-miktub marbut mal-ħlas tal-manteniment, li tfassal jew ġie rreġistrat b'mod formali bħala strument awtentiku minn awtorità kompetenti, jew ġie awtentiċizzat, konkluż, irreġistrat jew ippreżentat ma' awtorità kompetenti u li jista' jiġi soġġett għal eżami u modifika minn awtorità kompetenti.*

318. Stat Kontraenti jistgħu jagħmlu riserva skont il-Konvenzjoni li biha jindika li mhumiex ser jirrikonoxxi jew jinfurzaw arranġamenti dwar il-manteniment. Dan ser ikun indikat fil-Profil tal-Pajjiż.

2. Proċeduri għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar

a) Applikazzjoni permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali

319. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 li jittrattaw ir-rikonoxximent u l-infurzar japplikaw għal arranġamenti dwar il-manteniment. Dan ifisser li l-proċeduri għal arranġamenti ta' rikonoxximent u infurzar tal-arranġamenti tal-manteniment ġeneralment ikunu simili għal dawk użati għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet, diment li l-manteniment stess jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni (ara l-Kapitolu 3 Parti 1 – Kamp ta' Applikazzjoni). Hemm ftit differenzi f'termini tad-dokumentazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' arranġament dwar il-manteniment, kif ukoll għall-proċess u l-motivi li jistgħu jintużaw mir-rispondent li joġġezzjona għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' arranġament dwar il-manteniment. L-Artikolu 30(5) jelenka l-Artikoli tal-Konvenzjoni li japplikaw għal rikonoxximent u infurzar ta' arranġamenti dwar il-manteniment u dawk li ma japplikawx.

320. Għaldaqstant, applikant jista' jitlob lil Awtorità Ċentrali sabiex tibgħat applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' arranġament dwar il-manteniment lil Stat Kontraenti ieħor, diment li l-arranġament dwar il-manteniment ikun jikkonċerna obbligi tal-manteniment għal tifel ta' taħt il-21 sena (jew inqas minn 18-il sena jekk tkun saret riserva) jew obbligi tal-manteniment għal tifel u konjuġi.

b) Dokumentazzjoni

321. Peress li applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar ta' arranġament dwar il-manteniment ser tiġi ttrattata bl-istess mod bħal applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment, hemm similaritajiet fid-dokumentazzjoni meħtieġa. Fil-każijiet kollha, jeħtieġ dan li ġej:

(1) Formola ta' applikazzjoni

322. Il-formola ta' applikazzjoni tkopri t-tagħrif meħtieġ fl-Artikolu 11. Ma ġiet żviluppata l-ebda formola ta' applikazzjoni speċifika rakkomandata għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' arranġamenti dwar il-manteniment. Madankollu, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjoni rigward in-notifika lir-rispondent, il-formola rakkomandata għal Rikonoxximent jew Rikonoxximent u Infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment hija relevanti u tista' tintuża.

(2) Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà

323. Sabiex jiġi rikonoxxut jew rikonoxxut u infurzat, arranġament dwar il-manteniment irid ikun infurzabbli fl-Istat ta' oriġini.[72] Meta jkun hemm ċerti prekundizzjonijiet għall-infurzar, bħal, pereżempju, il-preżentazzjoni tal-arranġament ma' awtorità ġudizzjarja, l-awtorità kompetenti li tagħmel id-dikjarazzjoni għandha tiżgura li dawk ikunu ssodisfati. Jekk il-partijiet kienu jgħixu fi Stati differenti meta sar l-arranġament, ġeneralment l-Istat ta' oriġini ser ikun l-Istat fejn ġie konkluż l-arranġament jew fejn ġie formalizzat.

324. Ma ġiet żviluppata l-ebda formola rakkomandata għad-Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà għal arranġament dwar il-manteniment. Madankollu, il-formola għad-Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà għal deċiżjoni dwar il-manteniment tista' tiġi adattata għal dan il-għan.[73]

---

72 Rapport Spjegattiv, para. 558.

73 F'ċerti Stati tista' tintuża "*attestation de la force de chose jugée*" li tistipula li l-arranġament għandu setgħa tal-liġi f'dak l-Istat.

(3) Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa

325. Din mhijiex meħtieġa f'applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar ta' arranġament dwar il-manteniment minħabba l-għamla tal-arranġamenti dwar il-manteniment. Fil-proċess ta' konklużjoni tal-arranġament dwar il-manteniment, iż-żewġ partijiet kienu involuti u taw il-kunsens jew qablu mal-arranġament, u għalhekk ma tqumx il-kwistjoni dwar il-verifika tan-notifika xierqa.

(4) Ċirkustanzi finanzjarji tad-debitur

326. Jekk l-arranġament dwar il-manteniment irid jiġi infurzat wara li jiġi rikonoxxut, il-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji tista' tiġi inkluża mal-applikazzjoni peress li tinkludi tagħrif relevanti li jikkonċerna kemm il-post kif ukoll l-assi u d-dħul tad-debitur. It-tagħrif ser jassisti wkoll lill-Istat rikjest fis-sejbien tad-debitur sabiex dan jiġi nnotifikat dwar ir-rikonoxximent.

(5) Dokumenti oħrajn

327. Kun af li għad li l-Artikolu 25(1) ma japplikax għal rikonoxximent u infurzar ta' arranġamenti dwar il-manteniment, hija prattika tajba li jiġu inklużi d-dokumenti li ġejjin fil-pakkett ta' materjali, f'każ li fihom iċ-ċirkustanzi tal-każ jeħtieġu hekk:

Dokument li juri l-ammont tal-arretrati

328. Jekk l-applikant qed jitlob l-infurzar ta' arretrati li nġemgħu skont l-arranġament, għandha tiġi pprovduta d-dokumentazzjoni ta' prova neċessarja kollha, inkluża dikjarazzjoni tal-ammonti mħallsin u l-bilanċi mhux imħallsin dovuti. (Ara d-diskussjoni fit-Taqsima III iktar 'il fuq.)

Dokument li jispjega kif taġġusta

329. Jekk l-arranġament dwar il-manteniment jipprevedi indiċjar jew aġġustament awtomatiku, għandu jiġi pprovdut dan id-dokument. (Ara d-diskussjoni fit-Taqsima III iktar 'il fuq.)

c) Proċess għal rikonoxximent u infurzar fl-Istat rikjest

330. Hemm xi differenzi fil-mod li bih ser isiru r-rikonoxximent u l-infurzar tal-arranġamenti dwar il-manteniment fl-Istat rikjest. L-Artikolu 30 ikopri l-proċeduri. Dawn huma koperti fil-Kapitolu 5 – L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet riċevuti għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar.

d) Arranġamenti dwar il-manteniment – talbiet lil awtoritajiet kompetenti (talbiet diretti)

331. Jekk l-arranġament dwar il-manteniment jikkonċerna obbligi tal-manteniment li ma jaqgħux fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni (*pereż.*, manteniment għall-konjuġi biss), ser ikollha ssir talba diretta għal rikonoxximent u infurzar tal-arranġament lill-awtorità kompetenti. Għal diskussjoni tal-proċeduri applikabbli, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 16.

332. Madankollu, kun af li Stat Kontraenti jista' jiddikjara li l-applikazzjonijiet kollha għal rikonoxximent u infurzar ta' arranġamenti dwar il-manteniment iridu jsiru lill-Awtorità Ċentrali ta' dak l-Istat u mhux lil awtorità kompetenti.[74] Din id-dikjarazzjoni ser tiġi indikata fil-Profil tal-Pajjiż.

---

[74] Dan jista' jsir biex jiġi pprovdut xi eżami jew sorveljanza addizzjonali fuq it-talbiet għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' dawn l-arranġamenti. Rapport Spjegattiv, para. 565.

B. Manteniment għall-konjuġi

333. Irreferi għad-diskussjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni fil-Kapitolu 3 iktar 'il fuq. B'mod ġenerali, obbligi għal manteniment tal-konjuġi huma koperti biss mill-Konvenzjoni, bl-eċċezzjoni tad-dmirijiet tal-Awtorità Ċentrali, stabbiliti fil-Kapitoli II u III (sakemm iż-żewġ Stati Kontraenti ma jkunux estendew l-applikazzjoni ta' dawk il-Kapitoli għal manteniment għall-konjuġi). Ftakar li jekk id-deċiżjoni dwar il-manteniment li trid tiġi infurzata tinkludi kemm manteniment għat-tfal kif ukoll manteniment għall-konjuġi, din ser taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni sħiħ tal-Konvenzjoni b'mod awtomatiku u l-proċeduri diskussi iktar 'il fuq għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjonijiet rigward obbligi tal-manteniment għat-tfal ser japplikaw bl-istess mod għad-dispożizzjonijiet dwar il-manteniment għall-konjuġi.

334. Jekk l-Awtorità Ċentrali ma tkunx involuta għaliex ma tkun saret l-ebda dikjarazzjoni biex jiġu estiżi s-servizzi tal-Awtorità Ċentrali kemm mill-Istat rikjest kif ukoll dak rikjedenti, l-applikant fl-Istat rikjedenti ser ikollu jibgħat talba diretta għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar lill-awtorità kompetenti, mhux lill-Awtorità Ċentrali, fl-Istat rikjest. Din hija talba diretta, u ser tkun koperta mill-Artikolu 37. It-talbiet diretti huma diskussi fil-Kapitolu 16.

C. Forom oħrajn ta' manteniment tal-familja

335. Irreferi għad-diskussjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni fil-Kapitolu 3 iktar 'il fuq. Sakemm kemm l-Istat rikjest kif ukoll dak rikjedenti ma jkunux għamlu dikjarazzjonijiet li "jaqblu"[75] fir-rigward ta' forom oħrajn ta' manteniment tal-familja, ma hemm l-ebda bażi biex tkompli tipproċedi talba għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni għal xi forma oħra ta' manteniment tal-familja. Jekk saru dikjarazzjonijiet biex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni ser tapplika sal-limitu stabbilit minn dawk id-dikjarazzjonijiet.

V. Kwistjonijiet oħrajn

A. Fejn jinsab ir-rispondent

336. F'xi każijiet, l-applikant jista' ma jkunx jaf fejn jinsab ir-rispondent. Dan ma jżommx milli ssir applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni. Malli jirċievi l-applikazzjoni, l-Istat rikjest jagħmel it-tiftixiet neċessarji biex isib fejn jinsab ir-rispondent.

337. Madankollu, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom kreditur ikun jixtieq isib konferma tal-post tad-debitur qabel ma jagħmel applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar. Dan jista' jseħħ, pereżempju, meta jkun hemm dubju dwar jekk ir-rispondent huwiex fl-Istat rikjest affattu, jew meta jkun hemm spejjeż marbutin mat-traduzzjoni tad-deċiżjoni fil-lingwa tal-Istat rikjest.

338. Barra minn hekk, f'ċerti każijiet li fihom id-deċiżjoni ttieħdet minn awtorità amministrattiva, ser ikun hemm bżonn li jsir magħruf jekk ir-rispondent huwiex fl-Istat rikjest qabel ma jkun jista' jitlesta l-pakkett tal-applikazzjoni. Dan għaliex l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti ser trid tkun taf jekk l-Istat rikjest huwiex ser jitlob dokument li jiddikjara li huma ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 19(3) għad-deċiżjoni.

---

[75] Intuża t-terminu "jaqblu" ("coincide") biex jiddeskrivi s-sitwazzjoni li fiha dikjarazzjonijiet jew riservi li jsiru minn żewġ Stati (li jistgħu jkunu ferm differenti) ikunu simili f'qasam speċifiku b'tali mod li l-kwistjonijiet koperti f'dik il-parti tad-dikjarazzjoni jew ir-riserva japplikaw fiż-żewġ Stati fi kwistjoni speċifika.

339. F'dawn it-tipi ta' sitwazzjonijiet, applikant jista' jkompli l-ewwel b'Talba għal Miżuri Speċifiċi (ara l-Kapitolu 13) li biha jitlob li jinstab fejn huwa d-debitur jew ir-rispondent (jew id-dħul jew l-assi tad-debitur). Malli jasal dak it-tagħrif, tkun tista' tipproċedi l-applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar.

340. Madankollu, kun af li l-indirizz tar-rispondent mhux bilfors li jiġi pprovdut lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti jew lill-applikant jekk l-Istat rikjest ma jkunx awtorizzat mil-liġijiet domestiċi tiegħu li jiżvela dak it-tagħrif. F'każ bħal dan, l-Istat rikjest jista' sempliċiment jikkonferma li r-rispondent jew id-debitur (jew l-assi jew id-dħul tad-debitur) instab fl-Istat.

B. Rikonoxximent u infurzar – impatt tar-riservi li saru mill-Istat rikjest

341. Kif diskuss fit-Taqsima I ta' dan il-Kapitolu, ir-rispondent jista' jikkontesta r-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment għaliex ma hija preżenti l-ebda waħda mill-bażijiet ta' ġurisdizzjoni għal rikonoxximent u infurzar stipulati fl-Artikolu 20. Stat jista' jagħmel riserva wkoll li tispeċifika li ma jaċċettax uħud mill-bażijiet stipulati fl-Artikolu 20 bħala bażijiet għal ġurisdizzjoni għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni f'dak l-Istat (Art. 20(2)). Effettivament dan ifisser li meta ssir tali riżerva, pereżempju għar-residenza abitwali tal-kreditur fl-Istat ta' oriġini bħala bażi għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni, huwa possibbli li deċiżjoni meħuda f'dawk iċ-ċirkustanzi ma tiġix rikonoxxuta jew infurzata.[76]

342. Minn perspettiva prattika, dan ser ifisser li hemm sitwazzjonijiet li fihom l-applikant jista' jistenna li l-Istat rikjest jaf ma jirrikonoxxix u ma jinfurzax deċiżjoni minħabba dan it-tip ta' riserva. L-applikant għandu żewġ għażliet.

343. Tista' ssir l-applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, u jekk tiġi miċħuda fuq il-bażi tar-riserva, l-applikant ser ikollu l-benefiċċju tal-Artikolu 20(4). Dak l-Artikolu jesiġi li l-Istat rikjest jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jistabbilixxi deċiżjoni ġdida f'dawk iċ-ċirkustanzi. F'din is-sitwazzjoni, skont l-Artikolu 20(5), l-awtorità kompetenti trid taċċetta l-eliġibbiltà tat-tifel biex jinfetħu proċedimenti għall-manteniment, u b'hekk jitħaffef il-proċess.[77] Madankollu, f'każ bħal dan l-applikant għandu jkun jaf li l-Istat rikjest jista' jitlob tagħrif jew dokumenti addizzjonali qabel ma jkun jista' jieħu deċiżjoni ġdida dwar il-manteniment, u li l-applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni ġdida jaf ma tkunx tista' tipproċedi sakemm l-applikant jipprovdihom.

344. It-tieni għażla għall-kreditur huwa li jagħmel applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni ġdida, u ma jippruvax rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni eżistenti. Dan jista' jkun iktar imħaffef, peress li d-dokumenti meħtieġa kollha jistgħu jiġu pprovduti lill-Istat rikjest mal-applikazzjoni inizjali. L-applikant ser ikollu bżonn jiżgura li l-Istat rikjest jaf bir-restrizzjoni fuq ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni eżistenti, biex b'hekk ikun jista' jiġi applikat l-Artikolu 20(5). Dan huwa kopert fil-Kapitolu 8 – Applikazzjonijiet mibgħuta għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment.

---

76 Kun af li jekk il-liġi domestika tal-Istat rikjest kienet tippermettilu jieħu deċiżjoni f'ċirkustanzi fattwali simili, id-deċiżjoni għandha tiġi rikonoxxuta. Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 463.

77 Rapport Spjegattiv, para. 469-471. Kun af li l-Konvenzjoni ma tiddefinixxix it-terminu "eliġibbiltà" f'dan il-kuntest, u għalhekk il-liġi domestika tal-Istat rikjest ser tagħżel kif jiġi interpretat it-terminu kif ukoll x'tip ta' informazzjoni jew evidenza ulterjuri ser tkun meħtieġa biex tittieħed id-deċiżjoni dwar il-manteniment. Dan ma jfissirx li t-tifel isir l-applikant, iżda biss li nstabet waħda mir-raġunijiet għall-manteniment, l-eliġibbiltà.

VI. Materjali addizzjonali

A. *Pariri prattiċi*

- Rappreżentant awtorizzat tal-Awtorità Ċentrali jrid jimla l-Formola ta' Trażmissjoni u jivverifika jew jimla l-formola ta' applikazzjoni rakkomandata.
- L-Istati individwali jista' jkollhom l-applikazzjonijiet domestiċi tagħhom stess sabiex jintużaw mill-applikanti. It-tagħrif ipprovdut f'dawk il-formoli jista' jintuża biex timtela l-formola ta' applikazzjoni wkoll.
- L-Istati huma mħeġġin jużaw il-formoli rakkomandati u ppubblikati mill-Konvenzjoni tal-Aja. Huma mfasslin sabiex ikun inkluż it-tagħrif kollu meħtieġ. Il-Formoli ta' Trażmissjoni u Rikonoxximent biss huma obbligatorji, u jridu jintużaw.
- Għad li l-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji mhijiex formola obbligatorja, hija prattika tajba li dejjem tinkludi l-formola jekk id-deċiżjoni trid tiġi infurzata wara li tiġi rikonoxxuta. Il-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji fiha tagħrif dwar id-debitur li ser tkun ferm siewja jekk id-debitur ma jħallasx minn jeddu u d-deċiżjoni trid tiġi infurzata. Il-mili tal-formola ser jiżgura li ma jkun hemm l-ebda dewmien fil-kuntatt tad-debitur biex iħallas minn jeddu, jew fl-infurzar jekk ikun hemm bżonn.
- Ma hemm l-ebda rekwiżit li jkunu inklużi l-oriġinali ta' xi dokumenti fil-pakkett.
- Skont il-Konvenzjoni, sempliċi kopji tad-dokumenti huma biżżejjed sakemm l-Istat rikjest ma jkunx indika b'mod speċifiku li jeħtieġ kopji ċċertifikati ta' deċiżjoni. Tista' ssir taf iktar billi tivverifika l-Profil tal-Pajjiż.
- F'ħafna każijiet, il-ħidma mar-rispondent fl-ewwel opportunità biex jinkisbu pagamenti volontarji skont id-deċiżjoni ser tiżgura li l-ħlasijiet tal-manteniment ser jibdew jaslu għand l-applikant malajr; l-għan tal-miżuri ta' infurzar kollha huwa li jiżguraw konformità fil-ħin mad-deċiżjoni.

B. *Ideat siewja u għodod*

- Riservi u dikjarazzjonijiet magħmulin mill-Istat rikjest ser jaffettwaw kemm it-tipi ta' applikazzjonijiet li jistgħu jsiru permezz tal-Awtorità Ċentrali, kif ukoll rekwiżiti dokumentarji speċifiċi għall-applikazzjoni. Ivverifika l-Profil tal-Pajjiż u s-sit tal-Konvenzjoni tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-Taqsima "Child Support / Maintenance" biex tara jekk hemmx xi riserva jew dikjarazzjoni li għandek tkun taf biha meta timla l-applikazzjoni.
- Wara li l-applikazzjoni tintbagħat lill-Istat rikjest, żomm lill-applikant mgħarraf dwar kull żvilupp sussegwenti u, sa fejn jista' jkun, għarraf lill-applikant dwar il-perjodi ta' żmien li fihom jista' jistenna li ser titlesta l-applikazzjoni.
- F'ċerti każijiet, wara li tinfetaħ l-applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, il-partijiet ser jaslu għal soluzzjoni amikevoli. Jekk jiġri hekk, ara li tgħarraf lill-Istat rikjest sabiex tkun tista' tiġi rtirata l-applikazzjoni.
- Huwa prinċipju fundamentali għal kwistjonijiet imressqin skont il-Konvenzjoni li l-proċess għandu jkun ġestit malajr kemm jista' jkun. It-teħid ta' żmien biex jiġi żgurat li l-applikazzjoni hija sħiħa u preċiża, u l-anticipazzjoni ta' kull kwistjoni li tista' tqum fil-proċess ta' rikonoxximent, ser jiżguraw li l-applikazzjoni ser timxi mingħajr intoppi fl-Istat rikjest.

C. *Formoli relatati*

Formola ta' trażmissjoni
Applikazzjoni għal Rikonoxximent jew Rikonoxximent u Infurzar (Art. 10(1) *a)* u 10(2) *a)*)
Formola ta' Tagħrif Ristrett
Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà
Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa
Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji
Astratt ta' Deċiżjoni

D. *Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni*

Artikolu 10(1) *a)*
Artikolu 10(2) *a)*
Artikolu 11
Artikolu 12
Artikolu 19
Artikolu 25
Artikolu 30

E. *Taqsimiet relatati tal-Manwal*

Ara l-Kapitolu 5 – L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet riċevuti għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar
Ara l-Kapitolu 6 – It-tħejjija ta' applikazzjonijiet mibgħuta għall-infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest
Ara l-Kapitolu 13, Taqsima I – Ħarsa Ġenerali – Talbiet għal Miżuri Speċifiċi
Ara l-Kapitolu 15, Taqsima I – Il-mili tal-formoli obbligatorji meħtieġa għall-applikazzjonijiet kollha

VII. Lista ta' kontroll – applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar

	Proċedura	Referenza tal-Manwal
1	Ivverifika d-dokumenti	II(B)(1)
2	Ara jekk tistax issir applikazzjoni	II(B)(3)
3	Sib x'dokumenti huma meħtieġa	II(B)(5)-(7)
4	Ivverifika jew imla l-formola ta' applikazzjoni	II(B)(9)
5	Ehmeż dokumenti	III(B)
6	Imla l-Formola ta' Trażmissjoni	Kapitolu 15
7	Ibgħat kollox lill-Istat rikjest	II(B)(12)
8	Stenna konferma tar-riċevuta tal-applikazzjoni	II(B)(13)

VIII. Mistoqsijiet Frekwenti

Għaliex id-data tat-twelid tal-applikant hija meħtieġa fuq l-applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar?

345. Id-data tat-twelid hija meħtieġa sabiex jiġu identifikati kif suppost il-partijiet għad-deċiżjoni dwar il-manteniment. Peress li spiss l-ismijiet ikunu simili, id-data tat-twelid tippermetti lill-Awtorità Ċentrali sabiex tikkonferma l-identità ta' kull parti, skont il-bżonn. Jekk l-applikant ikun tifel, id-data tat-twelid ser tassisti wkoll biex jinstab jekk il-manteniment għadux pagabbli meta, pereżempju, ikun hemm dispożizzjoni fid-deċiżjoni, jew fil-liġi tal-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni, li l-manteniment għal tifel jintemm f'ċerta età.

L-indirizz tal-applikant irid jiġi pprovdut meta jkun hemm tħassib dwar vjolenza domestika?

346. L-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni jesiġi li applikazzjoni tinkludi l-indirizz tal-applikant. Madankollu, l-Artikolu 40 tal-Konvenzjoni jistipula li awtorità ma tistax toħroġ dak it-tagħrif jekk issib li dan jista' joħloq riskju għas-sikurezza, is-saħħa jew il-libertà ta' persuna. Għalhekk, il-formoli ta' applikazzjoni rakkomandati għandhom kaxxa li fiha l-Awtorità Ċentrali rikjedenti tista' tindika li saret determinazzjoni ta' nuqqas ta' żvelar. Jekk l-Awtorità Ċentrali rikjedenti timmarka dik il-kaxxa, tista' tipprovdi tagħrif ristrett dwar l-applikant fuq formola separata li ma tistax tiġi pprovduta lir-rispondent. Kun af li għad li l-Awtorità Ċentrali rikjesta mhijiex marbuta bid-determinazzjoni ta' nuqqas ta' żvelar magħmula mill-Istat rikjedenti, trid tieħu dik id-determinazzjoni f'kunsiderazzjoni. Wara dan, ser tieħu deċiżjoni dwar jekk il-ħruġ tat-tagħrif jistax iqiegħed f'riskju s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' persuna u ser tipproċedi kif ikun hemm bżonn biex twettaq l-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni.

L-indirizz tal-Awtorità Ċentrali jista' jintuża minflok l-indirizz tal-applikant?

347. Iva – u dan jista' jkun xieraq meta jkun hemm tħassib fuq is-sikurezza, is-saħħa jew il-libertà ta' xi persuna, jew meta l-liġi domestika tal-Istat rikjedenti tipprojbixxi l-iżvelar tal-indirizz. Madankollu, f'każ bħal dan, l-Awtorità Ċentrali (jew l-awtorità kompetenti xierqa) trid titħejja biex taċċetta n-notifika ta' kull dokumentazzjoni f'isem l-applikant, peress li l-Konvenzjoni teħtieġ li l-applikanti jiġu nnotifikati dwar ċerti proċeduri, bħad-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent jew le tad-deċiżjoni dwar il-manteniment.

348. Jekk l-Istat rikjest jesiġi l-indirizz tal-applikant, hija prattika tajba li dejjem timmarka l-kaxxa xierqa li titlob in-nuqqas ta' żvelar tat-tagħrif. Dan ser jiżgura li l-Awtorità Ċentrali rikjesta tkun taf li l-indirizz ma għandux jiġi żvelat lir-rispondent sakemm dan ma jkunx meħtieġ sabiex jitwettqu l-obbligi tal-Awtorità Ċentrali skont il-Konvenzjoni.

- Ara wkoll – Protezzjoni ta' informazzjoni personali u kunfidenzjali (Kapitolu 3)

X'differenzi hemm jekk l-applikazzjoni issir minn aġenzija tal-gvern jew korp pubbliku f'isem applikant?

349. L-aġenzija tal-gvern jew il-korp pubbliku jista' jkollhom juru li għandhom dritt skont il-liġi domestika li jaġixxu f'isem l-applikant / il-kreditur jew li pprovdew benefiċċji lill-applikant minflok il-manteniment.

X'jiġri jekk l-applikant ma jafx fejn jinsab ir-rispondent?

350. L-applikant xorta għandu jimla l-applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar u jibgħatha lill-Istat fejn huwa mifhum li jgħix ir-rispondent. L-Awtorità Ċentrali rikjesta ser tieħu kull miżura xierqa sabiex issib lir-rispondent sabiex tipproċedi bl-applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar.

Tista' ssir applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar jekk l-applikant ma għandux deċiżjoni dwar il-manteniment jew ordni tal-manteniment?

351. Le. Irid ikun hemm deċiżjoni dwar il-manteniment. Din tista' tkun deċiżjoni minn awtorità amministrattiva, awtorità ġudizzjarja jew tista' tkun arranġament dwar il-manteniment kif iddefinit fil-Konvenzjoni.

352. Jekk l-applikant ma jkollux deċiżjoni dwar il-manteniment, għandha ssir applikazzjoni biex tiġi stabbilita deċiżjoni dwar il-manteniment. Ara l-Kapitolu 8.

Tista' ssir applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar jekk l-applikant ikollu arranġament dwar il-manteniment – pereżempju ftehim ta' separazzjoni?

353. Iva – diment li l-***arranġament dwar il-manteniment*** ikun infurzabbli bħala deċiżjoni fl-Istat fejn sar. Ġeneralment, il-proċeduri għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' arranġamenti dwar il-manteniment ikunu simili għal dawk għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment. Kun af ukoll li xi Stati jistgħu jagħżlu riserva skont il-Konvenzjoni li tindika li mhumiex ser jirrikonoxxu jew jinfurzaw arranġamenti dwar il-manteniment.

Arranġament dwar il-manteniment *huwa ftehim bil-miktub marbut mal-ħlas tal-manteniment, li tfassal jew ġie rreġistrat b'mod formali bħala strument awtentiku minn awtorità kompetenti, jew ġie awtentiċizzat, konkluż, irreġistrat jew ippreżentat ma' awtorità kompetenti u li jista' jkun soġġett għal eżami u modifika minn awtorità kompetenti.*

- Ara wkoll – L-ipproċessar ta' applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' arranġament dwar il-manteniment (Kapitolu 5, Taqsima IV, C)

Irid ikun hemm kopja ċċertifikata tad-deċiżjoni inkluża mal-applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar?

354. F'ċerti każijiet biss. Ara l-Kapitolu 3.

355. Stati rikjest jista' jispeċifika li dejjem jeħtieġ kopja ċċertifikata ta' deċiżjoni mal-applikazzjonijiet kollha. L-Istat rikjest ser jindika hekk fil-Profil tal-Pajjiż (ara l-Istadju 1, Parti II, Taqsima 1, tal-Profil tal-Pajjiż). Barra minn hekk, f'applikazzjoni partikolari, l-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest tista' titlob kopja ċċertifikata iktar tard, b'mod partikolari meta jkun hemm kontestazzjoni dwar l-integrità jew l-awtentiċità tad-deċiżjoni, kif ipprovduta. Inkella, sempliċi kopji tad-deċiżjoni huma biżżejjed.

Applikant jista' jitlob rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni dwar manteniment għall-konjuġi biss?

356. Iva – iżda sakemm kemm l-Istat rikjedenti kif ukoll dak rikjest ma jkunux estendew il-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni għal dawn l-applikazzjonijiet, trid issir talba diretta lill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest. Din tista' tkun awtorità amministrattiva jew awtorità ġudizzjarja. Is-servizzi tal-Awtorità Ċentrali mhumiex disponibbli f'dawn il-każijiet (ara l-Kapitolu 3).

X'jiġri jekk ikun hemm iktar minn deċiżjoni waħda dwar il-manteniment? Pereżempju, ikun hemm deċiżjoni inizjali għall-manteniment u dik id-deċiżjoni ġiet immodifikata minn deċiżjoni sussegwenti. Liema għandha tintbagħat mal-applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar?

357. Il-Konvenzjoni ma tindirizzax din il-kwistjoni direttament. Jekk id-deċiżjoni trid tiġi infurzata u hemm arretrati tal-manteniment li nġemgħu jew akkumulaw mid-deċiżjoni ta' qabel, l-Istat rikjest jaf ikollu bżonn kopja tad-deċiżjoni għall-infurzar. Dan jista' jkun meħtieġ mil-liġi domestika li tirregola l-infurzar, jew meta debitur jikkontesta l-arretrati jew jallega interpretazzjoni differenti tal-obbligu. Barra minn hekk, jista' jkun hemm ċerti kwistjonijiet oħrajn (bħal kundizzjonijiet għall-indiċjar jew il-modifika) li jinstabu f'deċiżjoni minnhom iżda mhux fl-oħra.

358. Madankollu, ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni ma għandux jiġi miċħud biss fuq il-bażi li kien hemm deċiżjonijiet preċedenti fuq l-istess kwistjoni li ma ġewx inklużi mal-applikazzjoni. Jekk l-iktar deċiżjoni riċenti hija l-unika deċiżjoni infurzabbli, ibgħat dik id-deċiżjoni biss. Jekk l-Istat rikjest jeħtieġ kopji tad-deċiżjonijiet preċedenti, ser jgħarrfek dwar dan.

Kapitolu 5
L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet riċevuti għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar

Kif inhu mqassam dan il-Kapitolu:

Dan il-Kapitolu jittratta applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment.

It-Taqsima I tagħti ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjoni u l-prinċipji ġenerali li jirregolaw ir-rikonoxximent u l-infurzar – meta ser tintuża u min jista' japplika għaliha.

It-Taqsima II fiha flowchart li turi l-proċeduri għal din l-applikazzjoni.

It-Taqsima III tispjega l-proċeduri għar-rikonoxximent f'dettall.

It-Taqsima IV tittratta aspetti oħrajn tal-proċeduri ġenerali, inklużi applikazzjonijiet minn debituri u talbiet diretti lil awtoritajiet kompetenti.

It-Taqsima V tittratta kwistjonijiet oħrajn bħal assistenza legali u infurzar.

It-Taqsima VI fiha referenzi addizzjonali, formoli u xi ideat siewja prattiċi għal applikazzjonijiet.

It-Taqsima VII fiha Lista ta' Kontroll fil-qosor tal-proċeduri għal din l-applikazzjoni.

It-Taqsima VIII twieġeb xi mistoqsijiet frekwenti.

I. Ħarsa ġenerali u prinċipji ġenerali

A. Prinċipji ġenerali

359. Il-proċess ta' rikonoxximent huwa fil-qalba tal-irkupru internazzjonali tal-manteniment u jiżgura li hemm mod kosteffiċjenti għal kreditur sabiex ifittex il-pagament tal-mantenimnt meta d-debitur ikun jgħix jew ikollu assi jew dħul fi Stat Kontraenti ieħor.[78]

360. Rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni minn Stat Kontraenti ieħor jelimina l-ħtieġa li kreditur jikseb deċiżjoni ġdida fl-Istat fejn issa jgħix id-debitur, jew fejn jinsabu assi jew dħul tiegħu.

***Awtorità Ċentrali** hija l-awtorità pubblika magħżula minn Stat Kontraenti biex tirrilaxxa jew twettaq id-dmirijiet ta' kooperazzjoni u assistenza amministrattivi skont il-Konvenzjoni.*

[78] Hemm differenza bejn rikonoxximent u infurzar. Rikonoxximent minn Stat ieħor ifisser li l-Istat jaċċetta d-determinazzjoni jew is-sejba ta' drittijiet u drittijiet ġuridiċi magħmula mill-Istat ta' oriġini. Infurzar ifisser li l-Istat rikjest jaqbel li l-proċessi tiegħu stess jistgħu jintużaw biex tiġi infurzata d-deċiżjoni. Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 472 u 473.

361. Il-proċeduri għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni huma mfasslin sabiex jipprovdu l-usa' rikonoxximent possibbli ta' deċiżjonijiet eżistenti u biex jiġi żgurat li l-applikazzjoni hija indirizzata malajr kemm jista' jkun. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni huwa l-usa' għal rikonoxximent u infurzar, u l-Istati huma mistennija jipprovdu lill-applikanti b'aċċess komprensiv għal proċeduri effettivi. Il-proċess ta' rikonoxximent huwa faċli, b'rekwiżit fil-Konvenzjoni li l-passi jittieħdu "bla dewmien" jew "minnufih". Hemm biss raġunijiet limitati sabiex ir-rispondent joġġezzjona, jew jopponi r-rikonoxximent u l-infurzar, u hemm perjodu ta' żmien limitat biex jagħmel dan. Dan kollu jirrifletti l-prinċipju sottostanti fil-Konvenzjoni li rikonoxximent u infurzar għandhom ikunu sempliċi, veloċi u ma jiswiex wisq.[79]

Awtorità kompetenti *hija l-awtorità fi Stat partikolari li hija inkarigata jew mogħtija permess skont il-liġijiet tal-Istat sabiex twettaq kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, programm ta' infurzar tal-manteniment għat-tfal jew xi entità oħra tal-gvern li twettaq uħud mill-*

B. Ħarsa ġenerali proċedurali

362. Il-proċeduri ta' dikjarazzjoni jew reġistrazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar deskritti hawn taħt ser jintużaw f'ħafna mill-Istati Kontraenti. Hemm proċess alternattiv stipulat fil-Konvenzjoni (Art. 24) u permezz ta' dikjarazzjoni, Stat jista' jagħżel li juża l-proċess alternattiv. Dak il-proċess huwa diskuss f'iktar dettall iktar tard f'dan il-Kapitolu.

363. Malli tirċievi l-applikazzjoni mingħand Awtorità Ċentrali oħra, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest ser tibgħat il-materjali lil awtorità kompetenti għall-ipproċessar. F'ċerti Stati Kontraenti, l-Awtorità Ċentrali ser tkun l-awtorità kompetenti għal dan l-għan. Fi Stati oħrajn, l-awtorità kompetenti tista' tkun awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva.

Stat Rikjedenti *– l-Istat Kontraenti fejn jgħix l-applikant, u dak li jitlob rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni.*

Stat Rikjest*– l-Istat Kontraenti li rċieva l-applikazzjoni u ser ikun qed jirrikonoxxi u jinfurza d-deċiżjoni.*

364. L-awtorità kompetenti hija meħtieġa tagħmel dikjarazzjoni minnufih li d-deċiżjoni hija infurzabbli jew tirreġistraha għal infurzar. L-awtorità kompetenti trid tieħu dan il-pass sakemm ir-rikonoxximent u infurzar ma jkunx "inkompatibbli b'mod ċar" mal-politika pubblika. La l-applikant u lanqas ir-rispondent ma jistgħu jagħmlu sottomissjonijiet f'dan l-istadju – magħruf bħala eżami *ex officio*.

365. Fi Stati Kontraenti li jużaw proċess ta' reġistrazzjoni, ir-reġistrazzjoni tista' tikkonsisti fil-preżentata tad-deċiżjoni ma' awtorità ġudizzjarja jew tribunal, jew ir-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni ma' aġenzija amministrattiva jew uffiċjal (*pereż.*, ir-Reġistru tal-Aġenzija tal-Appoġġ għat-Tfal fl-Awstralja).

366. Fi Stati oħrajn, ma jintużax proċess ta' reġistrazzjoni; minflok, issir dikjarazzjoni mill-awtorità kompetenti li d-deċiżjoni dwar il-manteniment hija infurzabbli.

---

79 Rapport Spjegattiv, para. 490.

367. Ladarba d-deċiżjoni tiġi ddikjarata infurzabbli jew tiġi rreġistrata għal infurzar, kemm l-applikant kif ukoll ir-rispondent jiġu nnotifikati.[80] Ir-rispondent huwa intitolat li jikkontesta jew jappella d-dikjarazzjoni jew ir-reġistrazzjoni għal ċerti raġunijiet limitati.[81] Pereżempju, ir-rispondent jista' jappella jew jikkontesta r-reġistrazzjoni jew id-dikjarazzjoni jekk ma rċeviex notifika tat-talba inizjali għal manteniment jew ma ngħatax opportunità li jikkontesta d-deċiżjoni dwar il-manteniment li issa qed jitfittxu r-rikonoxximent u l-infurzar tagħha. Il-kontestazzjoni jew l-appell iridu jsiru fi żmien 60 jum min-notifika tar-reġistrazzjoni jew id-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà. Il-kontestazzjoni jew l-appell ser isiru mal-awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja kif permess isir f'dak l-Istat.

Idea siewja: *L-Artikolu 23 jistabbilixxi l-proċeduri għall-proċess ta' rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar. Dak l-Artikolu jirreferi għal kontestazzjoni jew għal appell (Art. 23(7)) u appell ieħor (Art. 23(10)). Il-kontestazzjoni jew l-appell tal-Artikolu 23(7) huma limitati għat-tliet oqsma speċifiċi msemmija f'dak l-Artikolu u l-Artikolu 23(8) u jridu jsiru fi żmien 30 jew 60 jum min-notifika tad-dikjarazzjoni jew ir-reġistrazzjoni, skont il-parti li tikkontesta d-deċiżjoni.*
Għall-kuntrarju, l-appell l-ieħor deskritt fl-Artikolu 23(10) jimxi kompletament skont il-liġi domestika, u jista' jinfetaħ biss jekk il-liġi domestika tippermetti li jsir appell.

368. Jekk id-debitur mhuwiex lest li jibda jagħmel pagamenti skont id-deċiżjoni minn jeddu, jista' jsir l-infurzar tad-deċiżjoni kif permess mil-liġi tal-Istat rikjest, minkejja l-kontestazzjoni jew l-appell kurrenti. Filwaqt li l-ħlasijiet volontarji huma mezz importanti ta' żgurar li l-pagamenti jibdew għaddejjin għand il-kreditur malajr kemm jista' jkun, huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li l-miżuri ta' infurzar jittieħdu kif xieraq biex jiġi evitat dewmien fil-ħlas.

369. Jekk il-kontestazzjoni jew l-appell għar-rikonoxximent u l-infurzar jirnexxu u d-dikjarazzjoni jew ir-reġistrazzjoni jaqgħu, dan mhux bilfors ifisser li taqa' t-talba għall-manteniment. Skont ir-raġuni għaċ-ċaħda ta' rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni, jekk id-deċiżjoni dwar il-manteniment tikkonċerna manteniment għat-tfal, jista' jkun possibbli li tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida fl-Istat rikjest. Jekk il-liġi domestika tħalliha, l-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest tista' tittratta l-applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar daqslikieku kienet applikazzjoni biex tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida fl-Istat rikjest. Meta l-***kreditur*** jeħtieġ manteniment għat-tfal u d-deċiżjoni eżistenti ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta jew infurzata, din id-dispożizzjoni tiżgura li jkun hemm mezz ta' kif tinkiseb deċiżjoni ġdida dwar il-manteniment mingħajr ma jerġa' jinbeda mill-bidu l-proċess sħiħ fl-Istat rikjedenti.

Kreditur *huwa l-individwu li huwa dovut jew allegatament dovut il-manteniment. Kreditur jista' jkun ġenitur jew konjuġi, tifel, ġenituri adottivi, jew qraba jew oħrajn li jindukraw tifel. F'ċerti Stati, din il-persuna tista' tissejjaħ riċevitur tal-manteniment, destinatarju, jew ġenitur jew indukratur kustodju.*

370. Fl-aħħar nett, jekk il-kontestazzjoni jew l-appell ma jirnexxux, il-liġi domestika tal-Istat rikjesta tista' tippermetti li jsir appell ieħor. Mhux l-Istati kollha ser ikollhom dispożizzjoni għal dan. Jekk ikun jista' jsir appell ieħor, il-Konvenzjoni tipprovdi b'mod speċifiku li l-appell l-ieħor ma għandux ikollu l-effett li jwaqqaf l-infurzar tad-deċiżjoni, sakemm ma jkunx hemm ċirkustanzi eċċezzjonali (Art. 23(10)).

---

80 Meta ż-żewġ Stati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, Parti 2, Taqsima V - Konvenzjonijiet Oħrajn tal-Aja.

81 Rapport Spjegattiv, para. 504.

C. Meta ser tintuża din l-applikazzjoni

371. Applikazzjoni għal ***rikonoxximent*** *jew* ***rikonoxximent u infurzar*** ta' deċiżjoni eżistenti dwar il-manteniment ser tiġi riċevuta minn Stat Kontraenti ieħor meta l-infurzar tad-deċiżjoni jintalab għaliex id-debitur jgħix fl-Istat rikjest, jew għandu assi jew dħul fl-Istat rikjest.

Rikonoxximent *ta' deċiżjoni dwar il-manteniment huwa l-proċedura użata minn awtorità kompetenti ta' Stat biex taċċetta d-determinazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi li jikkonċernaw il-manteniment magħmula mill-awtorità fl-Istat ta' oriġini, fejn ittieħdet id-deċiżjoni, u tagħti setgħa tal-liġi lil dik id-deċiżjoni. F'ħafna każijiet, applikant ser japplika wkoll għall-infurzar tad-*

372. Għad li ħafna mill-applikazzjonijiet ser isiru għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni, f'ċerti każijiet kreditur ser ifittex rikonoxximent biss, u mhuwiex ser jitlob infurzar tad-deċiżjoni. Debitur jista' jitlob ukoll rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar il-manteniment minn Stat Kontraenti ieħor sabiex jissospendi jew jillimita l-infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment.

373. Jekk id-deċiżjoni ttieħdet fl-Istat li qed jintalab jinfurzaha, ma jkunx hemm bżonn rikonoxximent. L-applikazzjoni tista' tiġi sempliċiment ipproċessata għal infurzar (ara l-Kapitolu 6).

D. Eżempju ta' każ

374. Il-kreditur għandu deċiżjoni dwar il-manteniment mill-Pajjiż A li teħtieġ li d-debitur iħallas manteniment għat-tfal. Id-***debitur*** jgħix fil-Pajjiż B. Minflok ma japplika għal deċiżjoni ġdida fil-Pajjiż B, il-kreditur jixtieq li d-deċiżjoni eżistenti dwar il-manteniment tiġi infurzata fil-Pajjiż B. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

Debitur *huwa l-individwu li jrid jew allegatament irid iħallas il-manteniment. Id-debitur jista' jkun ġenitur, jew konjuġi jew kull min, skont il-liġi tal-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni, għandu obbligu li jħallas il-manteniment.*

Kif isir dan skont il-Konvenzjoni

375. Il-kreditur[82] ser jitlob lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A sabiex tibgħat applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni dwar il-manteniment lill-Pajjiż B. L-applikazzjoni ser tiġi vverifikata biex jiġi żgurat li hija kompluta u ser tiġi ppro ċessata mill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B. Il-kreditur u d-debitur ser jiġu nnotifikati u jingħataw l-opportunità li joġġezzjonaw għar-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar fuq il-bażi ta' raġunijiet limitati stipulati fil-Konvenzjoni. Ladarba tiġi rikonoxxuta, id-deċiżjoni tista' tiġi infurzata mill-awtorità xierqa fil-Pajjiż B bl-istess mod daqslikieku kienet deċiżjoni li oriġinarjament ittieħdet fil-Pajjiż B.

Għal tagħrif fuq applikazzjonijiet biex ***tiġi infurzata*** *deċiżjoni meħuda fl-****Istat rikjest*** *– ara l-Kapitolu 6. Għal tagħrif dwar l-****infurzar*** *ta' xi deċiżjoni dwar il-manteniment – ara l-Kapitolu 10.*

82 Kun af li f'xi ċirkustanzi, l-applikazzjoni ser issir minn korp pubbliku (bħal Aġenzija tal-Appoġġ għat-Tfal) f'isem il-kreditur.

E. Min jista' japplika

376. Applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar tista' ssir minn kreditur jew debitur (kif diskuss iktar 'il quddiem – l-applikazzjoni tad-debitur ser tkun għal rikonoxximent biss, filwaqt li kreditur jista' jfittex rikonoxximent jew infurzar jew it-tnejn). L-applikant irid ikun jgħix fl-Istat li qed iniedi l-applikazzjoni. F'din l-applikazzjoni, il-kreditur jista' jkun il-persuna li għandha tirċievi l-manteniment, kif ukoll korp pubbliku li jaġixxi minflok il-kreditur, jew korp pubbliku li pprovda benefiċċji lill-kreditur.

> ***Idea siewja:*** *Qed tfittex lista ta' stadji x'issegwi? Tixtieq taqbeż id-dettalji? Mur fi tmiem dan il-Kapitolu u uża l-**Lista ta' Kontroll.***

II. Il-proċess ta' rikonoxximent u infurzar fil-qosor

377. It-tabella fil-paġna li jmiss turi l-proċess sħiħ għal applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar minn kreditur rigward deċiżjonijiet dwar il-manteniment. It-taqsimiet li jmiss ta' dan il-Kapitolu jidħlu f'dettall fuq il-komponenti ta' kull stadju.

378. Din it-taqsima tapplika bl-istess mod għal applikazzjonijiet għal rikonoxximent biss. Dawn l-applikazzjonijiet ser ikunu kemxejn rari. L-Artikolu 26 jistipula li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V (Rikonoxximent u infurzar) japplikaw "*mutatis mutandis*" għal applikazzjonijiet għal rikonoxximent biss bl-eċċezzjoni li r-rekwiżit għal infurzabbiltà jiġi sostitwit ma' rekwiżit li d-deċiżjoni jkollha effett fl-Istat ta' oriġini. Dan ifisser li għal skopijiet prattiċi, id-dispożizzjonijiet li jittrattaw ir-rikonoxximent u l-infurzar ser japplikaw għal applikazzjonijiet għal rikonoxximent, ħlief dawk id-dispożizzjonijiet li jridu jinbidlu, għaliex ma jkun qed jintalab l-ebda infurzar tad-deċiżjoni.[83]

---

83 Rapport Spjegattiv, para. 546.



Figura 14: Dijagramma tal-applikazzjonijiet riċevuti għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar (Awtorità Ċentrali)

III. Proċeduri

A. *Verifika preliminari tad-dokumenti riċevuti mill-Awtorità Ċentrali*

379. Qabel ma tibgħat il-materjali lill-awtorità kompetenti, l-Awtorità Ċentrali għandha tagħmel verifika preliminari biex tara li l-applikazzjoni taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, u biex tiżgura li l-pakkett ta' dokumenti huwa komplut.

1. Eżami inizjali tad-dokumenti

- L-applikazzjoni hija għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment għat-tfal? Trid taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni kif spjegat fil-Kapitolu 3. Jekk id-deċiżjoni hija għall-manteniment għall-konjuġi biss jew għal xorta oħra ta' manteniment tal-familja u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ma ġiex estiż għal dawn l-obbligi l-oħrajn, għandha ssir ***talba diretta*** lil awtorità kompetenti.

__Talba diretta__ ma ssirx lil Awtorità Ċentrali. Talba diretta hija talba riċevuta minn awtorità kompetenti, bħal qorti jew awtorità amministrattiva, direttament mingħand individwu. Issir barra l-Artikolu 10.

- Ir-rispondent jew id-debitur jgħix fl-Istat rikjest jew għandu assi jew dħul fl-Istat rikjest? Jekk le, il-kwistjoni għandha tintbagħat fil-post fejn jgħix ir-rispondent jew id-debitur jew fejn dan għandu assi, jew tintbagħat lura lill-Istat rikjedenti.
- L-applikazzjoni ġejja minn Stat Kontraenti? Jekk le, ma tistax tintuża l-Konvenzjoni.

2. Ibgħat il-Formola ta' Konferma tar-Riċevuta lill-Istat rikjedenti

380. Skont il-Konvenzjoni, l-Istat rikjest irid jibgħat formola ta' Konferma tar-Riċevuta kompluta lill-Istat rikjedenti fi żmien sitt ġimgħat minn meta jirċievi l-applikazzjoni. Stat jista' jiddeċiedi li jibgħat ir-Rikonoxximent eżatt malli jirċievi d-dokumentazzjoni, jew inkella wara li jkun sar l-eżami preliminari, diment li l-pass jittieħed fi ħdan il-perjodu ta' żmien meħtieġ ta' sitt ġimgħat.

381. Ara l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili tal-formola.

3. Ir-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar huma l-applikazzjoni xierqa?

382. Ivverifika d-dokumenti biex tara li l-applikazzjoni korretta hija dik għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar. Qis dan li ġej:

- Jekk ma hemm l-ebda deċiżjoni dwar il-manteniment affattu – l-applikazzjoni għandha ssir għal stabbiliment, u mhux rikonoxximent u infurzar. Ara l-Kapitolu 9.
- Jekk hemm deċiżjoni dwar il-manteniment iżda hija mill-Istat tiegħek, id-deċiżjoni ma għandhiex bżonn tiġi rikonoxxuta. Tista' sempliċiment tintbagħat lill-awtorità kompetenti għal infurzar fl-Istat tiegħek, billi ssegwi l-proċeduri ta' infurzar regolari tiegħek. Ara l-Kapitolu 7.

4. "Jidher ċar" li mhumiex issodisfati r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni?

383. Il-Konvenzjoni tippermetti lil Awtorità Ċentrali sabiex tiċħad milli tipproċessa applikazzjoni biss jekk l-Awtorità Ċentrali temmen li "jidher ċar li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni" mhumiex issodisfati (ara l-Art. 12(8)). Iċ-ċirkustanzi li fihom dan jista' jseħħ huma kemxejn limitati.[84] Sabiex tkun "tidher ċara", ir-raġuni għaċ-ċaħda trid tkun tidher mill-ewwel jew ovvja mid-dokumenti riċevuti.[85]

384. Pereżempju, applikazzjoni tista' tiġi miċħuda fuq din il-bażi jekk mid-dokumenti deher ċar li d-deċiżjoni ma kellhiex x'taqsam mal-manteniment. B'mod simili, applikazzjoni tista' tiġi miċħuda fuq din il-bażi jekk tkun waqgħet applikazzjoni preċedenti mill-istess parti minħabba l-istess raġunijiet.

385. Kun af li jekk ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni jidhru li jmorru kontra l-politika pubblika, l-applikazzjoni xorta għandha tiġi pproċessata u tintbagħat lill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi jekk ir-rikonoxximent u l-infurzar imorrux kontra l-politika pubblika u tiċħad milli tirrikonoxxi d-deċiżjoni fuq dik il-bażi.

386. Jekk l-Awtorità Ċentrali tiċħad l-applikazzjoni fuq il-bażi li "jidher ċar" li mhumiex issodisfati r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni, l-Istat rikjedenti jrid jiġi mgħarraf, billi tintuża l-Formola obbligatorja ta' Konferma tar-Riċevuta, kif diskuss iktar 'il quddiem.

5. Ivverifika d-dokumenti għall-kompletezza

387. Meta l-Istat rikjedenti jirċievi l-applikazzjoni, għandu jivverifikaha fil-ħin sabiex jara li tkun kompluta. Jekk hemm bżonn ta' dokumenti oħrajn, ikun jista' jitlobhom mingħajr dewmien. Ftakar li l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni huwa lista sħiħa tad-dokumenti kollha li huma meħtieġa – ma jista' jintalab l-ebda dokument ieħor f'applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar.

> ***Prattika tajba**: Uża l-lista ta' kontroll jew il-Formola ta' Trażmissjoni stess biex tagħmel eżami preliminari malajr kemm jista' jkun wara li tirċievi l-applikazzjoni, f'każ li jkun hemm bżonn ta' iktar dokumenti.*

388. L-Artikoli 11, 12, 25 u 44 tal-Konvenzjoni jistipulaw li l-pakkett riċevut irid jinkludi:

√	Formola ta' applikazzjoni
√	Test sħiħ tad-deċiżjoni jew astratt
√	Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà
√	Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa (sakemm ir-rispondent ma jkunx deher, ġie rappreżentat jew ikkontesta d-deċiżjoni)
Skont il-bżonn	Verżjonijiet tradotti tad-dokumenti

84 Rapport Spjegattiv, para. 345.
85 Rapport Spjegattiv, para. 344.

Skont il-bżonn	Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji (għal applikazzjonijiet minn krediturі biss)
Skont il-bżonn	Dokument li jikkalkola l-arretrati
Skont il-bżonn	Dokument li jispjega kif taġġusta jew tindiċizza deċiżjoni
√	Formola ta' Trażmissjoni

Figura 15: Kontenut tal-applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar

389. Din li ġejja hija deskrizzjoni fil-qosor ta' x'tista' tistenna li tara fil-pakkett riċevut ta' materjali.

a) Formoli meħtieġa f'kull pakkett

(1) Formola ta' applikazzjoni

F'ħafna każijiet, l-Istat rikjedenti ser jużа l-formola ta' applikazzjoni rakkomandata. Din tiżgura li t-tagħrif kollu meħtieġ jiġi pprovdut lill-Istat rikjest. Jekk l-applikazzjoni riċevuta ma użatx il-formola rakkomandata, eżamina l-applikazzjoni li ntbagħtet biex tara li d-dettalji bażiċi meħtieġa għall-applikazzjoni huma inklużi, bħall-informazzjoni ta' kuntatt tal-applikant, l-informazzjoni ta' kuntatt tar-rispondent, informazzjoni dwar il-persuni intitolati għal manteniment u dettalji ta' fejn tibgħat il-pagamenti.

(2) Test tad-deċiżjoni jew astratt

It-test sħiħ tad-deċiżjoni dwar il-manteniment hija meħtieġa, sakemm l-Istat tiegħek ma indikax li ser jaċċetta sempliċi astratt jew silta mid-deċiżjoni. Ma hemmx bżonn li jkunu inklużi kopji ċċertifikati tad-deċiżjoni mal-applikazzjoni, sakemm l-Istat tiegħek ma jkunx speċifika li dejjem jeħtieġhom.

(3) Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà

Hija meħtieġa Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà,[86] li tindika li d-deċiżjoni dwar il-manteniment hija infurzabbli fl-Istat fejn ittieħdet. Jekk id-deċiżjoni ttieħdet minn awtorità amministrattiva, id-dokument irid jinkludi dikjarazzjoni li huma ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 19(3), sakemm l-Istat tiegħek (l-Istat rikjest) ma jkunx speċifika li ma jeħtieġx tali dikjarazzjoni. Jekk l-applikazzjoni hija għal rikonoxximent biss, l-applikazzjoni trid tistabbilixxi biss li d-deċiżjoni għandha effett fl-Istat ta' oriġini, mhux li hija infurzabbli.[87] Hemm dispożizzjoni fid-Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà li tindika d-data li fiha d-deċiżjoni daħlet fis-seħħ f'dak l-Istat.

(4) Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa

Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa hija meħtieġa biss jekk ir-rispondent ma deherx jew ma kienx rappreżentat fil-proċedimenti.

Tista' tistabbilixxi jekk min wieġeb deherx jew kienx rappreżentat billi tara l-formola ta' applikazzjoni rakkomandata. It-Taqsima 7 tal-Applikazzjoni tipprovdi t-tagħrif meħtieġ.

86 F'ċerti Stati tista' tintuża "*attestation de la force de chose jugée*" li tistipula li d-deċiżjoni għandha setgħa tal-liġi f'dak l-Istat.

87 Rapport Spjegattiv, para. 546.

Jekk il-formola ta' applikazzjoni turi li r-rispondent ma deherx jew ma kienx rappreżentat meta ttieħdet id-deċiżjoni, id-Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa ser tindika li kien avżat jew innotifikat dwar l-applikazzjoni u kellu l-opportunità li jidher fil-proċedimenti li wasslu għad-deċiżjoni dwar il-manteniment, jew li kien innotifikat dwar id-deċiżjoni wara li ttieħdet u ngħata opportunità li jikkontestaha. Kun af li, f'ċerti Stati, il-kontestazzjoni jew ir-replika tista' ssir bil-miktub. Ir-rispondent mhux dejjem bifors jidher personalment.

(5) Formola ta' Trażmissjoni

Kull applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar trid tkun akkumpanjata minn Formola ta' Trażmissjoni. Din il-formola hija obbligatorja skont il-Konvenzjoni. Il-Formola ta' Trażmissjoni tidentifika l-partijiet u t-tip ta' applikazzjoni. Tindika wkoll id-dokumenti li jakkumpanjaw l-applikazzjoni.

b) Formoli oħrajn li jistgħu jkunu meħtieġa

390. Għad li l-Artikolu 11(3) jistipula li huma biss id-dokumenti elenkati f'dak l-Artikolu (u deskritti iktar 'il fuq) li jistgħu jintalbu f'applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, jista' jkun hemm bżonn ta' formoli oħrajn, skont iċ-ċirkusanzi tal-każ:

(1) Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji

Jekk l-applikant qed ifittex ukoll infurzar tad-deċiżjoni (xi ħaġa li sseħħ spiss), dejjem hija prattika tajba li tkun inkluża Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji li tipprovdi tagħrif importanti dwar il-post u ċ-ċirkustanzi finanzjarji tar-rispondent, sa fejn jaf l-applikant.

Jekk l-applikant uża l-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji rakkomandata, il-parti tal-kreditur f'dak id-dokument titħalla vojta, peress li dak it-tagħrif mhuwiex meħtieġ għal applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar. Jekk l-applikazzjoni ssir għal rikonoxximent biss, ma hi ser tkun inkluża l-ebda formola.

(2) Dokument li jikkalkola l-arretrati

Jekk hemm manteniment mhux imħallas (arretrati) skont id-deċiżjoni dwar il-manteniment li trid tiġi infurzata, irid ikun hemm dokument indikat li jistabbilixxi l-ammont ta' dawk l-arretrati, kif ġew ikkalkolati l-arretrati, u d-data tal-kalkolu.

(3) Dokument li jispjega kif taġġusta jew tindiċizza

F'ċerti Stati, jew id-deċiżjoni jew inkella l-liġi domestika li fuq il-bażi tagħha ttieħdet id-deċiżjoni tipprovdi li deċiżjoni trid tiġi indiċizzata jew aġġustata b'mod awtomatiku kull ċertu żmien. Jekk dan japplika, l-Istat rikjedenti għandu jkun ipprovda dettalji fil-pakkett tal-applikazzjoni dwar kif ser isir l-aġġustament. Pereżempju – jekk l-aġġustament għandu jsir billi jintuża perċentwal tal-għoli tal-ħajja, ipprovdi d-dettalji fuq liema Stat ser jikkalkola l-aġġustament, x'tagħrif ser ikun meħtieġ biex isir il-kalkolu, u l-mod li bih l-ammont tal-manteniment ikkalkolat mill-ġdid ser jiġi kkomunikat lill-Awtorità Ċentrali rikjesta u lill-partijiet.[88]

(4) Prova tal-benefiċċji – korp pubbliku

Jekk l-applikazzjoni ssir minn korp pubbliku, pereżempju aġenzija tas-servizzi soċjali, f'isem applikant, dak il-korp pubbliku jaf ikollu bżonn jipprovdi tagħrif li juri li għandu d-dritt li jaġixxi f'isem l-applikant jew jinkludi tagħrif li juri li ta benefiċċji minflok il-manteniment (Art. 36(4)).

---

88 Rapport Spjegattiv, para. 435. Dan ifisser li kull deċiżjoni sussegwenti li taġġusta l-manteniment ma jkollhiex bżonn tgħaddi mill-proċess sħiħ ta' rikonoxximent. Ir-rikonoxximent inizjali jikkontempla l-aġġustamenti tal-ġejjieni. Pereżempju, l-Aġenzija tal-Awstralja tal-Appoġġ għat-Tfal tivvaluta mill-ġdid il-manteniment kull 15-il xahar fuq il-bażi taċ-ċirkustanzi finanzjarji tal-partijiet.

6. Hemm bżonn issir tiftixa biex jinstab ir-rispondent?

391. Bħala kwistjoni preliminari, jekk l-applikant ma jipprovdix indirizz validu għar-rispondent, l-Awtorità Ċentrali jista' jkollha bżonn issib fejn jgħix sabiex tiżgura li tkun tista' tinnotifikah dwar l-applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar. Il-post fejn jgħix ir-rispondent jista' jkun meħtieġ ukoll sabiex jiġi stabbilit liema awtorità kompetenti ser tkun responsabbli għall-applikazzjoni. F'ċerti Stati, it-talba għal tiftix jew sejbien ser titnieda mill-awtorità kompetenti iktar tard fil-proċess. Din hija kwistjoni ta' proċess intern.

392. Biex jinstab fejn jgħix ir-rispondent, l-Awtorità Ċentrali hija mistennija taċċessa kull bank ta' dejta u sorsi ta' tagħrif pubbliku li għandha aċċess għalih, u tistaqsi lil korpi pubbliċi oħrajn biex ifittxu għaliha, fi ħdan il-limiti stabbiliti mil-liġi domestika fir-rigward tal-aċċess għal informazzjoni personali. Ċerti Awtoritajiet Ċentrali jista' jkollhom aċċess għal sorsi ristretti ta' tagħrif ukoll.

393. Jekk ir-rispondent ma jkunx jista' jinstab, għarraf lill-Istat rikjedenti (ftakar li fil-każ ta' applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni bbażata fuq il-post fejn hemm l-assi jew id-dħul fl-Istat rikjest, ir-rispondent jista' jkun qed jgħix barra l-Istat). Jekk ma jkun hemm disponibbli l-ebda tagħrif addizzjonali li jgħin sabiex jinstab ir-rispondent, il-kwistjoni ma tkunx tista' tipproċedi.

7. Jekk id-dokumentazzjoni mhijiex sħiħa

394. Jekk jidher li l-applikant ma pprovdiex partijiet mid-dokumentazzjoni meħtieġa, l-Awtorità Ċentrali rikjesta għandha tgħarraf minnufih lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti u titlobha tibgħat id-dokumenti addizzjonali. Il-pakkett ma għandux jintradd lura sempliċiment għaliex hemm xi dokumenti neqsin (Art. 12(9)). It-talba għal dokumenti addizzjonali tista' ssir billi tintuża l-Formola obbligatorja ta' Konferma tar-Riċevuta .

395. Jekk issir talba għal dokumenti addizzjonali, l-Istat rikjedenti jkollu **tliet xhur** li fihom irid jipprovdi d-dokumenti. Jekk id-dokumenti mitlubin ma jiġux ipprovduti fi żmien tliet xhur, u l-applikazzjoni ma tistax tipproċedi, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest tista' (iżda mhijiex obbligata) tagħlaq il-fajl tagħha u tgħarraf lill-Istat rikjedenti. Ħafna drabi jista' jkun hemm bżonn li jingħata segwitu ulterjuri mal-Istat rikjedenti biex jinstab jekk id-dokumenti humiex ser jintbagħtu. Jekk l-Istat rikjest ikun ser jagħlaq il-fajl tiegħu, l-Istat rikjedenti għandu jiġi nnotifikat billi tintuża l-Formola obbligatorja ta' Konferma tar-Riċevuta .

396. Jista' jkun possibbli wkoll li jitkomplew l-istadji li jmiss fil-proċess tal-applikazzjoni qabel ma jkun daħal il-materjal addizzjonali. Dan ser jiddependi fuq x'dokumenti huma neqsin, u jekk l-istadji li jmiss fil-proċess ta' rikonoxximent u infurzar huma dipendenti fuq ir-riċevuta ta' dak it-tagħrif. Pereżempju, jekk kull ma hija nieqsa hija dikjarazzjoni tal-arretrati, u l-pass li jmiss ikun li ssir talba sabiex jitfittex jew jinstab fejn jgħix ir-rispondent, ikun possibbli li jitlesta dak l-istadju fil-proċess ta' rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar sakemm jidħol it-tagħrif addizzjonali li jrid jintbagħat.

8. Irreferi lill-awtorità kompetenti

397. Il-pass li jmiss huwa li tirreferi l-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni ta' rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar (sakemm l-Awtorità Ċentrali mhijiex ukoll l-awtorità kompetenti għall-proċess ta' rikonoxximent). Dan irid isir minnufih, ladarba jkunu tlestew il-verifiki inizjali diskussi iktar 'il fuq. Dik l-awtorità kompetenti tista' tkun qorti, awtorità amministrattiva jew kull awtorità governattiva oħra li hija kompetenti sabiex twettaq il-proċeduri ta' rikonoxximent.

B. Dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà jew reġistrazzjoni mill-awtorità kompetenti

398. Id-diskussjoni f'din it-taqsima tkopri l-proċeduri li ser jintużaw minn ħafna mill-Istat sabiex jipproċessaw applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment (Art. 23). Stat jista' jagħmel dikjarazzjoni sabiex juża proċess alternattiv (Art. 24). Din il-proċedura alternattiva hija diskussa f'taqsima iktar 'il quddiem f'dan il-Kapitolu.

399. Id-dijagramma ta' hawn taħt turi l-passi meħudin mill-awtorità kompetenti.



Figura 16: Stadji meħudin mill-awtorità kompetenti f'applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar (Art. 23)

1. Iddikjara d-deċiżjoni infurzabbli jew irreġistra d-deċiżjoni għal infurzar

400. Ladarba l-awtorità kompetenti tirċievi l-applikazzjoni, din ser tiġi ddikjarata infurzabbli jew irreġistrata għal infurzar, skont il-proċess użat fl-Istat rikjest. Dan l-istadju (dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà jew reġistrazzjoni) irid isir "mingħajr dewmien" mill-awtorità kompetenti (Art. 23(2) *a)*). Ladarba jiġi ddikjarat infurzabbli jew irreġistrat għal infurzar, ma hemm bżonn ta' l-ebda azzjoni oħra qabel ma tkun tista' tiġi infurzata d-deċiżjoni dwar il-manteniment skont il-liġijiet domestiċi tal-Istat rikjest.

2. Ċaħda milli tiddikjara d-deċiżjoni infurzabbli jew milli tirrikonoxxi d-deċiżjoni għal infurzar

401. L-unika raġuni li tista' tintuża mill-awtorità kompetenti biex tiċħad milli tiddikjara d-deċiżjoni infurzabbli jew biex tiċħad milli tirreġistra d-deċiżjoni hija li r-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni jkunu ***inkompatibbli b'mod evidenti*** mal-politika pubblika. Din l-eċċezzjoni hija maħsuba sabiex tkun ferm limitata sabiex jiġi żgurat li, kemm jista' jkun, l-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni jirrikonoxxu u jinfurzaw deċiżjonijiet minn Stati Kontraenti oħrajn. Tintuża biss meta r-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar ikunu ser iwasslu għal riżultat "intollerabbli".[89]

3. Infurza d-deċiżjoni

402. Ladarba d-deċiżjoni tiġi rreġistrata jew iddikjarata infurzabbli, skont il-Konvenzjoni ma hemm bżonn issir l-ebda talba jew applikazzjoni oħra mill-applikant sabiex tiġi infurzata d-deċiżjoni. Lanqas ma hemm rekwiżit skont il-Konvenzjoni li r-rispondent jirċievi notifika ulterjuri li d-deċiżjoni ser tiġi infurzata.[90]

4. Innotifika lill-applikant u lir-rispondent

403. Ladarba d-deċiżjoni tiġi ddikjarata infurzabbli jew tkun ġiet irreġistrata, iż-żewġ partijiet ser jiġu nnotifikati dwar id-deċiżjoni sabiex jirreġistraw jew jiddikjaraw id-deċiżjoni infurzabbli. Ma hemm l-ebda proċedura tal-Konvenzjoni għan-notifika, u b'hekk dan ser isir skont kif meħtieġ mil-liġi domestika. L-applikant għandu jiġi nnotifikat permezz tal-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti jew direttament, skont il-proċeduri tal-Istat rikjest, biex jingħata konferma li d-deċiżjoni ġiet rikonoxxuta u ser tiġi infurzata jew, jekk ir-rikonoxximent u l-infurzar ġew miċħudin, biex jiġi mgħarraf dwar iċ-ċaħda.[91]

> ***Prattika tajba:*** *L-applikant u r-rispondent għandhom jiġu nnotifikati dwar id-dritt tagħhom li jikkontestaw jew jappellaw id-dikjarazzjoni ta' infurzar jew ir-reġistrazzjoni, kif ukoll il-proċeduri u l-perjodu ta' żmien biex jagħmlu hekk. Hija prattika tajba wkoll li jinstab jekk ir-rispondent huwiex lest li jikkonforma mad-deċiżjoni minn jeddu.*

---

89 Rapport Spjegattiv, para. 478.

90 Ċerti Stati jista' jkollhom proċeduri jew rekwiżiti fil-liġi domestika tagħhom li jistipulaw li debitur irid jiġi nnotifikat qabel l-infurzar, iżda dawn huma separati mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Meta ż-żewġ Stati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, Parti 2, Taqsima V - Konvenzjonijiet Oħrajn tal-Aja.

91 Meta ż-żewġ Stati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika, jekk jogħġbok ara *ibid*.

5. Oġġezzjoni għal rikonoxximent u infurzar mir-rispondent jew l-applikant

a) Ġenerali

404. Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni għal rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment huma mfasslin biex jiżguraw li kull meta dan ikun possibbli, deċiżjonijiet dwar il-manteniment eżistenti jiġu rikonoxxuti u infurzati b'mod effiċjenti u mgħaġġel fl-Istati Kontraenti.[92] Kif ġie indikat qabel f'dan il-Kapitolu, il-proċessi skont il-Konvenzjoni ġew strutturati b'tali mod li r-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni jseħħu sakemm ir-rispondent ma jirnexxilux jistabbilixxi li hemm raġunijiet validi għaliex id-deċiżjonijiet ma għandhomx jiġu rikonoxxuti jew infurzati.

405. Deċiżjoni minn pajjiż barrani, ladarba tiġi rikonoxxuta fi Stat, ser tkun tista' tiġi infurzata f'dak l-Istat bl-istess mod bħal kull deċiżjoni dwar il-manteniment li oriġinarjament ittieħdet f'dak l-Istat. Skont il-Konvenzjoni, Stat jista' juża l-mekkaniżmi kollha ta' infurzar għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex jiżgura konformità mad-deċiżjoni. Il-Konvenzjoni tipprovdi wkoll għal ċerti oġġezzjonijiet limitati li jitqajmu mir-rispondent (il-persuna li qed twieġeb għall-applikazzjoni għal rikonoxximent) f'dak li dan jemmen li d-deċiżjoni ma għandhiex tiġi rikonoxxuta jew infurzata.

406. L-Artikolu 20 jistabbilixxi r-rekwiżiti għal deċiżjoni dwar il-manteniment meħuda fi Stat li trid tiġi rikonoxxuta u infurzata minn Stat Kontraenti ieħor. Dawn il-"bażijiet għal rikonoxximent u infurzar" ġeneralment huma relatati mat-tip ta' rabta li ġenitur, membru tal-familja jew it-tfal kellhom ma' Stat sabiex tkun tista' tiġi infurzata fi Stat ieħor id-deċiżjoni li tirriżulta. Pereżempju, ir-rabta mal-Istat li ħa d-deċiżjoni tista' tinstab minħabba r-residenza tal-partijiet u t-tfal fl-Istat, jew minħabba l-attendenza jew il-parteċipazzjoni tar-rispondent fil-proċedimenti li wasslu għat-teħid tad-deċiżjoni.[93]

407. Ir-rispondent jista' jikkontesta jew jappella d-dikjarazzjoni għal infurzar jew ir-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni għaliex ma tkun applikabbli l-ebda waħda mill-bażijiet għal rikonoxximent u infurzar. Dan mhux bilfors ifisser li d-deċiżjoni ma nħarġitx b'mod validu fl-Istat fejn ittieħdet – iżda biss li ma tistax tiġi rikonoxxuta u infurzata fl-Istat Kontraenti rikjest skont il-Konvenzjoni.

Awtorità Ċentrali *hija l-awtorità pubblika maħtura minn Stat Kontraeti biex tirrilaxxa jew twettaq id-dmirijiet ta' kooperazzjoni u assistenza amministrattivi skont il-Konvenzjoni.*

408. B'mod simili, skont l-Artikolu 22, ir-rispondent jista' joġġezzjona għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni fuq il-bażi li r-rikonoxximent u l-infurzar imorru kontra l-politika pubblika b'mod evidenti jew li kien hemm nuqqasijiet fil-proċess użat biex tittieħed id-deċiżjoni, bħan-nuqqas milli jiġu nnotifikati l-proċedimenti jew id-deċiżjoni dwar il-manteniment lir-rispondent, frodi, jew li hemm deċiżjoni

Awtorità kompetenti *hija l-awtorità fi Stat partikolari li hija inkarigata jew li ngħatat permess skont il-liġijiet ta'dak l-Istat biex twettaq kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzjia amministrattiva, programm ta' infurzar tal-manteniment għat-tfal jew kull entità governattiva oħra li twettaq uħud mill-kompiti assoċjati mal-Konvenzjoni.*

---

92 Rapport Spjegattiv, para. 428.

93 L-Art. 20 jistabbilixxi dawk li jissejħu "regoli indiretti tal-ġurisdizzjoni". L-Art. 20 ma jipprovdix regoli għal meta awtorità fi Stat tista' tieħu deċiżjoni ("regoli diretti tal-ġurisdizzjoni"); minflok, jistabbilixxu l-bażi li fuqha trid tittieħed deċiżjoni sabiex tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stat ieħor. Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 443, għal diskussjoni fuq din il-kwistjoni.

iktar riċenti li hija inkompatibbli mad-deċiżjoni li qed jitfittex rikonoxximent tagħha.

409. Spiss ir-rispondent ser ikun dak li jniedi l-kontestazzjonijiet jew l-appell. Għad li dan ser ikun rari, applikant jista' jikkontesta jew jappella ċ-ċaħda milli tiġi rreġistrata deċiżjoni jew milli tiġi ddikjarata infurzabbli.

b) Żmien għall-kontestazzjoni jew l-appell

410. Jekk il-parti intitolata tikkontesta jew tappella d-dikjarazzjoni jew ir-reġistrazzjoni tkun residenti fl-Istat fejn seħħet ir-reġistrazzjoni jew id-dikjarazzjoni, l-appell jew il-kontestazzjoni jridu jiġu ppreżentati fi żmien **30 jum** mid-data li fiha ġie nnotifikat bid-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni jew dikjarazzjoni ta' infurzar. Jekk il-parti li tikkontesta jew tappella tgħix barra l-Istat, dik il-parti għandha **60 jum** min-notifika sabiex tippreżenta l-kontestazzjoni jew l-appell (Art. 23(6)).[94]

411. F'kafna każijiet, ir-rispondent ser ikun jgħix fl-Istat rikjest, sabiex ikollu biss 30 jum biex jikkontesta jew jappella d-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà jew reġistrazzjoni. Madankollu, jekk id-deċiżjoni ntbagħtet lill-Istat rikjest sabiex tiġi rikonoxxuta għaliex hemm assi li jinsabu f'dak l-Istat, ir-rispondent jista' jkun jgħix xi mkien ieħor. F'dak il-każ, ir-rispondent ser ikollu 60 jum biex jikkontesta jew jappella d-deċiżjoni. B'mod simili, debitur jista' jkun qed ifittex rikonoxximent fl-Istat ta' oriġini tiegħu ta' deċiżjoni minn pajjiż barrani li tillimita l-infurzar. F'dan il-każ, il-kreditur li mhuwiex fl-Istat huwa intitolat li jikkontesta jew jappella d-dikjarazzjoni jew ir-reġistrazzjoni u, skont il-każ li jkun, b'konformità mal-Konvenzjoni jkollu 60 jum biex jagħmel dan.

c) Motivi għall-kontestazzjoni jew l-appell

412. Il-Konvenzjoni tipprovdi biss motivi limitati sabiex wieħed jikkontesta jew jappella r-reġistrazzjoni jew id-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà ta' deċiżjoni dwar il-manteniment. Kif ġie diskuss iktar 'il fuq, ir-rispondent jista' jikkontesta jew jappella fuq il-bażi li:

- ma hemm l-ebda bażi skont l-Artikolu 20 għal rikonoxximent u infurzar,
- hemm ċerta raġuni biex jiġu miċħuda r-rikonoxximent u l-infurzar skont l-Artikolu 22,
- hemm dubju fuq l-awtentiċità jew l-integrità tad-dokumenti mibgħuta fl-applikazzjoni,
- l-arretrati li qed jitfittex l-infurzar tagħhom tħallsu bis-sħiħ.

d) Kunsiderazzjoni jew smigħ tal-kontestazzjoni jew l-appell (Art. 23(5))

413. Il-mod li bih jitqiesu l-appell jew il-kontestazzjoni jew ikun stabbilit mil-liġi domestika. L-eżami jew is-smigħ jistgħu jsiru biss fuq il-motivi jew ir-raġunijiet speċifiċi awtorizzati mill-Konvenzjoni, u ma jista' jkun hemm l-ebda eżami tal-merti tad-deċiżjoni (Art. 28).[95]

414. Jekk il-bażi għall-kontestazzjoni jew l-appell hija dubju dwar l-awtentiċità jew l-integrità tad-dokumenti, u mal-materjali ma ntalbux kopji ċċertifikati tad-dokumenti u lanqas ma kienu inklużi mal-materjali, tista' ssir talba lill-Istat rikjedenti sabiex dan jipprovdi kopji ċċertifikati jew dokumenti tali oħrajn li bihom tiġi indirizzata l-kwistjoni.

415. Jekk il-kontestazzjoni jew l-appell ikunu jikkonċernaw sempliċiment il-kalkolu tal-arretrati, u r-rispondent ma jallegax li l-arretrati tħallsu bis-sħiħ, f'ħafna każijiet din tkun kwistjoni li aħjar titħalla għall-infurzar. Ir-rispondent jista' jqajjem dawk il-kwistjonijiet u jipprovdi tagħrif addizzjonali lill-awtorità kompetenti responsabbli għal

---

94 Rapport Spjegattiv, para. 503.
95 Rapport Spjegattiv, para. 504 u 505.

infurzar f'dak iż-żmien. Ara wkoll il-kummenti iktar 'il quddiem dwar rikonoxximent parzjali ta' deċiżjoni, bħala mezz ta' kif il-pagamenti kurrenti tal-manteniment jitħallew jiġu infurzati filwaqt li jkunu għadhom qed jiġu kkontestati l-arretrati.

e) Deċiżjoni fuq il-kontestazzjoni jew l-appell u appell ieħor (Art. 23(10))

416. Ladarba jkunu ġew konklużi l-kontestazzjoni jew l-appell tar-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni jew id-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà, iż-żewġ partijiet iridu jiġu nnotifikati minnufih. Din in-notifika sseħħ kif mitlub mil-liġi.[96] L-applikant jista' jiġi nnotifikat permezz tal-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti jew direttament, skont il-proċeduri tal-Istat rikjest.

417. Ser ikun hemm appell ieħor biss jekk il-liġi domestika tal-Istat rikjest tippermettih.

418. Kun af li minkejja l-appell l-ieħor, l-infurzar tad-deċiżjoni jista' jseħħ malli d-deċiżjoni tiġi rreġistrata jew iddikjarata infurzabbli, u f'kull każ, l-appell l-ieħor mhuwiex ser jaġixxi bħala waqfien tal-infurzar ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali.

C. Rikonoxximent u infurzar – eżiti tal-applikazzjoni

1. Rikonoxximent u infurzar

419. F'ħafna każijiet, ir-riżultat tal-applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar ser ikun li d-deċiżjoni tista' tiġi rikonoxxuta u infurzata bl-istess mod daqslikieku ttieħdet mill-Istat rikjest. Ma hemm bżonn tal-ebda applikazzjoni oħra mill-kreditur għall-infurzar. Għall-proċessi ta' infurzar użati, ara l-Kapitolu 10.

2. Eżiti oħrajn

420. Il-Konvenzjoni tipprovdi għal eżiti alternattivi f'każ li r-rikonoxximent u l-infurzar sħaħ tad-deċiżjoni ma jkunux possibbli.

a) Rikonoxximent parzjali

421. L-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni jippermetti lill-awtorità kompetenti tirrikonoxxi u tinfurza biss sehem mid-deċiżjoni, meta ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta jew rikonoxxuta u infurzata d-deċiżjoni sħiħa. Dan l-eżitu jista' jirriżulta, pereżempju, meta l-awtorità ma tkunx tista' tirrikonoxxi d-deċiżjoni dwar il-manteniment rigward il-manteniment għall-konjuġi, iżda tista' tirrikonoxxi u tinfurza d-deċiżjoni rigward il-manteniment għat-tfal. B'mod simili, jekk jidher li hemm tilwima fuq arretrati tal-manteniment, u jekk tħallsux bis-sħiħ jew le, l-awtorità kompetenti tista' tirrikonoxxi l-parti tad-deċiżjoni li tipprevedi l-manteniment kurrenti għat-tfal, filwaqt li tkun għaddejja l-kontestazzjoni dwar ir-rikonoxximent tal-arretrati.

> ***Prattika tajba:*** *Applikant ma għandux bżonn jitlob rikonoxximent parzjali tad-deċiżjoni, jew li tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida, f'każ li l-applikazzjoni għal rikonoxximent ma tirnexxiex. Il-Konvenzjoni teħtieġ li dawn l-għażliet jiġu kkunsidrati fil-proċess ta' rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar bħala eżiti possibbli. Il-proċeduri domestiċi tal-Istat rikjest ser jiddeterminaw kif ser titkompla l-applikazzjoni "l-ġdida", peress li jista' jkun hemm bżonn ta' iktar tagħrif sabiex, pereżempju, tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida.*

---

96 Meta ż-żewġ Stati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika, jekk jogħġok ara l-Kapitolu 3, Parti 2, Taqsima V - Konvenzjonijiet Oħrajn tal-Aja.

b) Rikonoxximent mhux possibbli minħabba riserva

422. F'ċerti każijiet, deċiżjoni dwar il-manteniment ma tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata minħabba riserva li l-Istat ikun għamel skont il-Konvenzjoni. Madankollu, l-applikazzjoni mhux bilfors li tiġi konkluża f'dan il-punt.

423. Meta d-deċiżjoni ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta għaliex tkun saret riserva, li tipprevjeni r-rikonoxximent fuq kull waħda mill-bażijiet li ġejjin, l-Artikolu 20(4) jeħtieġ li l-Awtorità Ċentrali tipproċedi bil-miżuri xierqa għal stabbiliment ta' deċiżjoni ġdida dwar il-manteniment għall-kreditur:

- ir-residenza abitwali tal-kreditur fl-Istat ta' oriġini,
- ftehim bil-miktub (ħlief f'każijiet ta' manteniment għat-tfal),
- ġurisdizzjoni bbażata fuq status personali jew responsabbiltà tal-ġenituri.[97]

424. Ma hemm bżonn tal-ebda applikazzjoni ġdida mill-kreditur, u d-deċiżjoni eżistenti trid titqies li tistabbilixxi l-eliġibbiltà[98] tat-tifel sabiex jiftaħ proċedimenti dwar il-manteniment (Art. 20(5)). Skont il-proċeduri tal-Istat rikjest, jistgħu jkunu meħtieġa dokumenti addizzjonali mill-applikant / kreditur sabiex jitkompla l-istabbiliment ta' deċiżjoni ġdida. Dawn id-dokumenti jistgħu jintalbu permezz tal-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti. Ara l-Kapitolu 8 għal diskussjoni dwar l-applikazzjonijiet għal stabbiliment.

D. Komunikazzjoni mal-Istat rikjedenti

425. Minbarra n-notifika speċifika lill-applikant u lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti li hija meħtieġa f'ċerti waqtiet (*pereż.*, notifika li d-deċiżjoni ġiet rikonoxxuta jew mhux ser tiġi rikonoxxuta), il-Konvenzjoni teħtieġ li jkun hemm komunikazzjoni ġenerali kontinwa bejn iż-żewġ Awtoritajiet Ċentrali, bħala parti mid-dmirijiet ġenerali ta' kooperazzjoni amministrattiva.

426. Malli tirċievi l-applikazzjoni, u f'kull każ mhux iktar tard minn sitt ġimgħat wara minn meta tirċievi d-dokumenti, l-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest trid tirrikonoxxi li rċeviet l-applikazzjoni (Art. 12(3)). Hemm formola obbligatorja għal dan il-għan. Ara l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili tagħha.

427. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni teħtieġ li, tal-inqas, fi żmien **tliet xhur** mill-konferma tar-riċevuta tal-applikazzjoni, l-Awtorità Ċentrali rikjesta għandha tipprovdi rapport dwar l-istatus lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti. Hemm formola rakkomandata għal dan il-għan (ara r-Rapport dwar l-Istatus).

428. Bħala konklużjoni tal-proċess ta' rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, l-Awtorità Ċentrali rikjedenti għandha tiġi nnotifikata li d-deċiżjoni ġiet rikonoxxuta (jekk kien imfittex rikonoxximent biss) jew li issa d-deċiżjoni ser tidħol fis-seħħ u l-Istat rikjedenti għandu jingħata wkoll id-dettalji ta' kuntatt għall-persuna jew l-unità xierqa fl-Istat rikjest li ser ikunu responsabbli għall-infurzar tad-deċiżjoni.

429. Ġeneralment, il-komunikazzjonijiet bejn l-Awtoritajiet Ċentrali isiru bil-lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest, jew inkella bl-Ingliż jew bil-Franċiż. Stat jista' jagħmel riserva li toġġezzjona għall-użu tal-Franċiż jew l-Ingliż (iżda mhux it-tnejn). Ara l-Kapitolu 2 għal iktar tagħrif dwar il-lingwa tal-komunikazzjoni u r-rekwiżiti ta' traduzzjoni.

---

97 Kun af li l-Art. 20(3) jeħtieġ ukoll li Stat Kontraenti jagħmel din ir-riserva biex jirrikonoxxi u jinfurza deċiżjoni jekk f'ċirkustanzi fattwali simili kien jagħti ġurisdizzjoni lill-awtoritajiet tiegħu sabiex jieħdu deċiżjoni.

98 Rapport Spjegattiv, para. 469-471. Kun af li l-Konvenzjoni ma tiddefinixxix it-terminu "eliġibbiltà" f'dan il-kuntest u, għaldaqstant, il-liġi domestika tal-Istat rikjest ser tistabbilixxi kif jiġi interpretat it-terminu kif ukoll x'tagħrif jew evidenza ulterjuri ser ikunu meħtieġa sabiex tittieħed id-deċiżjoni dwar il-manteniment.

430. Għad li f'ħafna każijiet dawn il-komunikazzjonijiet isiru bil-posta, Stat jista' jindika li huwa lest li jaċċetta komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi. Il-Profil tal-Pajjiż għal kull Stat jindika kull preferenza f'dan ir-rigward.

IV. Aspetti oħrajn: applikazzjonijiet għal rikonoxximent u rikonoxximent u infurzar

A. Applikazzjonijiet għal rikonoxximent miftuħin minn debitur

1. Ġenerali

431. Skont il-Konvenzjoni, debitur jista' jagħmel applikazzjoni għal rikonoxximent ta' deċiżjoni meta r-rikonoxximent ikun meħtieġ sabiex jiġi sospiż jew limitat l-infurzar ta' deċiżjoni preċedenti fl-Istat rikjest. Din l-applikazzjoni tista' ssir meta d-debitur ikun jixtieq li deċiżjoni differenti tiġi rikonoxxuta fl-Istat fejn qed iseħħ l-infurzar, jew meta d-debitur ikun kiseb modifika f'deċiżjoni eżistenti fi Stat Kontraenti ieħor, u issa jixtieq li tiġi rikonoxxuta fl-Istat fejn għandu l-assi tiegħu.

432. Ara l-Kapitoli 11 u 12 għal diskussjoni sħiħa dwar l-applikazzjonijiet għal ***modifika***.

__Modifika__ tirreferi għall-proċess ta' bidla ta' deċiżjoni dwar il-manteniment wara li tkun ittieħdet. F'ċerti Stati din hija magħrufa bħala applikazzjoni għal varjazzjoni jew applikazzjoni għal bidla. Il-modifika tista' tkun marbuta mal-ammont tal-manteniment, il-frekwenza jew xi terminu ieħor tad-deċiżjoni dwar il-manteniment.

433. Jekk hemm deċiżjoni dwar il-manteniment diġà fis-seħħ fl-Istat fejn jgħix jew għandu assi d-debitur, spiss, il-liġi domestika ser teħtieġ li deċiżjoni modifikata meħuda barra dak l-Istat tiġi rikonoxxuta qabel ma din tkun tista' tillimita jew tissospendi b'mod effettiv l-infurzar tal-ewwel deċiżjoni. Madankollu, ċerti Stati jaf ma jkunux jeħtieġu dan l-istadju – pereżempju meta ssir modifika mill-istess awtorità li ħarġet l-ewwel deċiżjoni. Għalhekk, ser ikun hemm bżonn li tiġi analizzata l-liġi domestika biex jinstab jekk hemmx bżonn ta' rikonoxximent tad-deċiżjoni f'xi każ partikolari.

2. Meta din l-applikazzjoni tista' tintuża minn debitur

434. Peress li l-iskop tal-applikazzjoni għal rikonoxximent skont l-Artikolu 10(2) *a)* huwa li tillimita l-infurzar, u peress li ħafna mill-infurzar iseħħ fl-Istat fejn jgħix id-debitur, f'ħafna każijiet min jeħtieġ rikonoxximent ta' deċiżjoni ser ikun jgħix fl-Istat fejn trid tiġi rikonoxxuta d-deċiżjoni. Il-Konvenzjoni ma tindirizzax b'mod speċifiku s-sitwazzjoni li fiha applikant irid li japplika mal-Awtorità Ċentrali tiegħu stess. Għalhekk, f'dawn il-każijiet ir-rikonoxximent ser ikollu jiġi ġestit skont il-liġi domestika bħala talba lil awtorità kompetenti fl-Istat fejn jgħix id-debitur.[99] Meta r-rikonoxximent jitfittex fi Stat fejn id-debitur għandu l-assi, iżda d-debitur ma jkunx jgħix f'dak l-Istat, id-debitur jista' jagħmel applikazzjoni skont l-Artikolu 10(2) *a)*.

435. Fil-każijiet kollha li fihom kwistjoni tipproċedi bħala applikazzjoni skont l-Artikolu 10(2) *a)*, id-debitur ser ikun l-applikant. F'dawn il-każijiet, il-kreditur ser ikun ir-rispondent u l-kreditur ser ikollu jiġi nnotifikat dwar ir-reġistrazzjoni jew id-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà.

---

[99] F'ċerti Stati, l-Awtorità Ċentrali ser taġixxi bħala l-awtorità kompetenti għan dan l-għan u tassisti lid-debitur fil-proċess ta' rikonoxximent. Fil-każ ta' applikazzjonijiet għal modifika, ir-rikonoxximent jista' jitqies bħala l-istadju finali f'dik l-applikazzjoni (ara l-Kapitolu 12), u ma jkun hemm bżonn li tinfetaħ l-ebda applikazzjoni ġdida. Dan ser jiddependi mill-proċessi interni ta' kull Stat.

Eżempju

436. Id-debitur jgħix fil-Pajjiż A, fejn ittieħdet id-deċiżjoni inizjali dwar il-manteniment. Għandu assi jew dħul fil-Pajjiż B. Il-kreditur jgħix fil-Pajjiż B u d-deċiżjoni inizjali ġiet rikonoxxuta fil-Pajjiż B u qed tiġi infurzata kontra l-assi tad-debitur fil-Pajjiż B. Id-debitur issa kiseb deċiżjoni mmodifikata mill-Pajjiż A. Jixtieq li d-deċiżjoni mmodifikata tiġi rikonoxxuta fil-Pajjiż B sabiex din tillimita l-infurzar tal-ewwel deċiżjoni.

Kif dan iseħħ skont il-Konvenzjoni

437. Id-debitur jista' jagħmel applikazzjoni skont l-Artikolu 10(2) *a)* tal-Konvenzjoni mal-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A. Il-Pajjiż A ser jibgħat l-applikazzjoni lill-Pajjiż B fejn, permezz tal-proċeduri deskritti f'dan il-Kapitolu, id-deċiżjoni mmodifikata ser tiġi rreġistrata għal infurzar jew iddikjarata infurzabbli. Il-kreditur ser jiġi nnotifikat dwar ir-reġistrazzjoni jew id-dikjarazzjoni u jingħata l-opportunità sabiex jikkontesta jew jappella d-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà jew reġistrazzjoni. Ladarba tiġi ddikjarata infurzabbli jew irreġistrata, id-deċiżjoni mmodifikata ser tkun effettiva fil-Pajjiż B biex tillimita l-infurzar tad-deċiżjoni oriġinali.

3. Proċeduri

438. Il-proċeduri ta' rikonoxximent u infurzar diskussi f'dan il-Kapitolu huma applikabbli għal applikazzjonijiet mid-debitur għal rikonoxximent f'dawn iċ-ċirkustanzi. L-Artikolu 26 jistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V (Rikonoxximent u infurzar) japplikaw "*mutatis mutandis*" għal applikazzjonijiet għal rikonoxximent biss bl-eċċezzjoni li r-rekwiżit għal infurzabbiltà jiġi sostitwit ma' rekwiżit li d-deċiżjoni daħlet fis-seħħ fl-Istat ta' oriġini. Jiġifieri, għal skopijiet prattiċi, id-dispożizzjonijiet li jindirizzaw ir-rikonoxximent u l-infurzar ser japplikaw għal applikazzjonijiet għal rikonoxximent, ħlief fir-rigward ta' dawk id-dispożizzjonijiet li jridu jinbidlu, għaliex ma jintalab l-ebda infurzar tad-deċiżjoni.[100]

4. Restrizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet immodifikati

439. Ta' min jgħid li l-Konvenzjoni tipprovdi restrizzjoni importanti fuq id-dritt li d-debitur ikollu deċiżjoni mmodifikata rikonoxxuta skont il-Konvenzjoni. Kreditur jista' joġġezzjona għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni mmodifikata jekk id-deċiżjoni mmodifikata ttieħdet fi Stat Kontraenti li mhuwiex l-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni (l-Istat ta' oriġini) u l-kreditur kien resident abitwali fl-Istat ta' oriġini meta ttieħdet id-deċiżjoni mmodifikata (l-Artikoli 18 u 22 *f)*). Hemm ftit eċċezzjonijiet li fihom dan ser ikun permess, iżda ta' min ifakkar li d-dritt li d-debitur ikollu deċiżjoni mmodifikata rikonoxxuta huwa soġġett għal ċerti restrizzjonijiet li ma japplikawx għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet oħrajn.

440. Ara l-Kapitoli 11 u 12 rigward applikazzjonijiet għal modifika.

---

100 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 546.

B. Proċess alternattiv għal rikonoxximent u rikonoxximent u infurzar (Art. 24)

441. Il-Konvenzjoni tipprevedi żewġ proċeduri ftit differenti li jridu jintużaw għal applikazzjonijiet għal rikonoxximent u rikonoxximent u infurzar – il-proċess regolari stabbilit fl-Artikolu 23 u proċess alternattiv stabbilit fl-Artikolu 24.

442. Stat jista' jagħmel dikjarazzjoni sabiex juża l-proċedura alternattiva stabbilita fl-Artikolu 24.

443. Id-differenza ewlenija bejn il-proċess regolari u l-proċess alternattiv hija li bil-proċess alternattiv, ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni jsir biss wara li r-rispondent ikun ġie nnotifikat u kemm l-applikant kif ukoll ir-rispondent ikunu ngħataw l-opportunità li jagħmlu sottomissjonijiet lill-awtorità kompetenti. Barra minn hekk, hemm kamp ta' applikazzjoni usa' sabiex l-awtorità kompetenti tqis ċerti motivi biex tiċħad rikonoxximent, minn jeddha, jew mingħajr ma jkunu tqajmu minn xi parti. Madankollu, apparti dawn iż-żewġ differenzi, il-proċeduri huma ferm simili.[101]

Idea siewja: *Stat dejjem ser juża l-proċess regolari sakemm ma tkunx saret dikjarazzjoni biex jintuża l-proċess alternattiv. Dak it-tagħrif ser ikun inkluż fil-Profil tal-Pajjiż. Ħafna mill-pajjiżi li jinfurzaw deċiżjonijiet minn pajjiżi barranin skont ftehimiet bilaterali li daħlu fis-seħħ qabel il-Konvenzjoni diġà għandhom fis-seħħ proċessi għar-reġistrazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' pajjiżi barranin jew sabiex isiru dikjarazzjonijiet li jsegwu l-proċeduri regolari stabbiliti fl-Artikolu 23. Dawn il-proċessi ser ikomplu b'bidliet żgħar ħalli jakkomodaw ir-rekwiżiti tal-Konvenzjoni.*

444. Il-proċess alternattiv huwa muri hawn taħt.

---

101 Rapport Spjegattiv, para. 516.



Figura 17: Proċess alternattiv għal rikonoxximent u infurzar – ħarsa ġenerali

a) Innotifika lir-rispondent tal-applikazzjoni għal rikonoxximent

445. Għall-kuntrarju tal-proċess regolari, il-proċess alternattiv jeħtieġ notifika lir-rispondent qabel ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni. Għad li r-rispondent irid jiġi nnotifikat "minnufih", ma hemm l-ebda limitu ta' żmien stabbilit għal tweġiba jew oġġezzjoni mir-rispondent wara n-notifika. Jekk ikun hemm wieħed, il-limitu ta' żmien ser ikun stabbilit fil-liġi domestika.

b) Kunsiderazzjoni tal-oġġezzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar

446. Bħal fil-proċess regolari, hemm biss motivi limitati li rispondent jista' jqajjem meta joġġezzjona għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni. Dawk il-motivi huma l-istess fil-proċess alternattiv bħall-motivi fil-proċess regolari.

447. Madankollu, bil-proċedura alternattiva, ċerti motivi għal ċaħda ta' rikonoxximent jew infurzar ta' deċiżjoni jistgħu jitqajmu wkoll direttament mill-awtorità kompetenti, bla ma tistenna lil xi parti tqajjem il-motivi. (Dan huwa deskritt fil-Konvenzjoni bħala l-kunsiderazzjoni mill-awtorità kompetenti "minn jeddha".) Il-motivi li jistgħu jiġu kkunsidrati mill-awtorità kompetenti huma stabbiliti fl-Artikolu 24(4) u jinkludu:

- jekk rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni jkunux inkompatibbli biċ-ċar mal-politika pubblika;
- jekk il-proċedimenti bejn l-istess żewġ partijiet fuq l-istess kwistjoni humiex pendenti fl-Istat rikjest u l-proċedimenti l-oħrajn mibdijin l-ewwel;
- jekk id-deċiżjoni hijiex inkompatibbli ma' deċiżjoni bejn l-istess partijiet u bl-istess skop fl-Istat rikjest jew fi Stat ieħor (fl-aħħar każ bil-kundizzjoni li d-deċiżjoni tista' tiġi rikonoxxuta u infurzata fl-Istat rikjest);
- mal-ewwel daqqa t'għajn lejn id-dokumenti – (jiġifieri meta jkun evidenti wara sempliċi kontroll tad-dokumenti stess) – ma jkun hemm l-ebda bażi għal rikonoxximent u infurzar skont l-Artikolu 20;
- mal-ewwel daqqa t'għajn lejn id-dokumenti – hemm raġuni għaliex għandhom jiġu miċħudin rikonoxximent u infurzar;
- mal-ewwel daqqa t'għajn lejn id-dokumenti – hemm tħassib fuq l-integrità u l-awtenticità tad-dokumenti.

Idea siewja: *F'ħafna Stati, l-awtorità li tieħu d-deċiżjonijiet tqis biss kwistjonijiet li jitqajmu mill-partijiet għas-seduta. Dan huwa l-proċess regolari stabbilit mill-Konvenzjoni għal applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar. Il-proċess alternattiv jawtorizza lill-awtorità kompetenti sabiex tħares lejn ċerti kwistjonijiet, anki meta ma jitqajmux minn waħda mill-partijiet.*

448. L-awtorità kompetenti ser tqis il-kwistjonijiet imsemmijin hawn fuq, kull oġġezzjoni mqajma mir-rispondent u kull kwistjoni li tqum mal-ewwel daqqa t'għajn lejn id-dokumenti skont l-Artikoli 20, 22 u 23(7) *c)* u mbagħad tistabbilixxi jekk id-deċiżjoni għandhiex tiġi rikonoxxuta u infurzata.

c) Infurzar ta' deċiżjoni

449. Bħal fil-każ tal-proċess regolari għal rikonoxximent u infurzar, id-deċiżjoni hija infurzabbli ladarba tkun ġiet rikonoxxuta billi jintuża l-proċess alternattiv. Imbagħad, l-awtorità kompetenti tista' tibda l-infurzar, mingħajr il-bżonn ta' applikazzjoni jew talba ulterjuri mill-applikant. Tkun idea tajba li jsiru tentattivi sabiex tinstab soluzzjoni volontarja mad-debitur malajr kemm jista' jkun jekk din tkun ser twassal sabiex il-pagamenti jibdew deħlin b'mod regolari lill-kreditur kif meħtieġ mid-deċiżjoni dwar il-manteniment.

d) Appell

450. Appell tad-deċiżjoni għal rikonoxximent jista' jiġi awtorizzat skont il-liġi domestika. Jekk iva, dak l-appell mhuwiex ser jissospendi l-infurzar tad-deċiżjoni, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali (Art. 24(6)).

C. *Arranġamenti dwar il-manteniment*

1. Differenzi ewlenin

451. Il-Konvenzjoni tagħmel distinzjoni bejn deċiżjonijiet dwar il-manteniment, li jittieħdu minn korpi ġudizzjarji jew amministrattivi, u ***arranġamenti dwar il-manteniment***, li huma tipi speċifiċi ta' ftehimiet bejn il-partijiet. Għad li l-proċessi għal rikonoxximent u infurzar ta' arranġamenti dwar il-manteniment huma kemxejn simili għal deċiżjonijiet dwar il-manteniment, Stat jista' jagħmel riserva li tindika li mhuwiex ser jirrikonoxxi jew jinfurza arranġament dwar il-manteniment.

Arranġament dwar il-manteniment *huwa ddefinit fl-Artikolu 3 bħala ftehim bil-miktub marbut mal-ħlas tal-manteniment, li tfassal jew ġie rreġistrat b'mod formali bħala strument awtentiku minn awtorità kompetenti, jew ġie awtentiċizzat, konkluż, irreġistrat jew ippreżentat ma' awtorità kompetenti u li jista' jkun soġġett għal eżami u modifika minn awtorità kompetenti.*

2. Proċeduri

452. Għall-finijiet ta' rikonoxximent u infurzar ta' arranġament dwar il-manteniment, japplikaw l-istess prinċipji u proċeduri ġenerali użati għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment.[102] L-Artikolu 30 tal-Konvenzjoni jistipula li arranġamenti dwar il-manteniment għandhom ikunu intitolati għal rikonoxximent u infurzar bħal deċiżjoni, diment li l-arranġament ikun infurzabbli bħal deċiżjoni fl-Istat fejn sar.

453. Jekk tidħol applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar ta' arranġament dwar il-manteniment, ser jiġu segwiti l-istess proċessi ġenerali. Malli tirċeviha, l-awtorità kompetenti tagħmel eżami preliminari, li tikkonsisti f'kunsiderazzjoni dwar jekk ir-rikonoxximent u l-infurzar ikunux inkompatibbli biċ-ċar mal-politika pubblika. Id-dokumentazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tixbah lil dik meħtieġa għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni; madankollu, hemm differenza kbira li hija li ma hemm bżonn tal-I-ebda Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa. Dan għaliex l-ilħuq tal-arranġament bilfors li involva l-parteċipazzjoni taż-żewġ partijiet.

454. Ara l-Kapitolu 4 għal lista sħiħa tad-dokumenti meħtieġa f'applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar ta' arranġament dwar il-manteniment.

455. Wara li l-Awtorità Ċentrali tkun eżaminat il-materjali biex tara li d-dokumenti huma kompluti, l-arranġament dwar il-manteniment ser jintbagħat lill-awtorità kompetenti (sakemm l-Awtorità Ċentrali ma tkunx l-awtorità kompetenti għal dan). Imbagħad, l-arranġament jiġi rreġistrat għal infurzar jew jiġi ddikjarat infurzabbli u r-rispondent jiġi nnotifikat, jew jekk l-Istat jużа l-proċess alternattiv, ir-rispondent jiġi nnotifikat dwar l-applikazzjoni għal rikonoxximent tal-arranġament, u jingħata opportunità li jikkontesta jew jappella.

---

102 Rapport Spjegattiv, para. 559.

456. Hemm ukoll xi differenzi bejn il-motivi li jistgħu jintużaw biex wieħed joġġezzjona għal rikonoxximent ta' arranġament, u l-motivi li jistgħu jintużaw sabiex wieħed joġġezzjona għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni. Dawn huma stipulati fl-Artikolu 30(5).

3. Tlestija tal-proċess ta' rikonoxximent u infurzar

457. Mill-bqija, il-proċess ta' rikonoxximent u infurzar għal arranġamenti dwar il-manteniment jixbah lil dak ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment, b'eċċezzjoni waħda. L-awtorità kompetenti ser tieħu deċiżjoni li tirreġistra jew tiddikjara l-arranġament infurzabbli, u r-rispondent ser jingħata opportunità sabiex jikkontesta jew jappella dik id-deċiżjoni. F'ħafna Stati, b'dan ser jasal fi tmiemu l-proċess ta' reġistrazzjoni u infurzar. Madankollu, jekk ikun hemm kontestazzjoni pendenti, fil-każ ta' arranġament dwar il-manteniment, dak l-appell tar-rikonoxximent tal-arranġament ser jissospendi kull infurzar tal-arranġament (Art. 30(6)). Din is-sospensjoni tal-infurzar hija differenza importanti bejn deċiżjonijiet u arranġamenti fil-proċess ta' rikonoxximent u infurzar.

V. Rikonoxximent u infurzar – kwistjonijiet oħrajn

A. Assistenza legali

458. Skont il-Konvenzjoni, b'mod ġenerali, l-Istat rikjest li jipproċessa kull applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment rigward minuri ta' inqas minn 21 sena, irid jipprovdi assistenza legali b'xejn lill-kreditur jekk din hija meħtieġa biex tiġi pproċessata l-applikazzjoni. Ftakar li jekk l-Istat jipprovdi aċċess effettiv għal proċeduri bl-użu ta' proċeduri ssimplifikati, mhuwiex ser jirriżulta l-intitolament għal assistenza legali b'xejn.

459. Jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3 għal diskussjoni sħiħa dwar ir-rekwiżit biex jingħata aċċess effettiv għal proċeduri, inkluż il-forniment ta' assistenza legali b'xejn, jekk ikun hemm bżonn.

460. Hemm għadd ta' eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi b'xejn li għandhom jiġu kkunsidrati, meta l-applikazzjoni għal rikonoxximent issir minn debitur, jew id-deċiżjoni ma tkunx għal manteniment għal minuri ta' taħt il-21 sena. Dawn huma spjegati fil-Kapitolu 3.

B. Kwistjonijiet ta' infurzar

Konverżjoni tal-flus

461. Il-Konvenzjoni ma tindirizzax il-kwistjoni ta' konverżjoni tal-obbligi tal-manteniment minn munita għal oħra. Skont il-proċessi użati mill-awtorità kompetenti biex tirrikonoxxi deċiżjoni, jista' jkun hemm ukoll proċess konkurrenti ta' konverżjoni tal-obbligu tal-manteniment fid-deċiżjoni fil-munita tal-Istat li jinforza. L-awtorità kompetenti jaf ikollha bżonn tikseb ċertifikat li jikkonferma r-rata tal-kambju użata biex jiġu kkonvertiti l-pagamenti, u mbagħad, l-ammont ikkonvertit ser ikun il-bażi tar-responsabbiltà tal-manteniment fl-Istat li jinforza.

462. F'każijiet oħrajn, l-Istat rikjedenti jaf ikun diġà kkonverta d-deċiżjoni, inklużi kull arretrat, fil-munita tal-Istat rikjest.

463. Kwistjonijiet dwar il-konverżjoni tal-flus huma indirizzati f'iktar dettall fil-Kapitolu 10 dwar l-infurzar ta' deċiżjonijiet.

C. Eċċezzjonijiet u riservi rilevanti

464. It-tagħrif mogħti ser ikun applikabbli fl-iktar xenarji spissi li jinvolvu rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar il-manteniment għal tfal. Madankollu, hemm għadd ta' xenarji li fihom riservi jew dikjarazzjonijiet magħmulin minn Stat ser ikollhom impatt fuq il-proċess ta' rikonoxximent u infurzar.

a) Tfal bejn l-etajiet ta' 18 u 21 sena

465. Stat jista' jagħmel ***riserva*** li tillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal persuni ta' inqas minn 18-il sena. Jekk Stat għamel din ir-riserva, dak l-Istat mhuwiex ser jaċċetta għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' kull manteniment skont il-Konvenzjoni, deċiżjonijiet għal minuri li għandhom 18-il sena jew inqas, u lanqas ma jista' jitlob lil Stat ieħor biex jieħu ħsieb kwistjonijiet marbutin mal-manteniment għal tfal ta' iktar minn 18-il sena.

Riserva *hija dikjarazzjoni formali minn Stat Kontraenti, awtorizzata f'ċerti ċirkustanzi skont il-Konvenzjoni, li tispeċifika li l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni f'dak l-Istat ser tkun limitata b'xi mod.*

b) Bażijiet għal rikonoxximent u infurzar

466. Stat jista' jagħmel riserva li deċiżjoni dwar il-manteniment mhijiex ser tiġi rikonoxxuta jew infurzata jekk użat xi waħda minn dawn li ġejjin bħala bażi biex ħadet id-deċiżjoni:[103]

- residenza abitwali tal-kreditur,
- ftehim bil-miktub mill-partijiet,
- eżerċizzju ta' awtorità fuq il-bażi tal-istatus personali jew ir-responsabbiltà tal-ġenituri.

c) Proċedura għal rikonoxximent u infurzar

467. Stat jista' jagħmel ***dikjarazzjoni*** biex jistabbilixxi li ser juża l-proċess alternattiv għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar (Art. 24) deskritt iktar 'il fuq, minflok il-proċess regolari (Art. 23).

Dikjarazzjoni *hija stqarrija formali minn Stat Kontraenti fir-rigward ta' ċerti Artikoli jew rekwiżiti skont il-Konvenzjoni.*

d) Arranġamenti tal-manteniment

468. Stat jista' jagħmel riserva li biha jiddikjara li mhuwiex ser jirrikonoxxi u jinfurza arranġamenti dwar il-manteniment. Inkella, permezz ta' dikjarazzjoni, Stat jista' jesiġi li applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar ta' arranġamenti dwar il-manteniment isiru permezz tal-Awtorità Ċentrali.

VI. Materjali addizzjonali

A. Pariri prattiċi

- Ladarba tkun ġiet rikonoxxuta d-deċiżjoni, ħafna Stati minnufih ser jippruvaw jidħlu f'kuntatt mad-debitur biex ifittxu konformità volontarja mad-deċiżjoni ħalli jiżguraw li l-manteniment jibda jintbagħat lill-kreditur u lit-tfal malajr kemm jista' jkun.

---

103 Ara d-diskussjoni iktar 'il fuq (Nota 93) dwar il-bażijiet tal-ġurisdizzjoni fl-Art. 20.

- L-intenzjoni tal-proċess ta' rikonoxximent u infurzar satbbilit fil-Konvenzjoni hija li jippermetti l-ipproċessar mgħaġġel u effiċjenti tal-applikazzjonijiet. L-assistenti soċjali fl-Istat rikjest għandhom jiftakru dan u jieħdu passi biex jiżguraw li l-każijiet jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun, b'dewmien minimu.
- Mhux il-proċeduri u r-rekwiżiti kollha li jikkonċernaw l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar jinsabu fil-Konvenzjoni. L-assistenti soċjali ser ikollhom isegwu l-liġi u l-proċeduri domestiċi relevanti. Pereżempju, l-assistent soċjali ser ikollu jqis kull rekwiżit domestiku rigward il-mod li bih jiġi nnotifikat ir-rispondent tad-deċiżjoni, jew il-mod li bih applikant li jgħix barra l-Istat rikjest jrid jiġi nnotifikat dwar kull deċiżjoni.

B. Ideat tajbin u għodod

Hija idea tajba li l-Istat rikjedenti jinżamm aġġornat fil-ħin dwar kull żvilupp jew dewmien u li l-Istat rikjedenti jiġi megħjun fil-komunikazzjoni mal-applikant.

C. Formoli relatati

Applikazzjoni għal Rikonoxximent u Infurzar
Formola ta' Trażmissjoni
Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà
Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa
Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji
Formola ta' Konferma

D. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 10(1) *a)*
L-Artikolu 10(2) *a)*
L-Artikolu 11
L-Artikolu 12
L-Artikolu 20
L-Artikolu 23
L-Artikolu 24
L-Artikolu 30
L-Artikolu 36
L-Artikolu 50

E. Taqsimiet relatati tal-Manwal

Ara l-Kapitolu 3, Parti 2 – Kwistjonijiet komuni għall-applikazzjonijiet kollha skont il-Konvenzjoni u għal Talbiet għal Miżuri Speċifiċi
Ara l-Kapitolu 6 – It-tħejjija ta' applikazzjonijiet mibgħuta għall-infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest
Ara l-Kapitolu 8 – Applikazzjonijiet mibgħuta għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment
Ara l-Kapitolu 10 – Infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment

VII. Lista ta' kontroll – applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar

	Proċedura	Referenza tal-Manwal
1	Irċievi d-dokumenti mingħand Awtorità Ċentrali	
2	Ikkonferma li l-applikazzjoni għandha tkun għal rikonoxximent u infurzar	III(A)(3)
3	L-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti minimi tal-Konvenzjoni?	III(A)(4)
4	Ara li d-dokumenti huma kompluti	III(A)(5)
5	Fittex fejn jgħix ir-rispondent, jekk ikun hemm bżonn	III(A)(6)
6	Itlob dokumenti addizzjonali, jekk ikun hemm bżonn	III(A)(7)
7	Ikkonferma li rċevejt l-applikazzjoni	III(A)(6)
8	Jekk l-Istat tiegħek juża proċess alternattiv, mur għan-Nru 9, inkella uża n-Nru 8(a),(b),(c)	
8(a)	Irreġistra d-deċiżjoni u / jew iddikjara d-deċiżjoni infurzabbli	III(B)(1)
8(b)	Innotifika lill-applikant u lir-rispondent tar-reġistrazzjoni jew id-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà	III(B)(4)
8(c)	Ir-rispondent għandu l-opportunità li jieħu passi biex jikkontesta jew jappella dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà jew reġistrazzjoni fuq il-bażi ta' motivi speċifikati	III(B)(5)
9(a)	Innotifika lir-rispondent dwar l-applikazzjoni għal rikonoxximent	IV(B)
9(b)	Qis il-motivi, inklużi dawk imqajmin mir-rispondent (jekk hemm)	IV(B)
9(c)	Irrikonoxxi deċiżjoni u ddikjara d-deċiżjoni infurzabbli	IV(B)
10	Ikkonkludi kull kontestazzjoni jew appell u nnotifika lill-applikant u lir-rispondent	III(B)(5)
11	Ibgħat Formola ta' Rapport dwar l-Istatus lill-applikant u lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti	III(D)

VIII. Mistoqsijiet Frekwenti

Kreditriċi għandha deċiżjoni mill-Pajjiż A. Tgħix fil-Pajjiż B. Il-Pajjiż B mhuwiex ser jirrikonoxxi u jinfurza d-deċiżjoni. Id-debitur jgħix fil-Pajjiż C. It-tliet Stati huma Stati Kontraenti. Id-deċiżjoni tista' tiġi rikonoxxuta u infurzata fil-Pajjiż C?

469. Iva – il-kreditriċi tista' titlob rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni fl-Istat fejn jgħix id-debitur jew fejn għandu l-assi jew id-dħul tiegħu, diment li d-deċiżjoni ttieħdet fi Stat Kontraenti. Id-deċiżjoni ma għandhiex għalfejn tkun infurzabbli jew rikonoxxuta fl-Istat rikjedenti – iżda fl-Istat ta' oriġini biss. F'dan il-każ, dan huwa l-Pajjiż A. Jekk hemm Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà mill-Pajjiż A, fejn ittieħdet id-deċiżjoni, f'dak il-każ il-Pajjiż C għandu jkun jista' jipproċessa l-applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar, diment li jkunu ssodisfati r-rekwiżiti kollha l-oħrajn.

Għaliex kreditur ġieli jfittex rikonoxximent biss ta' deċiżjoni, u mhux rikonoxximent U infurzar?

470. F'ċerti każijiet, il-kreditur jista' jkollu l-għan li jinfurza d-deċiżjoni b'mod privat, jew applikant jista' jkun jeħtieġ li d-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta sabiex juża ċerti rimedji oħrajn fl-Istat rikjest. Pereżempju, jekk hemm assi bħal proprjetà fl-Istat rikjest, il-kreditur jista' jkun jeħtieġ li d-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta qabel ma jkun jista' jippreżentaha bħala talba kontra l-proprjetà.

Ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar il-manteniment jrendi d-deċiżjoni sħiħa l-istess bħal kull deċiżjoni oħra dwar il-manteniment orġinarjament meħuda f'dak l-Istat?

471. Le. L-iskop tar-rikonoxximent u l-infurzar huwa li jippermettu sempliċiment li d-deċiżjoni barranija dwar il-manteniment tiġi infurzata billi jintużaw l-istess mekkaniżmi u proċessi bħal deċiżjoni domestika dwar il-manteniment. Għaldaqstant, il-liġijiet tal-Istat rikjest dwar, pereżempju, il-kustodja jew il-kuntatt mat-tfal ma japplikawx għal dik id-deċiżjoni. Id-deċiżjoni hija simili għal deċiżjonijiet domestiċi għall-fini ta' rikonoxximent u infurzar tal-obbligi dwar il-manteniment biss.

Deċiżjoni dejjem trid tiġi rikonoxxuta qabel ma tkun tista' tiġi infurzata?

472. Iva – sakemm ma tkunx deċiżjoni mill-Istat rikjest fejn ser iseħħ l-infurzar. Jekk hija minn xi Stat ieħor, l-ewwel trid tgħaddi mill-proċess ta' rikonoxximent sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjoni tikkonforma ma' rekwiżiti proċedurali bażiċi jew oħrajn rigward il-mod li bih għandhom jiġu stabbiliti obbligi dwar il-manteniment – pereżempju, in-notifika li parti għandha tirċievi.

Deċiżjoni li tittieħed f'lingwa oħra tista' tiġi infurzata skont il-Konvenzjoni?

473. Iva – iżda trid issir traduzzjoni tad-deċiżjoni jew traduzzjoni ta' silta jew astratt tat-test fil-lingwa tal-Istat rikjest jew f'lingwa oħra li l-Istat rikjest indika li jaċċetta. Ara l-Kapitolu 3 għal diskussjoni dwar ir-rekwiżiti għal traduzzjonijiet ta' dokumenti u deċiżjonijiet.

474. Skont il-Konvenzjoni, komunikazzjonijiet oħrajn bejn l-Awtoritajiet Ċentrali jistgħu jsiru bl-Ingliż jew bil-Franċiż.

Stat jista' jirrikonoxxi deċiżjoni li hija ta' xorta li ma tistax tittieħed f'dak l-Istat?

475. Iva – diment li d-deċiżjoni taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi tal-manteniment skont il-Konvenzjoni. Pereżempju, deċiżjoni dwar il-manteniment għat-tfal tista' tinkludi dispożizzjoni għar-rimborż ta' ċerti tipi ta' spejjeż, bħal primjums tal-assigurazzjoni medika, li mhumiex magħrufin jew previsti fil-liġi tal-Istat rikjest. Id-deċiżjoni xorta waħda tista' tiġi rikonoxxuta fl-Istat rikjest.

Għaliex ma hemm l-ebda rekwiżit li l-Applikazzjoni għal Rikonoxximent jew Rikonoxximent u Infurzar trid tkun iffirmata mill-applikant jew xi ħadd mill-Awtorità Ċentrali?

476. Il-Konvenzjoni hija "newtrali għall-mezzi" sabiex tħaffef l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tippermetti li l-materjali jintbagħtu b'mod effiċjenti bejn l-Istati. Il-ħtieġa ta' firma jagħmilha impossibbli li jintbagħtu dokumenti b'faks jew b'mod elettroniku.

477. Il-persuna li isimha jidher fuq l-applikazzjoni hija responsabbli sabiex tiżgura li t-tagħrif fl-applikazzjoni huwa konsistenti mad-dokumenti u t-tagħrif ipprovdut mill-applikant u li l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni.

Applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar tista' tiġi pproċessata mingħajr kopji ċċertifikati tad-dokumenti?

478. Dan jiddependi minn jekk l-Istat rikjest għamilx dikjarazzjoni skont il-Konvenzjoni li jeħtieġ kopji ċċertifikati (il-Profil tal-Pajjiż ser jikkonferma dan ir-rekwiżit). Barra minn hekk, f'każ partikolari, qorti jew awtorità kompetenti tista' titlob kopji ċċertifikati, wisq probabbli f'sitwazzjoni li fiha jkun hemm tħassib dwar l-awtenticità jew l-integrità tad-dokumenti forniti.

479. Jekk ma ssir l-ebda dikjarazzjoni bħal din, l-applikazzjoni tista' tipproċedi fuq il-bażi tal-kopji pprovduti mill-Istat rikjedenti.

L-awtorità kompetenti rreġistrat jew iddikjarat id-deċiżjoni infurzabbli. Issa xi jmiss?

480. Ladarba d-deċiżjoni tiġi rreġistrata jew iddikjarata infurzabbli, tista' tiġi infurzata. Ma hemm bżonn l-ebda applikazzjoni oħra mill-applikant skont il-Konvenzjoni għal dan (diment li l-applikazzjoni orġinali għaddiet mingħand Awtorità Ċentrali). L-applikant, ir-rispondent u l-Istat rikjedenti jridu jiġu avżati minnufih li r-rikonoxximent tlesta u li issa qed jipproċedi l-infurzar.

X'jiġri jekk ikun hemm iktar minn deċiżjoni waħda dwar il-manteniment? Pereżempju, hemm deċiżjoni inizjali għall-manteniment u dik id-deċiżjoni ġiet immodifikata permezz ta' deċiżjoni sussegwenti. Liema għandha tiġi rikonoxxuta?

481. Il-Konvenzjoni ma tindirizzax din il-mistoqsija b'mod dirett. Jekk id-deċiżjoni trid tiġi infurzata u hemm arretrati tal-manteniment li nġemgħu jew akkumulaw mill-ewwel deċiżjoni, l-Istat rikjest jista' jkun jeħtieġ kopja ta' dik id-deċiżjoni għal infurzar. Dan jista' jkun meħtieġ mil-liġi domestika li tirregola l-infurzar, jew meta debitur jikkontesta l-arretrati jew jallega interpretazzjoni differenti tal-obbligu. Barra minn hekk, jista' jkun hemm ċerti kwistjonijiet oħrajn (bħall-kundizzjonijiet għall-indiċjar jew il-modifika) li jinsabu f'deċiżjoni waħda iżda mhux fl-oħra.

482. Madankollu, ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni ma għandux jiġi rriferit biss fuq il-bażi li kien hemm deċiżjonijiet minn qabel bl-istess mod li ma kinux inklużi mal-applikazzjoni. Jekk jidher li hemm deċiżjonijiet relevanti oħrajn dwar il-manteniment li misshom ġew inklużi mal-applikazzjoni, ikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti u itlobha tibgħatlek kopji ta' dawk id-deċiżjonijiet.

Kapitolu 6
It-tħejjija ta' applikazzjonijiet mibgħuta għall-infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest (Art. 10(1) *b)*)

Kif inhu mqassam dan il-Kapitolu:

Dan il-Kapitolu jittratta applikazzjonijiet biex tiġi infurzata deċiżjoni dwar il-manteniment meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest.

It-Taqsima I tagħti ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjoni – meta ser tintuża, min jista' japplika għaliha u spjegazzjoni tat-termini u l-kunċetti bażiċi.

It-Taqsima II tispjega l-proċedura jew l-istadji għat-tiswir u l-ipproċessar ta' applikazzjoni, u tispjega l-formoli u d-dokumenti meħtieġa u tipprovdi tagħrif dwar x'irid jiġi inkluż u kif għandhom jimtlew il-formoli.

It-Taqsima III tipprovdi materjali addizzjonali.

It-Taqsima V twieġeb ċerti mistoqsijiet frekwenti dwar applikazzjonijiet għal infurzar.

Jekk kulma għandek bżonn hija sempliċi ġabra qasira tal-proċessi involuti – mur fit-Taqsima IV għal Lista ta' Kontroll.

I. Ħarsa ġenerali

A. Meta ser tintuża din l-applikazzjoni

483. Din l-applikazzjoni ser tintuża meta l-applikant ikollu ***deċiżjoni dwar il-manteniment*** li ttieħdet fl-Istat rikjest, jew deċiżjoni li diġà hija rikonoxxuta f'dak l-Istat,[104] u jixtieq li d-deċiżjoni tiġi infurzata f'dak l-Istat. Normalment, il-kreditur ser jitlob l-infurzar għaliex id-debitur jgħix fl-Istat rikjest jew għandu assi jew dħul f'dak l-Istat.

Deċiżjoni dwar il-manteniment *tistabbilixxi l-obbligu li d-debitur iħallas manteniment u tista' tinkludi wkoll aġġustament awtomatiku permezz ta' indiċjar u r-rekwiżit li jitħallsu arretrati tal-manteniment, manteniment retroattiv jew imgħax u determinazzjoni tal-kostijiet jew l-ispejjeż.*

B. Eżempju ta' każ

484. R u S iżżewġu fil-Pajjiż B. Għandhom żewġt itfal. Iddivorzjaw fil-Pajjiż B u ngħata manteniment għat-tfal. Issa S tgħix mat-tfal fil-Pajjiż A. R għadu jgħix fil-Pajjiż B. R waqaf iħallas manteniment is-sena l-oħra. S tixtieq li l-Pajjiż B jinfurza d-deċiżjoni dwar il-manteniment. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

---

104 Rikonxximent tad-deċiżjoni jista' jkun li diġà seħħ skont il-Konvenzjoni jew jista' jkun permezz ta' "operazzjoni tal-liġi", f'każijiet li fihom id-deċiżjoni hija effettiva fl-Istat rikjest mingħajr ma jkollha bżonn tiġi rikonoxxuta.

Kif isir dan skont il-Konvenzjoni

485. S tmur fl-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A. L-Awtorità Ċentrali tibgħat applikazzjoni lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B li biha titlob li d-deċiżjoni dwar il-manteniment tiġi ***infurzata*** fil-Pajjiż B. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B tipproċessa l-applikazzjoni, u tibgħat id-deċiżjoni lill-awtorità kompetenti għal infurzar. L-awtorità kompetenti tinfurza d-deċiżjoni u l-pagamenti jingħaddu lil S.

C. Min jista' japplika għal infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment?

486. Din l-applikazzjoni tista' ssir minn ***kreditur***, inkluż korp pubbliku li jaġixxi f'isem kreditur jew li pprovda benefiċċji minflok il-manteniment.

Kreditur *huwa l-individwu li lilu huwa dovut jew allegatament dovut il-manteniment. Kreditur jista' jkun ġenitur jew konjuġi, tfal, ġenituri adottivi, jew qraba jew oħrajn li jieħdu ħsieb tifel. F'ċerti Stati, din il-persuna tista' tissejjaħ riċevitur tal-manteniment, destinatarju, jew ġenitur kustodju jew indukratur.*

D. Ġenerali – infurzar, mhux rikonoxximent

487. Applikazzjonijiet għal infuzar minn Stat tad-deċiżjoni tiegħu stess, jew għal deċiżoni diġà rikonoxxuta f'dak l-Istat, eħfef minn applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni. Kif intqal fil-Kapitoli 4 u 5, meta ssir applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni, ir-rispondent għandu d-dritt li joġġezzjona għar-rikonoxximent u l-infurzar fuq il-bażi li l-motivi għal rikonoxximent u infurzar stipulati fl-Artikolu 20 mhumiex hemm, jew li mhumiex issodisfati ir-rekwiżiti proċedurali u rekwiżiti oħrajn għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni fl-Artikolu 22.

Awtorità Ċentrali *hija l-awtorità pubblika magħżula minn Stat Kontraenti biex tirrilaxxa jew twettaq id-dmirijiet ta' kooperazzjoni u assistenza amministrattivi skont il-Konvenzjoni.*

488. Ir-rispondent ma għandu l-ebda dritt simili dwar deċiżjoni meħuda jew diġà rikonoxxuta fl-Istat rikjest. Dan għaliex l-Istat qed jintalab jinfurza l-ordni tiegħu stess, mhux waħda barranija, jew għaliex qed jintalab jinfurza deċiżjoni li diġà ġiet rikonoxxuta permezz tal-proċess ta' rikonoxximent skont il-Konvenzjoni jew liġi domestika, jew għaliex qed jintalab jinfurza deċiżjoni li ma għandhiex għalfejn tgħaddi mill-proċess ta' rikonoxximent.

489. B'hekk, jekk ir-rispondent għandu oġġezzjonijiet għall-infurzar tad-deċiżjoni, dawn jistgħu jitqajmu biss wara li jinbeda l-infurzar mill-awtorità kompetenti, kif permess mil-liġi domestika tal-Istat li jinforza. Il-fatt li applikazzjoni għal infurzar issir skont il-Konvenzjoni ma jagħtix lir-rispondent / lid-debitur xi motiv addizzjonali biex jikkontesta l-infurzar tad-deċiżjoni.

Awtorità kompetenti *hija l-awtorità fi Stat partikolari li hija inkarigata jew awtorizzata mil-liġijiet ta' dak l-Istat sabiex twettaq kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, programm ta' infurzar tal-manteniment għat-tfal jew xi entità governattiva oħra li twettaq uħud mill-kompiti assoċjati mal-Konvenzjoni.*

II. Proċedura għall-ipproċessar u l-mili tal-applikazzjonijiet

A. *Proċeduri*

490. L-Awtorità Ċentrali rikjedenti hija responsabbli sabiex tiġbor id-dokumenti flimkien, billi tiżgura li l-formoli jew id-dokumentazzjoni meħtieġa huma inklużi u mimlijin, tħejji l-formoli meħtieġa u tibgħat il-pakkett lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Peress li hemm differenzi bejn l-Istati, irreferi għall-Profil tal-Pajjiż[105] għall-Istat rikjest (l-Istat li lilu ser tkun qed tibgħat l-applikazzjoni) peress li dan ser jindika kull rekwiżit speċjali għall-applikazzjoni u d-dokumenti.

491. Id-dijagramma fil-paġna li jmiss tiġbor il-proċeduri fil-qosor.

105 Ħafna mill-Istati Kontraenti ser jimlew Profil tal-Pajjiż u jippreżentawh mal-Uffiċċju permanenti tal-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata. Il-Profil tal-Pajjiż jista' jinkisb mis-sit tal-Konvenzjoni tal-Aja fuq < www.hcch.net > taħt it-Taqsima "Child Support / Maintenance". Stat Kontraenti li ma jimliex Profil tal-Pajjiż xorta jrid jipprovdi t-tagħrif meħtieġ fl-Art. 57, li għandu jinkludi dan it-tagħrif.



Figura 18: Proċeduri għal applikazzjoni mibgħuta għal infurzar

B. Tħejjija tal-applikazzjoni mibgħuta għal infurzar

492. Kull stadju hawn taħt jikkorrispondi għall-proċessi stabbiliti fit-tabella ta' hawn fuq (Figura 18).

1. Analizza l-informazzjoni mingħand l-applikant u dokumenti oħrajn

493. Analizza l-Profil tal-Pajjiż għall-Istat rikjest u kull informazzjoni fornita mill-applikant. Jekk l-applikant ma jimliex il-formola ta' applikazzjoni rakkomandata, irid jipprovdi biżżejjed tagħrif biex ir-rappreżentant tal-Awtorità Ċentrali jkun jista' jlesti d-dokument.

2. Qis jekk l-applikazzjoni hijiex xierqa

494. L-applikant irid ikollu deċiżjoni li tista' tiġi infurzata fl-Istat rikjest.

- Jekk l-applikant ikun għadu ma għandux deċiżjoni dwar il-manteniment, għandha ssir applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni (ara l-Kapitolu 8).
- L-applikazzjoni u d-deċiżjoni jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni? Ara l-Kapitolu 3. Jekk le, l-applikazzjoni ma tistax tipproċedi.
- L-applikant irid ikun jgħix fl-Istat rikjedenti sabiex jiftaħ l-applikazzjoni. Jekk l-applikant jgħix fi Stat Kontraenti ieħor, għandu japplika permezz tal-Awtorità Ċentrali ta' dak l-Istat.
- Jekk ir-rispondent ma jgħixx jew ma jkollux assi jew dħul fi Stat Kontraenti, l-applikant ma jistax juża l-mekkaniżmi tal-Konvenzjoni biex jitlob l-infurzar tad-deċiżjoni.

*L-**Istat rikjedenti** huwa l-Istat Kontraenti li jiftaħ applikazzjoni u jagħmel it-talba f'isem applikant li jgħix f'dak l-Istat. L-**Istat rikjest** huwa l-Istat Kontraenti li qed jintalab jipproċessa l-applikazzjoni.*

3. Sib fejn ittieħdet jew ġiet rikonoxxuta d-deċiżjoni

495. Jekk id-deċiżjoni ttieħdet fl-Istat fejn qed tibgħat l-applikazzjoni (l-Istat rikjest), f'dak il-każ jistgħu jintużaw dawn il-proċeduri.

496. Jekk id-deċiżjoni ttieħdet fi Stat differenti[106] trid tiġi rikonoxxuta fl-Istat rikjest. Jekk id-deċiżjoni ma ġietx rikonoxxuta, għandha ssir applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar (ara l-Kapitolu 4).

4. Imla l-formola ta' applikazzjoni

497. Għandha tintuża l-formola ta' applikazzjoni rakkomandata (Applikazzjoni għal Infurzar ta' Deċiżjoni Meħuda jew Rikonoxxuta fl-Istat Rikjest). Dan jiżgura li t-tagħrif minimu meħtieġ jiġi inkluż fl-applikazzjoni.

498. Ara l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili tal-formola.

---

106 Kun af li ma hemmx bżonn li d-deċiżjoni tkun ittieħdet fi Stat Kontraenti, diment li tkun ġiet rikonoxxuta fl-Istat rikjest. Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 243.

5. Imla kull dokument addizzjonali

499. Għall-kuntrarju ta' applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar, ma hemm l-ebda dokument addizzjonali speċifiku li jrid jiġi pprovdut lill-Istat rikjest flimkien mal-applikazzjoni għal infurzar. Madankollu, f'ħafna każijiet, hija prattika tajba li jiġu pprovduti d-dokumenti li ġejjin, peress li ser ikunu siewja biex jgħinu lill-Istat rikjest fil-proċess ta' infurzar.

a) Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji

500. Dan id-dokument ser jassisti lill-Istat rikjest fis-sejbien tar-rispondent għal infurzar u fl-infurzar tad-deċiżjoni.

501. Il-formola rakkomandata hija mezz siewi għall-mili tat-tagħrif meħtieġ dwar iċ-ċirkustanzi finanzjarji tad-debitur u l-assi tiegħu. Dan it-tagħrif ser jgħin lill-Istat rikjest fl-infurzar tad-deċiżjoni.

Kun af li: *peress li din hija applikazzjoni għal infurzar –ma hemmx bżonn li jimtela t-tagħrif dwar iċ-ċirkustanzi tal-kreditur.*

502. It-tagħrif dwar id-debitur jista' jimtela mill-kreditur / applikant, peress li spiss l-applikant ser ikollu aċċess għat-tagħrif li huwa meħtieġ. Madankollu, jekk il-kreditur / l-applikant jimla t-tagħrif, fuq il-formola jrid jitniżżel isem ir-rappreżentant tal-Awtorità Ċentrali responsabbli għat-trażmissjoni tal-applikazzjoni.

503. Ara l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili ta' din il-formola.

b) Dokument li jikkalkola arretrati

504. Bħala parti minn applikazzjoni għal infurzar, applikant jista' jitlob l-infurzar ta' arretrati tal-manteniment li akkumula minn meta ttieħdet id-deċiżjoni. Għandu jiġi pprovdut kalkolu sħiħ li juri l-ammonti dovuti skont id-deċiżjoni, l-ammonti mħallsin (jekk hemm) u l-bilanċ.

505. Importanti li d-dokument ikun mimli u preċiż kemm jista' jkun, peress li r-rispondent jista' jikkontesta l-infurzar fuq il-bażi li l-arretrati mhumiex preċiżi.

***Prattika tajba**: Jekk awtorità ta' infurzar tal-manteniment jew tal-manteniment għat-tfal kienet involuta fil-kalkolu u l-infurzar tal-arretrati tal-manteniment, ara li tinkludi dikjarazzjoni minn dik l-awtorità, peress li r-rekords tagħha ser ikunu preċiżi u kompluti.*

c) Test sħiħ tad-deċiżjoni

506. Jista' jkun ta' għajnuna għall-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest jekk fil-pakket tkun inkluża kopja tad-deċiżjoni dwar il-manteniment. Din ma għandhiex tkun iċċertifikata – sempliċi kopja tad-deċiżjoni mill-korp ġudizzjarju jew amministrattiv li ħa d-deċiżjoni hija biżżejjed. Skont il-prattika tal-awtorità kompetenti ta' infurzar, il-forniment ta' kopja tad-deċiżjoni jista' jħaffef il-proċess ta' infurzar peress li dan jista' jfisser li l-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest ma għandhiex bżonn titlob kopja mill-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva li ħadet jew irrikonoxxiet id-deċiżjoni.

d) Tagħrif ieħor ta' sostenn

507. F'ċerti każijiet, jista' jkun hemm bżonn ta' tagħrif ieħor ta' sostenn. Dan ser jiddependi miċ-ċirkustanzi jew l-applikazzjoni partikolari.

> ***Prattika tajba:*** *Id-durata tal-obbligu tal-manteniment ser tiġi ddeterminata mil-liġi tal-Istat ta' oriġini (fejn ittieħdet id-deċiżjoni). Il-Profil tal-Pajjiż tal-Istat ta' oriġini ser jindika x'jista' jkun meħtieġ biex jiġi stabbilit dritt issoktat għall-manteniment għat-tfal. Dan it-tagħrif għandu jiġi pprovdut flimkien mat-talba għal infurzar.*

508. Jekk l-applikant huwa korp pubbliku, jista' jkun li pprovda benefiċċji minflok manteniment. F'ċerti każijiet, jista' jkun xieraq li tiġi pprovduta dokumentazzjoni li turi l-forniment tal-benefiċċji, pereżempju, meta l-korp pubbliku jixtieq jasserixxi dritt indipendenti li jirċievi sehem mill-arretrati tal-manteniment.

509. B'mod simili, meta d-deċiżjoni tistabbilixxi li infurzar issoktat tal-manteniment għat-tfal ikun jiddependi fuq ir-reġistrazzjoni tat-tfal fl-iskola, tista' tgħin fl-infurzar jekk dan it-tagħrif jiġi pprovdut flimkien mal-applikazzjoni għal infurzar. Dan jista' jnaqqas kull dewmien potenzjali jekk id-debitur jikkontesta l-infurzar fuq din il-bażi.

510. Il-Profil tal-Pajjiż ser jindika wkoll jekk huwiex xieraq li tintbagħat dokumentazzjoni ulterjuri f'ċirkustanzi partikolari.

6. Formola ta' Trażmissjoni Kompluta

511. Il-Formola ta' Trażmissjoni hija formola obbligatorja. Tipprovdi mezz standard biex jintbagħtu applikazzjonijiet bejn Awtoritajiet Ċentrali. Telenka d-dokumenti u t-tagħrif meħtieġa li jinsabu fil-pakkett u tindika lill-Awtorità Ċentrali rikjesta x'applikazzjoni qed issir.

512. Ara l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili tal-Formola ta' Trażmissjoni.

7. Ibagħtu lill-Istat rikjest

513. Ladarba l-pakkett tad-dokumenti jkun lest, jista' jintbagħat lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest.

514. Ħafna drabi, il-materjali ser jintbagħtu bil-posta ordinarja, sakemm l-Istat rikjest ma jkunx indika li ser jaċċetta d-dokumenti b'mod elettroniku.

8. Stenna konferma tar-riċevuta

515. L-Istat rikjest irid jikkonferma r-riċevuta fi żmien sitt ġimgħat. Dan irid isir mill-Awtorità Ċentrali billi tuża l-Formola obbligatorja ta' Konferma. F'dak il-waqt ser tiġi avżat mill-Awtorità Ċentrali rikjesta fejn għandek tibgħat mistoqsijiet ta' segwitu – u ser tingħata d-dettalji xierqa ta' kuntatt għal dik il-persuna jew unità fi ħdan dak l-Istat.

9. Ipprovdi d-dokumenti ta' segwitu kif meħtieġ

516. Il-Formola ta' Konferma tista' titlob dokumenti jew tagħrif addizzjonali. Ipprovdi t-tagħrif malajr kemm jista' jkun u f'kull każ fi żmien tliet xhur. Jekk tistenna li dan ser jieħu iktar minn tliet xhur, kun żgur li tgħarraf lill-Awtorità Ċentrali l-oħra, peress li din tista' tagħżel li tagħlaq il-fajl tagħha wara tliet xhur, jekk ma tirċievi l-ebda tweġiba.

***Prattika tajba**: Għarraf lill-Awtorità Ċentrali l-oħra jekk qed tesperjenza diffikultajiet biex tikseb it-tagħrif jew id-dokumenti mitluba. Inkella, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest tista' tagħlaq il-fajl tagħha, jekk ma kien hemm l-ebda tweġiba wara tliet xhur.*

C. Eċċezzjonijiet għal proċeduri ġenerali

1. Deċiżjonijiet għal manteniment għall-konjuġi biss

517. Sakemm kemm l-Istat Kontraenti rikjest kif ukoll dak rikjedenti ma jkunux estendew l-applikazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni (Kapitoli II u III) għal manteniment għall-konjuġi, ma hemm l-ebda obbligu fuq l-Awtorità Ċentrali rikjedenti sabiex tassisti fit-trażmissjoni tat-talba għal infurzar ta' deċiżjoni għal manteniment għall-konjuġi biss (ara l-Kapitolu 3). L-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest lanqas ma hija ser tkun involuta fir-riċevuta jew l-ipproċessar tat-talba. Talba diretta għal infurzar tad-deċiżjoni trid issir lill-awtorità kompetenti responsabbli għall-infurzar fl-Istat rikjest.

518. Il-proċeduri għat-talba diretta lill-awtorità kompetenti ser ikunu stabbiliti mill-Istat rikjest. It-tagħrif jista' jkun disponibbli fil-Profil tal-Pajjiż jew inkella l-awtorità kompetenti jista' jkollha sit li jistabbilixxi r-rekwiżiti għat-talba.

519. Madankollu, ftakar li jekk il-manteniment għall-konjuġi jinsab fl-istess deċiżjoni bħall-manteniment għat-tfal jew f'deċiżjoni għaliha, iżda l-applikazzjoni kienet relatata jew marbuta mal-manteniment għat-tfal,[107] l-applikazzjoni għal infurzar tista' ssir permezz tal-Awtorità Ċentrali f'kull każ, anki jekk ma saritx dikjarazzjoni.

2. Deċiżjonijiet għal forom oħrajn ta' manteniment tal-familja

520. Il-Konvenzjoni ma għandha l-ebda applikabbiltà għal deċiżjonijiet għal forom oħrajn ta' manteniment għall-famija sakemm ma jsirux dikjarazzjonijiet kemm mill-Istat Kontraenti rikjest kif ukoll dak rikjedenti li jestendu l-Konvenzjoni sħiħa jew xi parti minnha għal dawk it-tipi l-oħrajn ta' manteniment.

III. Materjali addizzjonali

A. Pariri prattiċi

- Rappreżentant awtorizzat tal-Awtorità Ċentrali jrid jimla l-Formola ta' Trażmissjoni u jeżamina jew jimla l-formola ta' applikazzjoni rakkomandata.
- L-Istati huma mħeġġin jużaw il-formoli rakkomandati. Huma mfasslin sabiex ikun inkluż it-tagħrif kollu meħtieġ. Il-Formola ta' Trażmissjoni biss hija obbligatorja, u din trid tintuża.
- Hemm ħafna tagħrif siewi fil-Profil tal-Pajjiż għall-Istat rikjest. Dak id-dokument ser jindika l-proċessi li ser jintużaw għal infurzar u kull perjodu ta' żmien relevanti biex tittieħed azzjoni.
- Ma hemm l-ebda rekwiżit biex jiġu inklużi l-oriġinali ta' xi dokument fil-pakkett.
- Skont il-Konvenzjoni, sempliċi kopji tad-dokumenti huma biżżejjed sakemm l-Istat rikjest ma jkunx indika b'mod speċifiku li jeħtieġ kopji ċċertifikati ta' deċiżjoni. Tista' ssir taf iktar billi taqra l-Profil tal-Pajjiż.

[107] Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 47.

- F'ħafna każijiet hija prattika tajba li tikkuntattja lid-debitur malajr kemm jista' jkun biex tistabbilixxi jekk id-debitur huwiex lest li jħallas il-manteniment minn jeddu. L-istabbiliment ta' pagamenti volontarji spiss jista' jħaffef il-fluss tal-pagamenti lill-kreditur, madankollu, jekk ikunu meħtieġa għandhom il-passi ta' infurzar dejjem għandhom jittieħdu malajr kemm jista' jkun biex jiġi żgurat li jitħallas il-manteniment. (Ara l-Kapitoli 7 u 8.)

B. Formoli relatati

Formola ta' Trażmissjoni
Applikazzjoni għal Infurzar ta' Deċiżjoni Meħuda jew Rikonoxxuta fl-Istat Rikjest
Formola ta' Tagħrif Ristrett
Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji

C. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 10(1) *b)*
L-Artikolu 11
L-Artikolu 12
L-Artikolu 32

D. Taqsimiet relatati tal-Manwal

Ara l-Kapitolu 4 – L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet mibgħuta għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar
Ara l-Kapitolu 10 – Infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment
Ara l-Kapitolu 13, Taqsima I – Ħarsa Ġenerali – Talbiet għal Miżuri Speċifiċi

IV. Lista ta' kontroll – applikazzjoni mibgħuta għal infurzar ta' deċiżjoni mill-Istat rikjest

	Proċedura	Referenza tal-Manwal
1	Analizza d-dokumenti	II(B)(1)
2	Ara li l-applikazzjoni hija adattata	II(B)(2)
3	Sib fejn ittieħdet id-deċiżjoni	II(B)(3)
4	Imla l-formola ta' applikazzjoni	II(B)(4)
5	Imla d-dokumenti addizzjonali	II(B)(5)
6	Imla l-Formola ta' Trażmissjoni	II(B)(6)
7	Ibgħat kollox lill-Istat rikjest	II(B)(7)
8	Stenna konferma tar-riċevuta tal-applikazzjoni	II(B)(8)
9	Ipprovdi dokumenti ta' segwitu	II(B)(9)

V. Mistoqsijiet Frekwenti

X'inhi d-differenza bejn applikazzjoni għal infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest u applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar?

521. Applikazzjoni għal infurzar tintuża meta d-deċiżjoni tkun ittieħdet jew ġiet rikonoxxuta minn qabel fl-Istat rikjest, u b'hekk ma għandhiex bżonn rikonoxximent qabel tiġi infurzata. Diġà hija effettiva u infurzabbli f'dak l-Istat. Għall-kuntrarju ta' talba għal rikonoxximent u infurzar, it-talba mhijiex biex tiġi rikonoxxuta u infurzata deċiżjoni barranija, hija sempliċiment li l-Istat rikjest jinfurza jew id-deċiżjoni tiegħu stess jew deċiżjoni li diġà rrikonoxxa.

Għaliex għandha tintuża l-Konvenzjoni jekk l-applikazzjoni hija sabiex Stat jinfurza d-deċiżjoni tiegħu stess?

522. F'ċerti Stati, l-aċċess għall-awtorità kompetenti ta' infurzar (*pereż.*, l-Aġenzija tal-Appoġġ għat-Tfal) jista' jkun ristrett għal residenti ta' dak l-Istat. L-Awtoritajiet Ċentrali fl-Istat Rikjest u dak rikjedenti jistgħu jassistu wkoll fit-trażmissjoni ta' pagamenti jekk dan ikun meħtieġ u jekk kapaċi jagħmlu dan. Fl-aħħar nett, jekk ikun hemm bżonn ta' assistenza legali fl-Istat rikjest sabiex jitnieda l-proċess ta' infurzar, din ser tiġi pprovduta b'xejn lill-applikant, jekk l-applikazzjoni ssir skont il-Konvenzjoni.

Applikazzjoni għal infurzar ta' deċiżjoni għal manteniment għall-konjuġi tista' tintbagħat lill-Awtorità Ċentrali?

523. Iva iżda biss jekk l-applikazzjoni tikkonċerna wkoll deċiżjoni għal manteniment għat-tfal (ara l-Kapitolu 3). Jekk id-deċiżjoni hija għal manteniment għall-konjuġi biss, trid issir talba diretta għal infurzar lill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest, sakemm kemm l-Istat rikjest kif ukoll dak rikjedenti ma jkunux estendew l-applikazzjoni tal-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni għall-manteniment għall-konjuġi.

Kapitolu 7
L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet riċevuti għal infurzar ta' deċiżjonijiet meħudin jew rikonoxxuti fl-Istat rikjest

Kif inhu mqassam dan il-Kapitolu:

Dan il-Kapitolu jittratta applikazzjonijiet għal infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment.

It-Taqsima I tagħti ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjoni – meta ser tintuża, min jista' japplika għaliha u spjegazzjoni tat-termini u l-kunċetti bażiċi.

It-Taqsima II tispjega l-proċedura jew l-istadji għal-eżami tal-materjali riċevuti u l-ipproċessar tal-applikazzjoni.

It-Taqsima III fiha referenzi u materjali addizzjonali għall-applikazzjoni.

It-Taqsima IV fiha Lista ta' Kontroll għal dawk li jeħtieġu biss ħarsa ġenerali lejn il-proċess.

It-Taqsima V tkopri uħud mill-iktar mistoqsijiet frekwenti fir-rigward ta' din l-applikazzjoni.

I. Ħarsa ġenerali – applikazzjonijiet riċevuti għal infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest

A. Meta ser tintuża l-applikazzjoni

524. Din hija l-iktar applikazzjoni sempliċi skont il-Konvenzjoni. L-applikazzjoni titlob sabiex l-awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti tinfurza d-deċiżjoni tagħha stess, jew deċiżjoni barranija li diġà ġiet rikonoxxuta,[108] u tassisti fit-trażmissjoni ta' pagamenti lil kreditur li jgħix barra dak l-Istat. Il-kreditur ser ikun qed jitlob l-infurzar tad-deċiżjoni għaliex id-debitur jgħix fl-Istat rikjest jew għandu assi jew dħul f'dak l-Istat.

525. Il-proċess huwa ferm sempliċi peress li ma hemm l-ebda bżonn li d-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta qabel ma tkun tista' tiġi infurzata. Dan għaliex id-deċiżjoni hija deċiżjoni domestika li ttieħdet fl-Istat fejn ser iseħħ l-infurzar, jew hija deċiżjoni barranija li diġà ġiet rikonoxxuta fl-Istat rikjest.

*L-**Istat rikjedenti** huwa l-Istat Kontraenti li jiftaħ applikazzjoni u jagħmel it-talba f'isem applikant li jgħix f'dak l-Istat. L-**Istat rikjest** huwa l-Istat Kontraenti li qed jintalab jipproċessa l-applikazzjoni.*

526. Din l-applikazzjoni ssir skont l-Artikolu 10(1) *b)* tal-Konvenzjoni.

---

108 Ir-rikonoxximent jista' jkun seħħ skont il-Konvenzjoni jew id-deċiżjoni tista' tkun rikonoxxuta "permezz tal-operazzjoni tal-liġi", f'każijiet li fihom ir-rikonoxximent ta' ċerti tipi ta' deċiżjonijiet barranin huwa awtomatiku.

B. Eżempju ta' każ

527. T għandha deċiżjoni dwar il-manteniment mill-Pajjiż A. Issa tgħix fil-Pajjiż B. Id-debitur għadu jgħix fil-Pajjiż A. T tixtieq li l-Pajjiż A jibda jinfurza d-deċiżjoni għal manteniment u jibgħat il-pagamenti lilha. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

528. Billi tuża l-Konvenzjoni, T ser titlob lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B sabiex tibgħat ***applikazzjoni għal infurzar tad-deċiżjoni*** lill-Pajjiż A. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A ser tirċievi l-applikazzjoni, tara li hija kompluta, tirreferi d-deċiżjoni lill-awtorità kompetenti ta' infurzar sabiex tinfurzaha, u tassisti fit-trażmissjoni tal-pagamenti lil T kif ikun meħtieġ.

C. Differenza importanti – applikazzjonijiet għal infurzar ta' deċiżjoni proprja ta' Stat

529. Applikazzjoni għal infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest hija iktar sempliċi minn applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni meħuda xi mkien ieħor. Kif diskuss fil-Kapitoli 4 u 5, meta ssir applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni, ir-rispondent għandu d-dritt li joġġezzjona għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar fuq il-bażi li l-motivi għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar stipulati fl-Artikolu 20 ma jkunux preżenti, jew li mhumiex issodisfati r-rekwiżiti proċedurali u l-oħrajn għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni fl-Artikolu 22.

*L-**Awtorità Ċentrali** hija l-awtorità pubblika magħżula minn Stat Kontraenti biex tirrilaxxa jew twettaq id-dmirijiet ta' kooperazzjoni u assistenza amministrattivi skont il-Konvenzjoni.*

530. Ir-rispondent ma għandu l-ebda dritt simili li jikkonċerna deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta diġà fl-Istat rikjest. Dan għaliex l-Istat qed jintalab jinfurza l-ordni tiegħu stess, u mhux ordni barranija, jew inkella għaliex qed jintalab jinfurza deċiżjoni li fl-imgħoddi diġà nstab li hija infurzabbli, permezz tal-proċess ta' rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar. B'hekk ma hemmx bżonn li ***awtorità kompetenti*** tqis jekk id-deċiżjoni għandhiex tiġi rikonoxxuta jew infurzata.

*L-**awtorità kompetenti** hija l-awtorità fi Stat partikolari li hija inkarigata jew awtorizzata skont il-liġijiet ta' dak l-Istat sabiex twettaq kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, programm ta' infurzar tal-manteniment għat-tfal jew kull entità governattiva li twettaq uħud mill-kompiti assoċjati mal-Konvenzjoni.*

531. Jekk ir-rispondent għandu oġġezzjonijiet għall-infurzar tad-deċiżjoni, dawn iridu jitqajmu ladarba jitnieda l-infurzar minn awtorità kompetenti, kif awtorizzat mil-liġi domestika tal-Istat li jinforza. Il-fatt li applikazzjoni għal infurzar issir skont il-Konvenzjoni ma jagħtix lir-rispondent / id-debitur xi motiv addizzjonali biex jikkontesta l-infurzar tad-deċiżjoni.

532. Għaldaqstant, il-proċess għall-ġestjoni ta' applikazzjonijiet riċevuti għal infurzar huwa ferm sempliċi għall-Awtorità Ċentrali rikjesta. Il-pakkett ta' dokumenti jiġi analizzat biex jiġi żgurat li huwa komplut, u l-applikazzjoni tiġi riferita lil awtorità kompetenti għal infurzar. Imbagħad, l-awtorità kompetenti ser tieħu kull pass permess mil-liġi domestika biex tinfurza d-deċiżjoni. Dawn il-proċeduri huma spjegati fit-taqsima li jmiss.

*Qed tfittex ġabra qasira tal-istadji spjegati f'dan il-Kapitolu? Tista' taqra l-**Lista ta' Kontroll** fi tmiem il-Kapitolu.*

II. L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal infurzar

A. Flowchart

533. Meta tidħol applikazzjoni għal infurzar ta' deċiżjoni mingħand Awtorità Ċentrali oħra, il-pakkett għandu jiġi vverifikat għal kompletezza, issir determinazzjoni inizjali dwar jekk tistax tiġi pproċessata l-applikazzjoni, u tiġi kkonfermata r-riċevuta tal-pakkett, flimkien ma' talba għal kull dokument ieħor meħtieġ. Imbagħad, il-pakket jista' jintbagħat lill-awtorità xierqa għal infurzar.



Figura 19: Flowchart – ħarsa ġenerali lejn il-proċess ta' applikazzjoni għal infurzar

B. Eżami tad-dokumenti riċevuti

1. Ara li d-dokumenti jkunu kompluti

534. Meta jiġu riċevuti d-dokumenti mingħand l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti, dawn għandhom jiġu eżaminati fil-ħin, sabiex jekk ikunu meħtieġa dokumenti addizzjonali, dawn ikunu jistgħu jintalbu mingħajr dewmien.

535. F'ċerti Stati, il-Formola ta' Konferma obbligatorja ser timtela minnufih mar-riċevuta tal-applikazzjoni. Fi Stati oħrajn, l-eżami preliminari spjegat hawn taħt jimtela l-ewwel. Ikun xi jkun il-każ, il-Formola ta' Konferma trid timtela u tintbagħat lill-Istat rikjedenti fi ħdan sitt ġimgħat mir-riċevuta tal-applikazzjoni.

536. Il-pakkett riċevut għandu jinkludi:

√	Formola ta' trażmissjoni
√	Formola ta' applikazzjoni
Kif meħtieġ	Test tad-deċiżjoni
√	Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji
Kif meħtieġ	Dokument li jikkalkola l-Arretrati
Kif meħtieġ	Prova tal-benefiċċji pprovduti minn korp pubbliku
Kif meħtieġ	Kopji tradotti tad-dokumenti

Figura 20: Lista ta' formoli u dokumenti

a) Formoli inkluži mal-applikazzjoni

1) Formola ta' trażmissjoni

537. Kull applikazzjoni skont il-Konvenzjoni trid tkun akkumpanjata minn Formola ta' Trażmissjoni. Din il-formola hija obbligatorja. Il-Formola ta' Trażmissjoni tidentifika lill-partijiet u t-tip ta' applikazzjoni. Telenka wkoll id-dokumenti li jakkumpanjaw l-applikazzjoni.

2) Formola ta' applikazzjoni

538. F'ħafna każijiet ser tintuża l-formola ta' applikazzjoni rakkomandata.

3) Test tad-deċiżjoni

539. F'ħafna każijiet, l-applikant ser ikun inkluda sempliċi kopja tad-deċiżjoni. Din ser tassisti lill-awtorità kompetenti ta' infurzar sabiex issib id-deċiżjoni u tikseb kopji addizzjonali jew kopji ċċertifikati jekk dawk huma meħtieġa għal infurzar.

4) Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji

540. Peress li din hija applikazzjoni għal infurzar, ser tkun inkluża Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji, li tipprovdi tagħrif dwar il-post u ċ-ċirkustanzi finanzjarji tar-rispondent, sa fejn jaf l-applikant. Din il-formola tipprovdi tagħrif importanti għall-infurzar tad-deċiżjoni.

541. Jekk l-applikant uża l-formola rakkomandata, il-parti tal-kreditur f'dak id-dokument ser titħalla vojta, peress li dak it-tagħrif mhuwiex meħtieġ għal applikazzjoni għal infurzar.

5) Dokument li jikkalkola l-arretrati

542. Jekk hemm manteniment mhux imħallas mid-deċiżjoni dwar il-manteniment (arretrati), u l-applikant jixtieq li dan jiġi infurzat, għandu jkun hemm dokument inkluż li jistabbilixxi kif ġew ikkalkolati dawk l-arretrati.

b) Formoli addizzjonali

Prova tal-benefiċċji – korp pubbliku

543. Jekk l-applikant huwa korp pubbliku, jista' jkun li pprovda benefiċċji minflok manteniment. F'ċerti każijiet, jista' jkun xieraq li tiġi pprovduta dokumentazzjoni li turi l-għoti tal-benefiċċji, pereżempju, meta l-korp pubbliku jixtieq jasserixxi dritt indipendenti li jirċievi sehem mill-arretrati tal-manteniment.

c) Itlob dokumenti addizzjonali

544. Jekk jidher li l-applikazzjoni tkun inkompluta għaliex ikun hemm bżonn ta' dokumenti oħrajn, l-applikazzjoni ma għandhiex tiġi miċħuda. Minflok, trid issir talba għal dokumenti addizzjonali, billi tintuża l-Formola ta' Konferma obbligatorja (ara iktar 'il quddiem).

545. Jekk it-talba ssir għal dokumenti addizzjonali, l-Istat rikjedenti għandu **tliet xhur** sabiex jipprovdi d-dokumenti. Jekk id-dokumenti mitlubin ma jiġux ipprovduti fi żmien tliet xhur, għandu jingħata segwitu ulterjuri mal-Istat rikjedenti. Madankollu, jekk id-dokumenti ma jidħlux u l-applikazzjoni ma tistax tipproċedi, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest tista' tagħlaq il-fajl tagħha u tgħarraf lill-Istat rikjedenti dwar dan. Mill-ġdid, dan jista' jsir billi tintuża l-Formola ta' Konferma obbligatorja.

2. "Jidher ċar" li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni mhumiex issodisfati?

546. Il-Konvenzjoni tippermetti lil Awtorità Ċentrali sabiex tiċħad milli tipproċessa applikazzjoni jekk "jidher ċar li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni" mhumiex issodisfati (ara l-Art. 12(8)). Iċ-ċirkustanzi meta dan jista' jkun il-każ huma kemxejn limitati,[109] u jekk l-Awtorità Ċentrali mhux bilfors tagħżel li tikkunsidra dan ir-rekwiżit.

547. Pereżempju, l-Awtorità Ċentrali tista' tkun ċaħdet applikazzjoni bejn l-istess partijiet fl-imgħoddi. Jekk ma hemm l-ebda evidenza ġdida mal-applikazzjoni, l-Awtorità Ċentrali tkun tista' tiċħad l-applikazzjoni fuq dik il-bażi għal darb'oħra. B'mod simili, applikazzjoni tista' tiġi miċħuda jekk mal-ewwel daqqa t'għajn lejn id-dokumenti jkun jidher li t-talba ma għandha xejn x'taqsam mal-manteniment.

548. Jekk l-ipproċessar tal-applikazzjoni jiġi miċħud fuq din il-bażi limitata, l-Awtorità Ċentrali rikjedenti għandha tiġi mgħarrfa billi tintuża l-Formola ta' Konferma obbligatorja kif diskussa iktar 'il quddiem.

---

109 Rapport Spjegattiv, para. 345.

3. Trid titlesta t-tiftixa għar-rispondent?

549. F'ċerti każijiet limitati, Awtorità Ċentrali tista' jkollha bżonn twettaq tiftixa sabiex issib lir-rispondent qabel ma tniedi l-infurzar, b'mod partikolari meta l-liġi tal-Istat li jinforza tkun teħtieġ notifika qabel l-infurzar, jew meta l-applikant ma jkunx żgur fejn jgħix id-debitur fl-Istat rikjest jew jekk għandux assi jew dħul f'dak l-Istat.

550. Meta tagħmel it-tiftixiet, l-Awtorità Ċentrali, jew awtorità kompetenti f'isimha, hija mistennija taċċessa kull bank tad-dejta u sors ta' tagħrif pubbliku li tista' taċċessa, fi ħdan il-limiti stabbiliti mil-liġi interna dwar l-aċċess għal informazzjoni personali.

551. Jekk ir-rispondent, jew l-assi jew id-dħul tar-rispondent, ma jistgħux jinstabu fl-Istat rikjest, għarraf lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti. Jekk ma jkun hemm l-ebda tagħrif ieħor disponibbli mill-Istat rikjedenti biex jassisti fis-sejbien tar-rispondent, f'dak il-każ ma jkunx jista' jsir l-infurzar.

4. Ikkonferma r-riċevuta

552. Skont il-Konvenzjoni, l-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest trid tikkonferma applikazzjoni riċevuta fi żmien **sitt ġimgħat** mindu tirċiviha. Dan irid isir billi tintuża l-Formola obbligatorja ta' Konferma tar-Riċevuta. Dan l-istadju jista' jsir jew meta jaslu l-ewwel id-dokumenti jew wara li jkunu ġew eżaminati, diment li jkun issodisfat ir-rekwiżit dwar iż-żmien.

5. Ibda l-proċess ta' infurzar

553. Issa l-pakkett jista' jiġi riferit lill-awtorità kompetenti responsabbli għal infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment fl-Istat tiegħek.

III. Materjali addizzjonali

A. Pariri prattiċi

- F'ċerti Stati, qabel il-proċess ta' infurzar jew matulu ser jiġu ppruvati tentattivi biex tinkiseb konformità volontarja. L-istabbiliment ta' fluss dejjiemi u stabbli ta' ħlasijiet lill-kreditur bl-iktar mod effiċjenti possibbli huwa l-objettiv tal-applikazzjonijiet kollha għal manteniment.
- Ta' min jiftakar li l-applikazzjonijiet kollha għandhom jiġu ġestiti b'mod veloċi u effettiv u li għandu jiġi evitat dewmien żejjed.
- Il-Formola ta' Rapportar tal-Istatus tista' tintuża f'kull waqt fl-applikazzjoni, jew fl-istess ħin mal-konferma inizjali jew f'kull waqt wara dan. Huwa mod siewi kif jiġu kkomunikati żviluppi fil-każ lill-applikant u lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti.

B. Formoli relatati

Applikazzjoni għal Infurzar ta' Deċiżjoni Meħuda jew Rikonoxxuta fl-Istat Rikjest
Formola ta' Konferma skont l-Artikolu 12(3)
Formola ta' Rapportar tal-Istatus – Artikolu 12(4) (Applikazzjoni għal Infurzar)

C. Artikoli Relevanti

L-Artikolu 10(1) *b)*
L-Artikolu 12
L-Artikolu 32
L-Artikolu 34

D. *Taqsimiet relatati tal-Manwal*

Ara l-Kapitolu 4 – L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet mibgħuta għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar
Ara l-Kapitolu 10 – Infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment

IV. Lista ta' kontroll – talbiet riċevuti għal infurzar

	Proċedura	Referenza tal-Manwal
1	Irċievi d-dokumenti mingħand l-Awtorità Ċentrali rikjedenti	II(B)
2	Ara li d-dokumenti huma kompluti	II(B)(1)
3	"Jidher ċar" li mhumiex issodisfati r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni?	II(B)(2)
4	Ibgħat Formola ta' Konferma lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti	II(B)(4)
5	Ibgħat kollox lill-awtorità kompetenti għal infurzar	II(B)(5)

V. Mistoqsijiet Frekwenti

Għaliex deċiżjoni mill-Istat rikjest ma teħtieġx rikonoxximent?

554. Ir-rikonoxximent mhuwiex meħtieġ għaliex l-Istat qed jintalab jinfurza l-ordni tiegħu stess, mhux waħda barranija, jew għaliex qed jintalab jinfurza deċiżjoni li diġà ġiet rikonoxxuta.

Għaliex għandha tintuża l-Konvenzjoni jekk it-talba hija sabiex Stat jinfurza d-deċiżjoni tiegħu stess?

555. F'ċerti Stati, l-aċċess għall-awtorità ta' infurzar kompetenti (*pereż.* l-Aġenzija tal-Appoġġ għat-Tfal) jista' jkun ristrett għar-residenti ta' dak l-Istat. L-Awtoritajiet Ċentrali fl-Istat rikjedenti u dak rikjest jistgħu jgħinu wkoll fit-trażmissjoni tal-ħlasijiet jekk dan ikun meħtieġ u jekk ikunu jistgħu jagħmlu dan. Fl-aħħar nett, jekk ikun hemm bżonn ta' assistenza legali fl-Istat rikjest sabiex jitnieda l-proċess ta' infurzar, din ser tiġi pprovduta b'xejn lill-applikant diment li l-applikazzjoni taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni kif applikabbli bejn iż-żewġ Stati Kontraenti.

Kapitolu 8
Applikazzjonijiet mibgħuta għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment

Kif inhu mqassam dan il-Kapitolu:

Dan il-Kapitolu jittratta applikazzjonijiet għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment.

It-Taqsima I tagħti ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjoni – meta ser tintuża, min jista' japplika għaliha u spjegazzjoni tat-termini u l-kunċetti bażiċi.

It-Taqsima II tispjega l-proċedura jew l-istadji għall-mili u t-trażmissjoni tal-applikazzjoni, u tiddiskuti d-dokumenti li għandhom ikunu inklużi.

It-Taqsima III fiha referenzi u materjali addizzjonali għall-applikazzjoni.

It-Taqsima IV fiha Lista ta' Kontroll għal dawk li jeħtieġu sempliċi ħarsa ġenerali lejn il-proċess.

It-Taqsima V tkopri wħud mill-iktar mistoqsijiet frekwenti fir-rigward ta' din l-applikazzjoni.

I. Ħarsa ġenerali

A. Meta ser tintuża din l-applikazzjoni

556. Applikazzjoni għall-***istabbiliment*** ta' deċiżjoni dwar il-manteniment fi Stat Kontraenti ieħor (Stat rikjest) tista' ssir f'kull waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- meta ma jkun hemm l-ebda deċiżjoni eżistenti u l-kreditur jeħtieġ li tiġi stabbilita deċiżjoni, jew
- meta rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni ma jkunux possibbli, jew jiġu miċħudin, minħabba n-nuqqas ta' bażi għal rikonoxximent u infurzar skont l-Artikolu 20 jew għall-motivi stipulati fl-Artikolu 22 *b)* jew *e)*.[110]

Stabbiliment *huwa l-proċess ta' kisba ta' deċiżjoni dwar il-manteniment, meta ma tkun teżisti l-ebda deċiżjoni dwar il-manteniment jew id-deċiżjoni dwar il-manteniment li teżisti ma tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata għal xi raġuni. L-istabbiliment jista' jinkludi determinazzjoni tal-parentela, jekk din hija meħtieġa sabiex tittieħed deċiżjoni dwar il-manteniment.*

557. Applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment tista' tinkludi talba għad-determinazzjoni tal-parentela.

558. Applikazzjonijiet għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment huma koperti fl-Artikolu 10(1) *c)* u *d)* tal-Konvenzjoni.

---

110 Meta rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni ma jkunux possibbli minħabba riserva skont l-Art. 20(2) (jiġifieri riserva b'rabta ma' waħda mill-bażijiet ta' ġurisdizzjoni skont l-Art. 20(1) *c)*, *e)* jew *f)*), l-applikant huwa intitolat għal assistenza legali b'xejn biex tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida (Art. 15 u 20(4)). Din hija sitwazzjoni fil-Konvenzjoni li fiha applikant huwa intitolat għal assistenza legali b'xejn għal applikazzjoni għal stabbiliment.

B. Eżempju ta' każ

559. V qed tfittex manteniment għaż-żewġt itfal tagħha. Qatt ma żżewġet lil W iżda għexu flimkien bosta snin fil-Pajjiż A. Issa tgħix mat-tfal fil-Pajjiż B. Ma għandhiex deċiżjoni dwar il-manteniment u ma tistax tiftaħ applikazzjoni fil-Pajjiż B għaliex il-liġi domestika fil-Pajjiż B ma tawtorizzax dik l-applikazzjoni. W għadu jgħix fil-Pajjiż A. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

Dan kif isir skont il-Konvenzjoni

560. V tista' tapplika mal-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B u titlob l-assistenza tagħha. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B ser tibgħat applikazzjoni għal ***stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment*** lill-Pajjiż A. Ma hemmx bżonn li V turi li W huwa missier it-tfal qabel tibgħat it-talba, għaliex dik id-determinazzjoni tista' tiksibha bħala parti mill-proċess ta' stabbiliment. Jekk ikun hemm bżonn ta' testijiet tal-parentela, l-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A ser tipprovdi l-assistenza meħtieġa.[111] Ladarba tittieħed id-deċiżjoni fil-Pajjiż A, din tista' tiġi infurzata fil-Pajjiż A.

C. Min jista' japplika għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment?

561. Jekk ma hemm l-ebda deċiżjoni dwar il-manteniment eżistenti, kreditur biss jista' japplika għal stabbiliment ta' deċiżjoni. Debitur ma jistax jiftaħ applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni.

562. Jekk l-istabbiliment ta' deċiżjoni huwa meħtieġ għaliex teżisti deċiżjoni iżda r-rikonoxximent u l-infurzar ma kinux possibbli jew ġew miċħudin minħabba riserva skont il-Konvenzjoni (Art. 20(2)), kreditur jew korp pubbliku li ta benefiċċji minflok manteniment jista' jiftaħ applikazzjoni biex tiġi stabbilita deċiżjoni dwar il-manteniment. Iż-żewġ partijiet iridu jkunu jgħixu fi Stati Kontraenti. Kun af li f'dan il-mument ma hemm bżonn tal-ebda applikazzjoni ġdida, peress li l-Awtorità Ċentrali trid tipproċedi biex tistabbilixxi deċiżjoni f'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk id-debitur ikun resident abitwali fl-Istat rikjest.

*Qed tfittex ġabra qasira tal-proċeduri għal din l-Applikazzjoni? Tista' taqra l-**Lista ta' Kontroll** fi tmiem il-Kapitolu.*

563. Ftakar li sabiex jiftaħ applikazzjoni permezz tal-Awtorità Ċentrali għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment, l-applikant irid ikun qed ifittex manteniment għat-tfal. Talbiet għal stabbiliment ta' manteniment għall-konjuġi mhumiex ser ikunu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjonijiet koperti minn Awtorità Ċentrali sakemm ma tkunx saret dikjarazzjoni kemm mill-Istat rikjedenti kif ukoll dak rikjest li testendi l-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni għall-manteniment għall-konjuġi (ara l-Kapitolu 3). Kreditur li jrid li tiġi stabbilita deċiżjoni dwar il-manteniment għall-konjuġi jrid jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest. Talbiet għal stabbiliment ta' forom oħrajn ta' manteniment tal-familja lanqas ma huma koperti minn dawn il-proċeduri sakemm ma tkunx saret dikjarazzjoni fiż-żewġ Stati li testendi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawk it-tipi ta' obbligi tal-manteniment.

---

111 Meta ż-żewġ Stati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1970 dwar l-Evidenza, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, Parti 2, Taqsima V - Konvenzjonijiet Oħrajn tal-Aja.

D. Tnedija ta' stabbiliment ta' deċiżjoni – xi kunsiderazzjonijiet

564. F'ċerti każijiet, l-applikant jista' jkollu l-għażla li jiftaħ applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment skont il-liġi domestika tal-Istat fejn jgħix, jew skont il-Konvenzjoni, bħala applikazzjoni skont l-Artikolu 10 għal stabbiliment fi Stat Kontraenti ieħor. L-applikanti li jikkunsidraw jekk jipproċedux skont il-liġi domestika jew skont il-Konvenzjoni jkun jaqblilhom jiftakru dan li ġej:

a) Kemm ser idum l-ipproċessar tal-applikazzjoni għal manteniment

565. It-tul ta' żmien li jista' jkun meħtieġ għall-ipproċessar tal-applikazzjoni domestikament jista' jkun jiddependi fuq il-liġijiet tal-Istat dwar in-notifika ta' rispondenti barra l-Istat, u kemm l-awtorità kompetenti tista' timxi malajr bl-applikazzjoni. B'mod simili, it-tul ta' żmien meħud biex tiġi pproċessata applikazzjoni skont il-Konvenzjoni ser ivarja skont l-Istati involuti u kemm ser jieħdu l-proċeduri f'kull Stat. Tagħrif dwar it-tul ta' żmien li applikazzjoni tista' tieħu fl-Istat rikjest huwa disponibbli fil-Profil tal-Pajjiż.

b) Jekk hemmx xi differenzi fl-effett legali ta' deċiżjoni meħuda skont il-liġi domestika jew skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni

566. F'ċerti sitwazzjonijiet, deċiżjoni dwar il-manteniment meħuda skont il-liġi domestika, li toħloq obbligi kontra rispondent barra l-Istat, ma tistax tkun infurzabbli fl-Istat fejn jgħix ir-rispondent. Din hija kwistjoni legali kumplessa u waħda li l-applikant jista' jkun jixtieq jiddiskuti ma' konsulent legali.

c) L-ispejjeż tal-proċedimenti

567. Jekk applikazzjoni ssir skont il-Konvenzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment għal manteniment għat-tfal għal tfal taħt it-18-il sena, l-applikant dejjem huwa intitolat għal assistenza legali b'xejn, sakemm ma jkunx jidher ċar li l-applikazzjoni ma għandha l-ebda merti, jew l-Istat rikjest għażel li juża test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal (ara l-Kapitolu 3). Effettivament, dan ifisser li assistenza legali b'xejn tkun disponibli għal applikant fil-parti l-kbira tal-każijiet. Din tista' tkun kunsiderazzjoni importanti għal applikant jekk ma jkunx hemm disponibbli l-istess livell ta' assistenza legali fl-Istat tiegħu stess għal applikazzjoni domestika.

d) L-eżitu tal-manteniment

568. Jista' jkun hemm differenza bejn l-Istati dwar jekk jistax jingħata l-manteniment f'każ. L-applikant jista' jkun jixtieq jikkunsidra jekk hemmx xi differenzi fl-ammont jew id-durata tal-manteniment li jista' jingħata, meta jiddeċiedi jekk jipproċedix f'livell domestiku jew skont il-Konvenzjoni. Dan it-tagħrif jista' jkun disponibbli fil-Profil tal-Pajjiż għall-Istat rikjest.

569. Jista' jkun hemm ukoll kunsiderazzjonijiet oħrajn li huma speċifiċi għas-sitwazzjoni partikolari tal-applikant. Applikant li jikkunsidra l-għażliet fir-rigward tal-applikazzjoni jista' jkun jixtieq jikkonsulta avukat u jikseb pariri legali fuq din il-kwistjoni.[112]

---

112 B'mod partikolari, dan l-istadju jista' jkun meħtieġ meta l-Istat rikjest ikun Parti għall-Protokoll tal-Aja dwar il-Liġi Applikabbli għal Obbligi tal-Manteniment.

E. Ċirkustanzi speċjali: applikazzjonijiet għal stabbiliment meta tkun meħtieġa deċiżjoni ġdida minħabba riserva (Art. 20(4))

570. Kif diskuss fil-Kapitoli 4 u 5 ta' dan il-Manwal, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni eżistenti jiġu miċħudin minn Stat rikjest għaliex saret riserva dwar il-bażi partikolari għal rikonoxximent u infurzar li tapplika għad-deċiżjoni. Pereżempju, jekk id-deċiżjoni ttieħdet fuq il-bażi tar-residenza abitwali tal-kreditur fl-Istat ta' oriġini, u ma tista' tinstab l-ebda bażi oħra għal rikonoxximent u infurzar fl-Artikolu 20, l-Istat rikjest jaf ma jkunx kapaċi jirrikonoxxi d-deċiżjoni. F'dan il-każ, jaf ikun hemm bżonn li tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida.

571. Ma hemm l-ebda rekwiżit li f'din is-sitwazzjoni trid tinfetaħ applikazzjoni ġdida – applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni – għaliex jekk id-debitur huwa resident abitwali fl-Istat rikjest, dak l-Istat huwa meħtieġ jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jistabbilixxi deċiżjoni ġdida (Art. 20(4)). Madankollu, f'termini prattiċi, dak il-proċess jista' jkun jeħtieġ iktar tagħrif u dokumentazzjoni mingħand il-krediturі, pereżempju, meta l-ispejjeż tat-trobbija tat-tfal ikunu relevanti sabiex jistab l-ammont tal-manteniment meħtieġ. B'hekk tista' ssir talba għal dokumenti oħrajn f'dik l-applikazzjoni. Ta' min jisħaq li meta tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida skont dan l-Artikolu, mhux bilfors li tiġi stabbilita l-eliġibbiltà tat-tifel jew tfal (jew iżgħar minn 18-il sena) biex ifittxu manteniment, peress li d-deċiżjoni eżistenti trid tkun aċċettata li tistabbilixxi l-eliġibbiltà ta' dak it-tifel għal manteniment fl-Istat rikjest (Art. 20(5)).[113]

572. Jekk tfeġġ din is-sitwazzjoni, b'konsegwenza ta' dan l-assistenti soċjali jista' jkollhom bżonn jaqraw dan il-Kapitolu biex isibu t-tip ta' tagħrif li jista' jkun meħtieġ għal dik l-applikazzjoni peress li jkun simili għal dak meħtieġ biex tiġi stabbilita deċiżjoni inizjali.

F. Ċirkustanzi speċjali: applikazzjonijiet għal stabbiliment meta tkun meħtieġa deċiżjoni ġdida għaliex rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ma jkunux possibbli

573. Jista' jkun hemm ukoll sitwazzjonijiet li fihom applikant ikollu deċiżjoni dwar il-manteniment, iżda jaf li r-rispondent fl-Istat rikjest jirbaħ il-kontestazzjoni tal-applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar. Dan jista' jkun minħabba riserva magħmula mill-Istat rikjest, għaliex ma jista' jinstab l-ebda wieħed mill-motivi għal rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni, jew għaliex id-deċiżjoni hija ta' tip li l-Istat rikjest ma jistax jinfurza.[114] F'każ bħal dan, il-kreditur ser ikollu jiftaħ applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni ġdida, minflok applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar.[115] Dawk l-applikazzjonijiet ser jipproċedu wkoll bl-istess mod bħal kull applikazzjoni oħra skont dan il-Kapitolu. Madankollu, peress li d-deċiżjoni l-ġdida mhijiex qed tiġi stabbilita minħabba ċaħda ta' rikonoxixment jew rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni eżistenti, is-

---

113 Rapport Spjegattiv, para. 469-471. Kun af li l-Konvenzjoni ma tiddefinixxix it-terminu "eliġibbiltà" f'dan il-kuntest, u għalhekk, il-liġi domestika tal-Istat rikjest ser tistabbilixxi xi jfisser it-terminu kif ukoll jekk hux ser ikun hemm bżonn ta' iktar tagħrif u evidenza sabiex tittieħed id-deċiżjoni dwar il-manteniment.

114 Pereżempju, id-deċiżjoni tista' tistabbilixxi l-manteniment bħala perċentwal tas-salarju u l-Istat rikjest iqis li dan huwa vag wisq biex ikun infurzabbli. Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 255.

115 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 255. Jekk dan ikun magħruf fi żmien it-trażmissjoni tal-applikazzjoni li l-Istat rikjest jista' jkollu xi diffikultà fl-ipproċessar ta' applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, jista' jkun iktar effiċjenti li jintbagħtu kemm applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar kif ukoll applikazzjoni għal stabbiliment.

suppożizzjoni dwar l-eliġibbiltà biex tinfetaħ l-applikazzjoni fl-Artikolu 20(5) diskussa iktar 'il fuq ma tapplikax.

II. Proċeduri għall-mili u t-trażmissjoni tal-applikazzjoni

A. *Ħarsa ġenerali*

574. Id-dijagramma ta' hawn taħt tispjega l-istadji ewlenin fl-ipproċessar tal-applikazzjoni mibgħuta.



Figura 21: Ħarsa ġenerali – proċess ta' applikazzjoni għal stabbiliment

B. Stadji preliminari

575. Il-flowchart li jmiss tispjega l-istadji preliminari li għandhom isiru biex jiġi żgurat li l-applikazzjoni għal stabbiliment hija xierqa u għandha tiġi pproċessata. Dan jista' jkun stadju neċessarju minħabba d-dmir li l-Awtorità Ċentrali trid tkun issodisfata li l-applikazzjoni hija konformi mal-Konvenzjoni.



Figura 22: Stadji preliminari fil-proċess ta' applikazzjoni

1. Proċeduri – eżami inizjali

Nota: *Il-mistoqsijiet f'din it-taqsima jsegwu l-flowchart ta' hawn fuq.*

a) Mistoqsija 1: L-applikant għandu deċiżjoni dwar il-manteniment?

576. Jekk l-applikant diġà għandu deċiżjoni dwar il-manteniment, u huwa possibbli li tiġi rikonoxxuta u infurzata d-deċiżjoni, l-applikazzjoni xierqa hija dik għal rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni (ara l-Kapitolu 4).

577. Jekk l-applikant għandu deċiżjoni dwar il-manteniment iżda ma jkunux possibbli r-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni eżistenti dwar il-manteniment, ser ikollha ssir applikazzjoni biex tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida skont l-Artikolu 10(1) *d).* Pereżempju, il-kreditur jista' jkollu deċiżjoni li hija ta' tip li ma jistax jiġi infurzat, bħal dak li jistabbilixxi l-ammont tal-manteniment bħala perċentwal tas-salarju u jitqies mill-Istat rikjest bħala vag wisq biex jiġi infurzat.[116]

578. Jekk l-applikant għandu deċiżjoni, iżda r-rikonoxximent jew l-infurzar ta' dik id-deċiżjoni ġie miċħud minħabba riserva skont l-Artikolu 20(2), ser ikollha tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida. Madankollu, kif intqal iktar 'il fuq, ma hemmx bżonn li ssir applikazzjoni (l-applikazzjoni għar-rikonoxximent u l-infurzar ser titqies daqslikieku kienet applikazzjoni għal stabbiliment) u l-eliġibbiltà tat-tifel jew tfal sabiex jiftħu applikazzjoni għal manteniment ser tiġi supponuta.[117] Għalhekk, ir-rwol tal-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti huwa li tassisti fil-kisba u t-trażmissjoni ta' kull dokumentazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tiġi stabbilita l-applikazzjoni.

Kreditur *huwa l-individwu li huwa dovut jew allegatament dovut lilu l-manteniment. Kreditur jista' jkun ġenitur jew konjuġi, tifel, ġenituri adottivi, jew qraba jew oħrajn li jieħdu ħsieb it-tifel. F'ċerti Stati, din il-persuna tista' tissejjaħ riċevitur tal-manteniment, destinatarju, jew ġenitur jew indukratur kustodju.*

579. Jekk l-applikant għandu deċiżjoni, iżda rikonoxximent u infurzar ġew miċħudin għaliex ma kinux issodisfati l-bażijiet għal rikonoxximent u infurzar fl-Artikolu 20, jew għaliex instabu l-motivi għal ċaħda skont l-Artikolu 22 *b)* jew *e)*, il-kreditur jista' japplika għal deċiżjoni ġdida fl-Istat rikjest skont l-Artikolu 10(1) *d).* Madankollu, is-suppożizzjoni dwar l-eliġibbiltà tat-tifel jew tfal fl-Artikolu 20(5) mhijiex ser tapplika f'din is-sitwazzjoni.

b) Mistoqsija 2: L-applikant huwa kreditur?

580. L-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jillimita lil dawk li jistgħu jiftħu applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni għal krediturі (dawk intitolati li jirċievu manteniment għall-manteniment tagħhom jew għall-manteniment għal uliedhom). Debitur ma jistax jużа l-proċeduri tal-Konvenzjoni biex jistabbilixxi deċiżjoni dwar il-manteniment. Korp pubbliku jista' jiftaħ applikazzjoni għal stabbiliment biss jekk ikun aġixxa minflok individwu li lilu huwa dovut manteniment jew li pprovda benefiċċji minflok manteniment, u biss jekk ikun qed ifittex li tiġi stabbilita deċiżjoni għaliex ma tistax tiġi rikonoxxuta u infurzata deċiżjoni eżistenti fuq il-bażi ta' riserva skont l-

---

116 Ara r-Rapport Spjegattiv, fil-para. 255 u 256.

117 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 469-471. Kun af li l-Konvenzjoni ma tiddefinixxix it-tifsira tat-terminu "eliġibbiltà" f'dan il-kuntest u, għaldaqstant, il-liġi domestika tal-Istat rikjest mhijiex ser tistabbilixxi d-definizzjoni tat-terminu u anki x'tagħrif jew evidenza ulterjuri ser ikunu meħtieġa sabiex tittieħed deċiżjoni dwar il-manteniment.

Artikolu 20.[118]

c) Mistoqsija 3: X'tip ta' manteniment qed ifittex l-applikant?

581. Sabiex jiftaħ applikazzjoni permezz tal-Awtorità Ċentrali għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment, l-applikant irid ifittex manteniment għat-tfal. Talbiet għal stabbiliment ta' manteniment għall-konjuġi mhumiex ser ikunu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjonijiet koperti minn Awtorità Ċentrali sakemm ma jkunx hemm dikjarazzjoni kemm mill-Istat rikjedenti kif ukoll mingħand dak rikjest li testendi l-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni għall-manteniment għall-konjuġi (ara l-Kapitolu 3). Kreditur li jrid li tiġi stabbilita deċiżjoni dwar il-manteniment għall-konjuġi jrid jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest għal deċiżjoni.

582. Talbiet għal stabbiliment ta' forom oħrajn ta' manteniment tal-familja lanqas ma huma koperti minn dawn il-proċeduri sakemm ma tkunx saret dikjarazzjoni fiż-żewġ Stati li testendi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn it-tipi ta' obbligi tal-manteniment.

d) Mistoqsija 4: L-applikant jaf l-indirizz fejn jgħix ir-rispondent?

583. L-applikant ma għandux bżonn ikun jaf il-post eżatt tar-rispondent sabiex ikompli b'talba għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment. F'każ bħal dan, l-Istat rikjest ser iniedi tiftixa, jew jitlob lil aġenzija oħra tagħmel tiftixa, billi juża sorsi pubbliċi u oħrajn aċċessibbli biex isib lir-rispondent għall-fini tal-applikazzjoni.

584. Madankollu, f'ċerti każijiet l-applikant jista' jkun irid jivverifika li r-rispondent jinsab fl-Istat rikjest qabel jiftaħ l-applikazzjoni għal stabbiliment. Pereżempju, jekk hemm dubju dwar jekk id-debitur jgħixx fl-Istat rikjest affattu, jaf ikun jaqbel li l-ewwel issir talba biex jiġi kkonfermat fejn jinsab id-debitur, sabiex l-Awtorità Ċentrali tkun taf jekk tibgħatx l-applikazzjoni lil dak l-Istat. F'każ bħal dan, l-ewwel tista' ssir Talba għal Miżuri Speċifiċi, billi sempliċiment jintalbu s-servizzi tal-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest sabiex jiġi kkonfermat fejn jinsab ir-rispondent f'dak l-Istat (ara l-Kapitolu 13). Ladarba jiġi kkonfermat fejn qiegħed id-debitur, l-applikazzjoni tista' tintbagħat lill-Istat fejn jgħix id-debitur.

e) Konklużjoni tal-proċessi preliminari

585. Ladarba jkunu ġew ikkunsidrati l-kwistjonijiet ta' hawn fuq, l-applikazzjoni tista' tipproċedi. It-taqsima li jmiss tiddiskuti d-dokumentazzjoni u l-proċeduri meħtieġa biex jissawwar il-fajl u l-applikazzjoni tintbagħat lill-Istat rikjest.

C. Tħejjija tal-pakkett ta' dokumenti għal applikazzjoni mibgħuta għal stabbiliment

1. Flowchart

586. Il-flowchart tal-paġna li jmiss turi l-proċessi meħtieġa għat-tħejjija u t-trażmissjoni tal-applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment.

---

118 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 586 u 590.



Figura 23: Tħejjija tal-applikazzjoni għal stabbiliment

2. Tħejjija tal-applikazzjoni

Nota: *L-istadji ta' hawn taħt isegwu d-dijagramma fil-figura 23.*

a) Iġbor id-dokumenti meħtieġa

587. Sabiex tiġbor id-dokumenti meħtieġa għal applikazzjoni għal stabbiliment, ser ikollok bżonn il-Profil tal-Pajjiż għall-Istat rikjest (fejn ser tibgħat l-applikazzjoni) u kull dokument imħejji mill-applikant. Dan jista' jinkludi l-formola ta' applikazzjoni rakkomandata diġà mimlija mill-applikant, skont il-proċessi interni tiegħek.

588. Aqra l-Profil tal-Pajjiż. Għal applikazzjoni għal stabbiliment, sib jekk l-Istat rikjest għandux xi limitazzjoni partikolari li tista' taffettwa jekk tistax tipproċedi l-applikazzjoni. L-applikazzjoni ser tiġi deċiża skont il-liġi tal-Istat rikjest.[119] L-iktar komuni fosthom huma fir-rigward tal-età tat-tifel (jekk it-tifel għandux 18-il sena jew iktar), u l-limiti ta' żmien għall-ftuħ ta' applikazzjoni meta tkun trid tiġi stabbilita parentela (*pereż.* fi ħdan ċertu numru ta' snin mit-twelid tat-tifel).

589. Il-Profil tal-Pajjiż ser jistipula wkoll kull rekwiżit ta' evidenza jew dokumenti speċifiku għall-Istat li jrid jiġi ssodisfat. Pereżempju, rekords tal-isptar jew oħrajn tat-twelid jista' jkollhom bżonn jiġu ċċertifikati, jew jista' jkun hemm bżonn ta' prova taż-żwieġ tal-ġenituri. Id-dokumenti meħtieġa l-oħrajn ser ivarjaw skont il-fatti individwali ta' kull każ (*pereż.* jekk tifel wasalx fl-età li ma jibqax jitqies minuri jew kważi).

590. It-tabella ta' hawn taħt tkopri d-dokumenti li huma meħtieġa l-iktar spiss. Jekk ikun jidher li hemm xi dokument minnhom li huwa meħtieġ u huwa nieqes, itolbu lill-applikant.

Ċertifikat tat-twelid jew ekwivalenti	Inkludi ċertifikat tat-twelid għal kull tifel li għalih jitfittex manteniment. Dokumenti simili oħrajn jinkludu ċertifikati tal-magħmudija jew dokumenti taċ-ċittadinanza – meta ma jkunx disponibbli ċertifikat tat-twelid. Importanti li d-dokument jivverifika l-isem u d-data tat-twelid tat-tifel.
Konferma tal-parentela mid-debitur	Din tista' tkun fil-forma ta' dikjarazzjoni magħmula fi żmien it-twelid tat-tifel (formola tal-isptar) jew konferma iktar tard. Normalment dan ma jkunx meħtieġ meta t-tifel ikun twieled matul iż-żwieġ tal-ġenituri.
Dikjarazzjoni formali li tipprovdi evidenza b'rabta mal-parentela	Meta ma jkun hemm l-ebda konferma ddokumentata tal-paternità, l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni formali li tispjega ċ-ċirkustanzi marbutin mal-parentela tat-tfal, u r-relazzjoni tad-debitur fir-rigward tat-tfal fil-mument tat-twelid u wara.
Deċiżjoni ta' awtorità kompetenti dwar il-parentela	F'ċerti każijiet, jista' jkun li awtorità kompetenti diġà stabbilixxiet il-parentela, bla ma ħadet deċiżjoni dwar il-manteniment. Din id-deċiżjoni għandha tkun inkluża.
Riżultati tat-testijiet ġenetiċi	Jekk ikun sar l-ittestjar ġenetiku li jikkonferma l-parentela tat-tifel, inkludi r-riżultati.

119 Dan jista' jinkludi l-Protokoll dwar il-Liġi Applikabbli għal Obbligi tal-Manteniment jekk l-Istat rikjest ikun Parti għalih.

Ċertifikat tal-adozzjoni	Jekk it-tifel li għalih qed jitfittex il-manteniment ġie adottat mid-debitur, inkludi ċ-ċertifikat tal-adozzjoni.
Ċertifikat taż-żwieġ jew relazzjoni simili u d-data tad-divorzju jew separazzjoni	Inkludih jekk il-partijiet kienu miżżewġin jew f'relazzjoni simili. Dan it-tagħrif ser jintuża wkoll biex jiġi stabbilit jekk tifel twelidx fi żwieġ jew f'relazzjoni simili bejn il-kreditur u d-debitur.
Dikjarazzjoni formali li tipprovdi evidenza marbuta mar-residenza komuni tal-partijiet	Din mhijiex ser tkun relevanti f'ħafna mill-każijiet, iżda tista' tkun, pereżempju meta l-partijiet ikunu għexu għal xi żmien xi mkien ieħor minħabba xogħol, iżda dejjem żammew dar komuni fi Stat speċifiku.
Qbil bejn il-partijiet marbut mal-manteniment	Jekk il-partijiet qablu fl-imgħoddi dwar il-manteniment, pereżempju bħala parti minn soluzzjoni b'medjazzjoni ta' kwistjonijiet tal-kustodja, dan il-ftehim għandu jkun inkluż.
Evidenza ta' attendenza f'istituzzjoni edukattiva sekondarja jew postsekondarja	Dan ser ikun meħtieġ meta jitftittex il-manteniment għal tifel ikbar fl-età, speċjalment tifel li jaqbeż l-età li fiha ma jibqax jitqies minuri, peress li l-attendenza ta' skola tista' tiddetermina l-intitolament għal manteniment.
Evidenza ta' diżabilità	Jekk il-manteniment qed jitfittex għal tifel ikbar fl-età jew tifel ta' età li fiha ma jibqax jitqies minuri, u dak l-intitolament huwa bbażat fuq id-diżabilità tat-tifel, dan it-tagħrif irid ikun inkluż.
Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji	Din il-formola trid timtela kemm jista' jkun kollha kemm hi. Tipprovdi tagħrif speċifiku għall-istabbiliment u l-infurzar tad-deċiżjoni. Tkopri kemm iċ-ċirkustanzi tal-kreditur kif ukoll iċ-ċirkustanzi tad-debitur.
Dikjarazzjoni tal-arretrati jew il-pagamenti fl-imgħoddi	Meta jkun hemm arretrati ta' manteniment mhux imħallas jew meta jitfittex manteniment retroattiv, għandu jiġi inkluż tagħrif dwar il-pagamenti.
Evidenza oħra meħtieġa mill-Istat rikjest	Ikkonsulta l-Profil tal-Pajjiż għall-Istat rikjest biex issib jekk hemmx xi dokument addizzjonali li jrid jiġi inkluż.
Deċiżjoni tal-Istat rikjest li jiċħad rikonoxximent u infurzar	Meta jkun ġie miċħud ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni eżistenti (*pereż.* meta r-rikonoxximent ġie miċħud minħabba riserva skont il-Konvenzjoni), għandha tkun inkluża kopja ta' dik iċ-ċaħda.

Figura 24: Tabella tad-dokumenti – applikazzjonijiet għal stabbiliment

b) Lesti l-pakkett tal-applikazzjoni

591. Il-pakkett tal-applikazzjoni jinkludi l-formola obbligatorja (Formola ta' Trażmissjoni), il-formola ta' applikazzjoni rakkomandata (jekk l-Istat tiegħek iddeċieda li jużahom) u dokumenti addizzjonali.

592. Ara l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili tal-Formola ta' Trażmissjoni u l-formola rakkomandata għall-Applikazzjoni għal stabbiliment ta' Deċiżjoni.

c) Itlob infurzar tad-deċiżjoni

593. Jekk, ladarba tiġi stabbilita, il-kreditur jixtieq li deċiżjoni dwar il-manteniment tiġi infurzata mill-Istat rikjest, ara li hija mmarkata l-kaxxa xierqa fuq il-formola ta' Applikazzjoni. Ma hemm bżonn l-ebda formola jew dokument addizzjonali.

3. Trażmissjoni tal-applikazzjoni

594. Ladarba l-Awtorità Ċentrali tkun sawret id-dokumenti meħtieġa, l-applikazzjoni tista' tintbagħat lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest.

595. Dan jista' jsir bil-posta, iżda jekk l-Istat rikjest jaqbel, jista' jsir ukoll bi trażmissjoni elettronika, diment li l-metodu jipprovdi protezzjoni suffiċjenti għal informazzjoni personali u kunfidenzjali li tinsab fl-applikazzjoni.

4. Komunikazzjoni ta' segwitu u kurrenti mal-Istat rikjest

596. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest trid tikkonferma li rċeviet l-applikazzjoni fi żmien sitt ġimgħat, billi tuża l-Formola ta' Konferma tar-Riċevuta obbligatorja. Il-Formola ta' Konferma tar-Riċeuta ser tipprovdi wkoll isem il-persuna jew l-unità li tieħu ħsieb l-applikazzjoni, biex b'hekk kull mistoqsija ta' segwitu tkun tista' ssir direttament lil dik il-persuna.

597. Fi żmien tliet xhur mid-data ta' konferma tal-applikazzjoni, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest trid tipprovdi rapport dwar l-istatus.

598. Jekk l-Istat rikjest jeħtieġ tagħrif jew dokumentazzjoni addizzjonali, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti ser tiġi nnotifikata. Din it-talba għandha tinqeda minnufih. Jekk ma jintbagħtu l-ebda tweġiba jew dokument addizzjonali fi żmien tliet xhur, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest tista' tagħlaq il-fajl, iżda mhijiex obbligata tagħmel hekk. Jekk għandek diffikultà biex tikseb id-dokumenti addizzjonali, għarraf lill-Istat rikjest u għidlu kemm ser ikollok bżonn żmien iktar.

III. Materjali addizzjonali

A. Pariri prattiċi

- Qis jekk id-deċiżjoni li trid tiġi stabbilita hijiex ser ikollha bżonn tiġi infurzata wkoll fl-Istat rikjest. Jekk iva, dan ser ikollu jiġi indikat fuq il-formola ta' applikazzjoni (ara l-Kapitolu 15), u għandek tara li tinkludi t-tagħrif kollu possibbli biex tgħin fl-infurzar. Dan it-tagħrif ser ikun inkluż fil-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji.
- Għarraf lill-applikant dwar it-tul ta' żmien li jista' jgħaddi biex jitlestew il-proċedimenti ta' stabbiliment. Dan it-tagħrif jista' jinkiseb mill-Profil tal-Pajjiż għall-Istat rikjest.
- Jekk huwa mistenni li jkun hemm bżonn ta' testijiet tal-parentela, itlob lill-applikant sabiex jibgħat kull bidla fl-informazzjoni ta' kuntatt tiegħu matul iż-żmien li fih tkun qed tipproċedi l-applikazzjoni sabiex ikun jista' jiġi kkuntattjata għal skopijiet ta' ttestjar.
- Jekk kemm l-applikant kif ukoll ir-rispondent jaslu għal soluzzjoni dwar il-manteniment, jew jekk għal xi raġuni tittieħed deċiżjoni sabiex titwaqqaf l-applikazzjoni, ara li tgħarraf lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest minnufih ħalli tkun tista' ttemm il-proċedmenti tagħha.

B. Formoli relatati

Applikazzjoni għall-Istabbiliment ta' Deċiżjoni
Formola ta' Trażmissjoni
Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji

C. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 10
L-Artikolu 12
L-Artikolu 20
L-Artikolu 22

D. Taqsimiet relatati tal-Manwal

Ara l-Kapitolu 3, Parti 2 – Kwistjonijiet komuni għall-applikazzjonijiet kollha skont il-Konvenzjoni u għal Talbiet għal Miżuri Speċifiċi
Ara l-Kapitolu 4 – L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet mibgħuta għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar
Ara l-Kapitolu 10 – Infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment
Ara l-Kapitolu 13, Taqsima I – Ħarsa Ġenerali – Talbiet għal Miżuri Speċifiċi
Ara l-Kapitolu 15, Taqsima II – Struzzjonijiet għall-mili tal-formoli ta' applikazzjoni rakkomandati

IV. Lista ta' kontroll – applikazzjonijiet għal stabbiliment mibgħuta

	Proċedura	Referenza tal-Manwal
1	Eżami preliminari: L-applikazzjoni għandha tkun għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment?	II(B)
(i)	Applikant ma għandux deċiżjoni dwar il-manteniment diġà jew id-deċiżjoni ma tistax tiġi infurzata	II(B)(1)(a)
(ii)	L-applikant huwa kreditur tal-manteniment li jgħix fi Stat Kontraenti	II(B)(1)(b)
(iii)	L-applikant qed ifittex manteniment għat-tfal	II(B)(1)(c)
(iv)	L-applikant jaf fejn jgħix ir-rispondent	II(B)(1)(d)
2	Imla l-pakkett tal-applikazzjoni	II(C)
(i)	Formola obbligatorja (Formola ta' Trażmissjoni)	Kapitolu 3
(ii)	Formola rakkomandata (Applikazzjoni għall-Istabbiliment ta' Deċiżjoni)	Kapitolu 15
(iii)	Dokumenti addizzjonali	II(C)(2)(a)
3	Ibgħat lill-Istat rikjest	II(C)(3)
4	Agħti segwitu kif meħtieġ	II(C)(4)

V. Mistoqsijiet frekwenti

Il-kreditur jista' jitlob deċiżjoni dwar il-manteniment jekk ma jkunx jaf fejn jgħix id-debitur / rispondent?

599. Iva. Il-kreditur għandu jinkludi t-tagħrif kollu possibbli dwar ir-rispondent fil-formola ta' applikazzjoni. Dak it-tagħrif ser jintuża mill-Istat rikjest biex jagħmel tiftixa billi juża d-databanks u jfittex f'sorsi disponibbli għall-Awtorità Ċentrali jew l-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest. Spiss, l-Awtorità Ċentrali jkollha aċċess għal riżorsi mhux disponibbli għall-pubbliku biex issib lir-rispondent. Ladarba jinstab ir-rispondent, l-Awtorità Ċentrali ser tkompli bl-applikazzjoni għal stabbiliment.

X'jiġri wara li tittieħed id-deċiżjoni dwar il-manteniment?

600. Id-deċiżjoni dwar il-manteniment ser tiġi riferita għal infurzar lill-awtorità xierqa fl-Istat fejn jgħix ir-rispondent jew fejn għandu assi jew dħul, jekk il-kreditur talab li d-deċiżjoni tiġi infurzata. Importanti li tiġi mmarkata l-kaxxa xierqa fil-formola ta' applikazzjoni sabiex jiġi indikat li l-kreditur qed ifittex ukoll infurzar tad-deċiżjoni, peress li dan ser jiżgura li d-deċiżjoni tiġi infurzata mingħajr dewmien.

X'jiġri jekk id-debitur jasserixxi li mhuwiex missier it-tfal?

601. Jekk id-debitur huwiex intitolat jikkontesta l-parentela tat-tfal ser ikun jiddependi fuq il-liġi tal-Istat fejn tiġi riċevuta l-applikazzjoni. Jekk l-ittestjar tal-parentela jkun meħtieġ biex tinstab il-parentela tat-tifel/tfal, dik it-talba ssir permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali, u l-applikant ser jiġi kkuntattjat b'tagħrif dwar kif jipproċedi bl-ittestjar.

L-applikant jista' jikseb deċiżjoni ġdida jekk jixtieq żieda fl-ammont tal-manteniment?

602. L-applikant ma għandux bżonn japplika biex tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida.[120] Jista' jitlob modifika tad-deċiżjoni eżistenti billi juża l-proċessi stabbiliti fil-Kapitolu 12.

Kemm ser jgħaddi żmien biex tittieħed id-deċiżjoni dwar il-manteniment?

603. Dan jiddependi minn fejn ser tintbagħat l-applikazzjoni u x'jiġri wara li jiġi nnotifikat ir-rispondent. L-Istati Kontraenti kollha qablu li jaġixxu malajr kemm jista' jkun biex jipproċessaw l-applikazzjonijiet. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest ser tibgħat aġġornament tal-istatus tliet xhur wara li tkun ikkonfermat li rċeviet l-applikazzjoni, li fih tikkonferma x'passi ttieħdu u x'azzjonijiet huma mistennija jittieħdu.

L-applikant kif jista' jsib x'ġara lill-applikazzjoni?

604. Jekk l-applikant għandu mistoqsijiet, għandu jikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali tiegħu stess biex isir jaf fuq l-istatus tal-applikazzjoni. L-applikanti ma għandhomx jikkuntattjaw lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat l-ieħor direttament, sakemm dik l-Awtorità Ċentrali ma tkunx qablet li tipprovdi tagħrif direttament lill-applikanti. Skont il-Konvenzjoni, l-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest trid tikkonferma li rċeviet l-applikazzjoni fi żmien sitt ġimgħat, u tipprovdi aġġornament ulterjuri dwar l-istatus fi żmien tliet xhur mid-data ta' konferma tar-riċevuta tal-applikazzjoni.

---

120 F'ċerti każijiet, l-Istat rikjest ma jistax jimmodifika deċiżjoni, iżda jista' jistabbilixxi waħda ġdida. Madankollu, f'każ bħal dan, l-applikazzjoni ser tiġi ttrattata bl-istess mod bħal applikazzjoni għal modifika u għandhom jintużaw il-proċeduri fil-Kapitolu 12.

L-applikanta tista' tikseb deċiżjoni dwar il-manteniment anki jekk ma kinitx miżżewġa lil missier it-tfal?

605. Iva. Il-Konvenzjoni tkopri l-manteniment għat-tfal kollha, indipendentement mill-istatus konjugali tal-ġenituri. Madankollu, f'ċerti każijiet il-parentela ser ikollha tiġi stabbilita qabel ma tkun tista' tittieħed id-deċiżjoni dwar il-manteniment.

L-applikanta hija mħassba fuq is-sikurezza tagħha jekk ir-rispondent isir jaf fejn tgħix. Dan kif ser jaffettwa t-talba għal deċiżjoni dwar il-manteniment?

606. L-applikanta trid tkun avżat lill-Awtorità Ċentrali dwar dan it-tħassib. L-Awtorità Ċentrali ser tindika fuq il-formoli li hemm tħassib dwar l-iżvelar ta' din l-informazzjoni personali. Imbagħad, l-indirizz tal-applikant u informazzjoni personali oħra ser jiddaħħlu f'formola ta' tagħrif ristrett, u r-rispondent ma għandu jkun jista' jaċċessa l-ebda parti mill-informazzjoni personali tal-applikanta. L-iskop tal-Formola ta' Tagħrif Ristrett huwa li tiżgura li l-indirizz tal-applikant jibqa' kunfidenzjali. Ara l-Kapitolu 3.

L-applikant ilu ħames snin separat mid-debitur. L-applikant jista' jikseb lura l-manteniment mid-debitur għal dawk is-snin?

607. F'ħafna każijiet, dan ser ikun jiddependi mil-liġi tal-Istat rikjest.[121] F'ċerti Stati, il-manteniment għall-perjodu ta' żmien qabel deċiżjoni (imsejjaħ manteniment retroattiv) ser jingħata biss f'ċirkustanzi mhux tas-soltu. F'dawk l-Istati, il-manteniment ser ikun pagabbli biss minn meta l-applikazzjoni tinfetaħ għall-ewwel darba, jew minn data iktar tard, skont il-liġi u l-proċeduri tal-Istat rikjest. Il-Profil tal-Pajjiż ser jindika jekk hemmx restrizzjonijiet fuq l-għoti ta' manteniment retroattiv fl-Istat rikjest.

Min ser iħallas għall-ispejjeż ta' kwalunkwe test tal-parentela meħtieġ bħala parti mill-applikazzjoni għal stabbiliment?

608. L-ispejjeż tat-test tal-parentela jaqgħu taħt is-servizzi mogħtijin b'xejn li jridu jiġu pprovduti lil applikant fi kwistjoni dwar il-manteniment għat-tfal. Għalhekk, l-applikant ma jistax ikun meħtieġ iħallas għat-testijiet tal-parentela.[122] Madankollu, dan mhux bilfors ifisser li l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest ser tkun responsabbli għall-ispejjeż għaliex l-Istat rikjest jista' jitlob lid-debitur iħallas għall-ispejjeż tat-testijiet bħala kundizzjoni tat-testijiet. Dan ser ikun stabbilit mil-liġijiet u l-proċeduri tal-Istat rikjest.

609. Ara l-Kapitolu 3 għal spjegazzjoni sħiħa dwar id-dritt għal assistenza legali b'xejn.

L-applikant irid iqabbad avukat biex jikseb deċiżjoni li tipprovdi l-manteniment għat-tfal tiegħu?

610. Le. Diment li l-applikazzjoni hija sabiex jiġi stabbilit il-manteniment għal tfal taħt it-18-il sena (u f'xi każijiet sa 21 sena), l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti jew fl-Istat rikjest ser tagħti l-assistenza legali meħtieġa lill-applikant (ara l-Kapitolu 3).

---

121 Dan jista' jinkludi l-Protokoll tal-Aja dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi tal-Manteniment jekk l-Istat rikjest huwa Parti għalih.

122 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 391 u 392. Stat jista' jagħmel dikjarazzjoni sabiex juża test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal, u f'dak il-każ, jekk it-tifel ma jgħaddix mit-test, l-applikant jista' jintalab iħallas għall-ispejjeż. Ara l-Kapitolu 3 ta' dan il-Manwal.

Tista' ssir talba permezz tal-Awtorità Ċentrali għal stabbiliment tal-manteniment għall-konjuġi?

611. Awtorità Ċentrali mhijiex meħtieġa tassisti fl-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment għal manteniment għall-konjuġi. L-applikant ser ikollu bżonn jibgħat talba diretta lill-awtorità kompetenti fl-Istat l-ieħor għal stabbiliment ta' deċiżjoni sakemm kemm l-Istat rikjedenti kif ukoll dak rikjest ma jkunux qablu li jestendu l-Kapitoli II u III tal-Konvenzjoni għal każijiet li jikkonċernaw l-istabbiliment tal-manteniment għall-konjuġi. Il-Profil tal-Pajjiż ser jindika jekk saritx din l-estensjoni.

Kemm ser jingħata manteniment?

612. Il-metodu użat biex jiġi kkalkolat l-ammont ta' manteniment pagabbli huwa differenti f'kull Stat. F'dan ir-rigward, il-mistoqsija dwar liema liġi tapplika hija kwistjoni legali kumplessa, li taqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Manwal. Ħafna mill-Istati għandhom siti fejn tista' ssib kif ser jiġi kkalkolat l-ammont tal-manteniment f'dak l-Istat. Il-Profil tal-Pajjiż tal-Istat rikjest ser jindika wkoll kif ser jiġi stabbilit l-ammont tal-manteniment meħtieġ.

Kapitolu 9
Applikazzjonijiet riċevuti għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment

Kif inhu mqassam dan il-Kapitolu:

Dan il-Kapitolu jittratta applikazzjonijiet biex tiġi stabbilita deċiżjoni dwar il-manteniment.

It-Taqsima I tagħti ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjoni – min jista' japplika għaliha u meta ser tintuża.

It-Taqsima II tispjega l-proċedura jew l-istadji għall-eżami tal-materjali riċevuti u l-ipproċessar tal-applikazzjoni.

It-Taqsima III fiha referenzi u materjali addizzjonali għall-applikazzjoni.

It-Taqsima IV fiha Lista ta' Kontroll għal dawk li jeħtieġu sempliċi ħarsa ġenerali lejn il-proċess.

It-Taqsima V tkopri uħud mill-iktar mistoqsijiet frekwenti fir-rigward ta' din l-applikazzjoni.

I. Ħarsa ġenerali

A. Meta ser tintuża din l-applikazzjoni

613. Applikazzjoni għal ***stabbiliment*** ta' deċiżjoni dwar il-manteniment fi Stat Kontraenti tiġi riċevuta f'kull waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

- meta ma jkun hemm l-ebda deċiżjoni eżistenti dwar il-manteniment u l-kreditur jeħtieġ li tiġi stabbilita deċiżjoni, jew
- meta rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni ma jkunux possibbli, jew huma miċħudin, minħabba n-nuqqas ta' bażi għal rikonoxximent u infurzar skont l-Artikolu 20 jew minħabba l-motivi fl-Artikolu 22 *b)* jew *e)*.

***Stabbiliment** huwa l-proċess ta' kisba ta' deċiżjoni dwar il-manteniment, meta ma tkun teżisti l-ebda deċiżjoni dwar il-manteniment jew id-deċiżjoni dwar il-manteniment li teżisti ma tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata għal xi raġuni. L-istabbiliment jista' jinkludi determinazzjoni tal-parentela, jekk ikun hemm bżonnha sabiex tittieħed id-deċiżjoni dwar il-manteniment.*

614. Applikazzjoni għal deċiżjoni dwar il-manteniment tista' tinkludi talba għad-determinazzjoni tal-parentela.

615. Applikazzjonijiet għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment jaqgħu taħt l-Artikolu 10(1) *c)* u *d)* tal-Konvenzjoni.

B. Eżempju ta' każ

616. Il-kreditriċi tgħix fil-Pajjiż A. Għandha żewġt itfal. Missier it-tfal mar jgħix fil-Pajjiż B. Il-kreditriċi tixtieq tikseb manteniment minn missier it-tfal. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

Dan kif isir skont il-Konvenzjoni

617. Il-kreditriċi ser tiftaħ applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment. Dik l-applikazzjoni ser tintbagħat mill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B. Il-missier ser jiġi nnotifikat u ser tittieħed deċiżjoni dwar il-manteniment skont il-liġijiet tal-Istat rikjest (Pajjiż B). Jekk ikun hemm bżonn, tiġi ddeterminata l-parentela wkoll.

C. Min jista' japplika għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment?

618. Jekk ma hemm l-ebda deċiżjoni eżistenti dwar il-manteniment, ***kreditur*** biss jista' japplika għal stabbiliment ta' deċiżjoni. Jekk teżisti deċiżjoni iżda ma tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata minħabba riserva skont il-Konvenzjoni, anki korp pubbliku li jaġixxi f'isem kreditur jew li pprovda benefiċċji minflok manteniment jista' jiftaħ applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment. Il-kreditur irid ikun jgħix fi Stat Kontraenti.

Kreditur *huwa l-individwu li huwa dovut jew allegatament dovut lilu l-manteniment. Kreditur jista' jkun ġenitur jew konjuġi, tifel, ġenituri adottivi, jew qraba jew oħrajn li jieħdu ħsieb it-tifel. F'ċerti Stati, din il-persuna tista' tissejjaħ riċevitur tal-manteniment, destinatarju, jew ġenitur jew indukratur kustodiu.*

*Qed tfittex ġabra fil-qosor tal-proċeduri għal din l-applikazzjoni? Tista' taqra l-**Lista ta' kontroll** fi tmiem il-Kapitolu.*

D. Stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment meta deċiżjoni eżistenti ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta

619. Kif inhu diskuss fil-Kapitoli 4 u 5 ta' dan il-Manwal, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni eżistenti jiġu miċħudin minn Stat rikjest għaliex ikun hemm riserva li ssir skont l-Artikolu 20(2) rigward il-bażi partikolari għar-rikonoxximent u l-infurzar li tapplika għad-deċiżjoni. Pereżempju, jekk id-deċiżjoni ttieħdet fuq il-bażi tar-residenza abitwali tal-kreditur fl-Istat ta' oriġini, u ma tista' tinstab l-ebda bażi oħra għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni fl-Artikolu 20, l-Istat rikjest jista' jiċħad milli jirrikonoxxi d-deċiżjoni. F'każ bħal dan, jista' jkun hemm bżonn li tiġi stabbilita deċiżjoni ġdida.

620. Ma hemm l-ebda rekwiżit li f'din is-sitwazzjoni trid tinfetaħ applikazzjoni ġdida – applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni – peress li l-Istat rikjest huwa meħtieġ jieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex jistabbilixxi deċiżjoni ġdida (Art. 20(4)) diment li r-rispondent ikun "resident abitwali" fl-Istat rikjest. Imbagħad ikunu japplikaw il-proċeduri spjegati f'dan il-Kapitolu għall-istabbiliment tad-deċiżjoni.

621. Dan jista' jfisser li jkun hemm bżonn ta' tagħrif u dokumentazzjoni addizzjonali mill-kreditur, pereżempju, jekk l-ispejjeż tat-trobbija tat-tfal huma relevanti għad-determinazzjoni tal-ammont tal-manteniment. Dik it-talba għandha ssir lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti.

622. Madankollu, f'din is-sitwazzjoni importanti li l-kwistjoni ta' eliġibbiltà tat-tifel jew tfal sabiex jiftħu l-applikazzjoni għal manteniment ma hemmx għalfejn tiġi stabbilita fuq l-applikazzjoni għal deċiżjoni ġdida (Art. 20(5)).[123] Id-deċiżjoni eżistenti ser tipprovdi l-bażi għas-sejbien li t-tfal huma intitolati jiftħu l-applikazzjoni għal manteniment għat-tfal.

623. Jista' jkun hemm ukoll sitwazzjonijiet li fihom applikant ikollu deċiżjoni dwar il-manteniment, iżda jkun jaf li r-rispondent fl-Istat rikjest ser jirbaħ il-kontestazzjoni tal-applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar. Dan jista' jkun għaliex ma jkun jista' jinstab l-ebda wieħed mill-motivi għal rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni, jew għaliex id-deċiżjoni hija ta' tip li l-Istat rikjest ma jistax jinfurza.[124] F'każ bħal dan, il-kreditur ser ikollu jiftaħ applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni ġdida, minflok applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar.[125]

624. Dawn l-applikazzjonijiet ser jipproċedu wkoll bl-istess mod bħal kull applikazzjoni oħra skont dan il-Kapitolu. Madankollu, peress li d-deċiżjoni l-ġdida mhijiex qed tiġi stabbilita minħabba ċaħda ta' rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni eżistenti minħabba riserva (Art. 20(4)), is-suppożizzjoni dwar l-eliġibbiltà fl-Artikolu 20(5) diskussa hawn fuq mhijiex ser tapplika. L-eliġibbiltà ta' kull tifel għal manteniment ser ikollha tiġi stabbilita bħala parti mill-applikazzjoni għal deċiżjoni ġdida.

II. L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet riċevuti għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment

A. Ġenerali

625. Din it-taqsima tkopri r-rekwiżiti ġenerali għall-ipproċessar ta' applikazzjoni riċevuta għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment. Il-proċeduri fi Stati individwali ser ivarjaw b'mod konsiderevoli, skont il-liġijiet u l-proċeduri interni ta' kull Stat. Ċerti Stati ser jużaw proċeduri bbażati fuq il-qorti jew ġudizzjarji biex jistabbilixxu d-deċiżjoni; oħrajn ser jibagħtu l-applikazzjoni lil awtorità amministrattiva sabiex tittieħed deċiżjoni.

626. Madankollu, il-Konvenzjoni tistabbilixxi ċerti stadji ġenerali għall-applikazzjonijiet kollha, u ġeneralment l-applikazzjonijiet għal stabbiliment ser isegwu l-istess proċeduri f'kull Stat. L-Awtorità Ċentrali ser tagħmel eżami inizjali meta tirċievi l-applikazzjoni, tista' titlob dokumenti oħrjan jekk ikun hemm bżonn, u mbagħad ser tibgħat l-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest sabiex id-deċiżjoni tiġi stabbilita.

627. Il-proċedimenti ta' stabbiliment ser ikunu rregolati mill-proċeduri u l-liġijiet domestiċi[126] tal-Istat rikjest. Ladarba tittieħed id-deċiżjoni, jekk l-applikant talab infurzar tad-deċiżjoni billi mmarka l-kaxxa xierqa fuq il-formola ta' Applikazzjoni, id-deċiżjoni ser tiġi infurzata mill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest.

628. Il-Profil tal-Pajjiż għal kull Stat jistabbilixxi x'jista' jistenna applikant fil-proċess ta' stabbiliment.

---

123 Rapport Spjegattiv, para. 469-471. Kun af li l-Konvenzjoni ma tiddefinixxix it-terminu "eliġibbiltà" f'dan il-kuntest u, għaldaqstant, il-liġi domestika tal-Istat rikjest ser tistabbilixxi xi jfisser it-terminu u anki jekk hux ser ikun hemm bżonn ta' iktar tagħrif jew evidenza sabiex tittieħed id-deċiżjoni dwar il-manteniment.

124 Pereżempju, id-deċiżjoni tista' tistabbilixxi l-manteniment bħala perċentwal tas-salarju u l-Istat rikjest iqis li dan huwa vag wisq biex ikun infurzabbli. Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 255.

125 Ara *ibid.*

126 Dan jista' jinkludi l-Protokoll tal-Aja dwar il-Liġi Applikabbli għal Obbligi tal-Manteniment jekk l-Istat rikjest ikun Parti għalih.

B. Flowchart

629. Il-flowchart ta' hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn il-proċess ta' stabbiliment.



Figura 25: Ħarsa ġenerali lejn il-proċess ta' stabbiliment

C. Stadji fil-proċess ta' stabbiliment

1. Kunsiderazzjoni inizjali mill-Awtorità Ċentrali

630. L-iskop tal-kunsiderazzjoni inizjali mill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest huwa li tiżgura li l-applikazzjoni għandha bażi valida, id-dokumentazzjoni hija kompluta u li l-applikazzjoni tista' tiġi pproċessata. Jekk ikun hemm bżonn, jista' jkun hemm il-bżonn li ssir tiftixa biex jinstab fejn qiegħed id-debitur / rispondent, b'mod partikolari jekk ikun hemm xi dubju dwar jekk huwiex qiegħed jgħix fl-Istat rikjest jew għandu assi jew dħul f'dak l-Istat.

*L-**Istat rikjedenti** huwa l-Istat Kontraenti li qed jiftaħ applikazzjoni u li jagħmel it-talba f'isem applikant li jgħix f'dak l-Istat. L-**Istat rikjest** huwa l-Istat Kontraenti li qed jintalab jipproċessa l-applikazzjoni.*

631. Id-dijagramma ta' hawn taħt turi dawn l-istadji inizjali.



Figura 26: Kunsiderazzjonijiet inizjali: applikazzjoni għal stabbiliment

a) Rekwiżiti tal-Konvenzjoni mhux issodisfati

632. L-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni jippermetti lil Awtorità Ċentrali rikjesta sabiex tiċħad milli tipproċessa applikazzjoni jekk ikun jidher "ċar" li r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni mhumiex issodisfati. Dan ma jfissirx li l-Awtorità Ċentrali rikjesta tistabbilixxi jekk l-applikazzjoni hijiex iġġustifikata fuq il-merti tagħha. Minflok, huwa mistenni li l-Awtorità Ċentrali rikjesta tivverifika l-applikazzjoni sempliċiment biex tara li mhijiex abbuż tal-proċess jew talba li taqa' kompletament barra l-Konvenzjoni – pereżempju, applikazzjoni li tittratta l-kustodja tat-tfal biss.

633. Peress li l-Awtorità Ċentrali rikjedenti diġà wettqet kontroll simili qabel bagħtet id-dokument, huwa improbabbli li applikazzjoni tiġi miċħuda fuq din il-bażi.

634. Jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti trid tiġi nnotifikata u tingħata raġunijiet għaċ-ċaħda. Il-Konferma tar-Riċevuta obbligatorja għandha tintuża sabiex tiġi avżata l-Awtorità Ċentrali.

> ***Eżempju:*** *L-applikazzjoni tista' tkun l-istess bħal applikazzjoni preċedenti li ġiet miċħuda, u sakemm ma jkunx hemm evidenza ġdida, Awtorità Ċentrali tkun intitolata tiċħad l-applikazzjoni fuq dik il-bażi.*

b) Dokumenti inkompluti

635. Għandha ssir analiżi tal-pakkett riċevut biex jiġi żgurat li d-dokumentazzjoni hija kompluta. F'kull każ ta' stabbiliment, ser ikun hemm Formola ta' Trażmissjoni u applikazzjoni għal stabbiliment. Id-dokumenti meħtieġa l-oħrajn ser ivarjaw skont il-fatti individwali ta' kull każ (*pereż.*, jekk tifel għandux età li fiha ma jibqax jitqies minuri jew kważi).

636. Għal dan il-għan tista' tintuża l-Formola rakkomandata ta' Rapportar tal-Istatus jew il-Formola obbligatorja ta' Konferma.

c) Ikkonferma r-riċevuta

637. Skont il-Konvenzjoni, l-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest trid tikkonferma li rċeviet l-applikazzjoni fi żmien **sitt ġimgħat**. Għandha tintuża l-Formola obbligatorja ta' Konferma.

d) Sejbien ta' fejn jgħix ir-rispondent / id-debitur

638. F'ċerti każijiet, l-applikant ma jkunx jaf il-post eżatt jew attwali fejn jgħix ir-rispondent / id-debitur. Għalhekk, l-Istat rikjest irid juża s-sorsi għad-dispożizzjoni tiegħu biex isib lid-debitur sabiex tkun tista' tipproċedi l-applikazzjoni. F'kull każ, id-debitur ser ikollu bżonn jiġi nnotifikat dwar l-applikazzjoni għal manteniment f'xi waqt, u jekk jitfittex l-infurzar tad-deċiżjoni, ser ikun hemm bżonn li jinstab fejn jgħix id-debitur għal dik il-proċedura wkoll.

639. F'ċerti każijiet, meta jkun hemm dubju dwar jekk id-debitur huwiex qed jgħix fl-Istat affattu, jista' jkun siewi li ssir it-tiftixa malajr kemm jista' jkun. Jekk jiġi stabbilit li d-debitur ma jgħixx fl-Istat, l-Istat rikjedenti jista' jiġi nnotifikat u l-applikazzjoni tintbagħat fi Stat Kontraenti ieħor.

640. F'każijiet simili oħrajn, it-tiftixiet meħtieġa ser isiru mill-awtorità kompetenti bħala parti mill-proċedura ta' stabbiliment stess, mhux bħala stadju preliminari.

641. F'kull każ, importanti li wieħed jiftakar li ma hemm l-ebda rekwiżit li jiġi żvelat l-indirizz jew id-dettalji ta' kuntatt tar-rispondent mal-Istat rikjedenti. Jekk it-tagħrif irid jiġi żvelat, dan irid isir skont il-liġijiet domestiċi dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni personali.

e) Bidu tal-proċess ta' stabbiliment

642. Ladarba jitlestew dawn l-istadji inizjali, l-applikazzjoni tkun lesta li tiġi pproċessata mill-Istat rikjest. L-applikazzjoni ser tiġi ġestita mill-Awtorità Ċentrali, jekk hija l-awtorità kompetenti għal dan, jew tintbagħat lill-awtorità kompetenti fi ħdan l-Istat. Din tista' tkun awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja. It-taqsima li jmiss tispjega l-proċeduri għal stabbiliment tad-deċiżjoni.

L-**Awtorità Ċentrali** hija l-awtorità pubblika magħżula minn Stat Kontraenti biex tirrilaxxa d-dmirijiet ta' kooperazzjoni u assistenza amministrattivi skont il-Konvenzjoni.

L-**awtorità kompetenti** hija l-awtorità fi Stat partikolari li hija inkarigata jew permessa skont il-liġijiet ta' dak l-Istat sabiex twettaq kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, programm ta' infurzar tal-manteniment għat-tfal jew kull entità governattiva oħra li twettaq uħud mill-kompiti assoċjati mal-Konvenzjoni.

2. Stabbiliment tad-deċiżjoni dwar il-manteniment – awtorità kompetenti

643. Peress li tant hemm varjazzjonijiet fil-mod li bih l-Istati individwali jieħdu ħsieb applikazzjonijiet għal stabbiliment, din it-taqsima bilfors li tkun ġenerali ħafna. Hija maħsuba sabiex tagħti ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn l-istadji li ser japplikaw għall-applikazzjonijiet kollha. Madankollu, mhux kull stadju ser iseħħ fl-istess ordni jew bl-istess mod f'kull Stat.

644. Pereżempju, f'kull applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment, id-***debitur*** ser jiġi nnotifikat dwar l-applikazzjoni jew valutazzjoni tal-manteniment. F'xi stati dan iseħħ fil-bidu nett tal-proċess, u d-debitur jiġi nnotifikat li qed jitfittex il-manteniment u ser jintalab jipprovdi tagħrif finanzjarju lill-awtorità kompetenti responsabbli sabiex tieħu d-deċiżjoni dwar il-manteniment. Imbagħad, dik l-awtorità ser tistabbilixxi l-ammont tal-manteniment.

Debitur *huwa l-individwu li jrid iħallas jew allegatament irid iħallas il-manteniment. Id-debitur jista' jkun ġenitur, jew konjuġi jew kull persuna oħra li, skont il-liġi tal-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni, għandu obbligu li jħallas il-manteniment.*

645. F'ċerti sistemi amministrattivi, id-debitur ser jirċievi wkoll notifika dwar it-talba għal manteniment, iżda spiss dik in-notifika ssir fil-forma ta' valutazzjoni li l-awtorità amministrattiva għamlet rigward l-ammont tal-manteniment pagabbli mid-debitur. Imbagħad, id-debitur ikollu opportunità li joġġezzjona għall-valutazzjoni, u t-tagħrif ipprovdut mid-debitur jiġi kkunsidrat fid-deċiżjoni finali dwar il-manteniment jew il-valutazzjoni.[127]

646. Madankollu, minkejja l-proċeduri differenti, hemm similarità importanti fil-proċess għaliex fl-Istati kollha, f'xi waqt, id-debitur ser jiġi nnotifikat dwar it-talba għal manteniment u ser jingħata opportunità sabiex jagħmel rappreżentanzzjonijiet. L-opportunità li jinstema' jew li jikkontesta d-deċiżjoni tista' tingħata f'kull waqt, iżda n-notifika dejjem tkun parti mill-proċess.

---

127 Ara, pereżempju, l-Awstralja: < http://www.csa.gov.au >.

647. Skont il-proċeduri interni tal-Istat, il-passi li ġejjin ser jittieħdu bħala parti mill-bidu tal-applikazzjoni għal stabbiliment. Il-passi ser ikunu simili kemm f'sistemi ġudizzjarji kif ukoll f'dawk amministrattivi.

a) Kontroll tad-dokumentazzjoni

648. Ser isir kontroll tad-dokumentazzjoni biex jiġi żgurat li hija kompluta, u li tissodisfa kull kritejru speċifiku – bħall-ħtieġa li kull dokument ikun iċċertifikat. Ma hemm l-ebda rekwiżit tal-Kovnenzjoni li dejjem iridu jiġu pprovduti kopji ċċertifikati tad-dokumenti. Jekk l-Istat tiegħek jeħtieġhom u ma ġewx ipprovduti, agħti segwitu mal-Istat rikjedenti. Tista' tuża l-Formola ta' Konferma obbligatorja (jekk ir-riċevuta tal-applikazzjoni ma tkunx għadha ġiet ikkonfermata) jew il-Formola rakkomandata ta' Rapportar tal-Istatus biex titlob id-dokumenti.

b) Notifika lid-debitur

649. In-notifika lid-debitur hija diskussa iktar 'il fuq. Barra minn hekk, tista' ssir talba lid-debitur sabiex jipproduċi tagħrif finanzjarju jew ta' tip ieħor meħtieġ sabiex jinstabu x'inhuma d-dħul u l-ħila tiegħu biex iħallas il-manteniment.

c) Riferiment għal soluzzjoni għat-tilwim jew proċeduri simili

650. F'ċerti Stati, servizzi bħal soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, medjazzjoni, jew assistenza fit-tħejjija ta' dokumenti jistgħu jkunu disponibbli sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tipproċedi malajr kemm jista' jkun. Dawn ser ikunu disponibbli kemm għall-applikanti kif ukoll għar-rispondenti skont il-bżonn. F'ċerti Stati, saru sforzi biex tintlaħaq deċiżjoni b'kunsens jew ftehim.

d) Stabbiliment tal-parentela

651. F'ċerti applikazzjonijiet, kreditur jista' jkun talab li tiġi stabbilita l-parentela jew debitur / rispondent jista' jixħet dubju fuq jekk huwiex missier it-tifel jew tfal u jitlob testijiet ġenetiċi. Jekk il-kwistjoni tistax titqajjem mid-debitur ser ikun jiddependi mil-liġi tal-Istat rikjest. Pereżempju, f'ċerti Stati t-testijiet tal-parentela ma jiġux ordnati u lanqas ma titħalla ssir applikazzjoni meta t-tifel ikun twieled fi żwieġ.

652. Jekk hemm bżonn ta' testijiet tal-parentela, il-Konvenzjoni tesiġi li Awtorità Ċentrali "tagħti assistenza" sabiex tiġi stabbilita l-parentela (Art. 6(2) *h*)). Dan ma jfissirx li l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest hija meħtieġa tipprovdi t-testijiet ġentiċi fuq talba tad-debitur; madankollu, trid tkun kapaċi tagħti parir lir-rispondent / debitur dwar il-faċilitajiet tat-testijiet jew l-aġenziji li jistgħu jagħmlu t-testijiet. L-Awtorità Ċentrali trid tassisti wkoll fit-trażmissjoni tat-talba għat-testijiet lill-applikant fl-Istat rikjedenti.[128]

653. Madankollu, dan ma jfissirx li l-Istat rikjest irid iħallas għat-testijiet tal-parentela jekk jintalab mid-debitur. L-Istat rikjest jista' jitlob lid-debitur / rispondent sabiex iħallas għat-test bħala kundizzjoni tat-talba.

e) Assistenza legali u l-ispejjeż tat-testijiet tal-parentela

654. L-ispejjeż tat-testijiet ġenetiċi biex tiġi stabbilita l-parentela jvarjaw b'mod sinifikanti minn Stat għal ieħor. Wieħed mill-prinċipji sottostanti tal-Konvenzjoni huwa li s-servizzi, inklużi l-assistenza legali, għandhom jiġu pprovduti mingħajr ħlas lil kreditur, għall-fini ta' applikazzjonijiet li jikkonċernaw obbligi tal-manteniment għal minuri ta' inqas minn 21 sena. Dan jinkludi applikazzjonijiet għal stabbiliment (Art. 15(1)). Effettivament, dan ifisser li l-kreditur ma għandux iħallas għall-ispejjeż

---

128 Meta ż-żewġ Stati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1970 dwar l-Evidenza, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, Parti 2, Taqsima V - Konvenzjonijiet Oħrajn tal-Aja.

marbutin mat-testijiet tal-parentela.[129]

655. Għal iktar tagħrif dwar l-għoti ta' assistenza legali b'xejn, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3.

f) Determinazzjoni tal-ammont tal-manteniment

656. Ladarba tiġi solvuta kull kwistjoni marbuta mal-parentela, u jitlestew l-istadji preliminari l-oħrajn kif meħtieġ mill-proċeduri interni tal-Istat rikjest, tittieħed deċiżjoni dwar il-manteniment. F'ħafna każijiet, l-ammont tal-manteniment mogħti ser jiġi stabbilit mil-liġi tal-Istat rikjest. Madankollu, ċerti Stati jistgħu jkunu aċċettaw regoli differenti rigward il-liġi applikabbli. Ċerti Stati jużaw linji gwida għall-manteniment għat-tfal fuq il-bażi ta' dħul tad-debitur jew taħlita tad-dħul tad-debitur u tal-kreditur; oħrajn jistabbilixxu l-manteniment biss fuq il-bażi tal-ispejjeż tat-trobbija tat-tfal.

657. Hawn ma huwa ser isir l-ebda tentattiv biex jiġu spjegati fil-qosor il-modi differenti li bih jiġi stabbilit l-ammont meħtieġ ta' manteniment. Jista' jiġi kkonsultat il-Profil tal-Pajjiż, u ħafna Stati għandhom siti[130] fejn dan it-tagħrif huwa disponibbli wkoll.

g) Avża lill-partijiet u l-Awtorità Ċentrali rikjedenti dwar l-eżitu u agħti rapport tal-istatus

658. Minbarra l-konferma inizjali tar-riċevuta tal-applikazzjoni, il-Konvenzjoni tesiġi li l-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest tipprovdi Rapport tal-Istatus lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti fi żmien **tliet xhur** mill-konferma tar-riċevuta tal-applikazzjoni. Hemm formola rakkomandata għan dan il-għan.

659. Il-partijiet (l-applikant u d-debitur) għandhom jiġu nnotifikati wkoll dwar l-eżitu tal-applikazzjoni. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti hija responsabbli sabiex tinnotifika lill-applikant dwar l-eżitu u tagħtih kopja tad-deċiżjoni, skont il-ħtieġa. Irid jiġi ssodisfat ukoll kull rekwiżit speċifiku fil-liġi domestika tal-Istat rikjest għan-notifika tad-deċiżjoni.[131]

h) Proċeduri ta' appell jew eżami

660. Appell jew eżami tad-deċiżjoni jistgħu jkunu permessi skont il-liġi tal-Istat rikjest. Dak ir-rimedju ser ikun disponibbli għall-applikant ukoll, pereżempju, meta jkun ġie miċħud l-għoti ta' manteniment jew l-applikant jikkontesta l-ammont tal-manteniment mogħti. Minbarra li tavża lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti dwar l-eżitu tal-applikazzjoni (ara iktar 'il fuq), hija idea tajba li l-Awtorità Ċentrali tinkludi tagħrif dwar kull rimedju ta' appell jew eżami disponibbli, u l-limiti ta' żmien għall-eżerċitar ta' dawn id-drittijiet.

661. F'każ li jkun hemm bżonn ta' assistenza legali għall-appell, id-diskussjoni ta' hawn fuq ser tapplika wkoll għar-rekwiżit tal-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest li tagħti assistenza lill-kreditur / applikant mingħajr ħlas. Madankollu, kun af li għall-appell tista' ssir valutazzjoni ġdida tal-intitolament tal-applikant għal assistenza legali b'xejn, peress li l-Istat rikjest jista' jikkunsidra jekk l-appell huwiex imsejjes fuq merti validi, qabel ma jagħti assistenza mingħajr ħlas.[132]

---

129 Sakemm l-Istat rikjest ma jqisx li l-applikazzjoni ma għandhiex merti validi (Art. 15(2)). Stat jista' jagħmel dikjarazzjoni wkoll li ser jintuża test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal sabiex jistabbilixxi l-eliġibbiltà għal servizzi b'xejn.

130 Pereżempju, l-Awstralja, il-Kanada, in-Norveġja, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti tal-Amerika.

131 Meta ż-żewġ Stati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika, jekk jogħġok ara l-Kapitolu 3, Parti 2, Taqsima V - Konvenzjonijiet Oħrajn tal-Aja.

132 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 388.

i) Infurzar tad-deċiżjoni dwar il-manteniment

662. Ladarba d-deċiżjoni tiġi ffinalizzata, jekk l-applikant talab infurzar tad-deċiżjoni (dan ser ikun indikat b'marka fil-kaxxa xierqa fil-formola ta' Applikazzjoni), id-deċiżjoni għandha tiġi riferita lill-awtorità kompetenti għal infurzar.

III. Materjali addizzjonali

A. Pariri prattiċi

- Hija idea tajba li l-Istat rikjedenti jinżamm aġġornat fuq bażi regolari dwar l-iżvilupp fl-applikazzjoni. Il-Konvenzjoni teħtieġ li r-riċevuta tal-applikazzjoni tiġi kkonfermata fi żmien sitt ġimgħat, u li jiġi pprovdut Rapport tal-Istatus tliet xhur wara. Il-Formola tar-Rapport tal-Istatus tista' tintuża wkoll fuq bażi regolari wara dan sabiex jingħataw aġġornamenti dwar żviluppi ġodda.
- Jekk l-applikant u r-rispondent isibu soluzzjoni fuq id-deċiżjoni dwar il-manteniment, ara li tavża lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti minnufih sabiex tkun tista' tagħlaq il-fajl tagħha.
- Hemm obbligu ġenerali fl-Istati Kontraenti kollha sabiex jipproċedu bl-applikazzjonijiet malajr kemm jista' jkun. Dan huwa partikolarment siewi fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal stabbiliment, peress li sakemm tiġi stabbilita deċiżjoni, l-applikant u t-tfal ma għandhom l-ebda dritt għall-manteniment. Dewmien żejjed fl-istabbiliment tal-manteniment spiss jista' jikkaġuna diffikultajiet kbar għall-familji.

B. Formoli relatati

Applikazzjoni għall-Istabbiliment ta' Deċiżjoni
Formola ta' Trażmissjoni
Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji

C. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 10
L-Artikolu 11
L-Artikolu 12
L-Artikolu 14
L-Artikolu 15
L-Artikolu 20
L-Artikolu 22

D. Taqsimiet relatati tal-Manwal

Ara l-Kapitolu 3, Parti 2, Taqsima III – Aċċess effettiv għal proċeduri u assistenza legali
Ara l-Kapitoli 4 u 5 – Applikazzjonijiet mibgħuta u riċevuti għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar
Ara l-Kapitolu 8 – Applikazzjonijiet mibgħuta għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment
Ara l-Kapitolu 10 – Infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment

IV. Lista ta' kontroll – applikazzjonijiet riċevuti għal stabbiliment

	Proċedura	Referenza tal-Manwal
1	Irċievi d-dokumenti mingħand l-Awtorità Ċentrali rikjedenti	II(C)(1)(c)
2	Ara li d-dokumenti huma kompluti u li l-applikazzjoni taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni	II(C)(1)(a)
3	Ibgħat lill-awtorità kompetenti	II(C)(1)(e)
4	Stabbilixxi deċiżjoni dwar il-manteniment	II(C)(2)
(i)	Eżamina d-dokumenti u nnotifika lid-debitur	II(C)(2)(1), (2)
(ii)	Stabbilixxi l-parentela, jekk ikun hemm bżonn	II(C)(2)(4)
(iii)	Stabbilixxi l-ammont tal-manteniment	II(C)(2)(6)
5	Avża lid-debitur u l-kreditur u aġġorna lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti	II(C)(2)(7)
6	Proċess ta' appell jew eżami, jekk jista' jsir	II(C)(2)(8)
7	Irreferi d-deċiżjoni għal infurzar jekk l-applikant talbu	II(C)(2)(9)

V. Mistoqsijiet frekwenti

L-applikant kif jista' jsir jaf x'ġara mill-applikazzjoni?

663. Jekk l-applikant għandu mistoqsijiet, għandu jikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti biex isir jaf dwar l-istatus tal-applikazzjoni. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat l-ieħor mhuwiex ser ikollha kuntatt dirett mal-applikant sakemm ma tkunx qablet li tagħmel investigazzjonijiet direttament. Skont il-Konvenzjoni, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest trid tikkonferma li rċeviet l-applikazzjoni fi żmien sitt ġimgħat, u tipprovdi rapport tal-istatus lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti fi żmien tliet xhur mill-konferma tar-riċevuta tal-applikazzjoni.

Id-debitur / rispondent jista' jikkontesta l-paternità?

664. Dan jiddependi fuq il-liġi tal-Istat rikjest. F'ċerti Stati, talba għal testijiet tal-parentela tiġi miċħuda, pereżempju, jekk il-partijiet kienu miżżewġin.

X'inhu r-rwol tal-Awtorità Ċentrali jekk hemm bżonn li jsiru testijiet tal-parentela?

665. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest għandha tassisti fil-proċess jekk l-applikant jitlob it-testijiet. L-Awtorità Ċentrali għandha tikkuntattja lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti u tħaffef il-parteċipazzjoni tal-applikant fil-proċess tal-ittestjar.

666. Jekk id-debitur jitħalla jitlob testijiet, l-Istat rikjest mhuwiex obbligat jipprovdi t-testijiet, madankollu l-awtorità kompetenti tista' tipprovdi tagħrif lid-debitur dwar kif jistgħu jsiru testijiet tal-parentela.

L-applikant irid jitla' l-qorti?

667. Dan ikun jiddependi minn jekk l-Istat rikjest (fejn hija riċevuta l-applikazzjoni għal stabbiliment) jeħtieġx il-preżenza tal-applikant. L-Awtorità Ċentrali tista' tgħin fl-iffaċilitar ta' dik il-parteċipazzjoni billi torganizza tele jew vidjokonferenza, jekk possibbli.[133]

Min ser iħallas għall-ispejjeż tat-testijiet ġenetiċi f'applikazzjoni għal manteniment għat-tfal ta' inqas minn 21 sena?

668. L-ispejjeż tat-testijiet tal-parentela jaqgħu taħt is-servizzi mingħajr ħlas li jridu jingħataw lil applikant fi kwistjoni dwar il-manteniment għat-tfal. Għalhekk, l-applikant ma jistax ikun obbligat iħallas għat-testijiet tal-parentela, sakemm ma jkunx ċar li l-applikazzjoni ma għandhiex bażi valida, kif stipulat fl-Artikolu 15(2).[134] Madankollu, dan mhux bilfors ifisser li l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest ser tkun responsabbli għall-ispejjeż għaliex l-Istat rikjest jista' jitlob lid-debitur sabiex iħallas għall-ispejjeż tat-testijiet bħala kundizzjoni tat-testijiet. Dan ser ikun stabbilit mil-liġijiet u l-proċeduri tal-Istat rikjest.

Kemm ser jingħata manteniment?

669. Il-metodu użat biex jiġi kkalkolat l-ammont tal-manteniment li jrid jitħallas ivarja f'kull Stat u jaqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Manwal. Ħafna Stati għandhom siti fejn tista' ssir taf kif ser jiġi kkalkolat l-ammont tal-manteniment f'dak l-Istat. Il-Profil tal-Pajjiż tal-Istat rikjest ser jindika kif ser jiġi stabbilit l-ammont ta' manteniment meħtieġ.

X'jiġri jekk ir-rispondent jiġi nnotifikat iżda ma jweġibx jew ma jikkontestax id-deċiżjoni?

670. Dan jiddependi mir-regoli partikolari użati fl-Istat rikjest. Jekk jista' jsir hekk skont il-liġijiet ta' dak l-Istat, il-każ jista' jipproċedi u tittieħed deċiżjoni fin-nuqqas tad-debitur, jew, f'sistema amministrattiva, id-deċiżjoni dwar il-manteniment tista' titqies effettiva ladarba jiskadi ż-żmien għall-kontestazzjoni, u mbagħad tista' tiġi infurzata d-deċiżjoni.

X'jiġri wara li tittieħed id-deċiżjoni?

671. L-applikant ser jindika fil-formola ta' Applikazzjoni billi jimmarka l-kaxxa xierqa jekk jixtieqx li tiġi infurzata d-deċiżjoni. Jekk iva, tintbagħat lill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest sabiex tiġi infurzata u sabiex il-pagamenti miġburin jintbagħtu lill-kreditur tal-manteniment.

L-applikant jista' jappella l-ammont tal-manteniment mogħti?

672. Iva iżda biss jekk proċess ta' appell jew eżami huwa awtorizzat mill-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest tavża lill-kreditur meta tittieħed id-deċiżjoni u jekk l-ammont jistax jiġi appellat. L-applikant jista' jappella wkoll deċiżjoni li ma jingħatax manteniment, u l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest tista' tassistih f'dak il-proċess ukoll.[135]

---

133 Meta ż-żewġ Stati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1970 dwar l-Evidenza, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, Parti 2, Taqsima V - Konvenzjonijiet Oħrajn tal-Aja.

134 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 392. Stat jista' jiddikjara wkoll li ser juża test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal, u f'dak il-każ, jekk it-tifel ma jgħaddix mit-test, l-applikant jista' jintalab iħallas għall-ispejjeż. Ara l-Kapitolu 3 ta' dan il-Manwal.

135 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 390. Jekk l-appell jitqies li ma għandu l-ebda bażi valida, tista' tiġi miċħuda l-assistenza legali b'xejn.

Kapitolu 10
Infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment

Kif inhu mqassam dan il-Kapitolu:

Dan il-Kapitolu jittratta l-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment.

It-Taqsima I tagħti ħarsa ġenerali lejn id-dispożizzjonijiet ta' infurzar tal-Konvenzjoni.

It-Taqsima II tispjega l-miżuri ta' infurzar disponibbli u tixħet dawl fuq ċerti kwistjonijiet bħal limitazzjonijiet fuq il-ġbir u kif jiġu ġestiti kwistjonijiet marbutin mal-kambju.

It-Taqsima III fiha referenzi u materjali addizzjonali għall-applikazzjoni.

It-Taqsima IV tinkludi wħud mill-iktar mistoqsijiet frekwenti fir-rigward tal-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment.

I. Ħarsa ġenerali

673. Dan il-Kapitolu jvarja mill-Kapitoli l-oħrajn fil-Manwal għaliex ma jittrattax l-ipproċessar ta' applikazzjoni mibgħuta lil jew riċevuta minn Awtorità Ċentrali oħra. Minflok, dan il-Kapitolu jkopri l-passi meħudin skont il-liġi interna mill-Istat rikjest wara li l-Awtorità Ċentrali tkun irċeviet u pproċessat talba minn Stat ieħor – biex tirrikonoxxi deċiżjoni eżistenti, timmodifika d-deċiżjoni jew tistabbilixxi deċiżjoni ġdida – u l-applikant jitlob infurzar tad-deċiżjoni.

A. Infurzar ta' deċiżjoni skont il-Konvenzjoni

674. L-infurzar ta' ***deċiżjoni dwar il-manteniment*** ser isseħħ ladarba jkun hemm deċiżjoni valida u infurzabbli. Id-deċiżjoni trid tkun ittieħdet jew ġiet rikonoxxuta fl-Istat rikjest. Normalment l-infurzar iseħħ fl-Istat fejn jgħix id-debitur, jew fl-Istat fejn id-debitur għandu assi jew dħul. Kultant, l-infurzar jista' jinbeda f'iktar minn Stat wieħed skont fejn jinsabu l-assi, id-dħul u r-residenza tad-debitur.

Deċiżjoni dwar il-manteniment *tistabbilixxi l-obbligu tad-debitur sabiex iħallas il-manteniment u tista' tinkludi wkoll aġġustament awtomatiku permezz ta' indiċjar u r-rekwiżit li jitħallsu arretrati tal-manteniment, manteniment retroattiv jew imgħax u determinazzjoni tal-kostijiet jew l-ispejjeż.*

675. Mhux l-Istati kollha ser jużaw l-istess miżuri biex jinfurzaw deċiżjoni dwar il-manteniment u l-passi meħtieġa f'kull każ ser jiddependu mir-rieda u l-ħila tad-debitur sabiex jagħmel pagamenti.

676. F'ċerti Stati, dejjem ser ikun hemm tentattiv sabiex jitħeġġeġ il-ħlas volontarju skont id-deċiżjoni dwar il-manteniment, jew qabel jinbeda l-infurzar jew bħala parti mill-proċess kurrenti ta' infurzar. L-għan tal-miżuri kollha meħudin fl-Istat rikjest dejjem għandu jkun li jiġu stabbiliti b'mod effettiv pagamenti regolari u kontinwi tal-manteniment u konformità mad-deċiżjoni.

677. Peress li każ jista' jibqa' għand aġenzija tal-infurzar għal bosta snin għall-ġbir, il-każ jista' jkun soġġett għal rimedji differenti ta' infurzar tul dak iż-żmien, u ser iqumu kwistjonijiet differenti matul l-infurzar tiegħu.

678. Għad li l-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment huwa kważi kompletament kwistjoni li tikkonċerna l-politika interna ta' Stat, il-Konvenzjoni ma fihiex ċerti dispożizzjonijiet importanti dwar l-infurzar. L-infurzar irid isir "minnufih" (Art. 32(2)) u jseħħ mingħajr talba ulterjuri mingħand l-applikant (Art. 32(3)). Il-Konvenzjoni teħtieġ ukoll li Stat Kontraenti jkollu "miżuri effettivi" fis-seħħ biex jinfurza deċiżjonijiet. Hemm lista ssuġġerita ta' miżuri ta' infurzar fl-Artikolu 34, iżda huwa f'idejn kull Stat li jinforza li juża kull wieħed mill-mekkaniżmi ta' infurzar elenkati jew kollha kemm huma.[136] Mhux il-miżuri ta' infurzar kollha elenkati ser ikunu disponibbli skont il-liġi domestika ta' Stat Kontraenti.

679. L-Artikolu 6(2) *f)* tal-Konvenzjoni jesiġi wkoll li l-Istati jħaffu t-trażmisjoni tal-ħlasijiet lill-krediturі u, skont l-Artikolu 35, jippromwovu l-metodi kosteffikaċi u effiċjenti għat-trasferiment ta' fondi, u jnaqqsu l-ostakoli għat-trasferiment transkonfinali ta' fondi tal-manteniment.[137]

II. Proċessi ta' infurzar skont il-Konvenzjoni

A. Ġenerali

680. Il-Konvenzjoni fiha dispożizzjonijiet ġenerali biss dwar l-infurzar ta' deċiżjonijiet. Dan għaliex il-proċessi propji ta' infurzar u l-mezzi ta' infurzar huma stipulati fil-liġi interna tal-Istat responsabbli mill-infurzar. Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni huma l-istess fil-parti l-kbira għal applikazzjonijiet għal infurzar riċevuti permezz ta' Awtorità Ċentrali jew talbiet diretti lil awtorità kompetenti.



Figura 27: Ħarsa ġenerali lejn id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni marbutin mal-infurzar

136 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 582.
137 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 585.

B. Infurzar minnufih

681. Peress li infurzar b'suċċess tad-deċiżjoni dwar il-manteniment huwa l-għan ta' ħafna applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni, l-Artikolu 32(2) jeħtieġ li l-infurzar isir "minnufih". Minnufih mhuwiex iddefinit li f'xi sitwazzjoni partikolari, madankollu hemm spjegazzjoni ċara li l-passi ta' infurzar ser jittieħdu malajr kemm jista' jkun skont il-liġi u r-regoli tal-Istat fejn qed iseħħ l-infurzar.[138]

682. Ir-rekwiżit għal infurzar minnufih għandu jitqies flimkien mad-dmirijiet tal-Awtoritajiet Ċentrali skont l-Artikolu 12 biex iżommu lil xulxin informati rigward il-persuna/i jew l-unità(jiet) responsabbli għal każ, il-progress tal-każ u biex iwieġbu għal mistoqsijiet.

> ***Prattika tajba**: Għad li l-Konvenzjoni teħtieġ biss rapport tal-istatus inizjali tliet xhur wara li tkun ġiet ikkonfermata r-riċevuta tal-applikazzjoni, huwa rakkomandat li jintbagħtu aġġornamenti regolari wara dan lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti sabiex l-applikant u l-Awtorità Ċentrali rikjedenti jibqgħu informati dwar il-progress fil-każ. Il-Formola ta' Rapportar tal-Istatus tista' tintuża għal dan il-għan. Fuq il-formola tista' tindika jekk l-aġġornament huwiex l-ewwel wieħed jew wieħed sussegwenti. Rapporti sussegwenti għandhom jindikaw biss żviluppi ġodda mir-rapport ta' qabel.*

C. Miżuri ta' infurzar

683. L-Istati Kontraenti kollha jrid ikollhom miżuri effettivi fis-seħħ[139] biex jinfurzaw deċiżjonijiet dwar il-manteniment, u tal-inqas iridu jipprovdu l-istess medda ta' miżuri ta' infurzar li huma disponibbli għal każijiet domestiċi. Madankollu, il-miżuri disponibbli ser ivarjaw minn Stat għal ieħor, peress li l-infurzar huwa rregolat mil-liġi tal-Istat li jkun qiegħed jinfurza. Il-Profil tal-Pajjiż tal-Istat rikjest ser jindika l-miżuri ta' infurzar disponibbli f'dak l-Istat.

684. F'ċerti Stati, l-awtorità ta' infuzar l-ewwel ser tipprova taħdem mad-debitur biex jikkonforma mad-deċiżjoni minn jeddu, jew billi jagħmel pagamenti regolari jew billi jsirulu tnaqqisiet awtomatiċi mill-pagi. Dan ser iseħħ qabel ma tittieħed kull azzjoni ta' infurzar. F'xi Stati, debitur jista' jkun intitolat ukoll għal notifika ta' infurzar, u d-debitur jista' jkollu ċerti drittijiet sabiex iħallas minn jeddu qabel ma jittieħdu azzjonijiet ta' infurzar. Il-Profil tal-Pajjiż tal-Istat li qed jinfurza d-deċiżjoni ser jindika l-proċessi applikabbli f'dak l-Istat.

685. Meta ma jsirux il-ħlasijiet, l-għażla tar-rimedju ta' infurzar ser tiġi stabbilita mill-politiki tal-awtorità ta' infurzar u s-setgħat disponibbli. F'ċerti Stati, l-infurzar huwa kważi kompletament amministrattiv bil-proċessi tal-qorti użati biss f'okkażjonijiet rari għal nuqqas ta' konformità intenzjonata. Fi Stati oħrajn, kważi l-azzjonijiet kollha ta' infurzar, inklużi sekwestri, iridu jinħarġu mill-qorti.

686. Hemm għadd ta' miżuri ssuġġeriti elenkati fil-Konvenzjoni. Ċerti pajjiżi ser ikollhom rimedji addizzjonali disponibbli. Dawn il-mekkaniżmi ta' infurzar jistgħu jinkludu:

---

138 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 572.
139 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 582, għal diskussjoni dwar dan it-terminu.

a) Żamma tal-paga

687. Din hija azzjoni ta' infurzar li teħtieġ li impjegatur ta' debitur iżomm sehem mill-pagi jew is-salarju tad-debitur u jibgħat dawk il-fondi lill-awtorità ta' infurzar. Tista' tissejjaħ ukoll sekwestru jew trażżin tal-pagi. Iż-żamma tista' titnieda b'mod volontarju fuq talba tad-debitur, jew tista' tkun ir-riżultat ta' azzjoni mill-awtorità ta' infurzar.

b) Sekwestru

688. ***Sekwestru*** huwa l-interċezzjoni mill-awtorità ta' infurzar ta' fondi li kienu ser jitħallsu lil debitur. Avviż jew ordni ta' sekwestru jeħtieġu li l-persuna jew organizzazzjoni li kienet ser tħallas dawk il-fondi lid-debitur tħallashom lill-awtorità ta' infurzar, minflok, għall-benefiċċju tal-kreditur tal-manteniment. Skont il-liġijiet ta' infurzar tal-Istat responsabbli għall-infurzar, it-tipi ta' fondi li ġejjin jistgħu jkunu soġġetti għal sekwestru:

Sekwestru, trażżin u żamma *kollha huma termini użati fil-Konvenzjoni biex jiddeskrivu l-proċess ta' interċezzjoni ta' fondi li kieku jistgħu jitħallsu lil debitur qabel ma jitħallsu u dan il-proċess jeħtieġ li l-fondi jiġu ttrasferiti lill-awtorità kompetenti jew lil qorti jew awtorità amministrattiva. Imbagħad, il-fondi jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni biex jitħallas manteniment pendenti.*

- rifużjonijiet tat-taxxa,
- pagamenti f'daqqa,
- ħlasijiet tal-kirja jew pagamenti għal servizzi,
- kontijiet tal-bank,
- kummissjonijiet.

c) Tnaqqis mill-pagamenti tas-sigurtà soċjali

689. F'ċerti Stati, l-awtorità kompetenti ser tkun kapaċi tinfurza d-deċiżjoni dwar il-manteniment billi tnaqqas il-manteniment minn kull pagament tas-sigurtà soċjali jew ta' għajnuna mill-gvern li d-debitur huwa intitolat jirċievi.

d) Rahan jew bejgħ imġiegħel ta' proprjetà

690. Rahan huwa avviż ippreżentat kontra t-titolu jew ir-reġistrazzjoni ta' proprjetà tad-debitur. Jekk imbagħad il-proprjetà tinbiegħ, kull arretrat tal-manteniment pendenti ser jitħallas mir-rikavat tal-bejgħ. Rahan jista' jagħti wkoll lill-awtorità ta' infurzar id-dritt li tbigħ il-proprjetà (imsejjaħ bejgħ imġiegħel) u tirkupra l-manteniment mir-rikavat tal-bejgħ.

691. Rahan jista' jiġi ppreżentat kontra proprjetà reali (*pereż.*, art, dar jew bini) jew proprjetà personali (karozzi, dgħajjes, trejlers u pussessi simili).

e) Żamma tar-rifużjoni tat-taxxa

692. F'ċerti Stati, hemm proċess għall-gvern biex irodd lura lill-kontribwenti kull taxxa żejta mħallsa jew miżmuma. Il-kriterji għar-rifużjoni ser ivarjaw skont l-Istat. Ħafna Stati jippermettu lill-awtoritajiet ta' infurzar tal-manteniment jinterċettaw kull rifużjoni pagabbli lil debitur.

f) Żamma jew trażżin ta' benefiċċji tal-pensjoni

693. F'ċerti Stati, il-benefiċċji jew il-pagamenti tal-pensjoni li debitur huwa intitolat għalihom jistgħu jinqabdu u jintużaw biex jitħallas il-manteniment pendenti.

g) Rapportar tal-uffiċċju ta' kreditu

694. Ir-rapportar ta' obbligi tal-manteniment pendenti lil aġenzija ta' rapportar tal-kreditu huwa mekkaniżmu użat minn awtoritajiet ta' infurzar f'ċerti Stati biex jiżguraw li kull min iforni kreditu, bħal istituzzjoni finanzjarja, ikun jaf bl-obbligu tad-debitur li jħallas il-manteniment, u kull arretrat. Dan jista' jħalli impatt fuq il-ħila tad-debitur sabiex jikseb kreditu jew finanzjament ulterjuri.

h) Tiċħid, sospensjoni jew revoka tal-liċenzja

695. F'ċerti Stati, meta debitur ikollu arretrati tal-manteniment, tista' ssir talba mill-awtorità ta' infurzar sabiex jiġu ristretti jew imċaħħdin privileġġi tal-liċenzja lil debitur. Il-liċenzja tista' tkun liċenzja tas-sewqan, liċenzja tal-vetturi jew kull permess jew liċenzja speċjali oħrajn, bħal liċenzja professjonali, li ġiet identifikata skont il-liġi domestika. F'ċerti Stati dan huwa magħruf bħala żamma tal-liċenzja.

i) Medjazzjoni, konċiljazzjoni jew proċessi li jħeġġu konformità volontarja

696. Ħafna programmi ta' infurzar tal-manteniment sabu li sforzi biex titfittex konformità volontarja mid-debitur huma estremament effettivi biex jitħallsu l-arretrati u tonqos il-probabbiltà ta' inadempjenza fil-ġejjieni. L-assistenti soċjali f'dawn l-Istati ser jaħdmu mad-debitur biex jiżviluppaw pjan ta' ħlas li jiżgura li jsiru l-ħlasijiet għal kull arretrat pendenti tal-manteniment, minbarra l-pagamenti tal-manteniment kurrenti.

j) Miżuri oħrajn disponibbli skont il-liġi domestika

697. Miżuri oħrajn li jistgħu jkunu disponibbli skont il-liġi domestika tal-Istat li qed jinfurza d-deċiżjoni jistgħu jinkludu:

- tiċħid jew sospensjoni ta' privileġġi tal-passaport jew ir-restrizzjoni tad-dritt ta' debitur milli joħroġ mill-pajjiż,
- rapportar tad-debituri b'arretrati lil aġenziji ta' sorveljanza professjonali bħal assoċjazzjonijiet mediċi jew il-Kamra tal-Avukati,
- inkarċerazzjoni ta' debituri li nstab li huma kapaċi jħallsu, iżda mhumiex jikkonformaw intenzjonalment jew bi ksur tad-deċiżjonijiet tal-qorti sabiex iħallsu,
- interċezzjoni ta' fondi minn rikavati minn lotteriji, ħlasijiet tal-assigurazzjoni u kawżi,
- rekwiżiti strutturati ta' tiftix ta' impjieg, li jesiġu li d-debitur ifittex xogħol

D. Pagamenti

698. Ladarba l-awtorità ta' infurzar fl-Istat rikjest tirċievi l-pagamenti tal-manteniment, dawn ser jintbagħtu lill-kreditur fl-Istat rikjedenti. F'ħafna każijiet, il-pagamenti ser jgħaddu mid-debitur għall-awtorità ta' infurzar fl-Istat tad-debitur, u mbagħad għall-Awtorità Ċentrali rikjedenti jew il-kreditur, madankollu, ċerti Stati ser jibagħtu pagamenti direttament lill-kreditur fl-Istat rikjedenti.

699. Is-soltu, il-pagamenti li jsiru mid-debitur jgħaddu mill-awtorità ta' infurzar sabiex l-awtorità tkun tista' żżomm rekord preċiż tal-ammonti mħallsin u tistabbilixxi l-ammont korrett ta' arretrati. Dan huwa partikolarment imprtanti meta l-leġiżlazzjoni dwar l-infurzar fi Stat tistabbilixxi livell minimu għall-arretrati sabiex jintuża rimedju ta' infurzar speċifiku, jew meta l-Istat li jinforza jipprovdi lill-kreditur b'pagamenti tal-manteniment bil-quddiem.[140]

---

140 Pereżempju, ara l-leġiżlazzjoni tal-Kanada rigward is-sospensjoni jew it-tiċħid ta' passaport. Limitu ta' $3 000 f'arretrati jew inadempjenza ta' tliet xhur huma meħtieġa qabel ma tkun tista' tittieħed l-azzjoni.

700. Il-mekkaniżmi użati biex jiġu ttrasferiti l-fondi jvarjaw ħafna. Ċerti Stati jistgħu jibagħtu fondi b'mod elettroniku; oħrajn jużaw ċekkijiet jew strumenti monetarji oħrajn biex jibagħtu l-fondi. Ċerti Stati jibagħtu fondi darba fix-xahar biss, u jibagħtu l-pagamenti kollha minn dak l-Istat f'daqqa. Fi Stati oħrajn, kull pagament individwali jintbagħat malli jiġi riċevut mingħand debitur. Hemm ukoll differenzi bejn l-Istati f'termini ta' jekk il-pagamenti humiex ser jintbagħtu fil-munita tal-Istat mittenti, jew jekk il-pagamenti humiex ser jiġu kkonvertiti fil-munita tal-Istat tal-kreditur qabel jintbagħtu.

701. Il-Profil tal-Pajjiż ser jindika xi proċessi ser jintużaw mill-Istat responsabbli għall-infurzar sabiex jibgħat pagamenti lill-kreditur, u l-munita li fiha ser jintbagħat il-pagament.

E. Kwistjonijiet ta' infurzar

1. Kontestazzjonijiet għall-infurzar

702. Peress li l-infurzar huwa kwistjoni kważi kompletament lokali, ġeneralment il-kwistjonijiet ta' infurzar ser jiġu solvuti billi tintuża l-liġi interna tal-post ta' infurzar u kull proċedura stabbilita f'dak l-Istat għall-infurzar.

703. Dan huwa sostnut mid-dispożizzjoni fil-Konvenzjoni (Art. 32) li l-liġi tal-Istat "indirizzata" tapplika fi kwistjonijiet ta' infurzar.[141]

704. Hemm eċċezzjonijiet speċifiċi għall-applikazzjoni ġenerali tal-prinċipju li tapplika l-liġi tal-Istat li jinforza. Dawn huma diskussi hawn taħt.

Awtorità Ċentrali *hija l-awtorità pubblika magħżula minn Stat Kontraenti sabiex tirrilaxxa jew twettaq id-dmirijiet ta' kooperazzjoni u assistenza amministrattivi skont il-Konvenzjoni.*

Awtorità kompetenti *hija l-awtorità fi Stat Partikolari inkarigata jew awtorizzata skont il-liġijiet ta' dak l-Istat sabiex twettaq kompiti speċifiċi skont il-Konvenzjoni. Awtorità kompetenti tista' tkun qorti, aġenzija amministrattiva, programm ta' infurzar tal-manteniment għat-tfal jew kull entità oħra tal-gvern li twettaq uħud mill-kompiti assoċjati mal-Konvenzjoni.*

2. Limitazzjoni fuq il-ġbir ta' arretrati

705. Ċerti Stati għandhom limitazzjonijiet fil-liġijiet tagħhom li jipprevjenu l-ġbir ta' arretrati f'każijiet li fihom l-arretrati nġemgħu għal iktar minn numru speċifiku ta' snin (*pereż.*, prevenzjoni ta' arretrati li ilhom ma jinġabru iktar minn 10 snin). Iqumu kunflitti potenzjali meta perjodu ta' limitazzjoni fi Stat minnhom jidħol f'perjodu ta' limitazzjoni (jew nuqqas tiegħu) f'ieħor.

706. L-Artikolu 32(5) jipprovdi gwida f'din is-sitwazzjoni. Jiddikjara li l-perjodu ta' limitazzjoni għall-infurzar ta' arretrati jrid jiġi stabbilit mil-liġi tal-Istat ta' oriġini (l-Istat li ħa d-deċiżjoni) jew il-liġi tal-Istat fejn qed iseħħ l-infurzar, liema minnhom jipprovdi l-itwal perjodu.

---

141 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 571.

707. Minn perspettiva prattika, dan ser jeħtieġ li l-Istat ta' oriġini jipprovdi xi forma ta' verifika dwar il-perjodu ta' limitazzjoni li huwa applikabbli għal deċiżjonijiet meħudin f'dak l-Istat. F'ħafna każijiet, l-Istat ta' oriġini jkun ukoll l-Istat rikjedenti, u b'hekk dan it-tagħrif ma jkunx diffiċli li tiksbu. Il-Profil tal-Pajjiż għall-Istat ta' oriġini ser jindika wkoll x'inhu l-perjodu ta' limitazzjoni għall-ġbir tal-arretrati f'dak l-Istat.

708. Importanti li tiftakar li l-perjodu ta' limitazzjoni għall-ġbir tal-arretrati biss jaffettwa l-infurzar ta' arretrati dovuti skont id-deċiżjoni. L-obbligu li wieħed ikompli jħallas kull manteniment kurrenti jibqa' minkejja r-restrizzjoni fuq il-ġbir tal-arretrati.

3. Durata tal-obbligu tal-manteniment

709. It-tieni norma ġuridika speċifika applikabbli għall-infurzar hija fir-rigward tad-durata ta' obbligu tal-manteniment. L-Artikolu 32(4) jistipula li d-durata tad-deċiżjoni – jiġifieri, il-perjodu ta' żmien li għalih irid jitħallas il-manteniment – hija stabbilita mil-liġi tal-Istat ta' oriġini.

710. Durata tista' tiġi stabbilita skont l-età tat-tifel jew jista' jkun hemm kundizzjonijiet li fihom il-manteniment ma jibqax dovut għal tifel (*pereż.* meta t-tifel ilesti l-iskola). F'ċerti Stati, l-età li fiha l-manteniment jieqaf ikun dovut hija magħrufa bħala l-età ta' emanċipazzjoni. Fi Stati oħrajn, l-età tat-tifel hija biss wieħed mill-fatturi li jiddeterminaw id-durata tal-obbligu tal-manteniment għal tifel.

***Riserva** hija dikjarazzjoni formali minn Stat Kontraenti, permessa f'ċerti ċirkustanzi skont il-Konvenzjoni, li tispeċifika li l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni f'dak l-Istat ser tkun limitata b'xi mod.*

711. Madankollu, id-durata tal-obbligu tal-manteniment mhijiex l-istess bħall-eliġibbiltà għall-manteniment. L-eliġibbiltà hija d-dritt ta' tifel jew adult li jirċievi manteniment fuq il-bażi ta' ċerti kriterji stabbiliti bil-liġi, bħar-relazzjoni bejn ġenitur u tifel. Ladarba persuna tkun eliġibbli għal manteniment, id-durata ser tiġi stabbilita bħala terminu tad-deċiżjoni, jew ser tiġi satbbilita mil-liġi tal-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni.

712. Effettivament, dan ifisser li meta d-deċiżjoni li qed tiġi infurzata tkun waħda barranija, u fid-deċiżjoni ma tkun stabbilita l-ebda data ta' terminazzjoni, l-awtorità kompetenti responsabbli mill-infurzar ser ikollha tixtarr il-liġi barranija (il-liġi tal-Istat ta' oriġini) biex issib meta l-manteniment ma jibqax pagabbli iktar għat-tifel. Ser japplikaw dawk ir-regoli dwar id-durata, anki jekk il-liġi tar-residenza abitwali tat-tifel jew il-kreditur setgħet tirriżulta f'durata itwal jew iqsar. Dan ifisser ukoll li huwa possibbli li jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom id-durata ta' obbligu tal-manteniment (u għaldaqstant l-infurzar tad-deċiżjoni) ser tkun itwal jew iqsar għal deċiżjonijiet meħudin barra l-Istat li jinforza meta mqabbla ma' deċiżjonijiet meħudin f'dak l-Istat. Il-Profil tal-Pajjiż għall-Istat ta' oriġini ser jinkludi tagħrif dwar id-durata tal-manteniment għal deċiżjonijiet meħudin f'dak l-Istat.

***Dikjarazzjoni** hija stqarrija formali minn Stat Kontraenti fir-rigward ta' ċerti Artikoli jew rekwiżiti tal-Konvenzjoni.*

713. Ta' min ifakkar li t-terminazzjoni tal-manteniment għal tifel ibbażat fuq id-durata tal-obbligu tal-manteniment ma twaqqaf il-ġbir tal-ebda arretrat mhux imħallas tal-manteniment li seta' akkumula għal dak it-tifel. Dawk l-arretrati xorta jistgħu jinġabru, minkejja t-terminazzjoni tal-manteniment kurrenti.

714. Stat Kontraenti jista' jagħmel dikjarazzjoni skont il-Konvenzjoni li ser jestendi l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal ulied ta' 21 sena jew iktar, jew jagħmel riserva li tillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal minuri ta' inqas minn 18-il sena.

715. Il-Profil tal-Pajjiż għal kull Stat jistabbilixxi r-regoli f'dak l-Istat dwar id-durata tal-manteniment għat-tfal.

> ***Eżempju:*** *Deċiżjoni tittieħed fil-Pajjiż A, fejn il-manteniment għat-tfal huwa pagabbli biss għal tfal sakemm jagħlqu l-20 sena. Id-deċiżjoni tintbagħat lill-Pajjiż B għal rikonoxximent u infurzar. Il-Pajjiż B jinfurza l-manteniment għat-tfal skont il-liġi interna tiegħu biss għal tfal ta' inqas minn 19-il sena. Skont l-Artikolu 32(4), il-Pajjiż B irid jinfurza l-manteniment għat-tfal għal dak it-tifel sakemm it-tifel jagħlaq l-20 sena, għaliex id-durata hija stabbilita mil-liġi tal-Pajjiż A.*

Eċċezzjoni: ulied ta' 21 sena jew iktar

716. Madankollu, ir-referenza għal-liġi tal-Istat ta' oriġini għal kwistjonijiet dwar id-durata ma teħtieġx li xi Stat jinfurza manteniment għal żagħżugħ ta' 21 sena jew iktar, sakemm dak l-Istat ma jkunx estenda l-applikabbiltà tal-Konvenzjoni b'mod speċifiku għal dawk il-każijiet (ara l-Kapitolu 3). Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni huwa indipendenti mit-termini tad-deċiżjoni jew il-liġi tal-Istat ta' oriġini. Il-Konvenzjoni ma tibqax tapplika għal deċiżjonijiet dwar il-manteniment ladarba żagħżugħ ikollu 21 sena u b'hekk ma jkun hemm l-ebda obbligu ieħor skont il-Konvenzjoni sabiex jitkompla l-infurzar tal-manteniment għal dak iż-żagħżugħ.

717. F'każ bħal dan, l-applikant ser ikollu jagħmel talba diretta lill-awtorità ta' infurzar kompetenti sabiex tkompli bl-infurzar tad-deċiżjoni. Jekk it-tali applikazzjoni hijiex ser tkun aċċettata ser ikun jiddependi mill-politiki tal-awtorità ta' infurzar u l-liġi tal-Istat fejn qed iseħħ l-infurzar.

4. Tilwim dwar l-arretrati

718. Tilwim dwar l-arretrati jqum meta debitur jallega li l-arretrati huma żbaljati għaliex għamel pagamenti li ma ttiħdux f'kunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-arretrati mill-aġenzija ta' infurzar. Jista' jkun hemm ukoll tilwim dwar l-interpretazzjoni tad-deċiżjoni (*pereż.*, rigward id-data ta' bidu jew tmiem għal pagamenti skont id-deċiżjoni) jew id-debitur jista' jallega li huwa intitolat għal tnaqqis fil-manteniment, pereżempju, għaliex il-manteniment ma għadux dovut għal wieħed mit-tfal.

719. Meta d-debitur jikkontesta l-arretrati li kienu parti mit-talba inizjali għal rikonoxximent u infurzar, l-awtorità ta' infurzar għandha tivverifika jekk tqajmitx l-istess kwistjoni meta d-debitur ġie nnotifikat dwar l-applikazzjoni għal rikonoxximent. Skont l-Artikolu 23(8) ir-rispondent jista' jikkontesta jew jappella rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar jekk ir-rispondent jemmen li d-dejn infeda jew tħallas. Jekk l-arretrati ġew ikkontestati f'dak iż-żmien, u l-kontestazzjoni kienet suċċess, minbarra f'ċirkustanzi mhux tas-soltu d-debitur ma jistax jerġa' jqajjem l-istess kwistjoni fil-proċedimenti ta' infurzar fir-rigward ta' dawk l-arretrati, għad li debitur jista' jikkontesta l-kalkolu ta' arretrati oħrajn.

720. Ċerti kwistjonijiet dwar l-arretrati ser ikunu jeħtieġu l-kontribut tal-Awtorità Ċentrali rikjedenti jew il-kreditur. Jekk trid tikseb tagħrif, l-Awtorità Ċentrali jew l-awtorità kompetenti responsabbli mill-infurzar ser tidħol f'kuntatt mal-Awtorità Ċentrali jew l-awtorità kompetenti fl-Istat l-ieħor u titlob it-tagħrif jew id-dokumenti meħtieġa.

721. Jekk it-tagħrif ma jasalx, u l-infurzar ma jistax ikompli, għandha ssir talba oħra. Għad li l-Awtorità Ċentrali rikjedenti għandha **tliet xhur** biex twieġeb u tipprovdi t-tagħrif meħtieġ, u l-infurzar jista' jitwaqqaf jekk il-materjal ma jkunx riċevut, dan għandu jsir biss meta infurzar ulterjuri ma jkunx possibbli jew prattiku. F'ħafna każijiet, xorta ser ikun possibbli li jiġi infurzat il-manteniment li jifdal skont id-deċiżjoni, filwaqt li jkunu qed jiġu stabbiliti l-arretrati.

Prattika tajba: *Meta jkun hemm tilwima dwar sehem mill-arretrati, l-arretrati li jifdal (mhux ikkontestati) u l-manteniment kurrenti xorta għandhom jiġu infurzati, filwaqt li tkun għadha qed tiġi solvuta l-kwistjoni.*

5. Rikonċiljazzjoni tal-kontijiet – kwistjonijiet dwar il-kambju

722. Wieħed mill-iktar aspetti ibsin fl-infurzar internazzjonali tal-obbligi tal-manteniment huwa r-rikonċiljazzjoni tar-rekords tal-pagamenti tal-Istat rikjedenti ma' dawk tal-Istat li jinforza, biex jiġu stabbiliti bi preċiżjoni l-arretrati tal-manteniment. Din tista' tkun kwistjoni importanti meta d-deċiżjoni li tkun qed tiġi infurzata tkun deċiżjoni barranija, u l-ammonti tal-manteniment fid-deċiżjoni huma ddikjarati f'munita differenti minn dik użata fl-Istat responsabbli għal infurzar. F'ħafna Stati, sabiex tiġi infurzata d-deċiżjoni, l-ammonti tal-manteniment ser ikollhom jinqalbu mill-munita użata fid-deċiżjoni għal ammont ekwivalenti fil-munita tal-Istat li jinforza. Imbagħad, id-debitur ser jintalab iħallas l-ammont li nqaleb fil-munita lokali.

723. Ir-regoli li jirregolaw din il-konverżjoni (id-data kkonvertita, ir-rata tal-kambju użata, jekk ir-rata tal-kambju tistax tiġi aġġornata u l-bqija) ser ikunu dawk tal-Istat li huwa responsabbli għall-infurzar. F'ħafna Stati, ma hemm l-ebda mekkaniżmu (fil-liġi jew fil-prattika) sabiex tinbidel din il-konverżjoni tal-muniti ladarba tkun saret u b'hekk, ir-rekords tal-Istat rikjest (ta' infurzar) u l-Istat rikjedenti ser ivarjaw peress li r-rata tal-kambju tvarja maż-żmien.

724. Minbarra l-konverżjoni tal-ammont tal-manteniment dovut mill-munita tad-deċiżjoni fil-munita tad-debitur, kull pagament magħmul mid-debitur ser ikollu jinqaleb għall-munita tal-kreditur ukoll. Meta r-rata tal-kambju tiċċaqlaq, dan jista' jwassal għal differenzi bejn l-ammonti dovuti kif ikkalkolati fil-kotba ta' kull Stat.

725. Ma hemm l-ebda soluzzjoni sempliċi għal din il-kwistjoni. Il-Konvenzjoni ma tindirizzahiex. Jekk ir-rekords tal-Istat li huwa responsabbli mill-infurzar jistgħux jiġu aġġornati b'mod perjodiku biex jaqblu ma' dawk tal-Istat rikjedenti ser jiddependi mil-liġi u l-prattika tal-Istat li jinforza. Ċerti Stati jistgħu jibdlu r-rekords tagħhom b'mod amministrattiv; fi Stati oħrajn, dan la huwa permess u lanqas prattiku.

Rikonċiljazzjoni tal-kontijiet: Eżempju

F'Diċembru 2010 fl-Awstralja ttieħdet deċiżjoni dwar il-manteniment li tistabbilixxi l-manteniment għat-tfal għal $400 AU fix-xahar. Id-deċiżjoni ntbagħtet lill-Pajjiżi l-Baxxi sabiex tiġi infurzata. Dak iż-żmien l-ammont inqaleb għal EUR 237,65 u d-debitur intalab iħallas dak l-ammont kull xahar.

Madankollu, sa Diċembru 2012, $400 AU saru jsarrfu EUR 202,56 biss. Ir-rekords tal-Awstralja ser ikomplu juru $400 AU fix-xahar filwaqt li r-rekords tal-Pajjiżi l-Baxxi ser ikomplu juru EUR 237,65 fix-xahar, jekk ir-rata tal-kambju ma ġietx aġġornata. Dan jista' joħloq "pagament eċċessiv" ta' EUR 35 fix-xahar jekk id-debitur jibqa' jħallas kif intalab oriġinarjament.

726. Madankollu, ta' min ifakkar li kull konverżjoni tal-ammont tal-manteniment f'munita differenti ma jimmodifikax u lanqas ma jvarja d-deċiżjoni bażi. Id-debitur jibqa' dovut l-ammont stabbilit fid-deċiżjoni oriġinali dwar il-manteniment. Id-dejn tal-manteniment ma jitħallasx bis-sħiħ sakemm jitħallas l-ammont sħiħ dovut fil-munita stabbilita fid-deċiżjoni dwar il-manteniment. Li kieku d-debitur kellu jmur lura fl-Istat

fejn ittieħdet id-deċiżjoni, l-ammont dovut jiġi kkalkolat billi tintuża l-munita tal-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni. Madankollu, l-infurzar tad-deċiżjoni fl-Istat barrani jista' jkun limitat mill-konverżjoni tal-munita.

727. L-isfidi affaċċjati minħabba ċaqliq fir-rata tal-kambju jixħtu dawl fuq il-bżonn ta' komunikazzjonijiet kontinwi bejn l-Istat rikjedenti u dak rikjest. Huwa ferm importanti li l-Istati jżommu lil xulxin informati dwar kif ġew ikkalkolati l-arretrati, u kull regola domestika li tirregola dak il-kalkolu. L-Istat rikjedenti jista' jkollu bżonn jassisti wkoll lill-applikant sabiex jikseb kull dokument jew deċiżjoni addizzjonali li jikkonfermaw l-arretrati pendenti, jekk dawn huma meħtieġa mill-Istat li jinforza sabiex jiġġustifika l-ġbir tal-arretrati li akkumulaw minħabba ċaqliq fir-rata tal-kambju.

III. Materjali addizzjonali

A. *Pariri prattiċi*

- Il-Profil tal-Pajjiż għal kull Stat Kontraenti ser jindika x'miżuri ta' infurzar huma disponibbli f'dak l-Istat. Hemm differenzi konsiderevoli bejn l-Istati, u għalhekk importanti li jinqara l-profil ta' kull Stat.
- Avża lill-applikant / kreditur dwar il-passi li jistgħu jittieħdu biex tiġi infurzata d-deċiżjoni. Dan ser jgħin lill-kreditur fil-fehim tiegħu dwar kull limitazzjoni fl-infurzar tad-deċiżjoni.
- F'ċerti każijiet, kuntatt mad-debitur malajr kemm jista' jkun biex jinkisbu pagamenti volontarji ser ikun l-iktar mod ħafif biex jiġi żgurat li l-pagament jibdew għaddejjin għall-kreditur u t-tfal. Madankollu, importanti li tiftakar li l-passi kollha meħudin għal infurzar tad-deċiżjoni, kemm jekk permezz ta' konformità volontarja jew miżuri ta' infurzar, għandhom jittieħdu mingħajr dewmien u bl-għan li jiġi żgurat li l-pagamenti jsiru fil-ħin u skont id-deċiżjoni.
- Importanti li kwalunkwe tagħrif ġdid li l-kreditur jista' jkollu dwar l-assi jew id-dħul tad-debitur jiġi kkomunikat fil-ħin lill-awtorità kompetenti responsabbli mill-infurzar. Dan ser jgħin lil dik l-awtorità fl-infurzar tad-deċiżjoni tagħha.
- Il-Formola ta' Rapportar tal-Istatus tipprovdi mod sempliċi sabiex l-awtorità kompetenti fl-Istat li qed tinfurza d-deċiżjoni żżomm lill-Istat rikjedenti aġġornat dwar l-iżviluppi. Minbarra li tgħarraf dwar il-miżuri ġodda meħudin, jistgħu jiddaħħlu rekord jew lista ta' pagamenti riċevuti mill-aġenzija ta' infurzar. Dan ser jgħin lill-Istat rikjedenti sabiex jirrikonċilja r-rekords tiegħu u jaġġorna kull bilanċ arretrat.
- Meta l-aġenziji ta' infurzar ikunu involuti kemm fl-Istat rikjest kif ukoll dak rikjedenti, komunikazzjonijiet frekwenti bejn dawk l-aġenziji ser iżidu l-probabbiltà li jirnexxi l-infurzar tad-deċiżjoni. F'ċerti każijiet, jista' jkun prudenti li jitnieda l-infurzar fiż-żewġ Stati sabiex jiġi żgurat li d-dħul u l-assi kollha jithemżu kif xieraq.

B. *Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni*

L-Artikolu 6(2) *e*) u *f)*
L-Artikolu 12(9)
L-Artikolu 32
L-Artikolu 33
L-Artikolu 34
L-Artikolu 35

C. Taqsimiet relatati tal-Manwal

Ara l-Kapitolu 3, Parti 2 – Kwistjonijiet komuni għall-applikazzjonijiet kollha skont il-Konvenzjoni u għal Talbiet għal Miżuri Speċifiċi
Ara l-Kapitolu 4 – L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet mibgħuta għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar
Ara l-Kapitolu 8 – Applikazzjonijiet mibgħuta għall-istabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment

IV. Mistoqsijiet Frekwenti

X'passi ser jieħu Stat Kontraenti biex jinfurza deċiżjoni?

728. Dan ser jiddependi mill-Istat fejn qed tiġi infurzata d-deċiżjoni. Il-Konvenzjoni tistabbilixxi lista ta' miżuri rakkomandati, iżda mhux kollha ser ikunu disponibbli f'kull Stat Kontraenti, u ċerti Stati jistgħu jużaw miżuri oħrajn. Tal-inqas, l-Istat li jinforza irid juża l-istess miżuri għall-infurzar ta' deċiżjonijiet barranin bħal dawk għal deċiżjonijiet domestiċi. X'passi jittieħdu ser jiddependi wkoll minn jekk jirnexxiex xi tentattiv biex id-debitur jitħeġġeġ ħalli jikkonforma mad-deċiżjoni minn jeddu.

Il-pagamenti kif ser jintbagħtu lill-applikant?

729. F'ħafna każijiet, il-pagamenti li jsiru mid-debitur ser jintbagħtu lill-awtorità ta' infurzar fl-Istat fejn qed isir l-infurzar. Dik l-awtorità ser tibgħathom lill-kreditur direttament jew lill-Awtorità Ċentrali jew l-awtorità ta' infurzar fl-Istat fejn jgħix il-kreditur. Il-formola ta' applikazzjoni tal-bidu (*pereż.* l-Applikazzjoni għal Rikonoxximent jew Rikonoxximent u Infurzar) fiha dispożizzjonijiet sabiex il-kreditur jindika fejn għandhom jintbagħtu l-pagamenti.

Kemm ser jgħaddi żmien qabel ma l-kreditur jibda jirċievi pagamenti?

730. Dak ser jiddependi fuq għadd ta' fatturi. Ser jiddependi fuq jekk id-debitur iħallasx minn jeddu jew jekk iridux jittieħdu azzjonijiet ta' infurzar. Dan ser jieħu iktar żmien ukoll jekk iridu jsiru tiftixiet biex jinstab fejn jgħix id-debitur, jew fejn għandu dħul jew assi.

Kapitolu 11
Applikazzjonijiet għal modifika ta' deċiżjoni (Art. 10(1) *e)* u *f)* u 10(2) *b)* u *c)*)

731. Il-Kapitoli f'dan il-Manwal li jittrattaw il-modifika huma mqassim b'mod differenti minn dawk li jittrattaw applikazzjonijiet u talbiet oħrajn skont il-Konvenzjoni. Minflok kapitoli separati li jittrattaw applikazzjonijiet mibgħuta u riċevuti, hemm kapitolu wieħed (dan il-Kapitolu) li jagħti ħarsa ġenerali lejn il-mod li bih il-Konvenzjoni tapplika għal applikazzjonijiet miftuħin minn debituri jew krediturі għal modifika ta' deċiżjonijiet eżistenti dwar il-manteniment. Imbagħad, il-kapitolu ta' wara (Kapitolu 12) jipprovdi l-proċeduri kemm għall-applikazzjonijiet mibgħuta kif ukoll dawk riċevuti għal modifika.

732. Il-Manwal tqassam b'dan il-mod għal applikazzjonijiet għal modifika, peress li l-interazzjonijiet bejn id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, iċ-ċirkustanzi tal-partijiet (fejn jgħixu, fejn ittieħdet id-deċiżjoni) u jekk l-applikazzjoni hijiex qed tinfetaħ minn kreditur jew debitur kollha jinfluwenzaw meta u kif għandha tinfetaħ applikazzjoni għal modifika. Għalhekk, dan il-Kapitolu jkopri kull wieħed mix-xenarji fattwali possibbli, u jagħti spjegazzjoni dettaljata tal-proċessi ta' modifika disponibbli f'kull wieħed. Dan il-Kapitolu ser jgħin lill-assistenti soċjali sabiex jifhmu uħud mill-kwistjonijiet sottostanti fir-rigward tal-modifika, biex b'hekk jipprovdu l-isfond meħtieġ għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet, li huwa kopert fil-Kapitolu 12.

733. L-ewwel parti ta' dan il-Kapitolu tagħti ħarsa ġenerali lejn il-modifika fil-kuntest internazzjonali b'mod ġenerali. It-tieni parti tkopri applikazzjonijiet għal modifika f'erba' xenarji fattwali differenti.

I. Ħarsa ġenrali – modifika ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment

A. Ġenerali

734. Peress li l-manteniment, b'mod partikolari l-manteniment għat-tfal, jista' jitħallas għal bosta snin, u l-ħtiġijiet tat-tfal u l-mezzi tal-ġenituri ser jinbidlu matul dak iż-żmien, il-ħila ta' modifika ta' deċiżjoni dwar il-manteniment hija importanti sabiex jiġi żgurat li t-tfal u l-familji jirċievu l-appoġġ li jeħtieġu. Għaldaqstant, il-Konvenzjoni tinkludi dispożizzjonijiet għal Awtoritajiet Ċentrali sabiex tgħinhom fit-trażmissjoni u l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal modifika ta' deċiżjonijiet, u l-Konvenzjoni tinkludi wkoll regoli għal rikonoxximent u infurzar sussegwenti ta' dawk id-deċiżjonijiet immodifikati meta jkun hemm bżonn.[142]

735. Skont l-Artikolu 10, applikazzjoni għal ***modifika*** ta' deċiżjoni eżistenti tista' ssir meta waħda mill-partijiet, kreditur jew debitur, tfittex modifika (f'xi Stati magħrufa wkoll bħala bidla jew varjazzjoni) tad-deċiżjoni. Kreditur jista' jfittex żieda fil-manteniment, terminazzjoni tal-manteniment għal tifel jew tfal, jew modifika fit-termini bħall-frekwenza tal-pagament. B'mod simili, debitur jista' jfittex modifika – spiss għal tnaqqis tal-ammont pagabbli, għal

Modifika *hija l-proċess ta' bidla ta' deċiżjoni dwar il-manteniment wara li tkun ittieħdet. F'ċerti Stati, din hija magħrufa bħala applikazzjoni għal varjazzjoni jew applikazzjoni għal bidla. Il-modifika tista' tkun relatata mal-ammont tal-manteniment, il-frekwenza jew xi terminu ieħor tad-deċiżjoni dwar il-manteniment.*

142 Rapport Spjegattiv, para. 258.

terminazzjoni tal-manteniment għal tifel jew tfal, jew għal modifika t-termini tal-pagament ukoll. Il-modifika tista' ssir ukoll sempliċiment sabiex jiġi żgurat li l-pagament tal-manteniment jirrifletti d-dħul attwali tad-debitur. L-Awtorità Ċentrali fi Stat rikjedenti, fejn jgħix l-applikant, ser tkun involuta fit-trażmissjoni tat-talba għal modifika lill-Istat Kontraenti l-ieħor.

736. L-Istati Kontraenti kollha għandhom proċeduri biex jippermettu li jiġu pproċessati applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni għal varjazzjoni jew modifika ta' obbligi tal-manteniment, jew permezz tal-modifika tad-deċiżjoni eżistenti jew bil-ħruġ ta' deċiżjoni ġdida dwar il-manteniment.[143] Madankollu, ta' min ifakkar li f'ħafna każijiet, il-merti tal-applikazzjoni għal modifika ser ikunu stabbiliti skont il-liġi tal-Istat rikjest.[144] Stati Kontraenti jista' jkollhom liġijiet ferm differenti dwar il-motivi li jridu jiġu stabbiliti qabel ma tkun tista' titħalla ssir modifika ta' deċiżjoni.[145] Il-Profil tal-Pajjiż tal-Istat rikjest jipprovdi spjegazzjoni ta' x'ser ikun irid jiġi stabbilit skont il-liġi domestika tal-Istat rikjest sabiex l-applikazzjoni tirnexxi.

737. Ta' min jinnota li l-applikazzjonijiet għal modifika li jitolbu tnaqqis jew tħassir ta' arretrati jistgħu jiġu ttrattati b'modi ferm differenti fl-Istati Kontraenti. Ċerti Stati jaf ma jħallu ssir l-ebda modifika ta' arretrati, u anki meta tittieħed deċiżjoni li timmodifika l-arretrati, dik il-modifika mhux bilfors tiġi rikonoxxuta fi Stat ieħor. Iżda kull meta applikant ifittex li jimmodifika arretrati tal-manteniment, għandu jikkonsulta l-Profili tal-Pajjiż taż-żewġ Stati biex jara jekk hijiex ser tkun possibbli l-modifika, u jekk id-deċiżjoni hija mmodifikata, jekk it-tħassir tal-arretrati huwiex ser jiġi rikonoxxut.

738. Id-disponibbiltà tal-assistenza legali fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal modifika hija kunsiderazzjoni importanti wkoll fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal modifika li jinfetħu minn debitur. Kif jintqal iktar 'il quddiem fil-Kapitolu 12, ma hemm l-ebda dritt awtomatiku għal assistenza legali b'xejn fir-rigward ta' applikazzjoni ta' debitur għal modifika (Art. 17). Iżda meta l-applikazzjoni għal modifika tinfetaħ minn kreditur u tikkonċerna manteniment għat-tfal li jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, il-kreditur ser ikun intitolat għal assistenza legali b'xejn.

739. Importanti wkoll li l-Konvenzjoni tipprovdi biss gwida bażika dwar it-tipi ta' applikazzjonijiet għal modifika li jistgħu jsiru permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali, u ċerti regoli ferm limitati dwar kif l-Istati Kontraenti għandhom jittrattaw deċiżjonijiet barranin dwar il-modifika ladarba jittieħdu.

740. Għaldaqstant, ser ikun hemm sitwazzjonijiet li jfeġġu matul il-ġestjoni ta' każijiet internazzjonali li fihom il-Konvenzjoni ma tipprovdi l-ebda gwida speċifika. F'dawn il-każijiet, l-Istati individwali ser ikollhom isolvu kull kwistjoni b'referenza għal-liġi domestika tagħhom u l-prinċipji globali tal-Konvenzjoni li jeħtieġu li l-Istati jikkooperaw ma' xulxin biex jippromwovu soluzzjonijiet effiċjenti, kosteffikaċi u ġusti, u jħeġġu soluzzjonijiet li jsostnu l-objettiv ta' rkupru tal-manteniment għat-tfal u għall-familja.

---

143 Għad li dan il-Kapitolu jiddiskuti s-sitwazzjoni li fiha Stat jintalab jimmodifika deċiżjoni preċedenti, japplika bl-istess mod f'sitwazzjonijiet li fihom il-liġi domestika ma tippermettix li tittieħed deċiżjoni mmodifikata, iżda deċiżjoni ġdida biss. Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 264.

144 Ċerti Stati ser japplikaw il-liġi barranija u mhux dik domestika f'dawn l-applikazzjonijiet. Meta Stat ikun Parti għall-Protokoll tal-Aja dwar il-Liġi Applikabbli għal Obbligi tal-Manteniment, din il-liġi ser tkun tapplika għal modifika tad-deċiżjonijiet.

145 F'ċerti Stati, il-modifika ta' deċiżjoni li ssir minn Stat ieħor mhijiex ser tiġi rikonoxxuta jekk it-tifel jew waħda mill-partijiet ikomplu jgħixu fl-Istat ta' oriġini. Dan jista' jaffettwa jekk ikunx effettiv li titfittex modifika barra mill-Istat ta' oriġini.

B. Fejn tista' ssir talba diretta jew applikazzjoni għal modifika u huwa possibbli li ssir applikazzjoni skont il-Konvenzjoni?

741. Il-Konvenzjoni ma tipprovdix "regoli diretti" ta' stabbiliment tal-ġurisdizzjoni meta Stat Kotnraenti jista' jimmodifika deċiżjoni dwar il-manteniment meħuda fi Stat Kontraenti ieħor. Dan kważi dejjem ser ikun f'idejn il-liġi domestika. L-unika sitwazzjoni li fiha l-Konvenzjoni tindirizza b'mod speċifiku l-ħila ta' modifika ta' deċiżjoni hija marbuta ma' applikazzjonijiet għal modifika miftuħin minn debitur fi Stat differenti li mhuwiex l-Istat ta' oriġini, meta l-kreditur jgħix fl-Istat ta' oriġini (Art. 18).[146]

*L-**Istat ta' oriġini** huwa l-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni dwar il-manteniment.*

742. Billi tipprovdi li jistgħu jsiru ***applikazzjonijiet*** għal modifika skont il-Konvenzjoni, u billi tipprovdi regoli li jikkonċernaw meta deċiżjonijiet (inklużi dawk immodifikati) jistgħu jiġu rikonoxxuti u infurzati, il-Konvenzjoni tipprovdi qafas li jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-partijiet f'sitwazzjonijiet li fihom trid tiġi mmodifikata d-deċiżjoni inizjali. Il-Konvenzjoni tippermetti għal proċess kosteffiċjenti u ssimplifikat sabiex il-krediturі jew id-debituri jiftħu applikazzjonijiet għal modifika, meta l-parti l-oħra tkun tgħix fi Stat Kontraenti differenti, biex f'ħafna każijiet jitneħħa l-bżonn ta' parti li teħtieġ modifika milli tivvjaġġa u tmur fl-Istat l-ieħor biex tagħmel l-applikazzjoni.[147]

Idea tajba: *Fi ħdan dan il-Manwal ser tara li ssir distinzjoni bejn **talbiet** u **applikazzjonijiet**. Applikazzjoni hija azzjoni skont il-Konvenzjoni li tgħaddi minn Awtorità Ċentrali, bħal applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar. Talba diretta hija azzjoni li tmur direttament għand awtorità kompetenti, bħal talba għal stabbiliment ta' appoġġ għal manteniment għall-konjuġi biss, meta l-ebda wieħed mill-Istati Kontraenti ma jkun estenda l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawk it-talbiet. Ara l-Kapitolu 16 għal tagħrif dwar talbiet diretti.*

743. F'ħafna sitwazzjonijiet, applikant, li jkun kreditur jew debitur, jista' jkollu għadd ta' għażliet f'termini ta' fejn jista' japplika għal modifika, u jekk il-Konvenzjoni għandhiex tintuża biex jiftaħ applikazzjoni. L-applikant jista' jiddeċiedi li:

- jagħmel applikazzjoni skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u jara li l-applikazzjoni tintbagħat sabiex tinfetaħ fl-Istat fejn tgħix il-parti l-oħra, jew
- jagħżel li jivjaġġa fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni jew fejn tgħix il-parti l-oħra u jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti f'dak l-Istat l-ieħor, jew
- jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fl-Istat tiegħu stess, b'mod partikolari meta jkun għadu jgħix fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni.

744. Liema minn dawn l-għażliet għandha tintuża minn applikant f'każ partikolari ser jiddependi minn:

- ir-residenza tal-applikant u jekk huwiex fl-Istat ta' oriġini (l-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni),
- fejn jgħix id-debitur,
- jekk il-liġi fl-Istat fejn ser issir l-applikazzjoni jew it-talba diretta tippermettix għat-tip ta' modifika mfittxija (ara l-kummenti iktar 'il fuq dwar modifika ta' arretrati),
- jekk huwiex ser ikun hemm xi diffikultà fil-kisba ta' deċiżjoni mmodifikata rikonoxxuta fl-Istat fejn ser tiġi infurzata,

---

146 Rapport Spjegattiv, para. 415. Ara l-Art. 18 dwar applikazzjonijiet għal modifika magħmula minn debitur.

147 Kun af li f'ċerti każijiet, xorta jista' jkun hemm bżonn li jsiru vjaġġi jekk il-kwistjoni ma tkunx tista' tipproċedi permezz tal-Awtorità Ċentrali.

- it-tul ta' żmien meħtieġ sabiex titlesta l-applikazzjoni. Dan jista' jkun ta' importanza partikolari meta kreditur ikun jeħtieġ żieda fil-manteniment biex ikopri l-ispejjeż li qed jiżdiedu tat-trobbija tat-tfal,
- jekk Stat minnhom joffrix proċess mgħaġġel fir-rigward tal-modifika – pereżempju l-proċeduri ta' rivalutazzjoni disponibbli fl-Awstralja – dan jista' jippermetti li jsiru aġġusatmenti frekwenti meta l-partijiet ikunu jeħtieġu dan.

745. Ta' min jiftakar li l-għażliet tad-debitur li jikkonċernaw il-modifika ser ikunu iktar limitati minn tal-kreditur minħabba l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni.

746. L-istabbiliment ta' fejn tinfetaħ applikazzjoni għal modifika jew talba diretta huwa kwistjoni kumplessa u l-applikanti għandhom jitħeġġu jiksbu pariri legali oħrajn jekk għandhom xi mistoqsija jew tħassib.

747. Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li peress li l-Konvenzjoni tista' tkun applikabbli biss f'sett limitat ta' ċirkustanzi, huwa possibbli li l-modifiki jew l-istabbiliment ta' deċiżjonijiet ġodda li jseħħu joħolqu deċiżjonijiet multipli fir-rigward tal-istess familja, jew applikant u rispondent. Kull meta dan ikun possibbli, għandha tiġi evitata azzjoni li tirriżulta f'deċiżjonijiet multipli, għaliex l-inċertezza kkaġunata mid-deċiżjonijiet, u r-riżorsi meħtieġa biex jiġu solvuti l-kwistjonijiet, ser ixekklu l-infurzar effettiv ta' dawk id-deċiżjonijiet.

II. Eżempji

748. Din it-taqsima turi x-xenarji ta' modifika possibbli, u s-sitwazzjonijiet li fihom jistgħu jinfetħu applikazzjonijiet għal modifika billi jintużaw il-proċeduri tal-Konvenzjoni. L-applikazzjonijiet għal modifika jitqassmu f'erba' gruppi ta' xenarji possibbli:

1 meta l-kreditur ikun jgħix fl-Istat li ħa d-deċiżjoni inizjali (l-Istat ta' oriġini), iżda d-debitur le,
2 meta d-debitur ikun jgħix fl-Istat ta' oriġini iżda l-kreditur le,
3 meta la d-debitur u lanqas il-kreditur ma jkunu jgħixu fl-Istat ta' oriġini, u jgħixu fi Stati differenti,
4 meta la d-debitur u lanqas il-kreditur ma jkunu jgħixu fl-Istat ta' oriġini u issa t-tnejn jgħixu fl-istess Stat.

749. F'kull eżempju, il-kunsiderazzjonijiet fundamentali huma:

- Fejn ittieħdet id-deċiżjoni?
- Il-kreditur issa fejn jgħix?
- Id-debitur fejn jgħix?
- Id-deċiżjoni mmodifikata fejn trid tiġi rikonoxxuta u infurzata?

750. Għal kull eżempju, ġiet ipprovduta illustrazzjoni tal-għażliet.

A. Eżempju 1: Debitur telaq mill-Istat ta' oriġini, il-kreditur le

Sitwazzjoni fattwali:

751. Dan ser ikun wieħed mill-iktar xenarji komuni. Id-deċiżjoni dwar il-manteniment ittieħdet fil-Pajjiż A. Issa d-debitur jgħix fil-Pajjiż B. Il-kreditur għadu residenti fil-Pajjiż A. Id-deċiżjoni ntbagħtet lill-Pajjiż B biex tiġi rkonoxxuta u qed tiġi infurzata fil-Pajjiż B. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.



Figura 28: Applikazzjonijiet għal modifika meta l-kreditur ikun jgħix fl-Istat ta' oriġini

1. Jekk il-kreditur jixtieq jimmodifika

752. Spiss il-kreditur ser jitlob sabiex id-deċiżjoni mmodifikata tkopri l-ispejjeż dejjem ikbar tat-trobbija tat-tfal. F'din is-sitwazzjoni, il-kreditur għandu għadd ta' opzjonijiet.

a) Opzjoni 1 – japplika skont l-Artikolu 10(1) *f)* tal-Konvenzjoni

753. F'din is-sitwazzjoni, il-kreditur jista' jiftaħ applikazzjoni skont l-Artikolu 10(1) *f)* biex id-deċiżjoni tiġi mmodifikata fil-Pajjiż B, fejn issa d-debitur għandu r-***residenza abitwali*** tiegħu. Jekk il-kreditur jagħmel din l-għażla, l-applikazzjoni ser tintbagħat mill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B ser tgħaddi l-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż B, u l-kwistjoni ser tipproċedi fil-Pajjiż B skont il-liġi domestika tal-Pajjiż B (inklużi r-regoli ġurisdizzjonali tiegħu), u d-deċiżjoni tista' tiġi mmodifikata.

*It-terminu **residenza abitwali** mhuwiex iddefinit fil-Konvenzjoni. Jintuża f'għadd ta' Artikoli tal-Konvenzjoni b'rabta ma' jekk deċiżjoni tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata. Il-fatti individwali f'kull każ ser jistabbilixxu jekk persuna hijiex resident abitwali fi Stat. Determinazzjoni tar-residenza abitwali tista' tkun imsejsa fuq fatti bħal fejn tgħix il-persuna, fejn il-persuna għandha r-residenza primarja (jew ewlenija) tagħha, fejn taħdem jew tmur l-iskola. Is-sempliċi preżenza fi Stat mhijiex ser tkun biżżejjed biex tiġi stabbilita residenza abitwali.*

754. Id-deċiżjoni mmodifikata ma għandhiex bżonn tiġi rikonoxxuta qabel ma tkun tista' tiġi infurzata fil-Pajjiż B, peress li ttieħdet minn awtorità kompetenti fil-Pajjiż B. Il-formola ta' applikazzjoni għall-modifika ser tindika jekk l-applikant huwiex qed jitlob infurzar tad-deċiżjoni mmodifikata. Jekk iva, il-kreditur (applikant) ma għandu bżonn jagħmel xejn iktar, jekk l-infurzar tad-deċiżjoni jkompli jsir fil-Pajjiż B. Jekk id-debitur imur jgħix jew jekk għandu assi jew dħul barra l-Pajjiż B, id-deċiżjoni mmodifikata, ovvjament, ikollha tiġi rikonoxxuta f'dawk l-Istati l-oħrajn. Ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni mmodifikata fil-Pajjiż A (fejn jgħix l-applikant) mhuwiex ser ikun meħtieġ sakemm dan ma jkunx meħtieġ mill-liġi domestika tal-Pajjiż A, jew id-debitur ikollu assi jew dħul fil-Pajjiż A u l-infurzar ikun irid iseħħ hemmhekk.

755. Għaldaqstant, b'din l-għażla l-kreditur ser ikun qed japplika skont il-Konvenzjoni għal modifika tad-deċiżjoni, u l-proċeduri deskritti f'dan il-Kapitolu u l-Kapitolu 12 japplikaw għal dik l-applikazzjoni.

b) Opzjoni 2 – agħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż A

756. Il-Konvenzjoni ma tapplikax għal modifika li ssir billi tintuża din l-għażla.

757. Peress li d-deċiżjoni inizjali ttieħdet fil-Pajjiż A, il-kreditur jista' sempliċiment imur lura fl-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva li ħadet id-deċiżjoni u jitlob modifika. Bħal kull modifika oħra, dik il-modifika ser tiġi stabbilita billi tintuża l-liġi domestika (il-liġi tal-Pajjiż A). Il-liġi fil-Pajjiż A ser tistabbilixxi kif id-debitur fil-Pajjiż B ser jiġi nnotifikat dwar l-applikazzjoni.

758. Peress li d-debitur jgħix fil-Pajjiż B u dak l-Istat huwa responsabbli għal infurzar, jekk il-kreditur jagħżel li jagħmel talba diretta għall-modifika fil-Pajjiż A, id-deċiżjoni mmodifikata ser ikollha tintbagħat lill-Pajjiż B għal rikonoxximent u infurzar ladarba ssir. Dan jista' jsir billi jintużaw il-proċeduri deskritti fil-Kapitolu 4.

759. Id-deċiżjoni mmodifikata ser tiġi rikonoxxuta u infurzata fil-Pajjiż B, sakemm, kif diskuss fil-Kapitolu 5, id-debitur ma jkunx kapaċi juri li ma tapplika l-ebda waħda mill-bażijiet għal rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni stabbiliti fl-Artikolu 20, jew li waħda mir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 22 tipprevjeni r-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, jekk id-debitur irnexxilu jistabbilixxi li ma ġiex innotifikat dwar it-talba diretta għal modifika, kif meħtieġ isir mil-liġi tal-Pajjiż A.

760. Madankollu, ħafna drabi, ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni mmodifikata ser ikompli mingħajr oġġezzjoni fil-Pajjiż B u, imbagħad, id-deċiżjoni mmodifikata ser tkun infurzabbli fil-Pajjiż B.

761. Għaldaqstant, b'din l-għażla, il-kreditur ser ikun qed japplika skont il-liġi domestika għall-modifika, iżda l-applikazzjoni sussegwenti għal rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni mmodifikata ser issir skont il-Konvenzjoni, billi jintuża l-Artikolu 10. Il-proċeduri deskritti fil-Kapitoli 4 u 5 japplikaw għall-applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar.

2. Jekk id-*debitur* jixtieq jimmodifika

762. Jekk id-debitur jixtieq jimmodifika d-deċiżjoni f'dan ix-xenarju partikolari, ikollu wkoll għadd ta' opzjonijiet, f'termini ta' fejn tista' ssir l-applikazzjoni. Kif jintqal iktar 'il quddiem, id-debitur jista' jiftaħ applikazzjoni skont il-Konvenzjoni għal modifika fil-Pajjiż A, id-debitur jista' jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż A, jew, f'ċerti ċirkustanzi ferm limitati soġġetti għal-liġi domestika, id-debitur jista' jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż B.

763. F'din is-sitwazzjoni partikolari, (meta d-debitur ikun telaq mill-Istat ta' oriġini u l-kreditur le), hemm kunsiderazzjonijiet li japplikaw biss għad-debituri. Dawn huma importanti għal debitur sabiex jistabbilixxi fejn għandha ssir l-applikazzjoni.

Punt importanti: *Skont l-Artikolu 18, importanti li jiġi stabbilit fejn "jinfetaħ" il-proċediment skont il-Konvenzjoni sabiex jinstab jekk dak l-Artikolu japplikax biex jipprevjeni rikonoxximent tad-deċiżjoni. Kun af li l-kelma "proċediment" tintuża f'dan l-Artikolu – mhux applikazzjoni. Il-"proċediment" jinfetaħ fejn l-awtorità kompetenti (il-qorti jew l-awtorità amministrattiva) torganizza s-smigħ jew l-eżami u tiddeċiedi jekk id-deċiżjoni dwar il-manteniment għandhiex tiġi mmodifikata. Dan ser ikun l-* ***Istat rikjest.***

764. Għad li l-Konvenzjoni ma tipprovdi l-ebda regola diretta dwar meta Stat jista' jimmodifika deċiżjoni meħuda fi Stat ieħor, il-Konvenzjoni ma tillimitax il-ħila tad-debitur li jitlob li d-deċiżjoni tiġi mmodifikata minn Stat differenti meta l-kreditur ikun resident abitwali fl-Istat li ħa d-deċiżjoni oriġinali (l-Istat ta' oriġini).[148]

765. Il-Konvenzjoni tinkorpora din ir-regola kemm fl-Artikolu 18 kif ukoll 22. L-Artikolu 18 jipprovdi li applikazzjoni għal modifika ta' deċiżjoni ma tistax tinfetaħ minn debitur fi Stat Kontraenti li mhuwiex l-Istat ta' oriġini, jekk il-kreditur huwa resident abitwali fl-Istat ta' oriġini, sakemm ma tapplikax waħda mill-erba' eċċezzjonijiet. L-Artikolu 22 jippermetti lil rispondent għal applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni sabiex joġġezzjona fuq il-bażi li saret bi ksur tal-Artikolu 18.

766. Effettivament, dan ifisser li, jekk id-debitur telaq mill-Istat ta' oriġini u jrid modifika tad-deċiżjoni, u l-kreditur jgħix fl-Istat ta' oriġini, l-applikazzjoni għandha tipproċedi fl-Istat ta' oriġini. Il-Konvenzjoni tipprovdi mezz sabiex dan isir mingħajr ma d-debitur ikollu jivjaġġa fl-Istat ta' oriġini, peress li jista' jiftaħ applikazzjoni fl-Istat tiegħu stess u jara li l-applikazzjoni tintbagħat skont il-Konvenzjoni sabiex tinstema'

148 Rapport Spjegattiv, para. 421 u 422.

fl-Istat ta' oriġini.[149]

767. Jekk dan ma jsirx u l-modifika tipproċedi barra mill-Istat ta' oriġini, jekk ikun hemm bżonn rikonoxximent tad-deċiżjoni mmodifikata, id-debitur ser ikollu jara li l-Artikoli 18 u 22 mhumiex ser joħolqu ostakolu għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni mmodifikata.

768. It-taqsima li jmiss tidħol f'dawn l-għażliet f'iktar dettall.

a) Opzjoni 1 – applika skont l-Artikolu 10(2) *b)* tal-Konvenzjoni għal modifika

769. L-Artikolu 10(2) *b)* jipprovdi alternattiva effettiva u li spiss ma tiswiex ħafna flus għad-debitur li nkella jkollu jmur lura fil-Pajjiż A u joqgħod jiftaħ l-applikazzjoni direttament fil-Pajjiż A għal modifika. F'din is-sitwazzjoni fattwali, id-debitur jista' jiftaħ applikazzjoni għal modifika skont il-Konvenzjoni, u l-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B tibgħat dik l-applikazzjoni lejn il-Pajjiż A. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A tibgħat l-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż A għal kunsiderazzjoni, u l-applikazzjoni tiġi ddeterminata skont il-liġi tal-Pajjiż A.

770. Jekk tittieħed deċiżjoni mmodifikata, l-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A tipprovdi kopja tad-deċiżjoni mmodifikata lill-Pajjiż B. Skont il-liġi tal-Pajjiż B, id-deċiżjoni dwar il-modifika mill-Pajjiż A jista' jsirilha l-proċess ta' rikonoxximent fil-Pajjiż B qabel ma tkun tista' timmodifika b'mod effettiv id-deċiżjoni rikonoxxuta qabel. Dan mhux dejjem ikun neċessarju, peress li f'xi Stati d-deċiżjoni mmodifikata titqies bħala sempliċi kontinwazzjoni tad-deċiżjoni inizjali. F'termini tal-proċess għal dan ir-rikonoxximent fl-Istat fejn jgħix id-debitur, f'ħafna Stati, bħala prinċipju ta' prattika tajba, l-Awtorità Ċentrali ser tgħin skont l-Artikolu 10(2) *a*). Inkella, id-debitur ikollu jużu l-proċeduri interni disponibbli fl-Istat tiegħu sabiex tiġi rikonoxxuta d-deċiżjoni li jixtieq.

771. Il-proċeduri spjegati iktar tard f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-applikazzjoni għal modifika.

b) Opzjoni 2 – agħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż A

772. Id-debitur dejjem jista' jmur lura fil-Pajjiż A u jagħmel talba diretta għal modifika lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż A. Din it-talba tipproċedi skont il-liġi domestika fil-Pajjiż A.

773. F'ħafna każijiet, imbagħad id-debitur ser ikollu bżonn li tiġi mmodifikata d-deċiżjoni rikonoxxuta fil-Pajjiż B, fejn qed iseħħ l-infurzar, sabiex jiġi limitat jew jinbidel l-infurzar tad-deċiżjoni inizjali. Dik l-applikazzjoni għal rikonoxximent tista' ssir skont il-liġi domestika (jekk il-Pajjiż B jippermetti dan) jew inkella d-debitur jista' jiftaħ applikazzjoni skont l-Artikolu 10(2) *a)* biex id-deċiżjoni mmodifikata tiġi rikonoxxuta fil-Pajjiż B sabiex jiġi limitat l-infurzar tad-deċiżjoni rikonoxxuta qabel. F'termini tal-proċess għal dan ir-rikonoxximent fl-Istat fejn jgħix id-debitur, f'ħafna Stati, bħala prinċipju ta' prattika tajba, l-Awtorità Ċentrali ser tgħin skont l-Artikolu 10(2) *a).* Inkella, id-debitur ser ikollu jużu l-proċeduri interni disponibbli fl-Istat tiegħu sabiex tiġi rikonoxxuta d-deċiżjoni. Il-proċeduri għal din l-applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar huma diskussi fil-Kapitoli 4 u 5.

---

149 Kun af li skont l-Art. 17, id-debitur mhuwiex ser ikun intitolat għal assistenza legali b'xejn għall-applikazzjoni.

c) Opzjoni 3 – agħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż B

774. Minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18, ftit huma l-Istat fejn dan ser ikun jista' jsir, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Din l-għażla ma tkunx disponibbli meta l-applikazzjoni tikkonċerna manteniment għat-tfal.

775. Talba diretta għal modifika tista' ssir fil-Pajjiż B, pereżempju, meta ż-żewġ partijiet jaqblu li jkun jaqbel f'termini ta' ħeffa biex jipproċedu fil-Pajjiż B għaliex dak l-Istat qiegħed f'pożizzjoni aħjar li jiddetermina d-dħul u l-ħila ta' ħlas tad-debitur għall-fini tal-manteniment għall-konjuġi. F'din is-sitwazzjoni, il-partijiet qablu li l-kwistjoni ser tipproċedi fil-Pajjiż B. It-talba diretta mid-debitur tipproċedi kompletament skont il-liġi domestika tal-Pajjiż B (jekk possibbli) b'notifika lill-kreditur kif stipulat mil-liġi ta' dak l-Istat.

776. Il-Konvenzjoni tagħraf il-possibbiltà ta' dawn is-sitwazzjonijiet fl-eċċezzjonijiet għall-Artikolu 18, diment li l-modifiki jsiru fi Stat minbarra l-Istat ta' oriġini fiċ-ċirkustanzi limitati li ġejjin:

- meta jkun hemm qbil bil-miktub fuq il-ġurisdizzjoni tal-Istat (ħlief f'każijiet li jinvolvu manteniment għat-tfal),
- meta l-kreditur jissottometti għall-ġurisdizzjoni tal-awtorità fl-Istat l-ieħor,
- meta l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' oriġini ma tistax timmodifika d-deċiżjoni jew tiċħad milli timmodifikaha u,
- meta l-Istat ma jkunx jista' jirrikonoxxi jew jiddikjara infurzabbli d-deċiżjoni inizjali mill-Istat ta' oriġini.

B. Eżempju 2: Kreditur telaq mill-Istat ta' oriġini, id-debitur le

Sitwazzjoni fattwali:

777. Id-deċiżjoni dwar il-manteniment ittieħdet fil-Pajjiż A. Il-kreditur mar jgħix fil-Pajjiż B. Id-debitur baqa' fil-Pajjiż A. Id-deċiżjoni qed tiġi infurzata fil-Pajjiż A. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.



Figura 29: Applikazzjonijiet għal modifika meta d-debitur ikun jgħix fl-Istat ta' oriġini

1. Jekk il-kreditur jixtieq jimmodifika

a) Opzjoni 1 – japplika skont l-Artikolu 10(1) *e)* tal-Konvenzjoni

778. Jekk il-kreditur ma jixtieqx imur lura fil-Pajjiż A biex jiftaħ l-applikazzjoni, jista' jniedi applikazzjoni għal modifika skont l-Artikolu 10(1) *e)* tal-Konvenzjoni. L-applikazzjoni tintbagħat mill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A. L-Awtorità Ċentrali tibgħatha lill-awtorità kompetenti biex tipproċessaha. L-applikazzjoni tiġi ddeterminata skont il-liġi tal-Pajjiż A, u d-deċiżjoni mmodifikata li tirriżulta tista' tiġi infurzata fil-Pajjiż A.

779. F'ħafna każijiet, ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni mmodifikata fil-Pajjiż B (fejn jgħix il-kreditur) jew fi Stat ieħor mhux ser ikun neċessarju sakemm id-debitur ma jkollux assi jew dħul fil-Pajjiż B jew dak l-Istat l-ieħor. Madankollu, f'każ li r-rikonoxximent ikun meħtieġ xi mkien ieħor, il-kreditur jista' juża l-proċeduri stabbiliti fil-Kapitoli 4 u 5.

780. Il-proċeduri spjegati iktar tard f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-applikazzjoni għal modifika magħmula mill-kreditur f'din is-sitwazzjoni.

b) Opzjoni 2 – jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż A

781. Il-kreditur dejjem ikollu l-għażla li jmur lura fil-Pajjiż A u jagħmel talba diretta għal modifika fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni inizjali. Ladarba tkun saret, id-deċiżjoni mmodifikata ma tridx tiġi rikonoxxuta sabiex tiġi infurzata fil-Pajjiż A, u tista' tiġi pprovduta sempliċiment lill-awtorità kompetenti responsabbli għall-ambjent, u tiġi infurzata bl-istess mod bħad-deċiżjoni inizjali. Il-modifika ser tipproċedi kompletament skont il-liġi domestika fil-Pajjiż A.

782. Jekk, għall-istess raġuni, id-deċiżjoni mmodifikata trid tiġi infurzata fil-Pajjiż B jew Stat ieħor għaliex id-debitur ikollu assi jew dħul fil-Pajjiż B jew Stat Kontraenti ieħor, f'dak il-punt il-kreditur ikun irid jagħmel l-applikazzjoni xierqa skont l-Artikolu 10(1) *a)* biex id-deċiżjoni mmodifikata tiġi rikonoxxuta f'dak l-Istat, sakemm il-liġi domestika ta' dak l-Istat ma tippermettix li tiġi ttrattata bħala kontinwazzjoni tad-deċiżjoni inizjali, u għalhekk ma jkun hemm bżonn tal-ebda rikonoxximent.

c) Opzjoni 3 – jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż B

783. Jekk jitħalla skont il-liġi domestika tal-Pajjiż B, il-kreditur jista' jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż B (fejn jgħix) għal deċiżjoni mmodifikata. Id-debitur ser jiġi nnotifikat skont il-liġi tal-Pajjiż B.[150]

784. Madankollu, qabel ma l-kreditur jagħżel din l-opzjoni, l-ewwel għandu jkun jaf li r-rikonoxximent tad-deċiżjoni mmodifikata jista' jagħti l-problemi jekk trid tiġi rikonoxxuta qabel ma tiġi infurzata fi Stat li għamel riserva skont il-Konvenzjoni ħlief ir-residenza tal-kreditur bħala bażi għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni (ara l-Kapitolu 5).[151]

---

150 Ara l-Kapitolu 3.

151 Jekk Stat għamel din ir-riserva, dan ifisser li jridu jinstabu ċerti bażijiet oħrajn għal rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni. L-Art. 20 jistabbilixxi l-bażijiet alternattivi għar-rikonoxximent u l-infurzar.

785. Għaldaqstant, il-kreditur jista' jkun jaqbillu jistabbilixxi jekk id-deċiżjoni aktarx tiġix rikonoxxuta mill-Pajjiż A, fejn jgħix id-debitur, peress li, f'ħafna każijiet, id-deċiżjoni mmodifikata ser ikollha tiġi rikonoxxuta qabel ma tkun tista' tiġi infurzata fil-Pajjiż A. Jekk iva, ikun aħjar għall-kreditur li jiftaħ l-applikazzjoni għal modifika billi juża l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni kif deskritt iktar 'il fuq.

786. Fl-aħħar nett, jekk il-modifika mfittxija mill-kreditur f'dan ix-xenarju tinkludi modifika ta' kull arretrat mhux imħallas tal-manteniment, il-kreditur għandu jkun jaf li deċiżjoni meħuda fil-Pajjiż B mhux bilfors tiġi aċċettata mill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż A. Il-Profil tal-Pajjiż għaż-żewġ Stati għandu jiġi kkonsultat f'din is-sitwazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk id-deċiżjoni mmodifikata hijiex ser tiġi aċċettata.

2. Jekk id-*debitur* jixtieq jimmodifika

a) Opzjoni 1 – japplika skont l-Artikolu 10(2) *c)* tal-Konvenzjoni

787. Id-debitur għandu l-għażla li jipproċedi skont l-Artikolu 10 (2) *c)* tal-Konvenzjoni sabiex id-deċiżjoni tiġi mmodifikata fil-Pajjiż B, fejn jgħix il-kreditur.[152] Id-debitur jista' jiftaħ applikazzjoni fil-Pajjiż A u dik l-applikazzjoni tintbagħat mill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B. Imbagħad, il-proċedimenti ta' modifika jsiru fil-Pajjiż B, u l-liġi domestika tal-Pajjiż B tapplika għall-applikazzjoni għal modifika.

788. Jekk id-deċiżjoni tiġi mmodifikata fil-Pajjiż B, u d-deċiżjoni inizjali qed tiġi infurzata fil-Pajjiż A, f'ħafna Stati d-deċiżjoni mmodifikata jkollha tiġi rikonoxxuta fil-Pajjiż A qabel ma tkun tista' tiġi infurzata (u tieħu prijorità fuq id-deċiżjoni ta' qabel). Id-debitur jew il-kreditur jista' japplika għal rikonoxximent jekk hemm bżonn. Jekk japplika l-kreditur, il-proċeduri stabbiliti fil-Kapitoli 4 u 5 għal rikonoxximent u infurzar ikopru l-applikazzjoni għal rikonoxximent tad-deċiżjoni mmodifikata. Jekk id-debitur jeħtieġ rikonoxximent, f'ħafna Stati, bħala prinċipju ta' prattika tajba, l-Awtorità Ċentrali ser tgħin f'dak il-proċess skont l-Artikolu 10(2) a) peress li huwa l-aħħar stadju fit-talba ta' modifika.[153]

b) Opzjoni 2 – jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż A

789. Jekk id-debitur jixtieq jimmodifika d-deċiżjoni, jaf ikun jista' jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż A fejn jgħix. Il-Pajjiż A huwa l-Istat ta' oriġini u, f'ċerti każijiet, ser ikun jista' jimmodifika d-deċiżjoni tiegħu stess. Jekk it-talba titħalla ssir,[154] il-proċedimenti jkunu rregolati mil-liġi domestika tal-Pajjiż A. Il-kreditur jiġi nnotifikat, skont il-liġijiet tal-Pajjiż A.[155] Id-deċiżjoni li tirriżulta tista' tiġi infurzata fil-Pajjiż A mingħajr il-bżonn ta' rikonoxximent jew xi pass ieħor. Madankollu, l-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A għandha tgħarraf lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B, fejn jgħix il-kreditur, sabiex din tkun tista' taġġorna r-rekords tagħha jekk id-deċiżjoni tiġi mmodifikata.

790. Mhuwiex probabbli li d-deċiżjoni li tirriżulta mill-Pajjiż A jkollha l-bżonn li tiġi rikonoxxuta jew infurzata fil-Pajjiż B, fejn jgħix il-kreditur, sakemm id-debitur ma jkollux assi jew dħul f'dak l-Istat ukoll. Jekk il-kreditur jixtieq li d-deċiżjoni mmodifikata tiġi rikonoxxuta u infurzata fil-Pajjiż B, dan għandu jsir mingħajr wisq intoppi peress li d-deċiżjoni mmodifikata ttieħdet mill-istess awtorità li ħadet id-

---

152 Soġġett għar-regoli ġurisdizzjonali applikabbli fil-Pajjiż B.

153 Fil-verità, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ma jkoprix it-talba ta' applikant għal servizzi mingħand l-Awtorità Ċentrali tiegħu stess għal applikazzjoni f'dak l-Istat.

154 F'ċerti Stati, il-liġi ser tesiġi li l-applikazzjoni tinfetaħ fejn jgħix il-kreditur. Fi Stati oħrajn, jaf ma jkun hemm ebda ġurisdizzjoni (jew awtorità) biex tittieħed deċiżjoni vinkolanti kontra parti barra mill-Istat.

155 Ara l-Kapitolu 3.

deċiżjoni oriġinali, u f'ħafna Stati din ser titqies bħala estensjoni tad-deċiżjoni oriġinali, u tista' tiġi rikonoxxuta fuq dik il-bażi.

791. Madankollu, minħabba l-limitazzjonijiet li jistgħu jkunu preżenti fil-liġi domestika meta talba diretta għal modifika tipproċedi fil-Pajjiż A, f'ħafna każijiet jista' jkun aħjar li d-debitur juża l-proċessi tal-Konvenzjoni biex japplika biex id-deċiżjoni tiġi mmodifikata mill-Pajjiż B.

C. Eżempju 3: kemm il-kreditur kif ukoll id-debitur telqu mill-Istat ta' oriġini u marru jgħixu fi Stati differenti

792. Id-deċiżjoni dwar il-manteniment ittieħdet fil-Pajjiż A. Il-kreditur mar jgħix fil-Pajjiż B. Issa d-debitur jgħix fil-Pajjiż C. Id-deċiżjoni ġiet rikonoxxuta fil-Pajjiż C u qed tiġi infurzata fil-Pajjiż C. Kull wieħed mit-tliet Stati huwa Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni.



Figura 30: Applikazzjonijiet għal modifika meta ż-żewġ partijiet ikunu telqu mill-Istat ta' oriġini u marru jgħixu fi Stati differenti

1. Jekk il-kreditur jixtieq jimmodifika

a) Opzjoni 1 – jagħmel applikazzjoni skont l-Artikolu 10(1) *f)* tal-Konvenzjoni

793. Il-kreditur jista' jiftaħ applikazzjoni għal modifika fil-Pajjiż B (fejn jgħix) skont l-Artikolu 10(1) *f)* tal-Konvenzjoni.[156] Dik l-applikazzjoni tintbagħat mill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż C fejn jgħix id-debitur. L-Awtorità Ċentrali tgħaddi l-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż C u mbagħad il-modifika ssir fil-Pajjiż C.

794. Kun af li l-Konvenzjoni ma teħtieġx li d-deċiżjoni mill-Pajjiż A tiġi rikonoxxuta fil-Pajjiż B qabel ma tkun tista' ssir modifika fil-Pajjiż B jew tinstema' fil-Pajjiż C. Lanqas ma hemm xi rekwiżit fil-Konvenzjoni li d-deċiżjoni li qed tiġi mmodifikata tkun minn Stat Kontraenti.[157] Trid tkun waħda li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni (ara l-Kapitolu 3). Madankollu, jekk id-deċiżjoni fil-fatt hijiex ser tiġi mmodifikata jiddependi mil-liġi domestika tal-Pajjiż C u jekk id-deċiżjoni hijiex ta' tip li jista' jiġi mmodifikat skont dik il-liġi.

795. Jekk tittieħed deċiżjoni mmodifikata billi jintuża dan il-proċess, il-Pajjiż C isir l-Istat ta' oriġini "l-ġdid". Id-deċiżjoni dwar il-modifika mill-Pajjiż C ma għandhiex bżonn tiġi rikonoxxuta fil-Pajjiż C għaliex ser tiġi infuzata fl-Istat fejn ittieħdet.

796. Sakemm id-debitur ma jkollux assi jew dħul fil-Pajjiż B (fejn jgħix il-kreditur) jew fi Stat ieħor, ma hemm l-ebda bżonn li jittieħed xi pass ulterjuri, għad li hija prattika tajba li tgħarraf lill-Istat l-ieħor li saret il-modifika.

b) Opzjoni 2 – jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż B

797. Jekk jitħalla mil-liġi domestika tal-Pajjiż B, il-kreditur jista' jagħmel talba direttament lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż B, fejn jgħix, sabiex jikseb modifika tad-deċiżjoni oriġinarjament meħuda fil-Pajjiż A. Il-liġi fil-Pajjiż B ser tistabbilixxi x'tip ta' notifika ser tiġi pprovduta lid-debitur / rispondent fil-Pajjiż C.[158]

798. Madankollu, il-kummenti fl-eżempju ta' qabel jikkonċernaw talbiet magħmulin minn krediturі lill-Istat ta' residenza tagħhom jistgħu japplikaw hawnhekk ukoll. Jekk il-kreditur jagħmel din l-għażla, id-deċiżjoni mmodifikata meħuda fil-Pajjiż B ser ikollha tiġi rikonoxxuta fil-Pajjiż C, fejn jgħix id-debitur, qabel ma tkun tista' tiġi infurzata fil-Pajjiż C. Il-kreditur ser ikollu jagħmel applikazzjoni skont il-Konvenzjoni għal rikonoxximent u infurzar, billi jużа l-proċeduri spjegati fil-Kapitolu 4, jew jagħmel talba diretta għal rikonoxximent lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż C. Jekk il-Pajjiż C għamel riserva ħlief ġurisdizzjoni bbażata fuq il-kreditur bħala bażi għal rikonoxximent u infurzar, id-debitur / rispondent jista' joġġezzjona għar-rikonoxximent, u ser ikollha tinstab bażi oħra għal rikonoxximent u infurzar.

---

156 Soġġett għar-regoli ġurisdizzjonali applikabbli fil-Pajjiż B.
157 Rapport Spjegattiv, para. 262.
158 Ara l-Kapitolu 3.

2. Jekk id-debitur jixtieq jimmodifika

a) Opzjoni 1 – jagħmel applikazzjoni skont l-Artikolu 10(2) *c)* tal-Konvenzjoni

799. Id-debitur jista' jiftaħ applikazzjoni għal modifika billi juża l-proċessi tal-Konvenzjoni (Art. 10(2) *c)*) permezz tal-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż C. Dik l-applikazzjoni tintbagħat lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B tgħaddi l-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż B, fejn l-applikazzjoni tiġi pproċessata skont il-liġi domestika tal-Pajjiż B.

800. Jekk id-deċiżjoni tiġi mmodifikata, il-Pajjiż B isir l-Istat ta' oriġini "l-ġdid". Id-deċiżjoni dwar il-modifika jkollha tiġi rikonoxxuta fil-Pajjiż C qabel ma tkun tista' tiġi infurzata. Id-debitur ikollu jiftaħ applikazzjoni skont l-Artikolu 10(2) *a)* għal dan. Ir-rikonoxximent għandu jkun kemxejn sempliċi peress li d-debitur kien dak li fetaħ l-applikazzjoni, li tirriżulta fid-deċiżjoni. F'ċerti Stati r-rikonoxximent mhuwiex ser ikun neċessarju peress li, skont il-liġi domestika, id-deċiżjoni mmodifikata titqies bħala estensjoni tal-ewwel deċiżjoni diġà rikonoxxuta. Il-proċeduri stabbiliti fil-Kapitoli 4 u 5 japplikaw għall-applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar.

801. Jekk id-debitur irid japplika għal rikonoxximent, bħala prinċipju ta' prattika tajba, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat tiegħu stess tista' tgħinu skont l-Artikolu 10(2) a), peress li dan huwa l-aħħar stadju fl-applikazzjoni għal modifika. F'ċerti Stati d-debitur jaf ikollu juża proċessi interni oħrajn biex id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta għal-limitazzjoni jew is-sospensjoni tal-infurzar tad-deċiżjoni oriġinali. Fl-aħħar, f'ċerti Stati, il-proċess ta' rikonoxximent mhuwiex ser jintuża affattu mid-debitur, iżda d-deċiżjoni mmodifikata ser tintuża bħala difiża, jew biex topponi l-infurzar tad-deċiżjoni ta' qabel.

b) Opzjoni 2 – jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż Ċ

802. Jista' jkun hemm ftiti Stati fejn id-debitur ikun jista' jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż C, l-Istat fejn jgħix. F'ħafna Stati dan mhuwiex ser ikun permess, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali kif indikat iktar 'il quddiem. Il-liġi fil-Pajjiż C ser tipprovdi x'notifika hija meħtieġa għall-kreditur.[159]

803. Id-deċiżjoni dwar il-modifika li tirriżulta ma jkollhiex bżonn tiġi rikonoxxuta fil-Pajjiż C, peress li d-deċiżjoni mmodifikata tkun deċiżjoni domestika. Madankollu, jekk id-debitur għandu assi jew dħul fi Stat ieħor, id-deċiżjoni ikollha tiġi rikonoxxuta f'dak l-Istat l-ieħor qabel ma tkun tista' tiġi infurzata.

804. L-iktar raġuni probabbli għall-proċediment fil-Pajjiż C f'dan ix-xenarju hija sitwazzjoni li fiha d-deċiżjoni eżistenti ma tistax tiġi mmodifikata mill-Pajjiż B, fejn jgħix il-kreditur, jew mill-Istat ta' oriġini. F'dik is-sitwazzjoni, il-Pajjiż C aktarx li jkun jista' jimmodifika d-deċiżjoni jew jieħu deċiżjoni ġdida, fir-rigward tal-obbligi tal-manteniment.

805. Sakemm ma jkunux preżenti dawn il-fatturi, ikun aħjar li d-debitur juża l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni biex jara li l-applikazzjoni għal modifika tintbagħat lill-Pajjiż B, u tinstema' fih, jiġifieri fejn jgħix il-kreditur.

---

159 Ara l-Kapitolu 3.

3. Lura lejn l-Istat ta' oriġini għal modifika

806. Għad li jista' jkun rari, f'sitwazzjoni li fiha la l-kreditur u lanqas id-debitur ma jkunu jgħixu fl-Istat ta' oriġini, applikazzjoni biex l-Istat ta' oriġini jieħu deċiżjoni mmodifikata tista' ssir minn waħda mill-partijiet, jew skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, jew billi jagħmlu talba diretta lill-Istat ta' oriġini.

807. Jekk dan huwiex ser ikun awtorizzat f'xi sitwazzjoni partikolari ser jiddependi kompletament mil-liġi domestika fl-Istat ta' oriġini. F'ħafna ġurisdizzjonijiet dan mhuwiex ser ikun possibbli peress li l-awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja aktarx li ma tħallix applikazzjoni jew talba tipproċedi meta la l-kreditur u lanqas id-debitur ma jkollu l-ebda rabta mal-Istat.

808. Madankollu, jekk l-applikazzjoni jew it-talba tipproċedi, il-kummenti f'kull wieħed mix-xenarji ta' qabel ikunu japplikaw bl-istess mod għad-deċiżjoni mmodifikata li tista' tirriżulta minn applikazzjoni jew talba bħal din. Jekk għandha tiġi infurzata fi Stat differenti, ser ikollha tiġi rikonxxuta qabel ma jista' jipproċedi l-infurzar.

809. Sakemm ma jkunx hemm raġuni valida għal ritorn lejn l-Istat ta' oriġini, dejjem ser ikun iktar prattiku li l-applikazzjoni għal modifika jew it-talba tipproċedi fi Stat fejn tgħix waħda mill-partijiet. Kwistjonijiet bħad-determinazzjoni tad-dħul għall-finijiet tal-manteniment u d-determinazzjoni tal-ħila li wieħed iħallas, huma iktar ittrattati b'faċilità meta waħda mill-partijiet tkun tista' tippreżenta dak it-tagħrif direttament.

D. Eżempju 4: iż-żewġ partijiet telqu mill-Istat ta' oriġini u issa jgħixu fl-istess Stat

810. L-aħħar xenarju huwa dak li fih iż-żewġ partijiet telqu mill-Istat ta' oriġini (Pajjiż A), iżda issa t-tnejn li huma jgħixu fl-istess Stat (Pajjiż B).



Figura 31: Talba għal modifika meta t-tnejn li huma telqu mill-Istat ta' oriġini u jinsabu fl-istess Stat

811. Il-partijiet għandhom żewġ opzjonijiet. Talba diretta għal modifika tad-deċiżjoni tista' ssir mill-kreditur jew mid-debitur lill-awtorità kompetenti fl-Istat fejn issa qiegħed jgħix. Din ser tkun kwistjoni mressqa purament skont il-liġi domestika tal-Pajjiż B. Il-Konvenzjoni ma għandha l-ebda applikabbiltà għal din l-applikazzjoni għal modifika.

812. It-tieni opzjoni hija li l-kreditur jew id-debitur imur lura fl-Istat ta' oriġini u jagħmel talba diretta għal modifika lill-awtorità kompetenti li ħadet id-deċiżjoni oriġinali. Jekk issir din l-għażla, il-kreditur jew id-debitur għandhom ikunu jafu li dan ser ikun irregolat kompletament mil-liġi domestika tal-Istat ta' oriġini. Dik il-liġi ma tistax tippermetti li ssir modifika fejn ma tgħix l-ebda waħda mill-partijiet jew fejn dawn ma għandhom l-ebda rabta mal-Istat. Barra minn hekk, ikunu japplikaw il-kummenti magħmulin fit-taqsimiet ta' qabel rigward il-ħtieġa li d-deċiżjoni mmodifikata mill-Istat ta' oriġini tiġi rikonoxxuta qabel ma tkun tista' tiġi infurzata fl-Istat fejn issa jgħixu l-kreditur u d-debitur.

E. Prattika tajba f'applikazzjonijiet għal modifika

813. Kif jista' jidher mid-diskussjoni tal-eżempji hawn fuq, f'ħafna mill-każijiet tista' ssir applikazzjoni minn kreditur jew debitur skont il-Konvenzjoni għal modifika ta' deċiżjoni eżistenti. Il-proċediment skont il-Konvenzjoni jipprovdi kemm lill-kreditur kif ukoll lid-debitur bil-benefiċċju tal-għajnuna tal-Awtorità Ċentrali fl-applikazzjoni, biex jiġi żgurat li l-kwistjoni tinfetaħ kif suppost quddiem l-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest, u f'ħafna każijiet dan ser jiswa ferm inqas milli kieku jridu jsiru vjaġġi fl-Istat l-ieħor biex tinfetaħ talba diretta għal modifika fl-Istat fejn tgħix il-parti l-oħra.

814. Meta kreditur jew debitur ikun beħsiebu jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' oriġini tiegħu għal modifika, il-kreditur jew id-debitur, bħala prinċipju ta' prattika tajba, l-ewwel għandu jistabbilixxi jekk il-modifika tistax issir affattu jekk id-deċiżjoni eżistenti hija waħda barranija. Il-kreditur jew id-debitur li qed ifittex il-modifika għandu jqis ukoll x'passi jridu jittieħdu wara li tiġi mmodifikata d-deċiżjoni, biex jara li d-deċiżjoni mmodifikata tkun tista' tiġi rikonoxxuta, jekk dan ser ikun meħtieġ sabiex jitkompla l-infurzar jew sabiex jiġi limitat l-infurzar.

815. Ta' min ifakkar li f'ċerti Stati, il-proċessi tal-Konvenzjoni li jeħtieġu awtorità Ċentrali jew kompetenti biex tassisti lil debituri fir-rigward tal-modifiki huma bidla importanti mill-prattiki eżistenti. Dawk l-Istati jistgħu jkunu ferm iktar midħla fl-għoti tal-għajnuna lil kreditur f'applikazzjonijiet u talbiet.

816. F'dawn is-sitwazzjonijiet, importanti li l-assistenti soċjali jiftakru li r-rwol tal-assistent soċjali f'awtorità Ċentrali jew kompetenti huwa li jgħin lill-applikanti, irrelevanti jekk l-applikant huwiex kreditur jew debitur. L-assistenti soċjali qed iwettqu d-dmirijiet tal-awtorità Ċentrali jew kompetenti skont il-Konvenzjoni.

817. L-għoti ta' assistenza lid-debituri f'applikazzjonijiet għal modifika u talbiet fl-aħħar mill-aħħar jibbenefika lill-familja u t-tfal peress li jiżgura li d-deċiżjonijiet dwar il-manteniment jirriflettu l-ħila tad-debitur li jmantni lill-kreditur u t-tfal, u li t-tfal u l-familji jirċievu l-manteniment li huma intitolati għalih.

818. Fl-aħħar nett, l-assistenti soċjali għandhom jiftakru li meta jassistu lill-applikanti skont il-Konvenzjoni, ikunu qegħdin jipprovdu s-servizzi meħtieġa mill-Konvenzjoni u mhumiex qed jirrappreżentaw jew jaħdmu bħala avukat f'isem dik il-persuna.[160]

---

[160] Madankollu, dan ma jipprekludix lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest milli tesiġi prokura mingħand l-applikant jekk jaġixxi f'isem l-applikant fi proċedimenti ġudizzjarji jew quddiem awtoritajiet oħrajn jew jekk il-prokura hija meħtieġa sabiex jingħażel rappreżentant sabiex jaġixxi hekk (Art. 42).

III. Materjali addizzjonali

A. *Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni*

L-Artikol 10(1) *e)* u *f)*, u 10(2) *b)* u *c)*
L-Artikolu 11
L-Artikolu 12
L-Artikolu 18
L-Artikolu 22

B. *Taqsimiet relatati tal-Manwal*

Ara l-Kapitolu 2 – Spjegazzjoni tat-termini
Ara l-Kapitolu 5 – L-ipproċessar ta' applikazzjonijiet riċevuti għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar
Ara l-Kapitolu 12 – Proċeduri ta' modifika – riċevuti u mibgħuta

Kapitolu 12
Proċeduri ta' modifika – riċevuti u mibgħuta

819. Dan il-Kapitolu jkopri l-proċeduri għall-ġestjoni ta' applikazzjonijiet mibgħuta u riċevuti għall-modifika ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment. L-isfond ġenerali rigward l-applikazzjonijiet għal modifika u spjegazzjonijiet dettaljati dwar l-għażliet possibbli għal modifika f'kull sitwazzjoni partikolari huma koperti fil-Kapitolu 11. Jekk għandek bżonn iktar tagħrif dwar l-applikazzjonijiet għal modifika, aqra l-Kapitolu 11 qabel kollox.

820. Il-Parti I ta' dan il-Kapitolu tkopri l-proċeduri li jridu jintużaw għal applikazzjonijiet mibgħuta għal modifika. Il-Parti II tkopri l-proċeduri għal applikazzjonijiet riċevuti għal modifika. Fi tmiem il-Kapitolu hemm lista ta' materjali addizzjonali u formoli relatati, kif ukoll għadd ta' Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs) rigward applikazzjonijiet għal modifika.

Parti I
Proċeduri għal applikazzjonijiet mibgħuta għal modifika

I. Ħarsa ġenerali

A. Ir-rwol tal-Awtorità Ċentrali

821. L-eżempji stabbiliti fil-Kapitolu 11 juru l-bosta kunsiderazzjonijiet li jinfluwenzaw jekk applikazzjoni għal modifika tistax jew għandhiex tinfetaħ skont il-Konvenzjoni. Peress li dan huwa qasam li fih il-proċessi għal każijiet ta' manteniment internazzjonali jistgħu jkunu kemxejn ikkumplikati għall-applikanti, dan il-Manwal jissuġġerixxi li, bħala prinċipju ta' prattika tajba, l-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti fejn qed tinfetaħ l-applikazzjoni għandha tagħmel valutazzjoni preliminari dwar jekk id-deċiżjoni mmodifikata, ladarba tittieħed, għandhiex probabbiltà li tiġi rikonoxxuta jew infurzata. Din id-determinazzjoni ser tassisti lill-applikant, u l-Istat rikjest, biex tiżgura li ma jinħlewx żmien u riżorsi fuq applikazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw f'deċiżjonijiet li ma jitsgħux jiġu rikonoxxuti jew infurzati.

822. Barra minn hekk, billi tqis x'ser jiġri wara li tittieħed id-deċiżjoni mmodifikata, l-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti tista' tiżgura li l-applikant ikun lest li jieħu kull pass addizzjonali, bħar-rikonoxximent, f'każ li dan ikun meħtieġ.

823. Ftakar li sakemm kemm l-Istat rikjedenti kif ukoll dak rikjest ma jkunux estendew l-applikazzjoni tal-Kapitoli II u III għall-manteniment għall-konjuġi (ara l-Kapitolu 3), l-applikant ma jistax juża lill-Awtorità Ċentrali biex jiftaħ applikazzjoni għal modifika ta' deċiżjoni dwar il-manteniment għall-konjuġi biss. L-applikant ikollu jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest għal modifika tad-deċiżjoni.

B. Proċedura – flowchart

824. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti hija responsabbli sabiex tiġbor id-dokumenti u t-tagħrif flimkien, inkluża l-formola ta' applikazzjoni, u tibgħat il-pakkett lill-Istat rikjest. Il-kontenut tal-pakkett u l-materjali li jridu jkunu inklużi ser ikunu stabbiliti mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11, ir-rekwiżiti tal-Istat rikjest, kif stipulat fil-Profil tal-Pajjiż, u l-evidenza ta' sostenn meħtieġa biex tiġġustifika l-modifika.

825. Il-flowchart fil-paġna li jmiss tistabbilixxi l-passi għall-mili ta' applikazzjoni mibgħuta għal modifika.

Qed tfittex ġabra qasira tal-proċeduri meħtieġa għal applikazzjonijiet mibgħuta jew riċevuti? Hemm ***Lista ta' Kontroll*** *fi tmiem il-Parti I għal applikazzjonijiet mibgħuta u waħda fi tmiem il-Parti II għal applikazzjonijiet riċevuti.*



Figura 32: Proċeduri għall-mili u t-trażmissjoni ta' applikazzjoni għal modifika

C. Proċeduri spjegati

Kull paragrafu hawn taħt jagħti spjegazzjoni tal-passi fil-Figura 32.

1. Iġbor id-dokumenti meħtieġa

826. Ser ikollok bżonn kopja tal-Profil tal-Pajjiż għall-Istat fejn ser tibgħat id-dokumenti, kopja tad-deċiżjoni dwar il-manteniment li trid tiġi mmodifikata, u l-formola ta' applikazzjoni mill-applikant.

2. Analizza t-tagħrif mill-applikant

827. Skont l-Istat, l-applikant jista' jimla l-formola ta' applikazzjoni, jew jista' jimla formola differenti li jkun fiha biżżejjed tagħrif għall-Awtorità Ċentrali sabiex timla l-formola ta' applikazzjoni. Jista' jkun importanti li l-applikant ikun jista' jiġi kkuntattjat matul l-applikazzjoni fl-Istat rikjest, sabiex jiġi żgurat li l-formola jkun fiha biżżejjed informazzjoni ta' kuntatt biex dan ikun jista' jsir.

828. Ftakar li hemm limiti speċifiċi fil-Konvenzjoni dwar l-iżvelar u l-konferma ta' tagħrif miġbur jew mibgħut skont il-Konvenzjoni f'ċerti ċirkustanzi. L-iżvelar jew il-konferma tat-tagħrif mhuwiex permess meta dan ikun jista' jpoġġi f'riskju s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' persuna (Art. 40(1)). Il-persuna tista' tkun tifel, l-applikant, jew ir-rispondent, jew kull persuna oħra. Il-Konvenzjoni mhijiex limitata f'dan ir-rigward. Prattika rakkomandata f'dawn il-każijiet huwa li jintuża l-indirizz tal-Awtorità Ċentrali jew l-awtorità kompetenti fl-Istat rikjedenti, b'tali mod li l-indirizz tal-kreditur ikun "temporanjament" dak l-indirizz (ara l-Kapitolu 3).

3. Ikkonferma fejn ittieħdet id-deċiżjoni u fejn jgħixu l-partijiet

829. F'applikazzjoni mid-debitur, il-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni (l-Istat ta' oriġini) u jekk il-kreditur huwiex resident abitwali f'dak l-Istat jistgħu jiddeterminaw jekk id-deċiżjoni dwar il-modifika li tirriżulta mill-applikazzjoni tistax tiġi rikonoxxuta jew infurzata.

4. Qis jekk huwiex ser ikun hemm bżonn ta' rikonoxximent jew infurzar tad-deċiżjoni mmodifikata

830. Jekk id-deċiżjoni mmodifikata trid tiġi rikonoxxuta wara li tittieħed, jew jekk l-applikant jixtieq li d-deċiżjoni mmodifikata tiġi infurzata mill-Istat rikjest, ara li l-applikant jaf li hemm bżonn li jittieħed dak il-pass, u li l-materjali li qed jiġu pprovduti lill-Istat rikjest jirriflettu dik it-talba wkoll.

831. Pereżempju – jekk id-deċiżjoni mmodifikata meħuda fl-Istat rikjest ser ikollha tiġi rikonoxxuta fl-Istat rikjedenti (l-Istat tiegħek) wara li tittieħed, u għal dak il-pass ser ikun hemm bżonn ta' kopja ċċertifikata tad-deċiżjoni, hija prattika tajba li titlob lill-Awtorità Ċentrali rikjesta sabiex tipprovdi kopja ċċertifikata tad-deċiżjoni flimkien mar-Rapport dwar l-Istatus, meta l-applikazzjoni għal modifika tiġi konkluża.

832. Barra minn hekk, jista' jkun siewi li tgħarraf lill-applikant dwar għażliet oħrajn, inkluża l-possibbiltà li jipproċedi mal-awtorità kompetenti f'wieħed mill-Istati Kontraenti involuti, meta dik l-opzjoni tkun tista' tgħin fir-rikonoxximent eventwali tad-deċiżjoni. Irreferi għad-diskussjoni fil-Kapitolu 11 għal iktar spjegazzjonijiet dwar l-għażliet disponibbli. Fl-aħħar nett, jekk l-applikant ikun debitur, jista' jkun siewi li jiġi żgurat li huwa jkun jaf li ma hemm l-ebda intitolament għal assistenza legali b'xejn għall-applikazzjoni. Dan huwa diskuss iktar f'dan il-Kapitolu.

5. Il-materjali jridu jiġu tradotti?

833. Aqra l-Profil tal-Pajjiż. L-applikazzjoni u d-deċiżjoni inizjali jista' jkunu meħtieġa jiġu tradotti fil-lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest,[161] lingwa oħra, jew fl-Ingliż jew il-Franċiż. Jekk hemm bżonn traduzzjoni, ara jekk jistgħux jiġu pprovduti astratt jew silta tad-deċiżjoni (ara l-ispjegazzjoni fil-Kapitolu 3, Parti 2 – Kwistjonijiet komuni għall-applikazzjonijiet kollha). Dan jista' jnaqqas l-ispiża u l-kumplessità tat-traduzzjoni.

6. Sib jekk hemmx bżonn ta' xi kopji ċċertifikati tad-dokumenti

834. Ikkonsulta l-Profil tal-Pajjiż. Dan jindika jekk l-Istat rikjest jeħtieġx kopji ċċertifikati ta' ċerti dokumenti. Jekk iva, agħmel talba mal-awtorità xierqa fl-Istat tiegħek u itlob lill-applikant sabiex jikseb il-kopji meħtieġa.

7. Imla l-applikazzjoni għal modifika

835. Ara t-taqsima li jmiss għal dettalji dwar il-mili tal-formola rakkomandata.

8. Ehmeż id-dokumenti relevanti kollha

836. It-taqsima li jmiss ta' dan il-Kapitolu tiddeskrivi fid-dettall id-dokumenti l-oħrajn meħtieġa u kif timlihom.

9. Imla l-Formola ta' Trażmissjoni

837. Din hija l-unika formola obbligatorja meħtieġa għal applikazzjoni għal modifika. Trid tagħti isem ir-rappreżentant awtorizzat tal-Awtorità Ċentrali u ser tintbagħat mal-materjali. Mhijiex iffirmata.

838. Ara l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili ta' din il-formola.

10. Ibgħat kollox lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest

839. F'ħafna każijiet, id-dokumenti ser jintbagħtu bil-posta lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest. Uża l-indirizz muri fil-Profil tal-Pajjiż. It-trażmissjoni elettronika tad-dokumenti tista' tkun awtorizzata f'ċerti Stati. Aqra l-Profil tal-Pajjiż għall-Istat rikjest biex tara jekk dan huwiex possibbli.

11. Stenna konferma tar-riċevuta

840. L-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest trid tikkonferma r-riċevuta fi żmien sitt ġimgħat. Dan irid isir mill-Awtorità Ċentrali billi tuża l-Formola ta' Konferma obbligatorja. F'dak il-waqt, l-Awtorità Ċentrali rikjesta ser tgħarrfek ukoll dwar fejn għandek tibgħat mistoqsijiet ta' segwitu – u d-dettalji ta' kuntatt xierqa għal dik il-persuna jew l-unità fi ħdan l-Istat rikjest.

12. Ipprovdi dokumenti ta' segwitu kif meħtieġ

841. Il-Formola ta' Konferma tista' titlob dokumenti jew tagħrif addizzjonali. Ipprovdi t-tagħrif malajr kemm jista' jkun u f'kull każ fi żmien tliet xhur. Jekk tistenna li ser jieħu iktar minn tliet xhur, ara li tgħarraf lill-Awtorità Ċentrali l-oħra, peress li din tista' tagħlaq il-fajl tagħha wara tliet xhur jekk ma tirċievi l-ebda tweġiba.

---

161 Jew subunità ta' dak l-Istat, bħal provinċja jew territorju (Art. 44).

Prattika tajba: *Għarraf lill-Awtorità Ċentrali l-oħra jekk inti tkun qed tesperjenza diffikultajiet fil-kisba tat-tagħrif jew id-dokumenti meħtieġa. Inkella tista' tagħlaq il-fajl tagħha, jekk ma jkun hemm l-ebda tweġiba wara tliet xhur.*

II. Mili tad-dokumenti meħtieġa

A. Ġenerali

842. Il-Konvenzjoni tistabbilixxi l-kuntatti meħtieġa ta' kwalunkwe applikazzjoni għal modifika (ara l-Art. 11 u 12).

843. Din it-taqsima tal-Manwal tistabbilixxi x'irid ikun hemm fil-pakkett u kif tiġbor u timla d-dokumenti għall-applikazzjoni għal modifika ta' deċiżjoni. It-tabella ta' hawn taħt telenka d-dokumenti komuni. Kun af li huma meħtieġa biss il-formola ta' applikazzjoni u l-Formola ta' Trasmissjoni. Il-formoli l-oħrajn ġeneralment ikunu inklużi wkoll peress li l-applikant ser ikollu jistabbilixxi r-raġunijiet għaliex qed ifittex il-modifika. Barra minn hekk, dejjem jgħin li tipprovdi kopja tad-deċiżjoni li trid il-modifika tagħha, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet li fihom id-deċiżjoni ma tkunx ittieħdet fl-Istat rikjest u ma tkunx ġiet rikonoxxuta f'dak l-Istat.

√	Formola ta' applikazzjoni
√	Formola ta' Trażmissjoni
√	Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji (jekk id-deċiżjoni mmodifikata trid tiġi infurzata)
Kif meħtieġ	Test sħiħ tad-deċiżjoni jew astratt tad-deċiżjoni
Kif meħtieġ	Evidenza li tistabbilixxi bidla fiċ-ċirkustanzi
Kif meħtieġ	Sottomissjonijiet bil-miktub b'appoġġ tal-applikazzjoni
Kif meħtieġ	Traduzzjonijiet u / jew kopji ċċertifikati ta' kull dokument

Figura 33: Dokumenti meħtieġa għall-applikazzjoni għal modifika

844. Jekk l-applikazzjoni tinfetaħ minn debitur u l-kreditur ikun għadu resident abitwali fl-Istat ta' oriġini, id-debitur għandu jinkludi wkoll, kif xieraq:

- kull ftehim bil-miktub bejn il-partijiet b'rabta mal-modifika tal-manteniment (ħlief manteniment għat-tfal) li juri li l-applikazzjoni tista' tinfetaħ fl-Istat rikjest,
- dokumentazzjoni li turi li l-kwistjoni tista' tipproċedi fl-Istat rikjest għaliex l-Istat ta' oriġini ma jistax jew jiċħad milli jeżerċita l-ġurisdizzjoni biex jimmodifika d-deċiżjoni.

845. Dawn id-dokumenti jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jiġi stabbilit li l-modifika hija awtorizzata fl-eċċezzjonijiet stipulati fl-Artikolu 18.

B. Mili tal-formola ta' applikazzjoni (modifika ta' deċiżjoni)

846. Għandha tintuża l-formola ta' applikazzjoni rakkomandata (Applikazzjoni għal Modifika ta' Deċiżjoni). Dan jiżgura li t-tagħrif meħtieġ ikun inkluż ma' kull applikazzjoni. Madankollu, peress li r-raġunijiet għall-applikazzjoni għal modifika jistgħu jkunu differenti f'kull każ, dokumenti oħrajn, bħar-rapporti tal-introjtu jew prova li tifel jattendi l-iskola, jistgħu jkunu xierqa f'każ partikolari.

847. Kemm il-krediturі kif ukoll id-debituri ser jużaw l-istess formola (Applikazzjoni għal Modifika ta' Deċiżjoni).

848. Ara l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili tal-formola ta' applikazzjoni rakkomandata.

C. Mili tad-dokumenti addizzjonali

1. Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji

849. F'ħafna Stati l-ammont meħtieġ ta' manteniment pagabbli mid-debitur huwa stabbilit fuq il-bażi taċ-ċirkustanzi finanzjarji tal-ġenituri. Il-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji tipprovdi mezz għall-preżentazzjoni ta' dan it-tagħrif lill-awtorità kompetenti għall-fini ta' modifika tad-deċiżjoni fuq dik il-bażi.

850. Dan id-dokument jipprovdi wkoll tagħrif addizzjonali biex ir-rispondent jinstab għall-fini ta' notifika tal-applikazzjoni u ser isostni l-infurzar tad-deċiżjoni mmodifikata, jekk ikun hemm bżonn.

851. Ara l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili ta' din il-formola.

2. Test sħiħ tad-deċiżjoni

852. Ħlief kif stipulat hawn taħt, fil-pakkett għandha tkun inkluża kopja sħiħa tad-deċiżjoni dwar il-manteniment.

853. Għad li d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li jittrattaw talbiet għal kopji ċċertifikati ta' deċiżjonijiet (Art. 25(3)) huma applikabbli biss għal applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar, għandu jintuża l-istess approċċ f'applikazzjonijiet għal modifika bħala prinċipju ta' prattika tajba. F'ċerti każijiet, l-Istat rikjest jaf mhux diġà jkollu kopja tad-deċiżjoni li trid tiġi mmodifikata, u din tista' tkun meħtieġa bħala parti mill-proċess ta' modifika. F'ħafna każijiet, sempliċi kopja tad-deċiżjoni mingħand il-korp ġudizzjarju jew amministrattiv li ħa d-deċiżjoni inizjali għandha tkun biżżejjed.

a) Sakemm l-Istat ma jkunx qabel li ser jaċċetta astratt jew silta

854. Stat jista' jiddikjara li ser jaċċetta silta jew astratt tad-deċiżjoni, minflok it-test sħiħ. F'ċerti każijiet, id-dispożizzjonijiet dwar il-manteniment ta' deċiżjoni huma biss parti żgħira mid-deċiżjoni sħiħa, u Stat jaf ma jkunx jixtieq iġarrab l-ispejjeż tat-traduzzjoni tat-test sħiħ, meta jkunu meħtieġa d-dispożizzjonijiet dwar il-manteniment biss. Il-Profil tal-Pajjiż għall-Istat li jirċievi l-każ ser jindika jekk huwiex aċċettabbli li jintbagħtu astratt jew silta mit-test.

855. Jekk astratt huwa aċċettabbli, uża l-formola rakkomandata (Astratt ta' Deċiżjoni).

b) Intalbet kopja ċċertifikata tad-deċiżjoni?

856. Fil-każijiet kollha, il-Profil tal-Pajjiż għandu jiġi kkonsultat għaliex jista' jindika li dejjem hemm bżonn ta' kopji ċċertifikati, għal kull applikazzjoni. Jekk normalment ma tintalabx kopja ċċertifikata, sempliċi kopja biżżejjed, madankollu iktar tard l-Istat rikjest jista' jitlob kopja tad-deċiżjoni ċċertifikata mill-awtorità kompetenti għal dak il-każ speċifiku.

3. Assistenza legali

857. Jekk l-applikazzjoni għal modifika ssir mill-kreditur, dan ser ikun intitolat għal assistenza legali b'xejn fl-Istat rikjest (jekk tkun meħtieġa għaliex ma jkunx hemm proċeduri ssimplifikati disponibbli) diment li l-applikazzjoni tikkonċerna l-manteniment għat-tfal u l-applikazzjoni ma għandhiex bażi valida.[162]

858. Jekk l-applikazzjoni tal-kreditur ma tikkonċernax il-manteniment għat-tfal, is-servizzi legali b'xejn mhumiex ser jiġu pprovduti b'mod awtomatiku mill-Istat rikjest għall-applikazzjoni għal modifika. Il-kreditur jista' jkun soġġett għal ***test*** tal-mezzi jew tal-***merti*** qabel ma tingħatalu assistenza. Jekk jintuża ***test tal-mezzi***, it-tagħrif fil-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji ser tgħin għaliex ser tistabbilixxi l-intitolament tal-applikant għal assistenza legali fl-Istat rikjedenti jew l-Istat ta' oriġini.

Test tal-mezzi *ġeneralment iħares lejn id-dħul u l-assi tal-applikant, jew ċirkustanzi finanzjarji oħrajn li ser iħallu impatt fuq il-ħila tal-applikant sabiex iħallas għal assistenza legali.*

Test tal-merti *ġeneralment jistħarreġ il-merti jew il-probabbiltà ta' suċċess tal-applikazzjoni, u jqis kwistjonijiet bħall-bażi ġuridika għall-applikazzjoni u jekk il-fatti fil-każ għandhomx probabbiltà li jwasslu għal eżitu ta' suċċess.*

859. F'sitwazzjonijiet li fihom ma jkunx hemm disponibbli proċeduri ssimplifikati u debitur ikun jeħtieġ assistenza legali, ma hemm l-ebda dritt awtomatiku għal assistenza legali b'xejn, lanqas jekk l-applikazzjoni tikkonċerna manteniment għat-tfal.[163] F'ċerti Stati, l-assistenza legali b'xejn tista' tingħata biss jekk id-debitur jgħaddi kemm mit-test tal-mezzi kif ukoll mit-test tal-merti. Il-Profil tal-Pajjiż tal-Istat rikjest ser jindika l-firxa tal-assistenza legali disponibbli għad-debitur, u f'liema ċirkustanzi, fl-Istat rikjest. It-tagħrif li jinsab fil-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji ser jgħin lill-Istat rikjest sabiex jieħu xi deċiżjoni dwar l-intitolament tad-debitur għal assistenza.

860. Peress li l-għoti ta' assistenza legali b'xejn lid-debituri għal applikazzjonijiet għal modifika huwa rari f'ħafna Stati, jekk l-applikant ikun debitur, ivverifika l-Profil tal-Pajjiż u għarraf lid-debitur jekk ser ikun hemm bżonn ta' assistenza legali, u jekk għandux probabbiltà li jikkwalifika għat-tali assistenza fl-Istat rikjest.

4. Dokumenti oħrajn

861. Tagħrif ieħor li jista' jkun inkluż mal-applikazzjoni jinkludi evidenza ta' kull bidla fiċ-ċirkustanzi u sottomissjonijiet bil-miktub b'appoġġ tal-applikazzjoni għal modifika. Ma hemm l-ebda formola rakkomandata għal dan it-tagħrif, u x'inhu siewi jew neċessarju ser jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ u l-motivi li fuq il-bażi tagħhom qed tintalab il-modifika. Madankollu, partijiet minn dan it-tagħrif jista' jkun inkluż fil-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji.

---

162 Jew l-Istat juża test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal. Ara l-ispjegazzjonijiet rigward l-assistenza legali fil-Kapitolu 3.

163 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 266.

862. Barra minn hekk, jekk l-eżami preliminari indika li d-deċiżjoni mmodifikata meħuda mill-Istat rikjest ser ikollha bżonn tiġi rikonoxxuta fl-Istat tiegħek wara li tittieħed, inkluži talba għal kopja ċċertifikata tad-deċiżjoni (jekk l-Istat tiegħek jeħtieġ waħda), kif ukoll Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà u Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa kompluti, jekk dawn ikunu meħtiġin. Irreferi għall-Kapitolu 4 u 5 ta' dan il-Manwal jekk m'intix żgur x'inhu meħtieġ.

5. Formola ta' Trażmissjoni Kompluta

863. Il-Formola ta' Trażmissjoni tipprovdi mezz standard u uniformi ta' kif jintbagħtu applikazzjonijiet bejn Stati Kontraenti. Tikkonferma li d-dokumenti u t-tagħrif meħtieġa jinsabu fil-pakkett u tindika lill-Awtorità Ċentrali riċeventi r-rimedju li qed jintalab.

864. Il-Formola ta' Trażmissjoni hija formola obbligatorja. Trid takkumpanja lil kull applikazzjoni li tinfetaħ skont il-Konvenzjoni.

865. Ara l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili tal-formola.

III. Lista ta' kontroll –applikazzjonijiet mibgħuta għal modifika

	Proċedura	Referenza tal-Manwal
1	Analizza d-dokumenti forniti mill-applikant	I(C)(2)
2	Qis jekk id-deċiżjoni mmodifikata huwiex ser ikollha tiġi rikonoxxuta	I(C)(4)
3	Sib x'dokumenti huma meħtieġa	I(C)(5) u (6)
4	Lesti d-dokumenti	II(C) u l-Kapitolu 15
5	Ibgħat lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest	I(C)(10)

Parti II
Proċeduri għal applikazzjonijiet riċevuti għal modifika

I. Ħarsa ġenerali

866. Din il-Parti tieħu ħsieb il-proċeduri li ser jintużaw mill-Istat rikjest meta tiġi riċevuta applikazzjoni għal modifika.

867. L-assistenti soċjali li mhumiex midħla ta' applikazzjonijiet għal modifika ġeneralment ikun jaqblilhom jaqraw il-Kapitolu 11 biex jiksbu fehim aħjar tal-bażi sottostanti għal applikazzjonijiet għal modifika.

II. Proċeduri

868. Il-proċess għall-ġestjoni ta' applikazzjonijiet riċevuti meta tintalab modifika ta' deċiżjoni huwa kemxejn sempliċi. L-istadji jintwerew fid-dijagramma li ġejja.



Figura 34: Ħarsa ġenerali lejn l-istadji għal applikazzjoni riċevuta għal modifika

1. "Jidher ċar" li mhumiex issodisfati r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni?

869. Skont il-Konvenzjoni, Awtorità Ċentrali tista' tiċħad milli tipproċessa applikazzjoni biss f'sitwazzjonijiet li fihom "jidher ċar" li mhumiex issodisfati r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni (Art. 12(8)). Din l-eċċezzjoni hija ferm limitata u tista' tapplika, pereżempju, meta l-applikazzjoni ma tinvolvix manteniment.[164]

870. Jekk applikazzjoni tiġi miċħuda fuq din il-bażi, l-Istat rikjedenti jrid jiġi nnotifikat minnufih dwar ir-raġunijiet għaliex ġiet miċħuda l-applikazzjoni.

2. Id-dokumenti u t-tagħrif huma sħaħ?

871. Huma biss il-Formola ta' Trażmissjoni u applikazzjoni (l-Applikazzjoni għal Modifika ta' Deċiżjoni rakkomandata tista' tintuża) li huma meħtieġa mill-Konvenzjoni, madankollu, f'ħafna mill-każijiet ser ikun hemm bżonn ta' dokumenti oħrajn sabiex tiġi stabbilita l-bażi għall-modifika. F'ħafna każijiet, id-dokumenti li ġejjin ser ikunu jinsabu fil-pakkett ta' materjali:

- formola rakkomandata għall-Applikazzjoni għal Modifika,
- kopja tad-deċiżjoni dwar il-manteniment – iċċertifikata biss jekk tkun meħtieġa mill-Istat rikjest (ara l-Profil tal-Pajjiż),

164 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 344.

- il-Formola taċ-Ċirkustanzi finanzjarji għad-debitur,
- it-tagħrif meħtieġ biex tinstab il-parti rispondenti fl-Istat rikjest,
- il-Formola taċ-Ċirkustanzi finanzjarji għall-kreditur,
- dokumentazzjoni addizzjonali meħtieġa biex issostni l-applikazzjoni għal modifika,
- dokumentazzjoni addizzjonali meħtieġa mill-Istat rikjest (ara l-Profil tal-Pajjiż).

872. Jekk ikun meħtieġ wieħed mid-dokumenti ta' hawn fuq, u ma jkunx inkluż fil-pakkett mibgħut mill-Istat rikjedenti, l-applikazzjoni ma għandhiex tiġi miċħuda. Minflok, id-dokumenti meħtieġa għandhom jintalbu mill-Istat l-ieħor. Il-Formola ta' Konferma tipprovdi mezz kif issir it-talba.

3. Hemm xi kunsiderazzjonijiet preliminari?

873. L-Awtorità Ċentrali għandha tanalizza d-dokumenti u tistabbilixxi jekk jistax ikun hemm xi ostakolu għall-proċediment tal-kwistjoni fl-Istat rikjest u jekk hemmx xi tħassib li jista' jkun hemm xi xkiel għar-rikonoxximent jew l-infurzar tad-deċiżjoni mmodifikata. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward ta' applikazzjonijiet mid-debituri. Kif diskuss fil-Kapitolu 11, iċ-ċirkustanzi li fihom tista' tinfetaħ applikazzjoni minn debitur skont il-Konvenzjoni fi Stat ieħor biex tiġi mmodifikata deċiżjoni huma limitati f'ċerti każijiet.

874. Madankollu, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest għandha tiftakar li jista' jkun li saret valutazzjoni simili fl-Istat rikjedenti qabel ma ntbagħtu l-materjali. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti ser tkun ikkunsidrat jekk id-deċiżjoni dwar il-modifika li tirriżulta mill-applikazzjoni tkunx tista' tiġi rrikonoxxuta fl-Istat rikjedenti.

875. Fl-aħħar nett, f'ċerti Stati, il-liġi domestika ma tippermettix it-tnaqqis u t-tħassir ta' arretrati tal-manteniment għat-tfal. Jekk l-applikazzjoni titlob biss it-tħassir ta' arretrati tal-manteniment għat-tfal u l-liġi domestika tiegħek[165] ma tippermettix li jitħassru l-arretrati, għarraf lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti dwar dan.

4. L-ipproċessar ta' applikazzjoni għal modifika

876. Ladarba jiġi vvalutat li l-applikazzjoni tista' tkompli skont il-Konvenzjoni, id-dokumenti jistgħu jintbagħtu lill-awtorità kompetenti sabiex jitnedew il-proċedimenti. F'ċerti Stati l-Awtorità Ċentrali hija l-awtorità kompetenti għal dan il-għan.

5. Konferma

877. L-applikazzjonijiet kollha riċevuti jridu jiġu rikonoxxuti mill-Awtorità Ċentrali rikjesta fi żmien sitt ġimgħat mir-riċevuta, b'rapport ieħor dwar l-istatus jew segwitu fi żmien tliet xhur mill-konferma. Il-Formola ta' Konferma obbligatorja trid tintuża għall-ewwel rikonoxximent. Wara, tista' tintuża l-Formola ta' Rapportar tal-Istatus għal dan il-għan.

6. Wara li tittieħed id-deċiżjoni

878. Jekk id-deċiżjoni tiġi mmodifikata, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest ser tibgħat kopja tad-deċiżjoni mmodifikata lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti.

879. F'ċerti każijiet, id-deċiżjoni mmodifikata ser ikollha bżonn tiġi rikonoxxuta fl-Istat rikjedenti qabel ma tkun tista' tiġi infurzata f'dak l-Istat. F'dawn il-każijiet, jista' jkun hemm bżonn li l-Istat rikjest, bħall-Istat ta' oriġini tad-deċiżjoni mmodifikata, jassisti fil-forniment tad-dokumenti meħtieġa (Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà, Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa, u kopji ċċertifikati tad-deċiżjoni) sabiex isostnu l-proċess ta' rikonoxximent. Id-dokumentazzjoni riċevuta mal-Applikazzjoni għal Modifika ta'

165 F'ċerti Stati dan ser jinkludi l-Protokoll tal-Aja dwar il-Liġi Applikabbli għal Obbligi tal-Manteniment.

Deċiżjoni, jew komunikazzjoni ta' segwitu mill-Istat rikjedenti, ser tindika jekk hemmx xi rekwiżit speċjali f'dan ir-rigward. Inkella, l-applikant jaf ikun jista' jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti biex jitlesta r-rikonoxximent.

III. Lista ta' kontroll – applikazzjonijiet riċevuti għal modifika

	Proċedura	Referenza tal-Manwal
1	"Jidher ċar" li mhumiex issodisfati r-rekwiżiti tal-Konvenzjoni?	Parti 2, II(1)
2	Id-dokumenti huma kompluti?	Parti 2, II(2)
3	Ara jekk hemmx ostakoli fil-liġi domestika ta' xi Stat minnhom għall-applikazzjoni għal modifika	Parti 2, II(3)
4	Ipproċessa l-applikazzjoni	Parti 2, II(4)
5	Ikkomunika r-riżultat lill-Istat tal-applikazzjoni	Parti 2, II(6)

Parti III
Kwistjonijiet komuni bejn applikazzjonijiet riċevuti u mibgħuta għal modifika

I. Materjali addizzjonali

A. Pariri prattiċi għall-applikazzjonijiet jew it-talbiet kollha għal modifika

- Rappreżentant awtorizzat tal-Awtorità Ċentrali jrid jimla l-Formola ta' Trażmissjoni. L-applikant jew rappreżentant tal-Awtorità Ċentrali jista' jimla l-formola ta' applikazzjoni rakkomandata.
- L-Istati huma mħeġġin jużaw il-formoli rakkomandati. Huma mfasslin sabiex jinkludu t-tagħrif kollu meħtieġ. Il-Formola ta' Trażmissjoni biss hija formola obbligatorja, u trid tintuża.
- Ma hemm l-ebda rekwiżit li jintbagħtu oriġinali ta' xi dokument.
- Peress li ċerti modifiki ser jipproċedu permezz ta' talba diretta lil awtorità kompetenti, importanti li jiġi żgurat li kull Awtorità Ċentrali li għandha fajl miftuħ tiġi avżata dwar il-modifika. Dan ser jiżgura li l-fajls taż-żewġ Stati Kontraenti ikunu aġġornati.
- Hemm ċerti restrizzjonijiet importanti fil-liġi domestika[166] ta' ċerti Stati dwar it-tħassir ta' arretrati. Dawn huma diskussi f'dan il-Kapitolu. Jekk l-applikazzjoni jew it-talba tikkonċerna tħassir tal-arretrati, għandhom jiġu kkonsultati dan il-Kapitolu u l-Profili tal-Pajjiż taż-żewġ Stati involuti.
- Id-deċiżjoni dwar jekk isirx proċediment b'applikazzjoni għal modifika jew issirx talba diretta lil awtorità kompetenti f'wieħed mill-Istati involuti hija waħda kumplessa. L-applikanti għandhom ikun mħeġġin jiksbu pariri legali fuq din il-kwistjoni.

166 F'ċerti Stati dan ser jinkludi l-Protokoll tal-Aja dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi tal-Manteniment.

- Modifika mhux dejjem tkun meħtieġa meta jkun għaddej l-infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment jew meta jinbidlu ċ-ċirkustanzi tal-partijiet. Jista' jkun hemm rimedji disponibbli skont il-liġi domestika bħal sospensjoni temporanja tal-infurzar, jew alternattivi għall-modifika inklużi kalkolu mill-ġdid jew rivalutazzjoni amministrattivi tad-deċiżjoni.

B. Formoli relatati

Formola ta' Trażmissjoni
Applikazzjoni għal Modifika ta' Deċiżjoni
Formola ta' Tagħrif Ristrett
Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji
Astratt ta' Deċiżjoni
Formola ta' Konferma

C. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 10(1) *e)* u *f)*, u 10(2) *a)*, *b)* u *c)*
L-Artikolu 11
L-Artikolu 12
L-Artikolu 15
L-Artikolu 17
L-Artikolu 18
L-Artikolu 20
L-Artikolu 22

D. Taqsimiet relatati tal-Manwal

Ara l-Kapitolu 1, Taqsima I, A.4 – Applikazzjoni għal modifika ta' deċiżjoni eżistenti
Ara l-Kapitolu 3, Parti 2, Taqsima III – Aċċess effettiv għal proċeduri u assistenza legali
Ara l-Kapitoli 4 u 5 – Applikazzjonijiet mibgħuta u riċevuti għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar

II. Mistoqsijiet frekwenti

Id-debitur huwa meħtieġ iħallas il-manteniment skont deċiżjoni minn Stat ieħor. Wieħed mit-tfal issa qed jgħix mad-debitur. Id-deċiżjoni tista' tiġi mmodifikata mid-debitur?

880. F'ħafna każijiet – iva. Id-debitur ser ikollu jimla applikazzjoni skont l-Artikolu 10(2) *b*) jew *c)* u jipprovdiha lill-Awtorità Ċentrali. L-Awtorità Ċentrali fl-Istat fejn jgħix id-debitur ser jibgħatha lill-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni, jekk il-kreditur jibqa' resident abitwali f'dak l-Istat, jew lill-Istat fejn issa jgħix il-kreditur. F'ċerti ċirkustanzi d-debitur jista' jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fl-Istat fejn jgħix. Jekk id-deċiżjoni tistax tiġi mmodifikata ser jiġi stabbilit mil-liġi tal-Istat rikjest.

X'passi għandhom jittieħdu minn kreditur jew debitur wara li deċiżjoni dwar il-manteniment tiġi mmodifikata, sabiex tiġi infurzata d-deċiżjoni mmodifikata?

881. Il-passi li jmiss huma kwistjoni tal-liġi domestika, skont fejn jgħixu l-partijiet u jekk id-deċiżjoni mmodifikata hijiex mill-Istat Kontraenti fejn ser tiġi infurzata. Jekk iva, ma hemm bżonn isir xejn iktar, peress li l-Istat ser ikun qed jinfurza d-deċiżjoni tiegħu stess.

882. Jekk id-deċiżjoni mmodifikata ttieħdet fi Stat Kontraenti differenti mill-Istat fejn ser tiġi infurzata, jaf tkun trid tiġi rikonoxxuta qabel tiġi infurzata. Ir-rikonoxximent jista' jkun meħtieġ fl-Istat fejn jgħix id-debitur jew fl-Istat fejn għandu assi.

883. F'ċerti Stati, ma hemm bżonn ta' l-ebda rikonoxximent tad-deċiżjoni mmodifikata għaliex deċiżjoni mmodifikata titqies bħala estensjoni tad-deċiżjoni inizjali, diment li d-deċiżjoni inizjali ġiet rikonoxxuta f'dak l-Istat. Fi Stati Kontraenti oħrajn, ser ikollha ssir applikazzjoni għal rikonoxximent tad-deċiżjoni mmodifikata billi jintużaw id-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tal-Konvenzjoni. Jista' jkun possibbli wkoll li ssir talba diretta lill-awtorità kompetenti għal rikonoxximent.

884. Il-Konvenzjoni ma tittrattax din il-kwistjoni b'mod speċifiku.

Deċiżjoni dwar il-manteniment meta tista' tiġi mmodifikata? X'irid juri l-applikant?

885. Il-liġi tal-post fejn tinstema' l-applikazzjoni (l-Istat rikjest) ser tistabbilixxi jekk deċiżjoni tistax tiġi mmodifikata jew varjata. F'ħafna mill-Istati Kontraenti applikant irid juri li seħħet bidla fiċ-ċirkustanzi tal-kreditur, id-debitur jew it-tfal, mindu ttieħdet id-deċiżjoni.

Arretrati pendenti ta' manteniment mhux imħallas jistgħu jitnaqqsu jew jitħassru f'applikazzjoni skont il-Konvenzjoni?

886. Din hija kwistjoni li taqa' kompletament taħt il-liġi domestika, u mhijiex irregolata mill-Konvenzjoni. Irreferi għall-Profil tal-Pajjiż għall-Istat rikjest biex issir taf jekk dak l-Istat huwiex ser jippermetti li jitħassru jew jitnaqqsu arretrati. Jekk l-applikazzjoni tirnexxix ser jiddependi minn jekk il-liġi tal-Istat rikjest tippermettix it-tħassir jew it-tnaqqis ta' arretrati. F'ċerti Stati, l-arretrati ta' manteniment għat-tfal ma jistgħux jitħassru.

X'jiġri jekk id-deċiżjoni mmodifikata tinkiseb iżda ma tistax tiġi rikonoxxuta skont il-Konvenzjoni?

887. L-iskop tal-proċess ta' rikonoxximent huwa li jippermetti li deċiżjonijiet ikunu jistgħu jiġu infurzati fuq l-istess bażi bħal deċiżjoni meħuda skont il-liġi domestika ta' dak l-istat. Għalhekk, deċiżjoni li ma tistax tiġi rikonoxxuta fi Stat ma tistax tiġi infurzata f'dak l-Istat skont il-Konvenzjoni. Madankollu, f'ħafna każijiet, applikant f'din is-sitwazzjoni għandu janalizza l-bażi li fuqha ġew miċħudin ir-rikonoxximent u l-infurzar u jew jiftaħ l-applikazzjoni għal modifika fi Stat differenti (*pereż.*, l-Istat ta' oriġini) jew iniedi applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni ġdida, sabiex jikseb deċiżjoni li tista' tiġi rikonoxxuta u infurzata skont il-Konvenzjoni.

L-ammont ta' manteniment stabbilit fid-deċiżjoni dwar il-manteniment tal-kreditur ma jibqax biżżejjed għall-ħtiġijiet tat-tfal. Issa d-debitur jgħix barra. Il-kreditur kif jista' jikseb żieda fil-manteniment?

888. Jekk id-deċiżjoni ttieħdet fl-Istat fejn għadu jgħix il-kreditur, jista' jkun possibbli li jitlob sempliċiment li l-awtorità kompetenti li ħadet id-deċiżjoni oriġinali timmodifika d-deċiżjoni biex tagħti żieda. Jekk dik l-awtorità ma tistax tieħu deċiżjoni mmodifikata għall-istess raġuni, il-kreditur ser ikollu jiftaħ applikazzjoni skont il-Konvenzjoni, u jitlob li l-applikazzjoni għal modifika tintbagħat lill-Istat fejn issa jgħix id-debitur. Hemm għadd ta' possibbiltajiet dwar kif dan jista' jipproċedi. Dawn huma spjegati fil-Kapitolu 11.

889. Jekk il-kreditur ma jgħixx fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni, l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva f'dak l-Istat jaf ma tkunx tista' timmodifika d-deċiżjoni. F'dak il-każ, il-kreditur ser jiftaħ applikazzjoni għal modifika skont il-Konvenzjoni, u jara li dik l-applikazzjoni tintbagħat lill-Istat fejn jgħix id-debitur.

X'jiġri jekk la l-kreditur u lanqas id-debitur ma jgħixu fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni? Fejn għandha tinstema' l-applikazzjoni għal modifika?

890. Ara l-Kapitolu 11. Ħafna drabi, il-proċedimenti jsiru fl-Istat fejn issa tgħix il-parti rispondenti. Dak jista' jkun jew l-Istat fejn jgħix il-kreditur jew l-Istat fejn jgħix id-debitur, skont min jiftaħ l-applikazzjoni. Madankollu, il-liġi tal-Istat rikjest tistabbilixxi jekk dak l-Istat jistax jimmodifika d-deċiżjoni.

X'inhuma l-motivi għall-modifika ta' deċiżjoni? Il-manteniment jista' jiġi mmodifikat jew l-arretrati tal-manteniment jistgħu jitħassru mingħajr il-kunsens tal-kreditur?

891. Jekk modifika hijiex ser tkun awtorizzata ser jiddependi mil-liġi tal-Istat li jirċievi l-applikazzjoni. F'ħafna mill-Istati Kontraenti, deċiżjoni għal manteniment għat-tfal ma tistax tinbidel sakemm ma jkunx hemm bidla fiċ-ċirkustanzi tad-debitur, il-kreditur jew it-tifel. It-tħassir ta' arretrati ta' manteniment għat-tfal jista' jitħalla jew ma jitħalliex isir mil-liġi tal-Istat rikjest. Ħafna Stati ma jippermettux li jitħassru arretrati ta' manteniment għat-tfal, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, u jistgħu ma jirrikonoxxux jew ma jinfurzawx deċiżjoni li timmodifika l-arretrati.

L-applikant jista' jintalab imur personalment fl-Istat rikjest għall-applikazzjoni għal modifika?

892. L-Artikolu 29 ma jindirizzax jekk tistax tintalab il-preżenza fiżika tal-applikant f'applikazzjoni għal modifika. L-Awtoritajiet Ċentrali tal-Istat rikjest kif ukoll dak rikjedenti għandhom jaħdmu f'kooperazzjoni biex jaraw li l-evidenza tal-applikant tkun disponibbli fl-applikazzjoni, u jassistu sabiex jaraw li l-applikant ikun jista' jagħmel kull sottomissjoni jew jippreżenta evidenza billi jużа mezzi alternattivi bħal pereżempju t-telefon jew permezz ta' vidjokonferenza, jekk ikunu disponibbli.[167]

[167] Meta ż-żewġ Stati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1970 dwar l-Evidenza, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 3, Parti 2, Taqsima V - Konvenzjonijiet Oħrajn tal-Aja.

Kapitolu 13
Mili tat-Talbiet mibgħuta għal Miżuri Speċifiċi

Kif inhu mqassam dan il-Kapitolu:

Dan il-Kapitolu jittratta t-Talbiet għal Miżuri Speċifiċi.

It-Taqsima I tagħti ħarsa ġenerali lejn dawn it-talbiet – meta ser issir it-talba, min jista' japplika għaliha u spjegazzjoni tal-miżuri li jistgħu jitfittxu.

It-Taqsima II tispjega l-proċedura jew l-istadji għat-tiswir u l-ipproċessar ta' talba u t-trażmissjoni tagħha lill-Istat l-ieħor.

It-Taqsima III tkopri l-kwistjonijiet li jistgħu jirriżultaw inklużi spejjeż u tħassib dwar il-protezzjoni tat-tagħrif.

It-Taqsima IV fiha materjali addizzjonali u referenzi għal partijiet oħrajn tal-Manwal.

Jekk kulma għandek bżonn hija sempliċi ġabra fil-qosor tal-proċessi involuti – tista' taqra t-Taqsima V għal Lista ta' Kontroll.

It-Taqsima VI twieġeb ċerti mistoqsijiet frekwenti li jikkonċernaw applikazzjonijiet għal infurzar.

I. Ħarsa Ġenerali – Talbiet għal Miżuri Speċifiċi

A. Meta ssir din it-talba

893. Talba għal Miżuri Speċifiċi ssir meta l-assistenza tkun meħtieġa mingħand Stat Kontraenti ieħor fi kwistjoni dwar il-manteniment, iżda dik l-assistenza hija ta' għamla ferm limitata.

894. It-talba tista' ssir jew:

1 Skont l-Artikolu 7(1):

- biex tingħata assistenza lill-applikant potenzjali fit-tfassil ta' applikazzjoni skont il-Konvenzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, infurzar, stabbiliment jew modifika ta' ***deċiżjoni dwar il-manteniment***, jew
- biex tingħata assistenza lill-applikant potenzjali fid-determinazzjoni ta' jekk għandhiex tinfetaħ applikazzjoni bħal din.

Manteniment *jinkludi manteniment għat-tfal, konjuġi jew sieħeb/sieħba, u spejjeż marbutin mal-indukrar tat-tfal jew il-konjuġi / sieħeb. Skont il-Konvenzjoni, Stat jista' jestendi l-manteniment ukoll għal manteniment li jirriżulta minn forom oħrajn ta' relazzjonijiet familjari.*

2 Skont l-Artikolu 7(2):

- biex jitkomplew il-proċedimenti meta applikazzjoni tkun pendenti fi ħdan Stat Kontraenti u dak il-proċediment għandu element internazzjonali, bħal assi fi Stat ieħor.

895. Għall-kuntrarju ta' applikazzjonijiet għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, infurzar, stabbiliment jew modifika, il-forniment ta' servizzi bħala tweġiba għat-talba huwa kemxejn diskrezzjonali. Jekk it-talba ssir skont l-Artikolu 7(1) u tikkonċerna applikazzjoni potenzjai skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, l-Awtorità Ċentrali rikjesta l-ewwel ser tistabbilixxi jekk humiex meħtieġa s-servizzi. Jekk tkun issodisfata li s-servizzi huma meħtieġa, trid tipprovdi t-tali miżuri kif xieraq, fuq il-bażi tar-riżorsi disponibbli għall-Awtorità Ċentrali u l-liġi interna tal-Istat.[168] It-talba skont l-Artikolu 7(1) trid tkun għal waħda mill-miżuri elenkati f'dak l-Artikolu.

896. Għall-kuntrarju, jekk it-talba ssir skont l-Artikolu 7(2) u tkun marbuta ma' proċediment dwar il-manteniment li huwa pendenti fl-Istat rikjedenti, ma għandhiex għalfejn tkun għal xi waħda mill-miżuri elenkati, iżda r-rispons tal-Istat rikjest huwa kompletament diskrezzjonali.

B. Eżempju ta' każ

897. X tgħix fil-Pajjiż A u għandha deċiżjoni dwar il-manteniment li tesiġi li Y iħallas manteniment għat-tfal. X temmen li jista' jkun li Y qed jirċievi benefiċċji tal-pensjoni minn impjegatur fil-Pajjiż B. Jekk dan huwa minnu, X tixtieq li tibgħat id-deċiżjoni dwar il-manteniment lill-Pajjiż B sabiex tiġi infurzata d-deċiżjoni. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

898. Skont il-Konvenzjoni, X tista' titlob lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A sabiex tibgħat ***Talba għal Miżuri Speċifiċi*** lill-Pajjiż B biex dan jistabbilixxi jekk Y huwiex qed jirċievi benefiċċji f'dak l-Istat. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż B, jekk hija ssodisfata li l-miżuri huma neċessarji, ser tieħu l-passi xierqa biex tinvestiga u ser tavża lill-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A jekk jeżisti dħul mill-pensjoni.[169] Imbagħad X tista' tiftaħ applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni dwar il-manteniment u tibgħatha lill-Pajjiż B.

C. Min jista' japplika?

899. It-Talba għal Miżuri Speċifiċi tista' ssir minn kreditur (inkluż korp pubbliku li qed jaġixxi f'isem kreditur jew li pprovda benefiċċji lill-kreditur), jew minn debitur.

900. It-talba trid tkun taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ċentrali tal-Konvenzjoni (ara l-Kapitolu 3) sakemm ma jkunux saru dikjarazzjonijiet kemm mill-Istat rikjest kif ukoll dak rikjedenti li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal tip ieħor ta' obbligu tal-manteniment.

901. It-Talbiet għal Miżuri Speċifiċi jridu jgħaddu mill-Awtorità Ċentrali f'kull Stat. Talba ma tistax issir direttament lill-awtorità kompetenti.[170]

D. Flowchart

902. Il-flowchart li ġejja tistabbilixxi l-proċeduri ewlenin għat-tnedija ta' Talba għal Miżuri Speċifiċi

---

168 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 203.

169 F'ċerti Stati, il-liġijiet interni dwar il-privatezza jistgħu ma jippermettux li jiġi żvelat it-tagħrif speċifiku, madankollu, il-Pajjiż B jaf ikun jista' javża jekk id-debitur għandux dħul fil-Pajjiż B.

170 Rapport Spjegattiv, para. 194.

L-IPPROĊESSAR TA' TALBIET MIBGĦUTA GĦAL MIŻURI SPEĊIFIĊI



Figura 35: Flowchart – l-ipproċessar ta' Talbiet mibgħuta għal Miżuri Speċifiċi

II. Proċeduri

A. Stabbilixxi l-kuntest tat-talba

903. Skont l-Artikolu 7, l-assistenza mfittxija trid tkun neċessarja għal xi tip ta' każ dwar il-manteniment. Tista' tkun marbuta ma' applikazzjoni possibbli skont il-Konvenzjoni jew każ dwar il-manteniment fl-Istat rikjedenti li għandu bixra internazzjonali.[171] Is-sitwazzjonijiet imsemmijin l-ewwel huma koperti mill-Artikolu 7(1); is-sitwazzjonijiet imsemmijin l-aħħar huma koperti mill-Artikolu 7(2).

*L-**Istat rikjedenti** huwa l-Istat Kontraenti li nieda talba u għamel it-talba f'isem persuna li tgħix f'dak l-Istat. L-**Istat rikjest** huwa l-Istat Kontraenti li qed jintalab jipproċessa t-talba.*

904. Jekk it-talba ma taqax taħt waħda minn dawn il-kategoriji, tista' tiġi miċħuda mill-Awtorità Ċentrali.

B. Jekk it-talba ssir fil-kuntest ta' applikazzjoni kkontemplata skont il-Konvenzjoni (Art. 7(1))

It-talba hija għal waħda mill-miżuri elenkati?

905. Il-Konvenzjoni telenka sitt miżuri possibbli li jistgħu jkunu soġġetti għal Talba għal Miżuri Speċifiċi. Dawn huma stabbiliti fl-Artikolu 7(1) u huma sottosett tal-funzjonijiet ġenrali tal-Awtorità Ċentrali li jridu jingħataw minn Stat Kontraenti. Talba tista' titlob lil Awtorità Ċentrali fi Stat ieħor sabiex tagħti assistenza f'xi waħda min dawn li ġejjin:

a) Għajnuna biex jinstab id-debitur jew il-kreditur

906. Tista' ssir talba sabiex Stat Kontraenti jfittex fid-databanks tiegħu u sorsi aċċessibbli oħrajn ta' tagħrif biex isib fejn qiegħed kreditur jew debitur. Din it-talba tista' ssir meta kreditur fi Stat Kontraenti ma jkunx jixtieq jidħol fi spejjeż tat-traduzzjoni ta' deċiżjoni fil-lingwa ta' Stat Kontraenti ieħor sakemm id-debitur ma jkunx qed jgħix f'dak l-Istat. B'mod simili, debitur jista' jkollu bżonn ikun jaf jekk kreditur jgħixx fl-Istat rikjest sabiex jistabbilixxi fejn għandha tinfetaħ applikazzjoni għal modifika.

b) Għajnuna fil-kisba ta' tagħrif dwar id-dħul, l-assi u ċirkustanzi finanzjarji oħrajn

907. Tista' ssir talba għal assistenza biex jinkiseb tagħrif dwar id-dħul, l-assi u ċirkustanzi finanzjarji oħrajn tad-debitur jew il-kreditur. Dan jista' jkun neċessarju, bħal fl-eżempju ta' hawn fuq, meta kreditur ikun qed jaħseb jekk jibgħatx deċiżjoni lil Stat partikolari biex tiġi infurzata, jekk id-dħul jew l-assi jinstabu fl-Istat rikjest.

c) Faċilitar tal-kisba ta' evidenza

908. F'ċerti każijiet, l-assistenza ta' Stat Kontraenti ieħor tista' tkun meħtieġa sabiex tinkiseb evidenza ħalli tintuża fi proċediment dwar il-manteniment. Pereżempju, dokumenti li jindikaw is-sjieda ta' assi jew kopji ta' informazzjoni fiskali jistgħu jkunu siewja biex tiġi stabbilita l-ħila ta' debitur sabiex iħallas jew inkella jgħinu fis-sejbien ta' jekk hemmx assi li jistgħu jkunu soġġetti għal infurzar. Il-mod li bih Stat iwieġeb għal din it-talba jiddependi mil-liġi domestika tal-Istat rikjest, l-iskop tat-talba u jekk l-Istati involuti humiex Partijiet għal xi trattat internazzjonali (Art. 50).[172]

---

171 Għal spjegazzjoni tat-tifsira ta' "bixra internazzjonali", ara r-Rapport Spjegattiv, para. 206.

172. Ara wkoll ir-Rapport Spjegattiv, para. 648–651.

d) Assistenza fl-istabbiliment tal-parentela

909. Għad li l-Konvenzjoni tippermetti li tiġi stabbilita l-parentela bħala parti minn applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li fihom kreditur ifittex determinazzjoni tal-parentela biss. Pereżempju, il-partijiet jistgħu jkunu qablu li l-Istat tal-kreditur ser ikun l-Istat li ser jieħu d-deċiżjoni dwar il-manteniment, iżda trid tiġi ddeterminata l-parentela biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà għall-manteniment għat-tfal.[173]

e) Tnedija jew iffaċilitar tal-proċedimenti għal miżuri provviżorji

910. Kreditur jista' jitlob lil Stat Kontraenti biex iniedi jew jiffaċilita proċedimenti ta' xorta provviżorja jew temporanja sabiex jiżgura li tirnexxi applikazzjoni għal manteniment pendenti. Talba bħal din tista' tkun marbuta mal-prevenzjoni taċ-ċessjoni ta' assi, jew sospensjoni tal-infurzar ta' deċiżjoni oħra, sakemm titlesta l-applikazzjoni għal manteniment. Dan jista' jsostni proċediment għal manteniment li jkun għadu jrid isir skont il-Konvenzjoni.

f) Faċilitar tan-notifika tad-dokumenti

911. L-assistenza fin-notifika tad-dokumenti fi kwistjoni dwar il-manteniment tista' tkun importanti meta kwistjoni tkun quddiem il-qorti fi Stat u l-parti teħtieġ in-notifika ta' parti li ma tinsabx fl-Istat. Il-mod li bih Stat iwieġeb għal din it-talba jiddependi minn jekk l-Istati involuti humiex Partijiet għal xi trattat internazzjonali, u l-liġi domestika tal-Istat rikjest (Art. 50).[174]

C. Jekk it-talba ssir fil-kuntest ta' proċediment b'bixra internazzjonali (Art. 7(2))

912. Jekk it-Talba għal Miżuri Speċifiċi ssir b'rabta ma' każ li jkollu element internazzjonali, it-talba mhijiex limitata għas-sitt tipi partikolari ta' talbiet elenkati hawn fuq. Persuna li titlob miżuri speċifiċi tista' tagħmel it-talba għal kull tip ieħor ta' assistenza li tista' tkun relevanti għall-proċediment dwar il-manteniment.[175]

D. Id-dokumenti huma kompluti?

913. Għadha ma ġietx żviluppata formola rakkomandata għat-talba għal Talba għal Miżuri Speċifiċi skont l-Artikolu 7(1) jew 7(2), madankollu, l-Uffiċċju Permanenti ser ikun qed jiżviluppa waħda fil-ġejjieni. Il-kontenut tal-pakkett tat-talba ser jiddependi fuq l-għamla tat-talba stess. Sakemm titlesta formola rakkomandata, Stat jista' juża l-formoli tiegħu stess għat-talba. Id-dokumentazzjoni li ġejja tista' tiġi pprovduta lill-Istat rikjest skont it-tip ta' talba u l-kuntest tat-talba:

- il-miżura speċifika mfittxija,
- jekk hemmx ħsieb li ssir applikazzjoni dwar il-manteniment skont il-Konvenzjoni, jew jekk kwistjoni dwar il-manteniment fl-Istat rikjedenti għandhiex bixra internazzjonali,
- it-tip ta' applikazzjoni dwar il-manteniment maħsuba (*pereż.*, rikonoxximent, infurzar, stabbiliment, jew modifika),
- tagħrif dwar għaliex hemm bżonn il-miżura speċifika,
- informazzjoni ta' kuntatt għall-applikant u r-rispondent.

---

173 Jekk tintalab l-evidenza dwar il-parentela għal proċediment ġudizzjarju fl-Istat rikjedenti, u ż-żewġ Stati jkunu Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1970 dwar l-Evidenza, ara l-Kapitolu 3, Parti 2, Taqsima V - Konvenzjonijiet Oħrajn tal-Aja.

174 Ara wkoll ir-Rapport Spjegattiv, para. 648-651.

175 Għal eżempji oħrajn, ara r-Rapport Spjegattiv, para. 193.

914. Fit-tlestija tal-pakkett ta' materjali u t-Talba għal Miżuri Speċifiċi, ara li huma koperti l-elementi li ġejjin:

a) Protezzjoni tal-privatezza

915. Il-Konvenzjoni tistipula li kull tagħrif miġbur jew mibgħut f'applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni ma jistax jiġi żvelat jew ikkonfermat jekk jista' jixħet f'riskju s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' persuna.

916. Jekk hemm tħassib, indika hekk fil-formola tat-talba u inkludi kull tagħrif personali fuq formola separata minflok fit-talba stess.

b) Tagħrif dwar l-Awtorità Ċentrali

917. Ipprovdi tagħrif dwar l-Awtorità Ċentrali rikjedenti u l-persuna li għandha tiġi kkuntattjata jekk ikun hemm xi segwitu meħtieġ mill-Istat rikjest. Il-lingwa tal-komunikazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali ser tkun il-lingwa tal-Istat rikjest, lingwa oħra, jew l-Ingliż jew il-Franċiż. Il-Profil tal-Pajjiż ser jikkonferma liema trid tintuża.

918. Ipprovdi l-informazzjoni ta' kuntatt lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti. Dik l-informazzjoni tista' tinkiseb mill-Profil tal-Pajjiż.

c) Dettalji dwar l-applikant

919. L-applikant hija l-persuna li qed tagħmel it-Talba għal Miżuri Speċifiċi. Debitur jista' jkun applikant għal miżuri speċifiċi wkoll.

d) Dettalji tal-persuna/i li għalihom jitfittex il-manteniment

920. Dan huwa importanti sabiex jiġi żgurat li l-obbligu dwar il-manteniment jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni (ara l-Kapitolu 3). Jekk l-applikant qed ifittex manteniment għalih stess, ipprovdi dak it-tagħrif. Għal membri tal-famija jew dipendenti oħrajn, ipprovdi tagħrif dwar ir-relazzjoni familjari, u d-data tat-twelid ta' kull tifel, sabiex jiġi stabbilit li t-tfal għandhom inqas minn 21 sena u għalhekk huma koperti mill-Konvenzjoni. Għandhom jintużaw l-ismijiet li jidhru fuq kull ċertifikat tat-twelid jew rekord uffiċjali ieħor.

e) Dettalji dwar id-debitur

921. It-tagħrif dwar id-debitur ser ikun meħtieġ skont it-talba. Ipprovdi tagħrif għad-debitur meta jitfittex l-istabbiliment tal-parentela jew meta jitfittex fejn jgħix id-debitur, jew fejn qegħdin l-assi jew id-dħul tiegħu.

f) Lista ta' dokumenti mehmużin

922. Indika jekk hemmx xi dokumenti inklużi mat-talba, u elenka dawk id-dokumenti.

E. Ibgħat lill-Istat rikjest

923. Ladarba tinġabar id-dokumentazzjoni, tista' tintbagħat lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjest. Il-limiti ta' żmien għal konferma mill-Istat rikjest fl-Artikolu 12 ma japplikawx għal Talbiet għal Miżuri Speċifiċi; madankollu, l-obbligu ġenerali biex issir ħidma effettiva ma' Stati Kontraenti oħrajn ifisser li l-Istat rikjest irid jikkonferma t-talba fi ħdan perjodu raġonevoli ta' żmien. Hija prattika tajba li, tal-inqas, jintużaw l-iskedi ta' żmien stipulati fl-Artikolu 12.

III. Kwistjonijiet Oħrajn

A. *Spejjeż*

924. Ta' min jinnota li l-prinċipji ġenerali dwar l-assistenza legali b'xejn (Art. 14 u 15) ma japplikawx għal talbiet għal Miżuri Speċifiċi, anki meta t-talba tkun tikkonferma applikazzjoni potenzjali għal manteniment għat-tfal.

925. Awtorità Ċentrali rikjesta tista' timponi miżata għas-servizzi tagħha sabiex twieġeb għal Talba għal Miżuri Speċifiċi. Madankollu, l-Artikolu 8 jistipula li l-uniċi spejjeż li jistgħu jiġu rkuprati minn applikant huma spejjeż "eċċezzjonali". Barra minn hekk, l-ispejjeż ma jistgħux jiġu rkuprati mingħand applikant sakemm ma jkunx ta l-kunsens tiegħu minn qabel għall-forniment tas-servizzi b'dak il-prezz. Il-Konvenzjoni ma tiddefinixxix "eċċezzjonali", u din ser tkun kwistjoni ta' liġi u politika interna dwar liema spejjeż jitqiesu eċċezzjonali.[176]

Eżempju

926. Z tgħix fil-Pajjiż A. D huwa missier it-tifel. Z taħseb li D għandu assi li jistgħu jiġu ċeduti fil-Pajjiż B qabel ma tilħaq tittieħed deċiżjoni dwar il-manteniment fil-Pajjiż B. Z għandha żewġ għażliet. Tista' tagħmel Talba għal Miżuri Speċifiċi mal-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A, li fiha titlob lill-Pajjiż B jikseb miżuri provviżorji biex jippreserva l-assi sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-manteniment. Jekk tagħmel hekk, u jkun hemm spejjeż marbutin ma' rikors bħal dan (*pereż.* miżati għall-preżentata), dawn l-ispejjeż jistgħu jitqiesu li huma "eċċezzjonali" u jistgħu jiġu rkuprati mingħand Z, jekk tagħti l-kunsens tagħha minn qabel. Inkella, Z tista' tkompli b'applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment fil-Pajjiż B u titlob sabiex l-assi jiġu ppreservati matul dik l-applikazzjoni. Jekk Z tagħmel din l-għażla, mhijiex ser iġġarrab xi spejjeż għall-miżuri provviżorji.[177]

927. Fl-eżempju ta' hawn fuq, jekk l-ispejjeż huma fattur importanti għal Z, tista' tagħżel li ma tagħmilx Talba għal Miżuri Speċifiċi. Madankollu, ftakar li l-ispejjeż imġarrbin mill-Istat rikjest jew mingħand Z f'dan l-eżempju jistgħu jiġu rkuprati mingħand id-debitur f'kull applikazzjoni sussegwenti għall-manteniment, jekk tkun permessa mil-liġi domestika tal-Istat rikjest.

B. *Protezzjoni ta' informazzjoni personali*

928. Hemm limiti speċifiċi fil-Konvenzjoni dwar l-iżvelar u l-konferma ta' tagħrif miġbur jew mibgħut skont il-Konvenzjoni f'ċerti ċirkustanzi. L-iżvelar jew il-konferma tat-tagħrif mhuwiex permess meta dan ipoġġi f'riskju s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' persuna (Art. 40(1)). Il-persuna tista' tkun tifel, l-applikant, jew ir-rispondent, jew kull persuna oħra. Il-Konvenzjoni mhijiex limitata f'dan ir-rigward.

929. Meta Awtorità Ċentrali tistabbilixxi li l-iżvelar jew il-konferma tat-tagħrif joħloq riskju bħal dan, ser tgħaddi dak it-tħassib lill-Awtorità Ċentrali l-oħra involuta, u dik l-Awtorità Ċentrali tieħu dik is-sejba f'kunsiderazzjoni meta tipproċessa applikazzjoni skont il-Konvenzjoni. L-Awtorità Ċentrali rikjesta mhijiex marbuta bid-determinazzjoni tar-riskju li ssir mill-Awtorità Ċentrali rikjedenti iżda trid tikkunsidra jekk l-iżvelar jistax ipoġġi f'riskju s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' persuna. Kif l-Awtorità Ċentrali tipproċedi f'kull sitwazzjoni jiddependi minn dak li huwa meħtieġ sabiex tipproċessa l-applikazzjoni u għall-Awtorità Ċentrali sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni (Art. 40(1) u (3)).

---

176 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 223.

177 Sakemm l-Istat rikjest ma jkunx iddikjara li ser juża test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal, jew l-Istat rikjest juża test tal-merti qabel ma jipprovdi assistenza legali b'xejn. (Ara l-Kapitolu 3.)

930. F'ċerti każijiet, il-leġiżlazzjoni domestika tista' tipprevjeni wkoll il-ħruġ ta' tagħrif personali speċifiku lill-applikant, jew l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti, iżda normalment jiġi pprovdut tagħrif ġenerali (pereżempju, konferma li debitur jgħix fi Stat).

> ***Prattika tajba**: Jekk it-talba għat-tagħrif teħtieġ l-iżvelar ta' tagħrif personali speċifiċi, staqsi minn qabel lill-Awtorità Ċentrali rikjesta dwar jekk dak it-tagħrif jistax jiġi żvelat lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti jew lill-applikant. Jekk le, l-applikant jaf ikollu jipproċedi bl-applikazzjoni skont l-Artikolu 10 (għal rikonoxximent u infurzar, stabbiliment, modifika, eċċ.) qabel ma jikseb it-tagħrif qabel kollox.*

IV. Materjali addizzjonali

A. Pariri prattiċi

- Ftakar li għad li Talba għal Miżuri Speċifiċi mhijiex applikazzjoni skont l-Artikolu 10, xorta trid tiġi pproċessata mill-Awtoritajiet Ċentrali f'kull Stat. Ma tistax issir talba diretta lil awtorità kompetenti għal miżura speċifika.
- Il-miżuri meħudin mill-awtorità Ċentrali jew kompetenti fl-Istat rikjest bħala tweġiba għat-Talba għal Miżuri Speċifiċi ser ikunu diskrezzjonali fil-parti l-kbira. Għalhekk, meta jiddeċiedi jekk jagħmilx talba għal miżura speċifika (*pereż.*, għas-sejbien tal-parentela) qabel ma jipproċedi b'applikazzjoni skont l-Artikolu 10, l-applikant jaf ikun jaqbillu jikkunsidra jekk it-Talba għal Miżuri Speċifiċi hijiex ser tittardja l-proċedimenti għalxejn.

B. Formoli relatati

Formola ta' Trażmissjoni

C. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 2
L-Artikolu 3
L-Artikolu 7
L-Artikolu 8
L-Artikolu 15
L-Artikolu 38
L-Artikolu 40
L-Artikolu 50
L-Artikolu 51

D. Taqsimiet relatati tal-Manwal

Ara l-Kapitoli 4 u 5 – Applikazzjonijiet mibgħuta u riċevuti għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar
Ara l-Kapitoli 8 u 9 – Applikazzjonijiet mibgħuta u riċevuti għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment
Ara l-Kapitolu 10 – Infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment
Ara l-Kapitoli 11 u 12 – Modifika ta' deċiżjonijiet

V. Lista ta' kontroll – Talba mibgħuta għal Miżuri Speċifiċi

	Proċedura	Referenza tal-Manwal
1	Stabbilixxi l-kuntest tat-talba	II(A)
2	Jekk it-talba tikkonċerna applikazzjoni possibbli skont il-Konvenzjoni:	
2(a)	Ikkonferma li t-talba hija għal waħda mill-miżuri elenkati	II(B)
3	Jekk it-talba hija marbuta ma' proċediment domestiku dwar il-manteniment:	II(C)
3(a)	Talba tista' tkun għal kull assistenza meħtieġa	II(C)
4	Sawwar il-pakkett ta' dokumenti	II(D)
5	Ibgħat lill-Istat rikjest	II(E)

VI. Mistoqsijiet Frekwenti

Trid tinfetaħ Applikazzjoni skont il-Konvenzjoni sabiex issir Talba għal Miżuri Speċifiċi?

931. Le. Applikant jista' jagħżel li jistaqsi lil Awtorità Ċentrali sabiex jagħmel Talba għal Miżuri Speċifiċi bħala mezz sabiex jistabbilixxi jekk applikazzjoni għandhiex tinfetaħ affattu. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta t-tagħrif li jikkonċerna d-dħul jew l-assi ta' debitur ikun ser jintuża biex jiġi stabbilit jekk għandhiex issir l-applikazzjoni għal infurzar.

L-Awtorità Ċentrali trid tipprovdi s-servizz li qiegħed jintalab f'Talba għal Miżuri Speċifiċi?

932. Mhux dejjem. Awtorità Ċentrali trid tieħu miżuri xierqa bħala tweġiba għat-Talba għal Miżuri Speċifiċi jekk hija ssodisfata li l-miżuri huma meħtieġa sabiex tassisti lil applikant biex jagħmel applikazzjoni għal stabbiliment, rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar jew modifika ta' deċiżjoni dwar il-manteniment skont l-Artikolu 10, jew sabiex jiddeċiedi jekk jiftaħx applikazzjoni bħal din (Art. 7(1)). Ta' min jinnota d-differenza fit-termini użati fl-Artikolu 7(1) li jistipulaw li l-Awtorità Ċentrali rikjesta ***għandha*** tieħu miżuri xierqa (meta jiġi kkontemplat każ skont il-Konvenzjoni), u l-Artikolu 7(2) li jistipula li l-Awtorità Ċentrali ***tista'*** tieħu miżuri speċifiċi (għal każijiet ta' bixra internazzjonali).

Kapitolu 14
L-ipproċessar ta' Talbiet riċevuti għal Miżuri Speċifiċi

Kif inhu mqassam dan il-Kapitolu:

Dan il-Kapitolu jittratta Talbiet riċevuti għal Miżuri Speċifiċi.

It-Taqsima I tagħti ħarsa ġenerali lejn dawn it-talbiet – min jista' jagħmel talba u meta ser tintuża.

It-Taqsima II tispjega l-proċedura jew il-passi għall-eżami ta' materjali riċevuti u l-ipproċessar tat-talba.

It-Taqsima III tiddiskuti l-kwistjoni tal-ispejjeż.

It-Taqsima IV fiha referenzi u materjali addizzjonali għat-talba.

It-Taqsima V fiha Lista ta' Kontroll għal dawk li jeħtieġu sempliċi ħarsa ġenerali lejn il-proċess.

It-Taqsima VI tkopri uħud mill-iktar mistoqsijiet frekwenti fir-rigward ta' din l-applikazzjoni.

I. Ħarsa Ġenerali – Talbiet għal Miżuri Speċifiċi

A. Meta tintuża din it-talba

933. Din it-talba ssir f'żewġ sitwazzjonijiet differenti meta applikant ikun jeħtieġ xi forma limitata ta' assistenza minn Stat Kontraenti ieħor.

934. Talba għal Miżuri Speċifiċi tista' ssir skont l-Artikolu 7(1) sabiex:

- tgħin lill-applikant biex jiftaħ applikazzjoni skont il-Konvenzjoni għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, infurzar, stabbiliment, jew modifika ta' deċiżjoni dwar il-manteniment, jew sabiex
- tgħin lill-applikant jistabbilixxi jekk għandhiex tinfetaħ it-tali applikazzjoni.

935. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 7(2), tista' ssir Talba għal Miżuri Speċifiċi meta applikazzjoni dwar il-manteniment tkun pendenti fi ħdan Stat Kontraenti u dak il-każ ikollu bixra internazzjonali, sabiex jitkomplew il-proċedimenti.

936. Skont l-Artikolu 7(1) hemm sitt miżuri possibbli li jistgħu jintalbu. Il-mod li bih l-Awtorità Ċentrali twieġeb għal Talba għal Miżuri Speċifiċi huwa diskrezzjonali, u l-livell ta' assistenza disponibbli jista' jvarja sew bejn l-Istati. Jekk it-talba tikkonċerna applikazzjoni potenzjali skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, l-ewwel l-Awtorità Ċentrali rikjesta tistabbilixxi jekk is-servizzi humiex meħtieġa, u mbagħad għandha tipprovdi t-tali miżuri kif xieraq, fuq il-bażi tar-riżorsi disponibbli għall-Awtorità Ċentrali u l-liġi interna tal-Istat.[178]

[178] Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 204.

937. Jekk it-talba ssir skont l-Artikolu 7(2), u tkun marbuta ma' proċediment dwar il-manteniment li huwa pendenti fl-Istat rikjedenti, it-talba ma tkunx ristretta għas-sitt miżuri stabbiliti fl-Artikolu 7(1). L-applikant jista' jitlob kull miżura oħra; madankollu, jekk l-Istat rikjest huwiex ser jgħin jew jiffaċilita l-għoti tal-miżuri mitlubin huwa kompletament diskrezzjonali.

B. Eżempju ta' każ

938. Il-kreditur għandu ***deċiżjoni dwar il-manteniment*** mill-Pajjiż A. Il-kreditur jemmen li d-debitur jista' jkun qiegħed jgħix fil-Pajjiż B. Il-kreditur jixtieq jikkonferma dan it-tagħrif qabel sabiex jevita milli jaħli riżorsi għal traduzzjoni tal-applikazzjoni u d-deċiżjoni sabiex jibgħat id-deċiżjoni ħalli tiġi rikonoxxuta u infurzata fil-Pajjiż B. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

Manteniment *jinkludi manteniment għat-tfal, konjuġi jew sieħeb/sieħba, u spejjeż marbutin mal-indukrar tat-tfal jew il-konjuġi / is-sieħeb. Skont il-Konvenzjoni, Stat jista' jestendi l-manteniment ukoll għal manteniment li jirriżulta minn forom oħrajn ta' relazzjonijiet familjari.*

939. Skont il-Konvenzjoni, il-kreditur jista' jagħmel ***Talba għal Miżuri Speċifiċi.*** L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A tibgħat it-talba lill-Pajjiż B, u fiha titlob li ssir tiftixa biex jiġi stabbilit jekk id-debitur jgħixx fil-Pajjiż B. Il-passi meħudin ikunu rregolati mil-liġi u l-politika interna tal-Pajjiż B. Il-Pajjiż B jikkonferma jekk id-debitur huwiex qed jgħix fil-Pajjiż B. L-indirizz tad-debitur jiġi pprovdut biss jekk dan ikun awtorizzat mil-liġi domestika tal-Pajjiż B. Imbagħad, il-kreditur jista' jiftaħ l-applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni.

C. Min jista' jagħmel talba?

940. It-Talbiet għal Miżuri Speċifiċi jridu jsiru permezz u mill-Awtorità Ċentrali f'kull Stat. Talba ma tistax issir direttament lil awtorità kompetenti.[179]

941. It-talba lill-Awtorità Ċentrali tista' ssir biss minn ***kreditur***, inkluż korp pubbliku li jaġixxi f'isem kreditur jew ipprova benefiċċji lill-kreditur, jew debitur. anki jekk il-proċedimenti jew l-applikazzjoni għal manteniment li magħhom huma marbutin il-miżuri ikunu kompletament domestiċi u t-talba ssir skont l-Artikolu 7(2), il-proċedimenti jew l-applikazzjoni għal manteniment li magħhom huma marbutin il-miżuri jridu jkunu jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, kif stabbilit fil-Kapitolu 3 ta' dan il-Manwal.

Kreditur *huwa l-individwu li lilu huwa dovut jew allegatament dovut il-manteniment. Kreditur jista' jkun ġenitur jew konjuġi, tifel, ġenituri adottivi, jew qraba jew oħrajn li jieħdu ħsieb tifel. F'ċerti Stati, din il-persuna tista' tissejjaħ riċevitur tal-manteniment, destinatarju jew ġenitur jew indukratur kustodju.*

D. Flowchart

942. Il-flowchart fil-paġna li jmiss tistabbilixxi l-proċeduri għall-ipproċessar ta' Talba riċevuta għal Miżuri Speċifiċi.

---

179 Rapport Spjegattiv, para. 193.

L-IPPROĊESSAR TA' TALBIET RIĊEVUTI GĦAL MIŻURI SPEĊIFIĊI



Figura 36: Flowchart – l-ipproċessar ta' Talba għal Miżuri Speċifiċi

II. Proċeduri

A. Konferma tar-riċevuta ta' talba

943. Il-Formola obbligatorja ta' Konferma mhijiex meħtieġa għal Talba għal Miżuri Speċifiċi. Madankollu, l-Awtorità Ċentrali xorta waħda għandha ssegwi r-rekwiżiti ġenerali tal-Konvenzjoni u tara li l-Istat rikjedenti huwa informat li rċeviet it-talba.

B. Qed tiġi kkunsidrata applikazzjoni skont il-Konvenzjoni?

944. Kif intqal iktar 'il fuq, hemm differenzi fil-mod li bih Awtorità Ċentrali rikjesta ser twieġeb għal Talba għal Miżuri Speċifiċi, skont jekk it-talba hijiex marbuta ma' applikazzjoni potenzjali skont il-Konvenzjoni (Art. 7(1)), jew jekk it-talba hijiex relatata ma' proċediment dwar il-manteniment pendenti fl-Istat rikjedenti (Art. 7(2)).

945. Jekk il-miżura speċifika hija mfittxija biex tassisti l-applikant biex jagħmel applikazzjoni skont il-Konvenzjoni, jew biex jiġi stabbilit jekk għandhiex tinfetaħ applikazzjoni bħal din, l-ewwel l-Awtorità Ċentrali rikjesta trid tkun "issodisfata" li l-miżuri huma meħtieġa biex jassistu f'dik l-applikazzjoni. Jekk it-talba tissodisfa dak il-livell limitu, l-Awtorità Ċentrali għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tassisti.

946. L-Artikolu 7(2) jipprevedi tweġiba kemxejn differenti meta t-talba tirriżulta b'rabta ma' proċediment dwar il-manteniment fl-Istat rikjedenti jekk dak il-każ ikollu bixra internazzjonali. F'dawn il-każijiet, it-tweġiba hija iktar diskrezzjonali, peress li l-Awtorità Ċentrali rikjesta tista' tieħu miżuri, iżda mhijiex obbligata tagħmel dan.

947. Dejjem huwa f'idejn l-Istat rikjest li jiddeċiedi x'miżuri huma xierqa jew ser jintużaw biex jagħti l-assistenza meħtieġa.

C. Jekk it-Talba għal Miżuri Speċifiċi hija marbuta ma' applikazzjoni kkontemplata skont il-Konvenzjoni (Art. 7(1))

1. It-talba hija għal waħda mill-miżuri elenkati?

948. Il-miżuri li jistgħu jitfittxu huma limitati. Jekk it-talba li ġiet riċevuta hija għal miżura mhux stipulata fl-Artikolu 7, it-talba ma tistax tiġi pproċessata, u l-Istat rikjedenti għandu jiġi informat dwar dan. Il-miżuri li jistgħu jintalbu huma stipulati hawn taħt:

a) Sib id-debitur jew il-kreditur

949. Applikant jista' jitlob l-għajnuna tal-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest biex jinstab il-kreditur jew id-debitur. Aktarx dan ser isir bl-għan li jiġi stabbilit jekk applikazzjoni għandhiex tintbagħat lil dak l-Istat għall-ipproċessar. Kreditur jista' jkun jaqbillu jistabbilixxi jekk id-debitur jgħixx fi Stat qabel jibgħat applikazzjoni lil dak l-Istat jew debitur jista' jkun jaqbillu jsir jaf jekk kreditur jgħixx fl-Istat rikjest jekk dak l-Istat huwa dak fejn ittieħdet id-deċiżjoni, sabiex jistabbilixxi fejn għandha ssir applikazzjoni għal modifika.

b) Ikseb tagħrif dwar id-dħul, l-assi u ċ-ċirkustanzi finanzjarji

950. Awtorità Ċentrali tista' tintalab tassisti fil-kisba ta' tagħrif dwar iċ-ċirkustanzi finanzjarji ta' debitur jew kreditur, inkluż tagħrif dwar id-dħul u l-assi. Dan it-tagħrif jista' jitfittex, pereżempju, sabiex jiġi stabbilit jekk debitur għandux assi jew dħul fl-Istat rikjest għall-fini ta' infurzar ta' deċiżjoni. Kemm informazzjoni personali speċifika tista' tiġi żvelata lill-Awtorità Ċentrali rikjedenti jew l-applikant jiddependi fuq il-liġijiet dwar il-privatezza tal-Istat rikjest.

c) Ikseb evidenza

951. Awtorità Ċentrali tista' tintalab tgħin fil-kisba ta' evidenza dokumentarja jew evidenza oħra li għandha tintuża fi proċediment. Il-mod li bih Stat iwieġeb għal din it-talba jiddependi minn jekk l-Istati involuti humiex Partijiet għal xi trattat internazzjonali, u l-liġi domestika tal-Istat rikjest (Art. 50).[180]

952. Pereżempju, jekk it-tifel twieled fil-Pajjiż A, iżda l-kreditur ma għadux jgħix hemm, il-kreditur jista' jitlob kopja taċ-ċertifikat tat-twelid sabiex jipproċedi b'applikazzjoni għal manteniment. Talba għal Miżuri Speċifiċi tista' ssir lill-Pajjiż A sabiex jinkiseb ċertifikat tat-twelid.

d) Agħti assistenza fl-istabbiliment tal-parentela

953. L-għajnuna tal-Awtorità Ċentrali tista' titfittex jekk l-istabbiliment tal-parentela jkun meħtieġ ħalli tinkiseb deċiżjoni dwar il-manteniment. Filwaqt li l-parentela tista' tiġi stabbilita bħala parti minn applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni, jista' jkun hemm ċirkustanzi li fihom kreditur ifittex assistenza sabiex jistabbilixxi l-parentela qabel ma jiftaħ l-applikazzjoni. Il-mod li bih Stat iwieġeb għat-tali talba jiddependi mil-liġi domestika tiegħu, jekk it-talba hijiex għal evidenza fi proċediment ġudizzjarju u jekk iż-żewġ Stati humiex Partijiet għal xi Konvenzjoni internazzjonali oħra (Art. 50). Ara l-Kapitolu 3, Parti 2, Taqsima V - Konvenzjonijiet Oħrajn tal-Aja għal diskussjoni dwar din il-kwistjoni.

Debitur *huwa l-individwu li għandu jħallas jew li allegatament għandu jħallas il-manteniment. Id-debitur jista' jkun ġenitur, jew konjuġi jew xi ħadd ieħor li, skont il-liġi tal-post fejn ittieħdet id-deċiżjoni, għandu obbligu li jħallas il-manteniment. F'ċerti Stati, din il-persuna tissejjaħ dak li jħallas il-manteniment, obbligant, jew ġenitur mhux kustodju jew mhux residenti.*

e) Niedi proċedimenti għal miżuri provviżorji

954. Tista' ssir talba sabiex jitnedew miżuri provviżorji, meta jkunu meħtieġa sabiex tinfetaħ applikazzjoni għal manteniment jew jiġi żgurat l-eżitu ta' applikazzjoni pendenti għal manteniment. Is-soltu, it-tali miżuri jkunu limitati għat-territorju tal-Istat rikjest. Pereżempju, il-kreditur jista' jitlob li tiġi ppreżentata rahan kontra l-proprjetà sabiex jiġi evitat il-bejgħ tagħha, sabiex l-assi jkun disponibbli f'applikazzjoni sussegwenti għal infurzar tad-deċiżjoni dwar il-manteniment.

f) Iffaċilita n-notifika tad-dokumenti

955. L-Istat rikjest jista' jintalab sabiex jgħin fin-notifika ta' dokumenti marbutin ma' proċedimenti kkontemplati dwar il-manteniment. Il-mod li bih Stat iwieġeb għal din it-talba jiddependi fuq jekk l-Istati involuti humiex Partijiet għal xi trattat internazzjonali, u l-liġi domestika tal-Istat rikjest (Art. 50).[181]

---

180 Ara wkoll ir-Rapport Spjegattiv, para. 648-651.
181 *Ibid*.

2. Il-miżuri mitlubin huma neċessarji?

956. Jekk it-talba hija neċessarja għal applikazzjoni kkontemplata skont il-Konvenzjoni, id-dokumentazzjoni mill-Istat rikjedenti għandha tinkludi[182] biżżejjed tagħrif biex l-Awtorità Ċentrali rikjesta tkun tista' tieħu deċiżjoni dwar jekk il-miżuri humiex neċessarji.

3. Ħu miżuri xierqa

957. Ladarba tiġi analizzata t-talba, huwa f'idejn l-Istat rikjest li jiddeċiedi x'miżuri huma xierqa jew ser jintużaw biex jagħtu l-assistenza mitluba. Il-passi jistgħu jittieħdu mill-Awtorità Ċentrali stess, jew it-talba tista' tiġi riferita lill-awtorità kompetenti.

D. Jekk it-talba tkun marbuta ma' każ fl-Istat rikjedenti b'bixra internazzjonali (Art. 7(2))

958. Jekk it-talba mhijiex marbuta ma' applikazzjoni kkontemplata skont il-Konvenzjoni, it-talba tista' ssir għal kull tip ta' assistenza, inklużi t-tipi ta' assistenza elenkati fl-Artikolu 7(1). Madankollu, it-tweġiba tal-Istat rikjest hija kompletament diskrezzjonali.

959. Il-mod li bih Stat rikjest iwieġeb għal talba bħal din ikun stabbilit mil-liġi domestika u l-politiki interni tal-Istat. Madankollu, bħala prinċipju ta' prattika tajba, Awtorità Ċentrali jaf ikun jaqblilha tipprovdi assistenza jekk billi tagħmel hekk tkun qed tnaqqas jew telimina l-ħtieġa li l-kwistjoni tiġi rriferita lill-Istat rikjedenti, u tħaffef il-kisba ta' manteniment għat-tfal jew għall-familja. Pereżempju, l-għoti ta' assistenza sabiex tinkiseb deċiżjoni dwar il-manteniment fl-Istat rikjedenti jista' jelimina l-ħtieġa li ssir talba diretta jew applikazzjoni għal deċiżjoni fl-Istat rikjest.

E. Ipprovdi l-istatus lill-Istat rikjedenti

960. Il-Formola ta' Rapportar tal-Istatus użata għal applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni mhijiex meħtieġa għal Talba għal Miżuri Speċifiċi, u lanqas iż-żmien għar-rispons fl-Artikolu 12 ma huwa applikabbli għal Talbiet għal Miżuri Speċifiċi. Madankollu, l-Awtorità Ċentrali xorta waħda għandha ssegwi r-rekwiżiti ġenerali tal-Konvenzjoni u tiżgura li l-Istat rikjedenti huwa mgħarraf dwar il-passi meħudin, fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli. Hija prattika tajba li tiġi segwita l-iskeda ta' żmien fl-Artikolu 12 f'kull każ.

III. Kwistjonijiet oħrajn

A. Spejjeż

961. Talbiet għal Miżuri Speċifiċi huma eċċezzjoni għad-dispożizzjoni ġenerali skont il-Konvenzjoni li Awtorità Ċentrali trid iġġarrab l-ispejjeż tagħha stess. Awtorità Ċentrali tista' titlob ħlas mingħand l-applikant għal spejjeż marbutin ma' Talba għal Miżuri Speċifiċi, jekk dawk l-ispejjeż ikunu eċċezzjonali (Art. 8). Madankollu, kun af li l-ispejjeż jistgħu jiġu rkuprati mingħand xi ħadd ħlief l-applikant (*pereż.*, debitur jew rispondent) jekk dan ikun awtorizzat mil-liġi domestika tal-Istat rikjest.[183]

---

182 Ladabra tiġi żviluppata formola rakkomandata għal talbiet speċifiċi, dan it-tagħrif kollu ser ikun inkluż f'dik il-formola.

183 Rapport Spjegattiv, para. 215.

962. Spejjeż eċċezzjonali mhumiex iddefiniti b'mod speċifiku fil-Konvenzjoni.[184] Madankollu, dawn huma spejjeż li ma jkunux normali, mhux tas-soltu, jew eċċezzjoni għar-regola ġenerali. L-ispejjeż ġenerali assoċjati mal-ipproċessar ta' talba aktarx li ma jitqiesux eċċezzjonali. Għalhekk, l-ispejjeż tas-soltu tal-ittestjar ġenetiku jew spejjeż legali biex tinfetaħ applikazzjoni l-qorti għal miżuri provviżorji ma jaqgħux f'din il-kategorija.

963. Fil-każ li Awtorità Ċentrali jkun beħsiebha titlob il-ħlas għall-ispejjeż għall-miżuri mingħand l-applikant, l-applikant irid jagħti l-kunsens għall-forniment tas-servizzi b'dak il-prezz, minn qabel, qabel ma jiġu forniti dawk is-servizzi. Dan jagħti lill-applikant opportunità sabiex jistabbilixxi jekk tistax tittieħed azzjoni oħra.

Eżempju

964. Kreditur jgħix fil-Pajjiż A. Qed tfittex manteniment għat-tifel tagħha. Id-debitur jgħix fil-Pajjiż B. Il-parentela trid tiġi stabbilita qabel ma tkun tista' tittieħed id-deċiżjoni.

965. Il-kreditur għandu żewġ għażliet. Tista' ssir Talba għal Miżuri Speċifiċi, li fiha tintalab l-għajnuna tal-Pajjiż B sabiex tiġi stabbilita l-parentela jew jiġi ffaċilitat l-istabbiliment tal-parentela fil-Pajjiż A. Il-Pajjiż B jgħarraf jekk l-ispejjeż marbutin mal-proċess jistgħux jintalbu mingħand il-kreditur. Jekk iva, f'dak il-każ il-kreditur jista' jkun jixtieq jagħmel sempliċi applikazzjoni għall-istabbiliment ta' deċiżjoni fil-Pajjiż B skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, u jitlob determinazzjoni tal-parentela bħala parti minn dak il-proċediment. Jekk il-kreditur jiftaħ applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, l-ispejjeż tat-testijiet tal-parentela kważi dejjem ser ikunu koperti bħala parti mis-servizzi b'xejn li jridu jiġu pprovduti lil applikant[185] (ara l-Kapitolu 3).

IV. Materjali addizzjonali

A. Pariri prattiċi

- Jekk huwa probabbli li l-Istat tiegħek jitlob ħlas għall-ispejjeż għat-teħid tal-miżuri speċifiċi, għarraf lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti malajr kemm jista' jkun. F'ċerti każijiet, il-ħlas għall-ispejjeż ikun fattur li l-applikant għandu jikkunsidra meta jixtarr jekk jipproċedix sempliċiment b'applikazzjoni skont il-Konvenzjoni, minflok ma jipproċedi bit-Talba għal Miżuri Speċifiċi.
- L-applikant dejjem irid jiġi mgħarraf dwar kull spiża li jintalab iħallas, u l-kunsens tiegħu miksub għall-proċediment fuq dik il-bażi, qabel ma jittieħdu l-passi.
- Ladarba tiġi riċevuta t-talba, hija prattika tajba li l-assistent soċjali fl-Istat rikjest jgħarraf lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti kemm ser jgħaddi żmien biex titlesta l-kwistjoni.
- It-Talba għal Miżuri Speċifiċi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li t-talbiet skont il-Konvenzjoni jsiru lil awtoritajiet kompetenti u l-applikazzjonijiet isiru permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali. Hija biss Awtorità Ċentrali li tista' tagħmel jew tirċievi Talba għal Miżuri Speċifiċi.

---

184 Hemm spjegazzjoni fir-Rapport Spjegattiv, fil-para. 223.
185 Soġġetti għal kull dikjarazzjoni li Stat seta' għamel sabiex juża test tal-mezzi ffokat fuq it-tfal.

B. Formoli relatati

Formola ta' Konferma
Għadha ma ġiet żviluppata l-ebda formola għal Talba għal Miżuri Speċifiċi.

C. Artikoli Relevanti tal-Konvenzjoni

L-Artikolu 6
L-Artikolu 7
L-Artikolu 8
L-Artikolu 15
L-Artikolu 43
L-Artikolu 50
L-Artikolu 51
L-Artikolu 52

D. Taqsimiet relatati tal-Manwal

Ara l-Kapitoli 4 u 5 – Applikazzjonijiet mibgħuta u riċevuti għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar
Ara l-Kapitoli 8 u 9 – Applikazzjonijiet mibgħuta u riċevuti għal stabbiliment ta' deċiżjoni dwar il-manteniment
Ara l-Kapitolu 10 – Infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment

V. Lista ta' kontroll – Talbiet Riċevuti għal Miżuri Speċifiċi

	Proċedura	Referenza tal-Manwal
1	Ikkonferma li rċevejt it-talba	II(A)
2	Stabbilixxi jekk hijiex qed tiġi kkunsidrata applikazzjoni skont il-Konvenzjoni	II(B)
3(a)	Jekk marbuta ma' applikazzjoni skont il-Konvenzjoni – stabbilixxi jekk it-talba hijiex għal waħda mill-miżuri elenkati	II(C)(1)
3(b)	Jekk marbuta ma' applikazzjoni skont il-Konvenzjoni – il-miżuri huma neċessarji?	II(C)(2)
3(c)	Jekk marbuta ma' applikazzjoni skont il-Konvenzjoni – agħti assistenza kif meħtieġ	II(C)(3)
4	Jekk mhijiex marbuta ma' applikazzjoni skont il-Konvenzjoni – ħu miżuri kif permess mill-politika interna u l-liġi domestika	II(D)
5	Ipprovdi Formola ta' Rapportar tal-Istatus	II(E)

VI. Mistoqsijiet Frekwenti

L-Awtorità Ċentrali rikjesta trid tipprovdi l-miżuri speċifiċi mitlubin?

966. Mhux dejjem. Jekk tistabbilixxi li l-miżuri mhumiex neċessarji biex jassistu fil-proċedimenti skont il-Konvenzjoni (jew sabiex jiġi stabbilit jekk għandhomx jitnedew proċedimenti), tista' tiċħad it-talba. Jekk it-talba hija għal assistenza fir-rigward ta' proċediment dwar il-manteniment pendenti fl-Istat rikjedenti, l-għoti ta' kull assistenza huwa diskrezzjonali.

L-Awtorità Ċentrali rikjesta tista' titlob ħlas għas-servizzi tagħha?

967. Iva – f'ċirkustanzi limitati. L-ispejjeż iridu jkunu eċċezzjonali, u l-applikant irid ikun ta l-kunsens tiegħu sabiex is-servizzi jiġi pprovduti fuq dik il-bażi.

Kapitolu 15
Mili tal-formoli

Kif inhu mqassam dan il-Kapitolu:

Dan il-Kapitolu jipprovdi gwida għall-mili tal-formoli li jistgħu jintużaw fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-Konvenzjoni.

It-Taqsima I tipprovdi gwida għall-mili taż-żewġ formoli obbligatorji li jridu jintużaw f'kull applikazzjoni skont il-Konvenzjoni.

It-Taqsima II tipprovdi gwida għall-mili tal-formoli rakkomandati għall-erba' applikazzjonijiet ewlenin skont il-Konvenzjoni.

It-Taqsima III fiha gwida għall-mili ta' formoli addizzjonali bħall-Formola dwar it-Tagħrif Finanzjarju, id-Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà, id-Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa u oħrajn.

It-Taqsima IV fiha Listi ta' Kontroll li jistabbilixxu d-dokumenti li jridu jiġu inklużi mal-applikazzjonijiet mibgħuta skont il-Konvenzjoni.

It-Taqsima V fiha tagħrif dwar il-mili tal-formoli meħtieġa għal talba diretta lil awtorità kompetenti għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni.

L-Appendiċi għal dan il-Kapitolu jispjega l-bażijiet għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni biex l-assistenti soċjali jkunu megħjuna fil-mili tal-formola ta' applikazzjoni rakkomandata għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar.

I. Il-mili tal-formoli obbligatorji meħtieġa għall-applikazzjonijiet kollha

968. Din it-taqsima tkopri l-mili taż-żewġ formoli obbligatorji li jridu jintużaw f'kull applikazzjoni skont il-Konvenzjoni. Dawn jinstabu bħala annessi għall-Konvenzjoni stess. Talbiet għal Miżuri Speċifiċi u talbiet diretti lil awtoritajiet kompetenti fl-Istat rikjest ma għandhomx għalfejn jużaw din il-formola.

A. Formola ta' Trażmissjoni

969. Il-Formola ta' Trażmissjoni obbligatorja tipprovdi mezz standard u uniformi għat-trażmissjoni ta' applikazzjonijiet bejn l-Istati. Telenka d-dokumenti u t-tagħrif meħtieġa li jinsabu fil-pakkett u tindika lill-Awtorità Ċentrali rikjesta x'rimedju qed jitfittex.

970. Il-Formola ta' Trażmissjoni hija formola obbligatorja. Trid takkumpanja lil kull applikazzjoni li tinfetaħ skont il-Konvenzjoni. It-tagħrif ta' hawn taħt jispjega kif timliha. Din it-taqsima tapplika għall-applikazzjonijiet kollha li jsiru skont il-Konvenzjoni.

a) Preambolu

971. It-tagħrif kollu inkluż f'kull dokument mibgħut lil Awtorità Ċentrali oħra jrid jinżamm kunfidenzjali kif meħtieġ mil-liġi tal-Istat li jipproċessa l-applikazzjoni u jista' jintuża biss għall-finijiet tal-applikazzjoni għal manteniment skont il-Konvenzjoni. Madankollu, il-preambolu għall-formola jagħraf ukoll li hemm sitwazzjonijiet li fihom l-iżvelar ta' informazzjoni personali jista' jixħet f'riskju s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' persuna.

Saret determinazzjoni ta' nuqqas ta' żvelar mill-Awtorità Ċentrali skont l-Artikolu 40.

972. Jekk l-applikant indika li dan jista' jkun ta' tħassib, immarka l-kaxxa "determinazzjoni ta' nuqqas ta' żvelar" ta' hawn fuq li tidher fuq nett fl-ewwel paġna tal-formola.

973. Ara t-Taqsima II ta' dan il-Kapitolu rigward il-protezzjoni ta' informazzjoni personali.

b) Awtorità Ċentrali Rikjedenti

Referenza: Taqsima 1 u Taqsima 2

974. Il-kaxex taħt id-dikjarazzjoni dwar id-dejta personali jipprovdu tagħrif dwar l-Awtorità Ċentrali rikjedenti u l-persuna li għandha tiġi kkuntattjata jekk ikun hemm ħtieġa ta' segwitu mill-Istat rikjest. Il-lingwa ta' komunikazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali ser tkun il-lingwa tal-Istat rikjest,[186] lingwa oħra maqbula jew l-Ingliż jew il-Franċiż, sakemm l-Istat rikjest ma jkunx għamel riserva dwar l-użu tal-Ingliż jew il-Franċiż. Il-Profil tal-Pajjiż ser jikkonferma liema trid tintuża. Jekk il-lingwa hija kunsiderazzjoni importanti għall-ġestjoni tal-każ f'pajjiżek, indika l-preferenza tal-lingwa f'dan il-qasam.

*L-**Awtorità Ċentrali rikjedenti** hija l-Awtorità Ċentrali fl-Istat fejn issir l-applikazzjoni jew it-talba. Dik l-Awtorità Ċentrali ser tibgħat l-applikazzjoni lill-Awtorità Ċentrali rikjesta, li ser tipproċessa l-applikazzjoni u tibgħatha lil awtorità kompetenti sabiex timlieha.*

c) Awtorità Ċentrali Rikjesta

Referenza: Taqsima 3

975. Il-linji li ġejjin jispjegaw lilhom infushom u jeħtieġu t-tagħrif ta' kuntatt tal-Awtorità Ċentrali rikjesta. Dak it-tagħrif ser jinstab fil-Profil tal-Pajjiż.

d) Dettalji dwar l-applikant

Referenza: Taqsima 4

976. L-applikant huwa l-persuna li qed tagħmel it-talba għas-servizzi għal manteniment. L-applikant jista' jkun kreditur, inkluż korp pubbliku, jew debitur, skont it-tip ta' applikazzjoni involuta. L-applikant jista' jkun ukoll rappreżentant legali tat-tifel.

---

186 Din tista' tkun il-lingwa uffiċjali ta' subunità tal-Istat rikjest, bħal provinċja jew territorju jew saret dikjarazzjoni (Art. 44).

e) Dettalji dwar il-persuna/i li għaliha qed jitfittex il-manteniment

Referenza: Taqsima 5

977. Jekk l-applikant qed ifittex manteniment għalih stess, indika dan fit-Taqsima (a). Għal membri tal-familja jew dipendenti oħrajn, imla t-tagħrif meħtieġ, inkluża d-data tat-twelid ta' kull tifel. Dan huwa meħtieġ biex jiġi stabbilit li t-tfal għandhom inqas minn 21 sena u għalhekk huma koperti mill-Konvenzjoni. Għandhom jintużaw l-ismijiet hekk kif jidhru fuq kwalunkwe ċertifikat tat-twelid jew rekord uffiċjali ieħor.

f) Dettalji dwar id-debitur

Referenza: Taqsima 6

(a) ☐ *Il-persuna hija l-istess waħda bħall-applikant imsemmi fil-punt 4*

978. Immarka din il-kaxxa jekk l-applikant huwa debitur. Ftakar li debitur ma jistax japplika għall-istabbiliment ta' deċiżjoni.

979. Dejjem għandek tinkludi t-tagħrif bażiku dwar id-debitur f'dan il-punt. Tagħrif addizzjonali dwar id-debitur ser jiddaħħal fil-formola ta' applikazzjoni u fil-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji, jekk dawn jintużaw fl-applikazzjoni partikolari.

g) Identifikazzjoni tal-applikazzjoni

Referenza: Taqsima 7

980. It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi kontroreferenza għal applikazzjonijiet fis-subtaqsimiet differenti tal-Artikolu 10. Immarka l-kaxxa għat-tip ta' applikazzjoni li qed issir.

Numru tal-Artikolu	Spjegazzjoni
Artikolu 10(1) *a)*	Applikazzjoni minn kreditur għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni eżistenti mhux meħuda fl-Istat rikjest
Artikolu 10(1) *b)*	Applikazzjoni minn kreditur għal infurzar ta' deċiżjoni eżistenti meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest
Artikolu 10(1) *c)*	Applikazzjoni minn kreditur għal stabbiliment ta' deċiżjoni ġdida fl-Istat rikjest, meta ma tkun teżisti l-ebda deċiżjoni
Artikolu 10(1) *d)*	Applikazzjoni minn kreditur għal stabbilimnet ta' deċiżjoni fl-Istat rikjest meta ma jkunux possibbli rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni eżistenti
Artikolu 10(1) *e)*	Applikazzjoni minn kreditur għal modifika ta' deċiżjoni meħuda fl-Istat rikjest

Artikolu 10(1) *f)*	Applikazzjoni minn kreditur għal modifika ta' deċiżjoni mhux meħuda fl-Istat rikjest
Artikolu 10(2) *a)*	Applikazzjoni minn debitur għal rikonoxximent ta' deċiżjoni eżistenti jew limitazzjoni tal-infurzar ta' deċiżjoni eżistenti, meħuda fl-Istat rikjest
Artikolu 10(2) *b)*	Applikazzjoni minn debitur għal modifika ta' deċiżjoni meħuda fl-Istat rikjest
Artikolu 10(2) *c)*	Applikazzjoni minn debitur għal modifika ta' deċiżjoni mhux meħuda fl-Istat rikjest

Figura 37: Tabella tal-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 10

Referenza: Taqsima 8

981. It-Taqsima 8 tal-Formola ta' Trażmissjoni telenka d-dokumenti li jridu jiġu inklużi mal-applikazzjoni.

982. It-Taqsima 8(a) trid tintuża meta l-applikazzjoni tkun għal rikonoxximent u infurzar skont l-Artikolu 10(1) *a)*. Immarka l-kaxex kif xieraq għall-applikazzjoni tiegħek. L-aħħar kaxex li jirreferu għall-Artikolu 30 iridu jintużaw meta l-applikazzjoni ssir għal rikonoxximent ta' arranġament dwar il-manteniment.

983. Jekk l-applikazzjoni ma tkunx skont l-Artikolu 10(1) *a)*, tapplika l-lista ta' dokumenti satbbilita fit-Taqsima 8(b) tal-Formola ta' Trażmissjoni.

h) Mili tal-formola

Referenza: L-aħħar taqsima

984. Il-Formola ta' Trażmissjoni mhijiex iffirmata mill-uffiċjal li jimlieha. Madankollu, dik il-persuna trid tindika isimha u d-data tal-applikazzjoni. (Tagħrif ta' kuntatt diġà huwa inkluż fl-ewwel paġna.)

B. Formola ta' Konferma

985. Din it-taqsima tipprovdi struzzjonijiet għall-mili tal-Formola obbligatorja ta' Konferma. Tintuża f'kull applikazzjoni skont il-Konvenzjoni. L-Artikolu 12(3) jeħtieġ li tiġi kkonfermata r-riċevuta tal-applikazzjoni, billi tintuża din il-formola, fi żmien sitt ġimgħat mid-data li fiha tiġi riċevuta l-applikazzjoni.

a) Preambolu

986. Bħala pass preliminari, qis jekk l-iżvelar tat-tagħrif fil-formola jistax jixħet f'riskju s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' kull persuna. Jekk iva, uża dik il-kaxxa fin-naħa ta' fuq tal-formola.

b) Tagħrif ta' kuntatt

Referenza: Taqsima 1 u Taqsima 2

987. Ara li t-tagħrif ta' kuntatt ipprovdut jirreferi għall-individwu jew l-unità li ser ikunu responsabbli għal iktar segwitu.

c) Awtorità Ċentrali Rikjedenti

Referenza: Taqsima 3

988. Użu t-tagħrif mill-applikazzjoni riċevuta biex timla din it-taqsima.

d) Dettalji dwar l-applikazzjoni

Referenza: Taqsima 4

989. Indika liema applikazzjonijiet ġew riċevuti, b'referenza għan-numru tal-Artikolu. Ara l-Figura 37 dwar il-mili tal-Formola ta' Trażmissjoni għal kontroreferenza għal kull tip ta' applikazzjoni.

990. Dan il-paragrafu jeħtieġ ukoll dettalji dwar l-applikant u l-persuni li għalihom irid jitħallas il-manteniment. Dan it-tagħrif huwa indikat fuq il-Formola ta' Trażmissjoni li akkumpanjat l-applikazzjoni riċevuta.

e) Passi inizjali meħudin

Referenza: Taqsima 5

991. Indika x'passi ttieħdu rigward l-applikazzjoni. Jekk l-applikazzjoni ma tistax tipproċedi għaliex hemm bżonn ta' dokumenti addizzjonali, elenka d-dokumenti jew it-tipi ta' tagħrif meħtieġa.

992. Jekk l-Awtorità Ċentrali ħadet deċiżjoni li mhijiex ser tipproċessa l-applikazzjoni għaliex jidher ċar li mhumiex issodisfati r-rekwiżiti tal-applikazzjoni, indika jekk ir-raġunijiet humiex inklużi mal-konferma, jew humiex ser jintbagħtu iktar tard. Il-Kapitoli ddettaljati dwar l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet riċevuti għal rikonoxximent u infurzar, infurzar u stabbiliment jipprovdu spjegazzjoni dwar meta tista' tkun xierqa din it-tweġiba.

f) Mili tal-formola

Referenza: L-aħħar taqsima

993. Din il-formola mhijiex iffirmata; madankollu, isem l-uffiċjal tal-Awtorità Ċentrali responsabbli għall-mili tagħha għandu jkun imniżżel fuq il-formola.

II. Struzzjonijiet għall-mili tal-formoli rakkomandati ta' applikazzjoni

994. Din il-parti tal-Kapitolu tipprovdi struzzjonijiet għall-mili tal-formoli rakkomandati għat-trażmissjoni tal-applikazzjonijiet li ġejjin bejn l-Awtoritajiet Ċentrali:

- Applikazzjoni għal Rikonoxximent jew Rikonoxximent u Infurzar
- Applikazzjoni għal Infurzar ta' Deċiżjoni Meħuda jew Rikonoxxuta fl-Istat Rikjest
- Applikazzjoni għall-Istabbiliment ta' Deċiżjoni
- Applikazzjoni għal Modifika ta' Deċiżjoni

995. Din it-taqsima hija maqsuma fi tliet partijiet.

996. L-ewwel parti tipprovdi struzzjonijiet għall-mili tal-formoli rakkomandati ta' Applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, infurzar, stabbiliment, u modifika.

997. It-tieni parti tipprovdi struzzjonijiet għall-mili tal-formoli addizzjonali.

998. It-tielet parti fiha listi ta' kontroll li jistabbilixxu d-dokumenti li għandhom ikunu inklużi ma' kull tip ta' applikazzjoni.

A. Formola rakkomandata għal applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar

999. Din it-taqsima tipprovdi struzzjonijiet għall-mili tal-formola rakkomandata li għandha tintuża fl-applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment jew inkella arranġamenti dwar il-manteniment. Jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 4 għal iktar tagħrif dwar il-proċeduri għal din l-applikazzjoni.

1. Mili tal-formola

a) Liema formola tuża

1000. Jekk l-applikant huwa kreditur, inkluż korp pubbliku li qed jaġixxi f'isem kreditur jew li pprovda benefiċċji lill-kreditur, jew debitur, uża l-formola għal applikazzjonijiet skont l-Artikolu 10(1) *a)* u 10(2) *a)*. Ivverifika n-numri tal-Artikoli li japplikaw.

b) Protezzjoni ta' informazzjoni personali u kunfidenzjali

Referenza: Paragrafu introduttorju

1001. Il-Konvenzjoni tistipula li kull tagħrif miġbur jew mibgħut f'applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni tista' ma tiġix żvelata jew ikkonfermata jekk tista' tpoġġi f'riskju s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' persuna.

1002. Jekk hemm tħassib dwar dan, immarka l-kaxxa xierqa fuq il-formola ta' Applikazzjoni u inkludi t-tagħrif personali fuq formola separata (il-Formola ta' Tagħrif Ristrett) minflok fit-Taqsima 2.

1003. Ara l-Kapitolu 3 għal diskussjoni sħiħa dwar ir-rekwiżit li tiġi protetta informazzjoni personali u kunfidenzjali.

c) L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-applikant

Referenza: Taqsima 2

1004. Indika jekk l-applikant huwiex kreditur (il-persuna li għaliha qed jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment), debitur jew rappreżentant ta' wieħed minnhom.

1005. It-tagħrif ta' kuntatt jaqdi żewġ skopijiet. L-ewwel nett, jidentifika l-partijiet għall-applikazzjoni, sabiex l-Awtorità Ċentrali jew l-awtorità kompetenti f'kull Stat tkun tista' tiftaħ każ jew fajl kif xieraq. It-tieni nett, it-tagħrif ta' kuntatt irid ikun biżżejjed sabiex l-applikant ikun jista' jiġi nnotifikat f'każ li jkun hemm appell kontra d-deċiżjoni ta' rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni dwar il-manteniment.

***Prattika tajba**: L-Awtorità Ċentrali rikjedenti għandha tara li dejjem ikollha indirizz tajjeb jew mezzi oħrajn biex tikkuntattja lill-applikant. Jistgħu jqumu kwistjonijiet matul l-applikazzjoni li jeħtieġu iktar tagħrif jew dokumenti u l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti (l-Istat mittenti) tkun tista' tikkuntattja lill-applikant biex tikseb it-tagħrif jew id-dokumenti.*

1006. Ċerti Stati jistgħu jagħżlu li jużaw l-indirizz tal-Awtorità Ċentrali jew ta' awtorità kompetenti oħra bħala l-indirizz għall-applikant jekk l-iżvelar tal-indirizz personali mhuwiex awtorizzat skont il-liġi tal-Istat rikjedenti.[187]

1007. Jekk l-applikant huwa korp pubbliku, inkludi dak it-tagħrif.

d) Dettalji dwar dawk li għalihom qed jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment

Referenza: Taqsima 3

1008. L-applikazzjoni trid tinkludi biżżejjed tagħrif sabiex tidentifika lil kull min qed tiġi mfittxija għalih jew huwa pagabbli l-manteniment skont id-deċiżjoni. Dan ser jinkludi kemm lill-applikant (is-soltu l-ġenitur, għad li anki tifel jista' jkun applikant) u kull tifel li għalih tapplika l-Konvenzjoni. F'kull każ, trid tiġi pprovduta data tat-twelid biex tiġi vverifikata l-identità ta' kull waħda mill-persuni intitolati għall-manteniment, u sabiex tiġi stabbilita l-età tagħhom, ħalli jiġi żgurat li d-deċiżjoni taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

1009. Trid tkun inkluża wkoll il-bażi li fuqha jitfittex il-manteniment jew li għaliha huwa pagabbli lill-applikant u t-tfal. Dan it-tagħrif jippermetti lill-Istat rikjest sabiex jikkonferma jekk l-applikazzjoni taqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Dan huwa marbut mar-relazzjoni bejn l-applikant jew il-persuna li għaliha jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment u d-debitur.

Spjegazzjoni tat-termini

1010. It-termini li ġejjin jintużaw f'din it-taqsima tal-formola:

Referenza: Taqsimiet 3.1 u 3.2

- Parentela
  Immarka din il-kaxxa jekk il-bażi għall-manteniment hija relazzjoni bejn ġenitur u t-tfal. Din tkopri kemm sitwazzjonijiet li fihom it-tfal ikunu twieldu fi żwieġ, u b'hekk il-parentela tkun supponuta jew titqies bħala kwistjoni tal-liġi, kif ukoll sitwazzjonijiet li fihom ir-rabta bejn il-ġenitur u t-tfal ġiet stabbilita jew ikkonfermata permezz tat-testijiet tal-parentela.

- Żwieġ
  Jekk il-partijiet kienu miżżewġin – immarka din il-kaxxa.

- Affinità
  Immarka din il-kaxxa jekk ir-relazzjoni bejn l-applikant u d-debitur kienet ibbażata fuq ir-rabtiet familjari – pereżempju, id-debitur huwa ziju jew qarib ieħor. Dan japplika biss meta kemm l-Istat rikjest kif ukoll dak rikjedenti jkunu estendew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn it-tipi ta' relazzjonijiet familjari (ara l-Kapitolu 3).

- Nanniet / aħwa / neputijiet
  Immarka din il-kaxxa jekk ir-relazzjoni bejn l-applikant u d-debitur kienet waħda mit-tipi elenkati. Dan japplika biss meta kemm l-Istat rikjest kif ukoll dak rikjedenti jkunu estendew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn it-tipi ta' relazzjonijiet familjari.

---

187 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 612.

- *In loco parentis* jew relazzjoni ekwivalenti
  In loco parentis tfisser relazzjoni li fiha adult jaġixxi minflok ġenitur, b'rabta ma' tifel. Din tista' tirriżulta meta adult għex mat-tfal, u ġab ruħu bħala ġenitur tagħhom. F'ċerti Stati dan jinkludi relazzjoni ta' ġenitur tar-rispett.

- Relazzjoni analoga għaż-żwieġ
  Immarka din il-kaxxa jekk il-partijiet ma kinux miżżewġin iżda għexu f'relazzjoni qisha żwieġ. F'ċerti Stati din tissejjaħ relazzjoni tal-liġi komuni. Din tapplika biss meta kemm l-Istat Rikjest kif ukoll dak rikjedenti jkunu estendew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn it-tipi ta' relazzjonijiet (ara l-Kapitolu 3).

1011. Imla t-Taqsima 3.1 bit-tagħrif dwar l-applikant. Id-data tat-twelid tal-applikant diġà ġiet inkluża fit-Taqsima 2. Jekk l-applikant huwa tifel, imla din it-taqsima.

1012. Imla t-Taqsima 3.2 bit-tagħrif rigward xi tfal li għalihom qed jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment. Jekk it-tifel huwa l-applikant, it-Taqsima 3.2 biss trid timtela. Jekk hemm iktar minn tlett itfal, immarka l-kaxxa 3.4 u ehmeż it-tagħrif addizzjonali fuq karta għaliha.

1013. Imla t-Taqsima 3.3 jekk il-manteniment huwa mfittex jew pagabbli għal xi ħadd li mhuwiex l-applikant jew tifel.

e) L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tad-debitur

Referenza: Taqsima 4.1

1014. Indika jekk id-debitur huwiex l-applikant.

1015. Id-dettalji tad-debitur fis-Taqsima 4.1 huma meħtieġa sabiex tiġi pproċessata l-applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar u d-debitur jiġi nnotifikat kif meħtieġ skont il-liġi tal-Istat rikjest. Din it-taqsima għandha timtela kemm jista' jkun mill-applikant. Jekk ikun hemm bżonn, l-Istat rikjest irid jipprovdi servizzi ta' sejbien jew tiftix sabiex isib lid-debitur, jekk ma jkunx magħruf fejn qed jgħix bl-eżatt.

***Prattika tajba**: Jekk l-applikant ma jafx fejn qed jgħix id-debitur, ara li tinkludi kemm jista' jkun tagħrif ieħor dwar l-aħħar postijiet fejn kien jinsab id-debitur – pereżempju, impjegatur jew post. Jaf ikun tajjeb ukoll li tinkludi tagħrif dwar rabtiet oħrajn mal-Istat – pereżempju, dwar qraba li jista' jkun li qed jgħix magħhom id-debitur.*

f) L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tar-rappreżentant tal-kreditur

Referenza: Taqsima 4.2

1016. Din it-taqsima għandha timtela bid-dettalji tal-post fejn qiegħed il-kreditur jew tagħrif dwar ir-rappreżentant tal-kreditur. F'ħafna każijiet, dak ir-rappreżentant jista' jkun ir-rappreentant legali tal-kreditur.

1017. "Numru ta' Identifikazzjoni Personali" għandu jiġi pprovdut fit-Taqsima 4.3 jekk ikun magħruf. Dan jista' jkun Numru tas-Sigurtà Soċjali (l-Istati Uniti), Numru tal-Assigurazzjoni Soċjali (il-Kanada), Numru tad-Dokument Fiskali (l-Awstralja) jew numru ieħor maħruġ mill-gvern li jista' jgħin lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest sabiex issib lid-debitur jew tivverifika l-identità tiegħu f'databanks tal-gvern jew oħrajn.

g) Fejn irid jintbagħat il-pagament

Referenza: Taqsima 5

1018. Jekk id-deċiżjoni trid tiġi infurzata, l-Istat rikjest ser ikollu bżonn isir jaf fejn irid jibgħat kull pagament. Jekk il-pagamenti jintbagħtu lill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjedenti biex tipproċessahom, inkludi d-dettalji tal-unità ta' pproċessar tal-pagamenti jew distribuzzjoni tal-pagamenti hawnhekk kif ukoll in-numru ta' referenza tal-fajl / tal-kont, sabiex il-pagamenti jkunu jistgħu jiġu identifikati kif xieraq.

Timliex din it-taqsima tal-formola jekk hemm tħassib dwar ir-riskju għall-applikant. Uża l-Formola ta' Tagħrif Ristrett.

h) Applikazzjoni għal rikonoxximent biss

Referenza: Taqsima 6

1019. Jekk l-applikazzjoni ssir għal rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar il-manteniment biss, u l-applikant ma jridx li d-deċiżjoni tiġi infurzata wara li tiġi rikonoxxuta, immarka l-kaxxa fit-Taqsima 6. Kun af li ma hemm bżonn tal-ebda Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà għal applikazzjoni għal rikonoxximent biss. Kulma huwa meħtieġ huwa dikjarazzjoni li d-deċiżjoni għandha effett fl-Istat ta' oriġini. Ara l-Kapitolu 4 għal aktar tagħrif dwar applikazzjonijiet għal rikonoxximent biss.

i) Bażijiet għal ġurisdizzjoni għal rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni

Referenza: Taqsima 7

1020. Din it-taqsima ma għandhiex timtela jekk l-applikazzjoni hija għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' arranġament dwar il-manteniment.

1021. Jekk l-applikazzjoni hija għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment, l-Istat rikjest irid ikun jaf il-bażijiet legali li fuqhom tista' tiġi rikonoxxuta u infurzata d-deċiżjoni.

1022. Il-formola rakkomandata telenka l-bażijiet tal-ġurisdizzjoni. Dawn ġejjin mill-Artikolu 20. Irreferi għad-deċiżjoni stess, it-tagħrif mingħand l-applikant jew il-fajl mill-awtorità kompetenti skont il-bżonn. Fuq il-formola, importanti li timmarka l-kaxex kollha li jistgħu japplikaw. Jekk ir-rispondent joġġezzjona għar-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar, huwa f'idejn li jistabbilixxi li ma tapplika l-ebda waħda mill-bażijiet għal rikonoxximent u infurzar.

1023. Ara l-Appendiċi għal dan il-Kapitolu għal iktar tagħrif dwar it-tipi ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jindikaw bażi għal rikonoxximent u infurzar.

j) Dehra tar-rispondent

Referenza: Taqsima 8

1024. Kif diskuss fil-Kapitolu 4, sabiex id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta jew rikonoxxuta jew infurzata, l-Istat rikjest irid ikun issodisfat li r-rispondent ġie nnotifikat dwar l-applikazzjoni jew il-proċediment għal manteniment kif meħtieġ mil-liġi tal-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni, u kellu opportunità li jinstema' jew kien rappreżentant fil-proċediment. Jekk intuża proċess amministrattiv, li fih id-deċiżjoni ttieħdet mingħajr seduta, ir-rispondent irid ikun ġie nnotifikat dwar id-deċiżjoni wara li ttieħdet u jingħata opportunità xierqa biex jikkontesta d-deċiżjoni meħuda mill-awtorità, kif meħtieġ mil-liġi tal-Istat li ħa d-deċiżjoni.

1025. It-Taqsima 8 tal-formola tkopri dan ir-rekwiżit. Indika jekk ir-rispondent deherx fl-Istat ta' oriġini u jekk kienx rappreżentat.

1026. Id-dehra tar-rispondent tista' tkun evidenti mid-deċiżjoni, jekk din turi li deher fil-proċediment għal manteniment, jew li kien rappreżentat jew li kkontesta d-deċiżjoni.

1027. Jekk ir-rispondent ma deherx u ma kienx rappreżentat, l-awtorità kompetenti ser ikollha tikkonferma li r-rispondent ġie nnotifikat kif xieraq, kif meħtieġ mil-liġi tal-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni, u filwaqt li jiġu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi kollha. Ġiet żviluppata formola rakkomandata biex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit (Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa). Il-mili ta' din il-formola huwa diskuss hawn taħt.

1028. Jekk id-deċiżjoni ttieħdet f'sistema li fiha ma kien meħtieġ l-ebda smigħ, in-nuqqas ta' dehra tad-debitur / rispondent għandu jiġi indikat u dejjem ser ikun hemm bżonn ta' Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa.

1029. Deċiżjoni meħuda mingħajr notifika xierqa lir-rispondent jaf ma tkunx tista' tiġi rikonoxxuta jew infurzata skont il-Konvenzjoni.

k) Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji

Referenza: Taqsima 9

1030. Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji ser tkun meħtieġa jekk id-deċiżjoni trid tiġi infurzata wara li tiġi rikonoxxuta. Ara t-Taqsima IV ta' dan il-Kapitolu għal struzzjonijiet dwar il-mili ta' din il-formola.

l) Assistenza legali

Referenza: Taqsima 10

1031. F'ħafna każijiet, meta applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar issir minn kreditur, l-Istat rikjest irid jagħti assistenza legali b'xejn (ara l-Kapitolu 3) u l-applikant ma għandux bżonn jipprovdi xi tagħrif ieħor dwar din il-kwistjoni.

1032. Madankollu, ser ikollha timtela t-Taqsima 10 jekk:

- l-applikazzjoni tkun qed issir minn kreditur u tikkonċerna l-obbligi tal-manteniment minbarra dawk li jirriżultaw minn relazzjoni bejn ġenitur u tifel għal tifel li għandu inqas minn 21 sena, jew
- l-applikazzjoni qed tinfetaħ minn debitur.

1033. Jekk tapplika waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet, l-Istat rikjest jista' juża test tal-mezzi jew tal-merti sabiex isib jekk għandux jipprovdi assistenza. Il-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji tindirizza t-test tal-mezzi, u l-applikant għandu jinkludi tagħrif li jissostanzja jekk l-applikant ibbenefikax minn assistenza legali fl-Istat ta' oriġini. Ittra mill-awtorità li tat l-assistenza għandha tkun biżżejjed.

m) Isem il-persuna ta' kuntatt fl-Awtorità Ċentrali responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjoni

Referenza: Taqsima 12

1034. Dan għandu jidentifika lill-persuna fl-Awtorità Ċentrali responsabbli jew għall-mili tal-applikazzjoni jew l-eżami tal-applikazzjoni jekk imtliet mill-applikant personalment. Sabiex iżżomm approċċ "newtrali għall-mezzi" li jippermetti li d-dokumenti jintbagħtu b'mod elettroniku, il-formola ma għandhiex bżonn tiġi ffirmata.

B. Formola ta' rakkomandazzjoni għal applikazzjoni għal infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest

1035. Din it-taqsima fiha struzzjonijiet għall-mili tal-formola rakkomandata għal applikazzjonijiet għal infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest. Ara l-Kapitolu 6 għal tagħrif dwar din l-applikazzjoni.

1. Mili tal-formola

a) X'formola trid tintuża

1036. Uża l-formola rakkomandata għall-Artikolu 10(1) *b)* għaliex l-applikazzjoni qed titlob lill-Istat rikjest jinfurza d-deċiżjoni tiegħu stess, jew deċiżjoni rikonoxxuta fl-imgħoddi fl-Istat rikjest.

b) Protezzjoni ta' informazzjoni personali u kunfidenzjali

Referenza: Paragrafu introduttorju u t-Taqsima 2(d), (e), (f) u (g)

1037. Il-Konvenzjoni tistipula li kull tagħrif miġbur jew mibgħut f'applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni ma jistax jiġi żvelat jew ikkonfermat jekk jista' jpoġġi f'riskju s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' persuna.

1038. Jekk hemm tħassib dwar dan, immarka l-kaxxa xierqa fuq il-formola ta' Applikazzjoni u inkludi t-tagħrif personali fuq formola separata (il-Formola ta' Tagħrif Ristrett) minflok fit-Taqsima 2.

1039. Ara l-Kapitolu 3 għal diskussjoni sħiħa dwar ir-rekwiżit li tiġi protetta informazzjoni personali u kunfidenzjali.

c) L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-applikant

Referenza: Taqsima 2

1040. L-informazzjoni ta' kuntatt taqdi żewġ skopijiet. L-ewwel nett tidentifika lill-partijiet għall-applikazzjoni, b'tali mod li kull awtorità Ċentrali u kompetenti tkun tista' tiftaħ każ jew fajl kif xieraq. It-tieni nett, l-informazzjoni ta' kuntatt trid tkun biżżejjed tant li tippermetti lill-Istat rikjedenti jikkuntattja lill-applikant f'każ li jkun hemm bżonn ta' iktar tagħrif mill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest sabiex jinbeda l-infurzar (*pereż.*, biex jiġu kkonfermati arretrati tal-manteniment).

1041. Ċerti Stati jistgħu jagħżlu li jużaw l-indirizz tal-Awtorità Ċentrali jew ta' awtorità kompetenti oħra bħall-indirizz għall-applikant jekk l-iżvelar tal-indirizz personali ma jkunx awtorizzat skont il-liġi tal-Istat rikjedenti.[188] Din tista' tkun prattika tajba wkoll meta jkun hemm programm ta' infurzar tal-manteniment għat-tfal involut fl-Istat rikjedenti u dak il-programm ikollu tagħrif addizzjonali dwar id-debitur, l-assi u d-dħul tiegħu, jew dwar il-kalkolu tal-arretrati, li jista' jassisti lill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest fl-infurzar tad-deċiżjoni. F'dan il-każ, ser tinqeda iktar malajr jekk talbiet għal iktar tagħrif jew assistenza isiru direttament lill-programm jew l-awtorità kompetenti li għandhom it-tagħrif (*pereż.* l-Aġenzija tal-Appoġġ għat-Tfal) minflok l-applikant.

1042. Jekk l-applikant huwa korp pubbliku, inkludi dak it-tagħrif.

---

188 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 612.

***Prattika tajba**: L-Awtorità Ċentrali rikjedenti għandha tara li dejjem ikollha indirizz validu jew mezz ieħor biex tikkuntattja lill-applikant. Jistgħu jqumu kwistjonijiet matul l-infurzar li ser jieħtieġu iktar tagħrif jew dokumenti, u l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti ser ikollha bżonn tikkuntattja lill-applikant biex tikseb it-tagħrif jew id-dokumenti.*

d) Dettalji dwar dawk il-persuni li għalihom qed jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment

Referenza: Taqsima 3

1043. L-applikazzjoni trid tinkludi biżżejjed tagħrif sabiex jiġi identifikat kull min qiegħed jitfittex għalih jew huwa pagabbli lilu l-manteniment skont id-deċiżjoni. Dan ser jinkludi kemm l-applikant (is-soltu l-ġenitur tat-tifel) u kwalunkwe tifel li għalih tapplika l-Konvenzjoni. F'kull każ trid tiġi pprovduta data tat-twelid, peress li huwa importanti li jiġi żgurat li d-deċiżjoni taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni (ara l-Kapitolu 3).

1044. Il-bażi li fuqha jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment għall-applikant u t-tfal trid tkun inkluża wkoll. Dan it-tagħrif ser jippermetti lill-Istat rikjest sabiex jikkonferma jekk l-applikazzjoni taqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

Spjegazzjoni tat-termini

1045. F'din it-taqsima jintużaw it-termini li ġejjin:

Referenza: Taqsimiet 3.1 u 3.2

- Parentela
  Immarka din il-kaxxa jekk il-bażi għall-manteniment hija relazzjoni bejn ġenitur u tifel. Din ser tkopri kemm sitwazzjonijiet li fiha t-tfal twieldu fi żwieġ, u b'hekk il-parentela hija supponuta jew meqjusa bħala kwistjoni tal-liġi, kif ukoll sitwazzjonijiet li fihom ir-rabta bejn il-ġenitur u t-tifel ġiet stabbilita jew ikkonfermata permezz tat-testijiet tal-parentela.
- Żwieġ
  Immarka din il-kaxxa jekk id-deċiżjoni hija marbuta ma relazzjoni ta' żwieġ bejn l-applikant u d-debitur.
- Affinità
  Immarka din il-kaxxa jekk ir-relazzjoni bejn l-applikant u d-debitur kienet imsejsa fuq rabtiet familjari – pereżempju, ir-rispondent huwa ziju jew qarib ieħor. Dan japplika biss meta kemm l-Istat rikjest kif ukoll dak rikjedenti jkunu estendew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn it-tipi ta' relazzjonijiet familjari.
- Nanniet / aħwa / neputijiet
  Immarka kaxxa waħda jekk ir-relazzjoni bejn l-applikant u d-debitur kienet waħda mit-tipi elenkati. Dan japplika biss meta kemm l-Istat rikjest kif ukoll dak rikjedenti jkunu estendew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn it-tipi ta' relazzjonijiet familjari.
- *In loco parentis* jew relazzjoni ekwivalenti
  In loco parentis tfisser relazzjoni li fiha adult jaġixxi minflok ġenitur, b'rabta mat-tifel. Din tista' tirriżulta meta adult ikun għex mat-tfal, u ġab ruħu bħala ġenitur tagħhom. F'ċerti Stati dan jinkludi relazzjoni ta' ġenitur tar-rispett.

- Relazzjoni analoga għaż-żwieġ
  Immarka din il-kaxxa jekk il-partijiet ma kinux miżżewġin iżda għexu f'relazzjoni qisha żwieġ. F'ċerti Stati din tissejjaħ relazzjoni tal-liġi komuni. Din tapplika biss meta kemm l-Istat Rikjest kif ukoll dak rikjedenti jkunu estendew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn it-tipi ta' relazzjonijiet.

1046. Imla t-Taqsima 3.1 bit-tagħrif dwar l-applikant. Id-data tat-twelid tal-applikant diġà ddaħħlet fit-Taqsima 2. Jekk l-applikant huwa tifel, imla din it-taqsima.

1047. Imla t-Taqsima 3.2 bit-tagħrif dwar kull tifel li għalih qiegħed jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment. Jekk it-tifel huwa l-applikant, trid timtela t-Taqsima 3.2 biss. Jekk hemm iktar minn tliet itfal, immarka l-Kaxxa 3.4 u ehmeż it-tagħrif addizzjonali fuq paġna għaliha.

1048. Imla t-Taqsima 3.3 jekk il-manteniment jitfittex jew huwa pagabbli għal xi ħadd li mhuwiex l-applikant jew tifel.

e) L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tad-debitur (rispondent)

Referenza: Taqsima 4

1049. Id-dettalji tar-rispondent huma meħtieġa sabiex l-awtorità ta' infurzar tipproċessa t-tabla għal infurzar. L-applikant għandu jimla din it-taqsima kemm jista' jkun. Jekk ikun hemm bżonn, l-Istat rikjest ser iwettaq servizzi ta' sejbien jew tiftix biex isib lid-debitur, jekk ma jkunx magħruf bl-eżatt fejn jgħix.

***Prattika tajba**: Jekk l-applikant ma jafx fejn qed jgħix id-debitur, ara li tinkludi kemm jista' jkun tagħrif ieħor dwar l-aħħar postijiet fejn kien jinsab id-debitur (pereżempju, impjegatur, post, eċċ.). Jaf ikun tajjeb ukoll li tinkludi tagħrif dwar rabtiet oħrajn mal-Istat – pereżempju, dwar qraba li jista' jkun li qed jgħix magħhom id-debitur.*

1050. "Numru ta' Identifikazzjoni Personali" għandu jiġi pprovdut fit-Taqsima 4.3 jekk ikun magħruf. Dan jista' jkun Numru tas-Sigurtà Soċjali (l-Istati Uniti), Numru tal-Assigurazzjoni Soċjali (il-Kanada), Numru tad-Dokument Fiskali (l-Awstralja) jew numru ieħor maħruġ mill-gvern li jista' jgħin lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest sabiex issib lid-debitur jew tivverifika l-identità tiegħu f'databanks tal-gvern jew oħrajn.

f) Fejn irid jintbagħat il-pagament

Referenza: Taqsima 5

1051. L-Istat rikjest ser ikollu bżonn isir jaf fejn irid jibgħat kull pagament. Jekk il-pagamenti jintbagħtu lill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjedenti biex tipproċessahom, inkludi d-dettalji tal-unità ta' pproċessar tal-pagamenti jew distribuzzjoni tal-pagamenti hawnhekk kif ukoll in-numru ta' referenza tal-fajl / tal-kont, sabiex il-pagamenti jkunu jistgħu jiġu identifikati kif xieraq.

Timliex din it-taqsima tal-formola jekk hemm tħassib dwar ir-riskju għall-applikant. Uża l-Formola ta' Tagħrif Ristrett.

g) Tagħrif dwar id-deċiżjoni meħuda fl-Istat rikjest

Referenza: Taqsima 6

1052. Fil-każ ta' applikazzjoni għal Stat biex jinfurza d-deċiżjoni tiegħu stess, irid jiġi pprovdut tagħrif bażiku dwar id-deċiżjoni sabiex l-Istat rikjest ikun jista' jsib il-qorti xierqa jew il-fajl amministrattiv u jkunu jistgħu jinkisbu kopji tad-deċiżjoni. Normalment, it-tagħrif meħtieġ biex timtela din it-taqsima jkun fid-deċiżjoni stess.

h) Dokumenti mehmuża mal-applikazzjoni

Referenza: Taqsima 7

1053. Indika liema mid-dokumenti elenkati huma mehmużin. F'kull każ trid tittieħed deċiżjoni dwar it-tipi elenkati, dikjarazzjoni tal-arretrati (jekk ikun hemm arretrati skont id-deċiżjoni) u l-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji.

1054. Immarka "Deċiżjoni (jew reġistrazzjoni) meħuda fl-Istat rikjest għal rikonoxximent ta' deċiżjoni ta' Stat ieħor" jekk id-deċiżjoni li hija mfittxija sabiex tiġi infurzata ma ttiħditx fl-Istat rikjest iżda kienet rikonoxxuta fl-imgħoddi fl-Istat rikjest. Jekk ikunu magħrufin, mal-applikazzjoni jistgħu jithemżu d-dettalji dwar dak ir-rikonoxximent jew id-deċiżjoni ta' rikonoxximent.

i) Assistenza legali

Referenza: Taqsima 8

1055. It-Taqsima 8 trid timtela jekk l-applikazzjoni ssir minn kreditur u tikkonċerna obbligi tal-manteniment ħlief dawk li jirriżultaw minn relazzjoni bejn ġenitur u tifel għal tfal ta' inqas minn 21 sena. F'dak il-każ, l-Istat rikjest ser ikollu bżonn ikun jaf jekk l-applikant (kreditur) ibbenefikax minn assistenza legali fl-Istat ta' oriġini.

1056. Jekk tapplika din is-sitwazzjoni, l-Istat rikjest jista' juża test tal-mezzi jew tal-merti sabiex jistabbilixxi jekk jagħtix assistenza. Il-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji ser tindirizza t-test tal-mezzi, u l-applikant għandu jinkludi wkoll tagħrif li jissostanzja jekk l-applikant ibbenefikax minn assistenza legali fl-Istat ta' oriġini. Ittra mingħand l-awtorità li tat l-assistenza għandha tkun biżżejjed.

j) Attestazzjonijiet

Referenza: Taqsima 10

1057. Din għandha tidentifika lill-persuna fl-Awtorità Ċentrali responsabbli jew għall-mili tal-applikazzjoni jew l-eżami tal-applikazzjoni jekk imtliet mill-applikant personalment. Sabiex iżżomm approċċ "newtrali għall-mezzi" li jippermetti li d-dokumenti jintbagħtu b'mod elettroniku, il-formola ma ġħandhiex bżonn tiġi ffirmata.

C. *Formola rakkomandata għal applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni*

1058. Din it-taqsima tipprovdi tagħrif għall-mili tal-formola rakkomandata għal applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni. Jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 8 għal iktar tagħrif dwar din l-applikazzjoni.

1. Mili tal-formola

a) Liema formola tuża

1059. Uża l-formola rakkomandata għall-Artikolu 10(1) *c)* u *d)* għaliex l-applikazzjoni hija għal stabbiliment ta' deċiżjoni. Immarka l-kaxxa għall-applikazzjoni xierqa.

b) Protezzjoni ta' informazzjoni personali u kunfidenzjali

Referenza: Paragrafu introduttorju u t-Taqsima 2(d), (e), (f) u (g)

1060. Il-Konvenzjoni tistipula li kull tagħrif miġbur jew mibgħut f'applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni ma jistax jiġi żvelat jew ikkonfermat jekk ikun jista' jpoġġi f'riskju s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' persuna.

1061. Jekk ikun hemm tħassib dwar dan, jekk jogħġbok immarka l-kaxxa xierqa fuq il-formola ta' Applikazzjoni u inkludi l-informazzjoni personali f'formola għaliha (il-Formola ta' Tagħrif Ristrett) minflok fit-Taqsima 2.

1062. Ara l-Kapitolu 3 għal diskussjoni sħiħa tar-rekwiżit ta' protezzjoni ta' informazzjoni personali u kunfidenzjali.

c) L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-applikant

Referenza: Taqsima 2

1063. It-tagħrif ta' kuntatt jaqdi żewġ skopijiet. L-ewwel nett, jidentifika l-partijiet għall-applikazzjoni, sabiex kull awtorità Ċentrali jew kompetenti tkun tista' tiftaħ każ jew fajl kif xieraq. It-tieni nett, it-tagħrif ta' kuntatt irid ikun biżżejjed sabiex l-Istat rikjedenti ikun jista' jikkuntattja lill-applikant f'każ li jkun hemm bżonn ta' iktar tagħrif sabiex tiġi stabbilita d-deċiżjoni.

1064. Inkludi t-tagħrif meħtieġ dwar l-applikant, fit-Taqsima 2 jew fuq il-Formola ta' Tagħrif Ristrett. Ċerti Stati jistgħu jipperferu jużaw l-indirizz u t-tagħrif ta' kuntatt tal-Awtorità Ċentrali għall-applikant jekk l-iżvelar tal-indirizz personali ma jkunx awtorizzat skont il-liġi tal-Istat rikjedenti.[189] Madankollu, jekk isir hekk l-Awtorità Ċentrali rikjedenti trid tkun tista' tikkuntattja lill-applikant f'każ li l-Awtorità Ċentrali rikjesta jew l-awtorità kompetenti tkun teħtieġ iktar tagħrif jew meta l-Istat rikjest ikun jeħtieġ segwitu. Dan ser ikun partikolarment importanti meta applikant ikun jeħtieġ li jiġi kkuntattjat sabiex jieħu sehem fit-testijiet tal-parentela.

> ***Prattika tajba****: L-Awtorità Ċentrali rikjedenti għandha tiżgura li dejjem ikollha indirizz validu jew mezz ieħor biex tikkuntattja lill-applikant. Jistgħu jqumu kwistjonijiet matul l-applikazzjoni għal stabbiliment li ser ikunu jeħtieġu iktar tagħrif jew dokumenti, u l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti (Stat mittenti) ser ikollha bżonn tikkuntattja lill-applikant biex tikseb it-tagħrif jew id-dokumenti.*

---

189 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 612.

d) Dettalji dwar il-persuni li għalihom qiegħed jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment

Referenza: Taqsima 3

1065. L-applikazzjoni trid tinkludi biżżejjed tagħrif biex tiġi identifikata kull persuna li għaliha qiegħed jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment. Dan ser jinkludi kemm lill-applikant (normalment il-ġenitur tat-tfal) u kull tifel li għalih tapplika l-Konvenzjoni. F'kull każ, trid tiġi pprovduta data tat-twelid, peress li huwa importanti li jiġi żgurat li d-deċiżjoni taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni (ara l-Kapitolu 3).

1066. Il-bażi li fuqha jitfittex jew ikun pagabbli l-manteniment għall-applikant u t-tfal trid tkun inkluża wkoll. Dan it-tagħrif ser jippermetti lill-Istat rikjest sabiex jikkonferma jekk l-applikazzjoni taqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Dan huwa marbut mar-relazzjoni bejn l-applikant, jew persuna oħra li għaliha jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment, u r-rispondent / id-debitur.

Spjegazzjoni tat-termini

1067. F'din it-taqsima jintużaw it-termini li ġejjin:

Referenza: Taqsimiet 3.1 u 3.2

- Parentela
  Immarka din il-kaxxa jekk il-bażi għall-manteniment hija relazzjoni bejn ġenitur u tifel. Din ser tkopri kemm sitwazzjonijiet li fihom it-tfal ikunu twieldu fi żwieġ, u b'hekk il-parentela tkun supponuta jew titqies bħala kwistjoni tal-liġi, kif ukoll sitwazzjonijiet li fihom ir-rabta bejn il-ġenitur u t-tfal ġiet stabbilita jew ikkonfermata permezz tat-testijiet tal-parentela.
- Żwieġ
  Immarka din il-kaxxa jekk id-deċiżjoni hija marbuta ma' relazzjoni ta' żwieġ bejn l-applikant u d-debitur.
- Affinità
  Immarka din il-kaxxa jekk ir-relazzjoni bejn l-applikant u d-debitur kienet ibbażata fuq ir-rabtiet familjari – pereżempju, ir-rispondent huwa ziju jew qarib ieħor. Dan japplika biss meta kemm l-Istat rikjest kif ukoll dak rikjedenti jkunu estendew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn it-tipi ta' relazzjonijiet familjari.
- Nanniet / aħwa / neputijiet
  Immarka kaxxa waħda jekk ir-relazzjoni bejn l-applikant u d-debitur kienet waħda mit-tipi elenkati. Dan japplika biss meta kemm l-Istat rikjest kif ukoll dak rikjedenti jkunu estendew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn it-tipi ta' relazzjonijiet familjari.
- *In loco parentis* jew relazzjoni ekwivalenti
  In loco parentis tfisser relazzjoni li fiha adult jaġixxi minflok ġenitur, b'rabta ma' tifel. Din tista' tirriżulta meta adult għex mat-tfal, u ġab ruħu bħala ġenitur tagħhom. F'ċerti Stati dan jinkludi relazzjoni ta' ġenitur tar-rispett.
- Relazzjoni analoga għaż-żwieġ
  Immarka din il-kaxxa jekk il-partijiet ma kinux miżżewġin iżda għexu f'relazzjoni qisha żwieġ. F'ċerti Stati din tissejjaħ relazzjoni tal-liġi komuni. Din tapplika biss meta kemm l-Istat Rikjest kif ukoll dak rikjedenti jkunu estendew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn it-tipi ta' relazzjonijiet.

1068. Imla t-Taqsima 3.1 bit-tagħrif dwar l-applikant. Id-data tat-twelid tal-applikant diġà ġiet inkluża fit-Taqsima 2. Jekk l-applikant huwa tifel, imla din it-taqsima.

1069. Imla t-Taqsima 3.2 bit-tagħrif dwar kull tifel li għalih qiegħed jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment. Jekk it-tifel huwa l-applikant, it-Taqsima 3.2 biss trid timtela. Jekk hemm iktar minn tliet itfal, immarka l-Kaxxa 3.4 u ehmeż it-tagħrif addizzjonali fuq karta għaliha.

1070. Imla t-Taqsima 3.3 jekk il-manteniment huwa mfittex jew pagabbli għal xi ħadd li mhuwiex l-applikant jew tifel.

e) L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tar-rispondent / debitur

Referenza: Taqsima 4

1071. Din it-taqsima teħtieġ li l-applikant jipprovdi biżżejjed tagħrif sabiex jiġu identifikati d-debitur kif ukoll fejn jgħix għall-fini ta' notifika tal-applikazzjoni. Jekk l-indirizz residenzjali attwali ma jkunx magħruf, jista' jiġi pprovdut tagħrif ieħor, inkluż l-indirizzi residenzjali ta' qabel jew tagħrif ta' kuntatt għal persuni oħrajn li jistgħu jkunu ta' għajnuna sabiex jinstab id-debitur. Kun af li l-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji (diskussa iktar 'il quddiem) tipprovdi wkoll tagħrif addizzjonali dwar id-debitur.

1072. "Numru ta' Identifikazzjoni Personali" għandu jiġi pprovdut fit-Taqsima 4.3 jekk ikun magħruf. Dan jista' jkun Numru tas-Sigurtà Soċjali (l-Istati Uniti), Numru tal-Assigurazzjoni Soċjali (il-Kanada), Numru tad-Dokument Fiskali (l-Awstralja) jew numru ieħor maħruġ mill-gvern li jista' jgħin lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest sabiex issib lid-debitur jew tivverifika l-identità tiegħu f'databanks tal-gvern jew oħrajn.

f) Fejn irid jintbagħat il-pagament

Referenza: Taqsima 5

1073. Jekk l-applikant jixtieq li d-deċiżjoni dwar il-manteniment tiġi ssorveljata u infurzata wara li tkun inkisbet, l-Istat rikjest ser ikollu bżonn ikun jaf fejn irid jibgħat kull pagament. Jekk il-pagamenti jintbagħtu lill-awtorità kompetenti fl-Istat rikjedenti sabiex tipproċessahom, inkludi d-dettalji tal-unità ta' pproċessar tal-pagamenti jew distribuzzjoni tal-pagamenti hawnhekk kif ukoll in-numru ta' referenza tal-fajl / tal-kont, sabiex il-pagamenti jkunu jistgħu jiġu identifikati kif xieraq.

g) Skop tal-applikazzjoni

Referenza: Taqsima 6

1074. Indika jekk l-applikazzjoni hijiex qed issir għal stabbiliment ta' deċiżjoni għaliex ma teżisti l-ebda deċiżjoni, jew jekk l-applikazzjoni hijiex qed issir għaliex ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni eżistenti ma kinux possibbli jew ġew miċħudin.

h) Manteniment imfittex mill-applikant

Referenza: Taqsima 7

1075. Ċerti Stati jesiġu li l-applikant jispeċifika l-ammont u l-frekwenza tal-manteniment imfittex minnu. Il-Profil tal-Pajjiż għall-Istat rikjest ser jindika jekk dan it-tagħrif huwiex meħtieġ. Jekk iva, imla t-Taqsima 7 u ara li tispeċifika l-munita tal-ammont imfittex. Il-munita tista' tkun il-munita tal-Istat rikjest jew dak rikjedenti.

i) Dokumenti li jappoġġjaw l-applikazzjoni

Referenza: Taqsima 8

1076. Din it-taqsima tipprovdi elenku tad-dokumenti inklużi mal-applikazzjoni. Id-dokumentazzjoni li ser tkun meħtieġa ser tiddependi fuq il-fatti tal-każ, jekk il-parentela hijiex inċerta, l-etajiet tat-tfal u jekk hemmx xi ftehim eżistenti marbut mal-manteniment. It-tabella li ġejja tista' tkun ta' għajnuna sabiex tinstab id-dokumentazzjoni xierqa; madankollu, kull każ ser ivarja, u b'hekk din għandha titqies li hija linja gwida ġenerali biss.

Ċertifikat tat-twelid jew ieħor	Inkludi ċertifikat tat-twelid għal kull tifel li għalih qiegħed jitfittex il-manteniment. Dokumenti simili oħrajn jinkludu ċertifikati tal-magħmudija jew dokumenti taċ-ċittadinanza – meta ma jkun hemm l-ebda ċertifikat tat-twelid disponibbli. Importanti li d-dokument jivverifika d-data tat-twelid u l-isem tat-tifel.
Konferma tal-parentela mid-debitur	Din tista' tkun fil-forma ta' dikjarazzjoni magħmula meta twieled it-tifel (formola tal-isptar) jew f'konferma iktar tard. Normalment dan ma jkunx meħtieġ meta t-tifel ikun twieled fi żwieġ.
Dikjarazzjoni formali li tipprovdi evidenza b'rabta mal-parentela	Meta ma jkun hemm l-ebda konferma ddokumentata tal-paternità, l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni formali li tispjega ċ-ċirkustanzi tal-parentela tat-tifel, u r-relazzjoni tad-debitur fir-rigward tat-tifel fi żmien it-twelid u wara.
Deċiżjoni ta' awtorità kompetenti rigward il-parentela	F'ċerti każijiet, awtorità kompetenti jaf diġà tkun stabbilixxiet il-parentela, mingħajr ma tkun ħadet deċiżjoni dwar il-manteniment.
Riżultati tat-testijiet ġenetiċi	Jekk saru t-testijiet ġenetiċi li jikkonfermaw il-parentela tat-tifel, inkludi r-riżultati.
Ċertifikat tal-adozzjoni	Jekk it-tifel li għalih huwa mfittex il-manteniment ġie adottat mid-debitur, inkludi ċ-ċertifikat ta' adozzjoni.
Ċertifikat ta' żwieġ jew relazzjoni simili u data tad-divorzju jew separazzjoni	Inkludih jekk il-partijiet kienu miżżewġin. Ser jintuża wkoll biex jiġi stabbilit jekk tifel twelidx matul iż-żwieġ tal-kreditur u d-debitur.
Dikjarazzjoni formali li tipprovdi evidenza b'rabta mar-residenza komuni tal-partijiet	Dan mhuwiex ser ikun relevanti ħafna drabi, iżda jista' jkun, pereżempju, meta l-partijiet ikunu għexu f'postijiet differenti għal ċertu żmien minħabba x-xogħol, iżda jkunu żammew residenza komuni fi Stat speċifiku.
Ftehim marbut mal-manteniment	Jekk il-partijiet ikunu qablu minn qabel dwar il-manteniment, pereżempju, bħala parti minn soluzzjoni b'medjazzjoni għal kwistjonijiet ta' kustodja, dan il-ftehim għandu jkun inkluż.

Evidenza tal-attendenza f'istituzzjoni tal-edukazzjoni sekondarja jew postsekondarja	Din ser tkun meħtieġa meta jitfittex il-manteniment għal tifel ikbar fl-età, speċjalment meta jkollu età li fiha ma jibqax jitqies minuri, peress li l-attendenza tal-iskola tista' tiddetermina l-intitolament għal manteniment.
Evidenza ta' diżabilità	Jekk il-manteniment jitfittex għal tifel ikbar fl-età jew tifel ta' età li fiha ma jibqax jitqies minuri, u dak l-intitolament huwa bbażat fuq id-diżabilità tat-tifel, dan it-tagħrif irid ikun inkluż.
Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji	Din il-formola trid timtela kemm jista' jkun. Tipprovdi tagħrif speċifiku għall-istabbiliment u l-infurzar tad-deċiżjoni. Tkopri kemm iċ-ċirkustanzi tal-kreditur kif ukoll dawk tad-debitur.
Dikjarazzjoni tal-arretrati jew il-kronoloġija tal-pagamenti	Mhuwiex probabbli li din il-formola tintalab sakemm l-applikazzjoni ma ssirx skont l-Artikolu 10(1) *d)* u jkun hemm arretrati li nġemgħu mid-deċiżjoni ta' qabel.
Liġi applikabbli	Jekk il-liġi applikabbli mhijiex "liġi tal-forum" (il-liġi tal-Istat fejn qed tipproċedi l-applikazzjoni), jaf tkun trid tiġi inkluża dokumentazzjoni tal-liġi li ser tintuża fl-applikazzjoni.
Evidenza oħra meħtieġa mill-Istat rikjest	Ikkonsulta l-Profil tal-Pajjiż għall-Istat rikjest sabiex tistabbilixxi jekk hemmx xi dokument addizzjonali li jrid jiġi inkluż.
Deċiżjoni tal-Istat rikjest li jiċħad rikonoxximent u infurzar	Meta jiġi miċħud ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni eżistenti, trid tiġi inkluża kopja ta' dik iċ-ċaħda.

Figura 38: Tabella tad-dokumenti li jridu jiġu inklużi fl-applikazzjoni għal stabbiliment

j) Infurzar wara stabbiliment

Referenza: Taqsima 9

1077. Jekk l-applikant jixtieq li d-deċiżjoni dwar il-manteniment tiġi infurzata fl-Istat rikjest wara li tkun stabbilita, dan għandu jkun indikat f'din it-taqsima.

k) Isem il-persuna ta' kuntatt fl-Awtorità Ċentrali għall-ipproċessar tal-applikazzjoni

Referenza: Taqsima 11

1078. Dan għandu jidentifika lill-persuna fl-Awtorità Ċentrali responsabbli għall-mili tal-applikazzjoni jew l-eżami tal-applikazzjoni jekk imtliet mill-applikant personalment. Fiż-żamma ta' approċċ "newtrali għall-mezzi" li jippermetti li d-dokumenti jintbagħtu b'mod elettroniku, il-formola ma għandhiex bżonn tiġi ffirmata.

D. *Formola rakkomandata għal applikazzjoni għal modifika ta' deċiżjoni*

1079. Din it-taqsima tipprovdi struzzjonijiet għall-mili tal-formola rakkomandata għal applikazzjoni għal modifika ta' deċiżjoni. L-istess formola tintuża kemm mill-krediturі kif ukoll mid-debituri. Immarka l-kaxxa għall-applikazzjoni xierqa. Ara l-Kapitolu 12 għal tagħrif addizzjonali dwar din l-applikazzjoni.

1. Mili tal-formola

a) Protezzjoni ta' informazzjoni personali u kunfidenzjali

Referenza: Paragrafu introduttorju u t-Taqsima 2(d), (e), (f), (g) u Taqsima 5

1080. Il-Konvenzjoni tistipula li kull tagħrif miġbur jew mibgħut f'applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni ma jistax jiġi żvelat jew ikkonfermat jekk jixħet f'riskju s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' persuna.

1081. Jekk ikun hemm tħassib dwar dan, immarka l-kaxxa xierqa fuq il-formola ta' Applikazzjoni u inkludi t-tagħrif personali fuq formola għaliha (il-Formola ta' Tagħrif Ristrett) minflok fit-Taqsima 2.

1082. Ara l-Kapitolu 3 għal diskussjoni sħiħa dwar ir-rekwiżit ta' protezzjoni ta' informazzjoni personali u kunfidenzjali.

b) L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-applikant

Referenza: Taqsima 2

1083. L-informazzjoni ta' kuntatt taqdi żewġ skopijiet. L-ewwel nett, tidentifika l-partijiet għall-applikazzjoni, u b'hekk kull awtorità Ċentrali jew kompetenti tista' tiftaħ każ jew fajl kif xieraq. It-tieni nett, it-tagħrif ta' kuntatt irid ikun biżżejjed sabiex l-Istat rikest ikun jista' jikkuntattja lill-applikant f'każ li jsir appell kontra d-deċiżjoni għal modifika tad-deċiżjoni u jkun hemm bżonn li jiġi nnotifikat dwar l-appell.

1084. Ċerti Stati jistgħu jagħżlu li jużaw l-indirizz tal-Awtorità Ċentrali jew ta' awtorità kompetenti oħra bħala l-indirizz għall-applikant jekk l-iżvelar tal-indirizz personali tal-applikant mhuwiex permess skont il-liġi tal-Istat rikjedenti.[190]

> ***Prattika tajba**: L-Awtorità Ċentrali rikjedenti għandha tara li dejjem ikollha indirizz validu jew mezz ieħor biex tikkuntattja lill-Applikant. Jistgħu jqumu kwistjonijiet matul l-applikazzjoni għal modifika li ser jeħtieġu iktar tagħrif jew dokumenti, u l-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti ser ikollhom bżonn jikkuntattjaw lill-applikant biex jiksbu t-tagħrif jew id-dokumenti.*

1085. Jekk l-applikant huwa r-rappreżentant tal-kreditur jew id-debitur, indika hekk fuq il-formola.

c) Dettalji dwar dawk il-persuni li għalihom qiegħed jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment

Referenza: Taqsima 3

1086. L-applikazzjoni trid tinkludi biżżejjed tagħrif sabiex jiġi identifikat kull persuna li għaliha qiegħed jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment skont id-deċiżjoni. Dan ser jinkludi kemm lill-applikant (is-soltu l-ġenitur tat-tifel, iżda xi kultant lit-tifel) u kull tifel li għalih tapplika l-Konvenzjoni. F'kull każ, trid tiġi pprovduta data tat-twelid, peress li huwa importanti li jiġi żgurat li d-deċiżjoni taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni (ara l-Kapitolu 3).

---

190 Ara r-Rapport Spjegattiv, para. 612.

1087. Il-bażi li fuqha jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment għall-applikant u t-tfal trid tkun inkluża wkoll. Dan ser jippermetti lill-Istat rikjest sabiex jikkonferma li l-applikazzjoni taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

Spjegazzjoni tat-termini

1088. F'din it-taqsima jintużaw it-termini li ġejjin:

Referenza: Taqsimiet 3.1 u 3.2

- Parentela
  Immarka din il-kaxxa jekk il-bażi għall-manteniment hija relazzjoni bejn ġenitur u tifel. Din ser tkopri kemm sitwazzjonijiet li fiha t-tfal twieldu fi żwieġ, u b'hekk il-parentela hija supponuta jew meqjusa bħala kwistjoni tal-liġi, kif ukoll sitwazzjonijiet li fihom ir-rabta bejn il-ġenitur u t-tifel ġiet stabbilita jew ikkonfermata permezz tat-testijiet tal-parentela.
- Żwieġ
  Immarka din il-kaxxa jekk id-deċiżjoni hija marbuta ma relazzjoni ta' żwieġ bejn l-applikant u d-debitur.
- Affinità
  Immarka din il-kaxxa jekk ir-relazzjoni bejn l-applikant u d-debitur kienet imsejsa fuq rabtiet familjari – pereżempju, ir-rispondent huwa ziju jew qarib ieħor. Dan japplika biss meta kemm l-Istat rikjest kif ukoll dak rikjedenti jkunu estendew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn it-tipi ta' relazzjonijiet familjari.
- Nanniet / aħwa / neputijiet
  Immarka kaxxa waħda jekk ir-relazzjoni bejn l-applikant u d-debitur kienet waħda mit-tipi elenkati. Dan japplika biss meta kemm l-Istat rikjest kif ukoll dak rikjedenti jkunu estendew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn it-tipi ta' relazzjonijiet familjari.
- *In loco parentis* jew relazzjoni ekwivalenti
  In loco parentis tfisser relazzjoni li fiha adult jaġixxi minflok ġenitur, b'rabta mat-tifel. Din tista' tirriżulta meta adult ikun għex mat-tfal, u ġab ruħu bħala ġenitur tagħhom. F'ċerti Stati dan jinkludi relazzjoni ta' ġenitur tar-rispett.
- Relazzjoni analoga għaż-żwieġ
  Immarka din il-kaxxa jekk il-partijiet ma kinux miżżewġin lil xulxin iżda għexu f'relazzjoni qisha żwieġ. F'ċerti Stati din tissejjaħ relazzjoni tal-liġi komuni. Din tapplika biss meta kemm l-Istat Rikjest kif ukoll dak rikjedenti jkunu estendew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn it-tipi ta' relazzjonijiet.

1089. Imla t-Taqsima 3.1 bit-tagħrif dwar l-applikant. Id-data tat-twelid tal-applikant diġà ddaħħlet fit-Taqsima 2. Jekk l-applikant huwa tifel, imla din it-taqsima.

1090. Imla t-Taqsima 3.2 bit-tagħrif dwar kull tifel li għalih qiegħed jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment. Jekk it-tifel huwa l-applikant, trid timtela t-Taqsima 3.2 biss. Jekk hemm iktar minn tliet itfal, immarka l-Kaxxa 3.4 u ehmeż it-tagħrif addizzjonali fuq paġna għaliha.

1091. Imla t-Taqsima 3.3 jekk il-manteniment huwa mfittex jew pagabbli għal xi ħadd li mhuwiex l-applikant jew tifel.

d) L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tad-debitur

Referenza: Taqsima 4.1

1092. Indika jekk id-debitur huwiex l-applikant.

1093. Id-dettalji tad-debitur huma meħtieġa sabiex tiġi pproċessata l-applikazzjoni u d-debitur jiġi nnotifikat dwar applikazzjoni għal modifika mingħand kreditur. L-applikant għandu jimla din it-taqsima kemm jista' jkun. Jekk ikun hemm bżonn, l-Istat rikjest ser iwettaq servizzi ta' sejbien jew tiftix sabiex isib lid-detentur, jekk ma jkunx magħruf bl-eżatt fejn jgħix.

1094. "Numru ta' Identifikazzjoni Personali" għandu jiġi pprovdut fit-Taqsima 4.3 jekk ikun magħruf. Dan jista' jkun Numru tas-Sigurtà Soċjali (l-Istati Uniti), Numru tal-Assigurazzjoni Soċjali (il-Kanada), Numru tad-Dokument Fiskali (l-Awstralja) jew numru ieħor maħruġ mill-gvern li jista' jgħin lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjest sabiex issib lid-debitur jew tivverifika l-identità tiegħu f'databanks tal-gvern jew oħrajn.

***Prattika tajba**: Jekk l-applikant ma jafx fejn jgħix id-debitur, ara li tinkludi t-tagħrif kollu possibbli dwar l-aħħar postijiet magħrufin tad-debitur (impjegatur, post eċċ.). Idea tajba li tinkludi wkoll tagħrif dwar rabtiet oħrajn mal-Istat – pereżempju, dwar qraba li jista' jkun li d-debitur qiegħed jgħix magħhom.*

e) L-isem u d-dettalji ta' kuntatt ta' rappreżentant tal-kreditur

Referenza: Taqsima 4.2

1095. Jekk il-kreditur għandu rappreżentant, din it-taqsima għandha timtela bid-dettalji meħtieġa. F'ħafna każijiet, dak ir-rappreżentant jista' jkun ir-rappreżentant legali tal-kreditur.

f) Tagħrif li jassisti fis-sejbien tar-rispondent

Referenza: Taqsima 4.3

1096. Jekk l-applikazzjoni għal modifika ssir minn debitur, il-kreditur ser ikun ir-rispondent fl-applikazzjoni. F'dak il-każ, inkludi biżżejjed tagħrif f'din it-taqsima sabiex l-Istat rikjest ikun jista' jsib lill-kreditur. Jekk l-applikant huwa kreditur, ir-rappreżentant tal-kreditur jew ir-rappreżentant ta' tifel, ir-rispondent ser ikun id-debitur. F'dak il-każ, inkludi t-tagħrif xieraq dwar id-debitur.

g) Fejn irid jintbagħat il-pagament

Referenza: Taqsima 5

1097. Jekk id-deċiżjoni mmodifikata trid tiġi infurzata wara li tittieħed, l-Istat rikjest ser ikollu bżonn ikun jaf fejn irid jibgħat kull pagament. Jekk il-pagamenti jmorru għand l-awtorità kompetenti fl-Istat rikjedenti sabiex tipproċessahom, inkludi d-dettalji tal-unità ta' pproċessar tal-pagamenti jew distribuzzjoni tal-pagamenti hawnhekk kif ukoll in-numru ta' referenza tal-fajl / tal-kont, sabiex il-pagamenti jkunu jistgħu jiġu identifikati kif xieraq.

Timliex din it-taqsima tal-formola jekk ikun hemm tħassib dwar riskju għall-applikant. Uża l-Formola ta' Tagħrif Ristrett.

h) Dettalji dwar id-deċiżjoni

Referenza: Taqsima 6

1098. L-applikazzjoni għandha tinkludi dettalji dwar id-deċiżjoni li qed titfittex il-modifika tagħha. It-tagħrif kollu meħtieġ biex timtela din it-taqsima għandu jkun jinsab fid-deċiżjoni stess.

i) Bidla fiċ-ċirkustanzi

Referenza: Taqsima 7

1099. L-iktar bażi komuni sabiex issir applikazzjoni għal modifika hija li ċ-ċirkustanzi tal-kreditur, id-debitur jew it-tfal inbidlu minn meta ttieħdet id-deċiżjoni. L-applikazzjoni telenka l-iktar bidliet komuni fiċ-ċirkustanzi. Fil-parti l-kbira dawn jispjegaw lilhom infushom. Bidliet fiċ-ċirkustanzi tal-persuna li għaliha jitfittex i-manteniment jistgħu jinkludu bidla fir-residenza tat-tifel jew sitwazzjoni li fiha t-tifel ma jibqax mantnut mill-kreditur. Jekk il-kreditur jerġa' jiżżewweġ jew jissieħeb, dan jaqa' f'din il-kategorija wkoll.

j) Modifika mfittxija

Referenza: Taqsima 8

1100. F'din it-taqsima trid tindika l-modifika li qed tintalab. Speċifika l-bidla mfittxija u l-munita fejn xieraq.

k) Dokumenti inklużi fil-pakkett

Referenza: Taqsima 9

1101. Lista tad-dokumenti li għandhom ikunu inklużi fil-pakkett hija stabbilita f'din it-Taqsima. F'każijiet oħrajn ser ikun hemm bżonn ta' dokumentazzjoni oħra, skont ir-raġunijiet għall-applikazzjoni għal modifika. Ara li r-raġunijiet għall-modifika huma spjegati u sostnuti mid-dokumentazzjoni xierqa.

l) Infurzar wara modifika

Referenza: Taqsima 10

1102. F'ċerti sitwazzjonijiet, pereżempju meta l-modifika titfittex mill-kreditur sabiex jiżdied il-manteniment, l-applikant ser ikollu bżonn li d-deċiżjoni mmodifikata tiġi infurzata fl-Istat rikjest. Jekk iva, indika hekk fit-Taqsima 10.

m) Tagħrif dwar il-kreditur

Referenza: Taqsima 12

1103. Meta l-applikazzjoni għal modifika tinfetaħ mid-debitur, ir-residenza abitwali tal-kreditur hija importanti sabiex jiġi vverifikat jekk hemmx xi limitazzjoni fuq il-proċedimenti ta' modifika. Din it-taqsima tipprovdi t-tagħrif meħtieġ dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 18. Dan huwa diskuss f'iktar dettall fil-Kapitolu 11.

n) Isem il-persuna ta' kuntatt tal-Awtorità Ċentrali għall-ipproċessar tal-applikazzjoni

Referenza: Taqsima 13

1104. Dan għandu jidentifika lill-persuna fl-Awtorità Ċentrali responsabbli għall-mili tal-applikazzjoni jew għall-eżami tal-applikazzjoni jekk imtliet mill-applikant personalment. Fiż-żamma ta' approċċ "newtrali għall-mezzi" li jippermetti li d-dokumenti jintbagħtu b'mod elettroniku, il-formola ma għandhiex bżonn tiġi

ffirmata.

III. Struzzjonijiet għall-mili ta' formoli addizzjonali

A. *Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji*

1105. Din il-formola għandha tkun inkluża mal-applikazzjonijiet kollha skont il-Konvenzjoni. Fiha tagħrif dettaljat li ser jintuża, jekk ikun hemm bżonn, biex jgħin lill-Istat rikjest

- biex jinstab ir-rispondent għall-fini ta' notifika tal-applikazzjoni,
- biex jassisti lill-awtorità kompetenti fl-infurzar tad-deċiżjoni,
- biex jiġi stabbilit l-ammont meħtieġ tal-manteniment f'applikazzjonijiet għal stabbiliment u modifika, jew
- biex isostni talba għal assistenza legali fl-Istat rikjest.

Idea tajba: *Hija prattika tajba li taqra l-Profil tal-Pajjiż għall-Istat fejn ser tibgħat il-formola. Il-Profil tal-Pajjiż ser jindika jekk tistax titneħħa xi informazzjoni mill-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji.*

1. Mili tal-formola

a) Preambolu

1106. Bħal b'dokumenti oħrajn fl-applikazzjoni, hemm post fuq il-formola sabiex tindika jekk hemmx tħassib li l-iżvelar jew il-konferma tat-tagħrif ipoġġihx f'riskju s-saħħa, is-sikurezza jew il-libertà ta' persuna. F'dan il-każ, l-informazzjoni personali ser tidher biss fil-Formola ta' Tagħrif Ristrett.

b) Tagħrif tal-applikazzjoni

Referenza: Parti I

1107. Imla din it-taqsima għall-applikazzjonijiet kollha, billi tuża t-tagħrif li jinsab fil-formola ta' Applikazzjoni. Id-dettalji huma marbutin mat-tagħrif ta' kuntatt għall-Awtorità Ċentrali, mhux l-applikant.

1108. Fit-Taqsima 3 indika jekk l-applikant huwiex kreditur, debtitur jew rappreżentant tal-persuna li għaliha qiegħed jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment.

1109. It-Taqsima 4 tistabbilixxi l-applikazzjoni li qed issir. Kun af li jekk talba għal assistenza legali ssir skont l-Artikolu 17, ser tiġi mmarkata waħda miż-żewġ kaxex minbarra l-kaxxa għall-applikazzjoni speċifika.

1110. Fit-Taqsima 5 indika l-munita li tintuża fil-Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji. Jekk qlibt l-ammonti kollha għall-munita tal-Istat rikjest, indika r-rata tal-kambju użata, u d-data tal-konverżjoni.

c) Tagħrif ġenerali dwar il-kreditur jew il-persuna/i li għalihom qiegħed jitfittex jew huwa pagabbli l-manteniment

Referenza: Parti II

1111. Din il-Parti timtela biss jekk l-applikazzjoni hija għal stabbiliment ta' deċiżjoni jew modifika ta' deċiżjoni. Mhijiex meħtieġa f'applikazzjonijiet għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar jew infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment.

d) Tagħrif ġenerali dwar id-debitur

Referenza: Parti III

1112. Din il-Parti trid timtela għall-applikazzjonijiet kollha. Tipprovdi ċertu tagħrif bażiku dwar id-debitur, id-dħul u d-dipendenti tiegħu. L-applikant għandu jimla kemm jista' minnha.

e) Assi u djun tad-debitur

Referenza: Parti IV

1113. Din il-Parti trid timtela għall-applikazzjonijiet kollha. Għandu jiġi pprovdut kemm jista' jkun tagħrif.

f) Dikjarazzjoni finanzjarja tal-applikant

Referenza: Parti V

1114. Din il-Parti timtela biss jekk l-applikazzjoni hija għal stabbiliment ta' deċiżjoni, modifika ta' deċiżjoni jew meta jkun hemm bżonn ta' assistenza legali fiċ-ċirkustanzi legali stipulati fl-Artikolu 17. Mhijiex meħtieġa f'applikazzjonijiet għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar jew infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment.

g) Assigurazzjoni medika

Referenza: Parti VI

1115. Din il-Parti għandha timtela għal applikazzjonijiet għal stabbiliment u modifika biss. Mhijiex meħtieġa f'applikazzjonijiet għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar jew infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment.

h) Taqsimiet finali

Referenza: Taqsimiet finali

1116. Fuq il-formola indika jekk imtlietx mill-applikant. Jekk iva, ir-rappreżentant għall-Awtorità Ċentrali jrid jeżamina d-dokument. Irid jiġi identifikat ir-rappreżentant tal-Awtorità Ċentrali u trid timtela d-dikjarazzjoni. Il-formola ma għandhiex bżonn tiġi ffirmata.

B. *Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa*

1117. Din il-formola ser tintuża biss f'applikazzjonijiet għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar. Trid tiġi pprovduta meta r-rispondent (normalment id-debitur) ma jkunx deher fil-proċedimenti u ma kienx irrappreżentat biex tittieħed id-deċiżjoni dwar il-manteniment. F'dawn il-każijiet biss, trid tiġi stabbilita notifika xierqa tal-applikazzjoni għad-deċiżjoni jew tat-teħid tad-deċiżjoni. Peress li deċiżjonijiet dwar il-manteniment meħudin f'ċerti sistemi amministrattivi ma jipprovdux għad-dehra mir-rispondent qabel ma tittieħed tad-deċiżjoni, din il-formola dejjem ser tkun meħtieġa f'dawk is-sitwazzjonijiet. Jekk ma tafx biċ-ċert jekk din il-formola hijiex meħtieġa, irreferi għall-Kapitolu 4.

1118. Il-formola rakkomandata għandha timtela minn uffiċjal li kapaċi jikkonferma li r-rispondent ġie nnotifikat kif xieraq u kif meħtieġ mil-liġi tal-Istat li ħa d-deċiżjoni (l-Istat ta' oriġini).

1119. F'ħafna każijiet, meta n-notifika meħtieġa lir-rispondent saret fi ħdan l-Istat ta' oriġini, ser ikun hemm xi dokumentazzjoni disponibbli, bħal ġurament tan-notifika, jew konferma tan-notifika li ser tagħti prova li r-rispondent ġie nnotifikat dwar il-proċedimenti jew id-deċiżjoni meħuda. F'każijiet oħrajn jista' jkun hemm indikazzjoni fid-deċiżjoni li r-rispondent deher, ġie nnotifikat dwar il-proċedimenti jew id-deċiżjoni, u kellu l-opportunità li jinstema' jew li jikkontesta d-deċiżjoni. Dik id-dokumentazzjoni tista' tgħin lill-awtorità kompetenti fit-tħejjija tad-Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa.

1120. Fil-każ li n-notifika meħtieġa trid issir barra l-Istat, u kemm l-Istat ta' oriġini kif ukoll l-Istat l-ieħor ikunu Partijiet għal strument internazzjonali ieħor li jirregola n-notifika, id-dokumentazzjoni minn dak il-proċess ser tkun disponibbli biex tassisti lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' oriġini fil-mili tad-Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa.

C. Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà ta' deċiżjoni

1121. Dan id-dokument huwa meħtieġ f'applikazzjoni għal rikonoxximent u infurzar. Mhuwiex meħtieġ f'applikazzjoni għal rikonoxximent biss. Jipprovdi t-tagħrif meħtieġ mill-Artikolu 25(1) *b).* Id-dokument jikkonferma li d-deċiżjoni li trid tiġi rikonoxxuta u infurzata hija infurzabbli fl-Istat ta' oriġini.[191] Jekk id-deċiżjoni ttieħdet minn awtorità amministrattiva, tikkonferma li d-deċiżjoni tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 19(3), sakemm l-Istat ta' oriġini ma jkunx speċifika skont l-Artikolu 57 li d-deċiżjonijiet amministrattivi tiegħu dejjem jikkonformaw mal-Artikolu 19(3).

1122. Jekk l-applikazzjoni hija għal rikonoxximent u infurzar ta' arranġament dwar il-manteniment (mhux deċiżjoni dwar il-manteniment), dan id-dokument ser ikollu jiġi mmodifikat ftit biex jikkonferma li l-arranġament speċifiku dwar il-manteniment huwa infurzabbli bħala deċiżjoni dwar il-manteniment fl-Istat ta' oriġini (Art. 30(3) *b)*).

D. Astratt ta' deċiżjoni

1123. Din il-formola rrakkomandata għandha timtela minn uffiċjal tal-awtorità kompetenti tal-Istat ta' oriġini, u tintuża f'każijiet li fihom l-Istat rikjest ikun speċifika, skont l-Artikolu 57, li ser jaċċetta astratt tad-deċiżjoni dwar il-manteniment, għall-fini ta' applikazzjoni għal rikonoxximent u rikonoxximent u infurzar. Ser tintuża l-iktar f'sitwazzjonijiet li fihom id-deċiżjoni dwar il-manteniment tieħu fit-tul, u sehem biss mid-deċiżjoni jkun marbut mal-manteniment. Jekk astratt ikun aċċettabbli, minflok ma tiġi tradotta d-deċiżjoni sħiħa, iridu jiġu tradotti l-astratt jew is-siltiet biss.

E. Kalkolu tal-arretrati

1124. Meta jkun hemm arretrati pendenti ta' manteniment mhux imħallas skont deċiżjoni li trid tiġi rikonoxxuta u infurzata jew infurzata, ser ikollu jiġi pprovvdut kalkolu ta' dawk l-arretrati lill-Istat rikjest. Ma hemm l-ebda formola rrakkomandata disponibbli għal dan il-għan bħalissa. Il-kalkolu għandu juri l-ammont ta' arretrati pendenti u d-data tal-kalkolu.

---

191 F'ċerti Stati tista' tintuża "*attestation de la force de chose jugée*" li tistipula li d-deċiżjoni għandha setgħa tal-liġi f'dak l-Istat.

1125. Kalkolu ddettaljat ser jassisti lill-awtorità kompetenti responsabbli għal infurzar fl-Istat rikjest, f'każ li d-debitur jikkontesta l-kalkolu tal-arretrati. Meta programm jew aġenzija ta' manteniment għat-tfal ikun involut f'isem il-kreditur fl-Istat rikjedenti, hija prattika tajba li jintużaw dikjarazzjoni jew kalkolu tal-arretrati pprovduti minn dik l-awtorità jew l-aġenzija, peress li r-rekords tagħha ser ikunu komprensivi.

F. Dokument li jispjega kif taġġusta

1126. Jekk id-deċiżjoni li trid tiġi rikonoxxuta jew rikonoxxuta u infurzata tipprevedi indiċjar jew aġġustament awtomatiku, fil-pakkett tal-applikazzjoni għandhom ikunu inklużi dikjarazzjoni jew dokument li jispjegaw kif ser isiru l-aġġustament jew l-indiċjar. Id-dokument għandu jinkludi jekk dak il-kalkolu huwiex ser isir mill-Istat rikjedenti (*pereż.*, bħal fil-każ ta' valutazzjoni mill-Aġenzija tal-Appoġġ għat-Tfal fl-Awstralja). Inkella, inkludi t-tagħrif meħtieġ biex l-awtorità kompetenti fl-Istat rikjest tkun tista' taġġusta jew tindiċizza d-deċiżjoni kif meħtieġ.

1127. Bħalissa ma hemm l-ebda formola rrakkomandata għal dan il-għan.

G. Prova tal-benefiċċji jew dritt ta' aġir (korp pubbliku)

1128. Korp pubbliku huwa intitolat li jaġixxi bħala kreditur f'applikazzjonijiet għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, u għal stabbiliment ta' deċiżjoni meta d-deċiżjoni eżistenti ma tistax tiġi rikonoxxuta minħabba riserva li ssir skont l-Artikolu 20.

1129. Filwaqt li l-korp pubbliku mhuwiex meħtieġ jistabbilixxi d-dritt tiegħu li jaġixxi bħala kreditur f'kull applikazzjoni, dejjem hija prattika tajba li tinkludi dan it-tagħrif meta l-korp pubbliku jkun l-applikant jew ikollu talba indipendenti għall-arretrati. Dan jevita dewmien iktar tard f'każ li jintalbu provi skont l-Artikolu 36(4).

1130. Bħalissa ma hemm l-ebda formola rrakkomandata għal dan il-għan.

H. Status tar-rapport tal-applikazzjoni

1131. Ġew żviluppati erba' formoli rrakkomandati. Jistgħu jintużaw mill-Istat rikjest sabiex jaġġornaw lill-Awtorità Ċentrali fl-Istat rikjedenti dwar il-progress tal-applikazzjonijiet għal rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, stabbiliment u modifika. L-Awtorità Ċentrali rikjesta għandha tuża dik għall-applikazzjoni speċifika li ġiet riċevuta. Dawn il-formoli jintużaw flimkien mal-Formola ta' Konferma, li hija l-formola obbligatorja użata biex tikkonferma li l-Istat rikjest irċieva applikazzjoni.

1132. Il-Formola ta' Rapportar tal-Istatus tar-rapport ta' applikazzjoni tista' tintuża kemm għar-rapportar dwar żviluppi inizjali fir-rigward tal-applikazzjoni, kif ukoll għall-forniment ta' rapporti regolari sakemm idum għaddej il-każ skont il-Konvenzjoni.

1133. Fil-kaxxa fuq il-paġna ta' quddiem indika jekk ir-rapport huwiex l-ewwel rapport tal-istatus li sar rigward l-applikazzjoni.

1134. Għal rapporti sussegwenti tal-istatus, indika d-data tal-aħħar formola ta' Rapportar tal-Istatus u spjega biss l-iżviluppi l-ġodda għall-bidliet li saħħew sa mill-aħħar rapport li ntbagħat. Dan jagħmilha iktar faċili għall-awtorità kompetenti fl-Istat rikjedenti sabiex taġġorna r-rekords tagħha, u tevita tagħrif doppju.

IV. Listi ta' kontroll – dokumentazzjoni li trid tkun inkluża f'applikazzjonijiet mibgħuta skont il-Konvenzjoni

1135. It-tabelli li ġejjin jiġbru fil-qosor liema mill-formoli pprovduti skont il-Konvenzjoni jridu jiġu inklużi ma' applikazzjoni mibgħuta skont il-Konvenzjoni.

1136. Ftakar li t-tabella tindirizza biss applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni. Meta kwistjoni tipproċedi permezz ta' talba diretta lil awtorità kompetenti, iridu jintużaw il-formoli speċifikati mill-awtorità kompetenti.

Idea tajba: *Dejjem aqra l-Profil tal-Pajjiż għall-Istat rikjest qabel timla l-pakkett tal-applikazzjoni għal applikazzjonijiet li mhumiex għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar. Jekk l-Istat rikjest jeħtieġ xi dokument ieħor, dan ser ikun elenkat fil-Profil tal-Pajjiż.*

A. Applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar

Dokument jew Formola tal-Konvenzjoni	Meta Jiġu Inklużi	Liema Formola tal-Konvenzjoni għandha tintuża*
Formola ta' Trażmissjoni	Dejjem inkluża	Uża l-formola obbligatorja
Formola ta' Applikazzjoni	Dejjem inkluża	Uża l-formola rakkomandata
Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji	Dejjem inkluża – madankollu, skont jekk l-applikant huwiex debitur u kreditur u t-tip ta' applikazzjoni, mhux il-partijiet kollha ta' din il-formola ser ikunu meħtieġa	Uża l-formola rakkomandata
Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa	Meħtieġa biss jekk ir-rispondent ma deherx u ma kienx irrappreżentat fl-Istat ta' oriġini	Uża l-formola rakkomandata
Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà	Dejjem inkluża	Uża l-formola rakkomandata[192]
Test sħiħ tad-deċiżjoni	Dejjem inkluż sakemm ma jkunx aċċettabbli astratt (ara iktar 'il quddiem)	Ara l-Kapitolu 3 għal tagħrif dwar ir-rekwiżit ta' ċertifikazzjoni ta' deċiżjoni
Astratt ta' Deċiżjoni	Inkludih biss jekk l-Istat rikjest speċifika skont l-Artikolu 57 li ser jaċċetta astratt	Uża l-formola rakkomandata
Kalkolu tal-Arretrati	Dejjem inkludih jekk hemm arretrati skont deċiżjoni li trid tiġi rikonoxxuta jew rikonoxxuta u infurzata	Uża l-formola pprovduta skont il-liġi tal-Istat rikjedenti. Jekk id-deċiżjoni ġiet infurzata qabel fl-Istat rikjedenti, idealment tintuża dokumentazzjoni mill-awtorità ta' infurzar kompetenti fl-Istat rikjedenti.
Dokument li jispjega kif taġġusta jew tindiċizza d-deċiżjoni	Dejjem inkludih jekk id-deċiżjoni tipprovdi għal aġġustament awtomatiku permezz ta' indiċjar	Uża l-formola li hija pprovduta skont il-liġi tal-Istat rikjedenti
Provi tal-benefiċċji jew tad-dritt li taġixxi (korp pubbliku)	Inkludihom jekk l-applikant huwa korp pubbliku	Uża l-formola li hija pprovduta skont il-liġi tal-Istat rikjedenti

Figura 39: Dokumenti li jridu jiġu inklużi ma' applikazzjoni mibgħuta għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar

* Jekk l-Istat tiegħek ma jużax il-formoli rakkomandati, uża l-formola li hija pprovduta skont il-liġi jew il-politika domestika tiegħek għal applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni.

192 F'ċerti Stati tista' tintuża "*attestation de la force de chose jugée*" li tistipula li d-deċiżjoni għandha setgħa tal-liġi f'dak l-Istat.

B. Applikazzjoni għal infurzar ta' deċiżjoni meħuda jew rikonoxxuta fl-Istat rikjest

Dokument jew Formola tal-Konvenzjoni	Meta Jiġu Inklużi	Liema Formola tal-Konvenzjoni għandha tintuża*
Formola ta' Trażmissjoni	Dejjem inkluża	Uża l-formola obbligatorja
Formola ta' Applikazzjoni	Dejjem inkluża	Uża l-formola rakkomandata
Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji	Dejjem inkludiha iżda kun af li mhux ser ikunu meħtieġa l-partijiet kollha ta' din il-formola	Uża l-formola rakkomandata
Test sħiħ tad-deċiżjoni	Dejjem inkluż	Ara l-Kapitolu 3 għal tagħrif dwar ir-rekwiżit ta' ċertifikazzjoni
Astratt ta' Deċiżjoni	Mhux applikabbli. Deċiżjoni hija mill-Istat rikjest	
Kalkolu tal-Arretrati	Dejjem inkludih jekk ikun hemm arretrati skont id-deċiżjoni li trid tiġi infurzata	Uża dikjarazzjoni mingħand awtorità ta' infurzar kompetenti fl-Istat rikjedenti, jekk possibbli
Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa	Mhux applikabbli	
Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà	Mhux applikabbli	
Dokument li jispjega kif taġġusta jew tindiċizza d-deċiżjoni	Dejjem inkludih jekk id-deċiżjoni tipprovdi għal aġġustament awtomatiku permezz ta' indiċjar	Uża d-dokument ipprovdut skont il-politika jew il-liġi domestika tal-Istat rikjedenti
Provi tal-benefiċċji jew tad-dritt li taġixxi (korp pubbliku)	Inkludihom jekk l-applikant huwa korp pubbliku	Uża l-formola li hija pprovduta skont il-liġi tal-Istat rikjedenti

Figura 40: Dokumenti li jridu jiġu inklużi ma' applikazzjoni għal infurzar

* Jekk l-Istat tiegħek ma jużax il-formoli rakkomandati, uża l-formola li hija pprovduta skont il-liġi jew il-politika domestika tiegħek għal applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni.

C. Applikazzjoni għal stabbiliment ta' deċiżjoni

Dokument jew Formola tal-Konvenzjoni	Meta Jiġu Inklużi	Liema Formola tal-Konvenzjoni għandha tintuża*
Formola ta' Trażmissjoni	Dejjem inkludiha	Uża l-formola obbligatorja
Formola ta' Applikazzjoni	Dejjem inkludiha	Uża l-formola rakkomandata
Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji	Dejjem inkludiha iżda kun af li mhumiex ser jimtlew il-partijiet kollha ta' din il-formola	Uża l-formola rakkomandata
Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa	Mhux applikabbli	
Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà	Mhux applikabbli	
Test sħiħ tad-deċiżjoni	Mhux applikabbli	
Astratt ta' Deċiżjoni	Mhux applikabbli	
Kalkolu tal-Arretrati	Mhux applikabbli	
Dokument li jispjega kif taġġusta jew tindiċizza d-deċiżjoni	Mhux applikabbli	
Provi tal-benefiċċji jew tad-dritt li taġixxi (korp pubbliku)	Inkludihom jekk l-applikant huwa korp pubbliku	Uża l-formola li hija pprovduta skont il-liġi tal-Istat rikjedenti

Figura 41: Dokumenti li jridu jiġu inklużi ma' applikazzjoni għal stabbiliment

* Jekk l-Istat tiegħek ma jużax il-formoli rakkomandati, uża l-formola li hija pprovduta skont il-liġi jew il-politika domestika tiegħek għal applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni.

D. Applikazzjoni għal modifika ta' deċiżjoni

Dokument jew Formola tal-Konvenzjoni	Meta Jiġu Inklużi	Liema Formola tal-Konvenzjoni għandha tintuża*
Formola ta' Trasmissjoni	Dejjem inkludiha	Uża l-formola obbligatorja
Formola ta' Applikazzjoni	Dejjem inkludiha	Uża l-formola rakkomandata
Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji	Dejjem inkludiha iżda kun af li skont jekk l-applikant huwiex debitur jew kreditur u t-tip ta' applikazzjoni, mhux ser ikunu meħtieġa l-partijiet kollha ta' din il-formola	Uża l-formola rakkomandata
Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa	Mhux applikabbli	
Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà	Mhux applikabbli	
Test sħiħ tad-deċiżjoni	Dejjem inkludih sakemm ma jkunx aċċettabbli astratt (ara iktar 'il quddiem)	Ara l-Kapitolu 3 għal tagħrif dwar ir-rekwiżit għal kopji ċċertifikati
Astratt ta' Deċiżjoni	Inkludih jekk l-Istat rikjest ikun qabel li ser jaċċetta astratt (Kun af li l-Art. 57 jirreferi għal astratti għall-fini ta' applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar biss)	Uża l-formola rakkomandata
Kalkolu tal-Arretrati	Dejjem inkludih jekk hemm arretrati skont id-deċiżjoni li trid tiġi mmodifikata	Uża dikjarazzjoni mill-awtorità ta' infurzar kompetenti fl-Istat rikjedenti, jekk possibbli
Dokument li jispjega kif taġġusta jew tindiċizza d-deċiżjoni	Inkludih jekk id-deċiżjoni li trid tiġi mmodifikata għandha dispożizzjoni għal aġġustament jew indiċjar	Uża d-dokument ipprovdut skont il-politika jew il-liġi domestika tal-Istat rikjedenti
Provi tal-benefiċċji jew tad-dritt li taġixxi (korp pubbliku)	Mhux applikabbli (korp pubbliku ma jistax jiftaħ applikazzjoni għal modifika)	

Figura 42: Dokumenti li jridu jiġu inklużi ma' applikazzjoni għal modifika

* Jekk l-Istat tiegħek ma jużax il-formoli rakkomandati, uża l-formola li hija pprovduta skont il-liġi jew il-politika domestika tiegħek għal applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni

V. Mili tal-formoli għal talba diretta għal rikonoxximent u infurzar

1137. Ftakar li jekk it-talba diretta tikkonċerna rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni eżistenti, u d-deċiżjoni taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ser japplikaw għal talba diretta lil awtorità kompetenti (Art. 37(2)).

1138. Japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha tal-Kapitolu V (Rikonoxximent u infurzar) tal-Konvenzjoni; it-talba għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti stabbiliti fl-Artikolu 25. Dawn jinkludu:

- test sħiħ tad-deċiżjoni,
- Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà,
- Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa meta r-rispondent ma deherx jew ma kienx irrappreżentat fil-proċedimenti fl-Istat ta' oriġini jew ma kkontestax id-deċiżjoni dwar il-manteniment,
- Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji,
- jekk ikun hemm bżonn – kalkolu tal-arretrati,
- jekk ikun hemm bżonn – dikjarazzjoni li tindika kif taġġusta jew tindiċizza d-deċiżjoni.

Appendiċi
Bażijiet għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni

1139. Il-formola ta' applikazzjoni rakkomandata għal applikazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar tesiġi li l-applikant jew l-Awtorità Ċentrali rikjedenti jindikaw il-"Bażijiet għal Rikonoxximent u Infurzar" fil-paragrafu 6. Il-paragrafu jikkonsisti f'serje ta' dikjarazzjonijiet li jridu jiġu vverifikati mill-applikant jew ir-rappreżentant tal-Awtorità Ċentrali. Ara d-dikjarazzjonijiet kollha li jistgħu jkunu applikabbli.

Punt importanti: *Jekk ma tafx biċ-ċert liema mill-bażijiet għandhom jintużaw għal rikonoxximent u infurzar fl-Istat rikjest – immarka* ***kull waħda*** *mill-bażijiet li jistgħu japplikaw. Ma għandekx tħalli kaxxa jew dikjarazzjoni mingħajr marka sakemm ma tkunx fiċ-ċert li ma tapplikax. Huwa f'idejn ir-rispondent fl-Istat rikjest li jikkontesta r-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni jew id-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà tad-deċiżjoni, jekk jemmen li ma hemm l-ebda bażi għal rikonoxximent u infurzar. Ara l-Kapitolu 5.*

Mili tal-formola

1140. Din it-taqsima tipprovdi spjegazzjoni taċ-ċirkustanzi li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi stabbilit liema mid-dikjarazzjonijiet iridu jiġu vverifikati. Uħud mit-termini – bħar-residenza abitwali – jista' jkollhom tifsira legali speċifika fi Stat, u b'hekk f'ċerti każijiet jista' jkun hemm bżonn li tinkiseb opinjoni legali meta jkun hemm inċertezza.

A) Residenza abitwali tar-rispondent

1141. It-terminu "residenza abitwali" mhuwiex iddefinit fil-Konvenzjoni. Rispondent jista' jitqies li huwa resident abitwali fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni (l-Istat ta' oriġini) f'każijiet li fihom ikun għex f'dak l-Istat għal għadd ta' snin. Rispondent jista' jkun resident abitwali fi Stat anki jekk għandu dar oħra fi Stat differenti, jew jgħix fi Stat ieħor għax-xogħol. Immarka din il-kaxxa jekk jidher li dawn il-kundizzjonijiet kienu ssodisfati meta ttieħdet id-deċiżjoni. Biex jikkontesta b'suċċess rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, ir-rispondent ser ikollu juri li ma kienx resident abitwali fl-Istat ta' oriġini meta ttieħdet id-deċiżjoni.

B) Rispondent sottomess għall-ġurisdizzjoni

1142. Jekk ir-rispondent ma kienx resident fl-Istat ta' oriġini meta ttieħdet id-deċiżjoni, iżda deher personalment jew permezz ta' rappreżentant, u indirizza l-applikazzjoni dwar il-manteniment fuq il-merti tagħha, f'dak il-każ ir-rispondent jista' jitqies li ssottometta għall-ġurisdizzjoni. Ir-rispondent seta' jissottometti wkoll għall-ġurisdizzjoni billi jippreżenta replika għall-proċediment. Is-sottomissjoni għall-ġurisdizzjoni ta' awtorità partikolari (ġudizzjarja jew amministrattiva) hija kunċett legali u pariri legali jistgħu jgħinu fl-istabbiliment ta' jekk din tapplikax.

1143. Fittex tagħrif fid-deċiżjoni jew materjali relatati li jindikaw li r-rispondent deher u ħa sehem fl-applikazzjoni, kellu rappreżentant legali preżenti jew qabel li l-applikazzjoni tista' tipproċedi f'dak l-Istat. Biex tikkontesta b'suċċess ir-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni, ir-rispondent ser ikollu jistabbilixxi li ma ssottomettiex għall-ġurisdizzjoni.

C) Residenza abitwali tal-kreditur

1144. Ara l-kummenti ta' hawn fuq rigward it-terminu "resident abitwali". Jekk jidher li l-kreditur kien qed jgħix fl-Istat ta' oriġini meta ttieħdet id-deċiżjoni u għex hemm għal ċertu żmien, immarka din il-kaxxa. Biex jikkontesta b'suċċess ir-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni, ir-rispondent ser ikollu juri li l-kreditur ma kienx resident abitwali fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni, meta ttieħdet, sakemm l-Istat rikjest ma jkunx għamel riserva.

D) Residenza abitwali tat-tifel u r-rispondent li għex mat-tifel jew ipprovda għat-tifel

1145. Ara l-kummenti ta' hawn fuq rigward it-terminu "resident abitwali".

1146. Immarka din il-kaxxa, pereżempju, meta d-deċiżjoni ttieħdet fil-Pajjiż A, it-tifel kien jgħix fil-Pajjiż A meta ttieħdet id-deċiżjoni u anki r-rispondent għex mat-tifel f'xi waqt fil-Pajjiż A. Jekk ir-rispondent qatt ma għex mat-tifel, iżda għex fil-Pajjiż A f'xi waqt, u mantna lit-tifel sakemm għex hemm, dan huwa kopert minn din id-dikjarazzjoni wkoll.

1147. Jekk jidher li t-tifel kien resident abitwali fl-Istat meta ttieħdet id-deċiżjoni u r-rispondent għex hemm u ipprovda l-manteniment, immarka din il-kaxxa. Biex jikkontesta b'suċċess ir-rikonoxximent jew ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjoni, ir-rispondent ser ikollu juri li t-tifel ma kienx resident abitwali fl-Istat ta' oriġini dak iż-żmien, jew li r-rispondent qatt ma għex hemm mat-tifel jew li qatt ma mantna lit-tifel f'dak l-Istat.

E) Ftehim bil-miktub

1148. Immarka din il-kaxxa jekk jidher li r-rispondent u l-kreditur qablu bil-miktub li l-Istat li ħa d-deċiżjoni seta' jagħmel dan. Madankollu, kun af li dan MHUWIEX ser japplika fil-każ ta' manteniment għat-tfal, u b'hekk ser japplika biss fir-rigward ta' manteniment għall-konjuġi jew forom oħrajn ta' manteniment tal-familja (jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ġie estiż kemm mill-Istat rikjedenti kif ukoll dak rikjest għal forom oħrajn ta' manteniment tal-familja).

1149. F'kontestazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, ir-rispondent ser ikollu jistabbilixxi li l-ftehim ma għandux jintuża bħala bażi għal rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjoni fl-Istat rikjest, sakemm l-Istat rikjest ma jkunx għamel riserva fuq dik il-bażi.

F) Ġurisdizzjoni permezz ta' status personali jew responsabbiltà tal-ġenituri

1150. F'ċerti Stati, il-ġurisdizzjoni sabiex tittieħed deċiżjoni dwar il-manteniment tirriżulta meta l-awtorità kompetenti jkollha l-ġurisdizzjoni wkoll li tieħu deċiżjoni relatata dwar status personali jew responsabbiltà tal-ġenituri. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, fir-rigward ta' deċiżjoni dwar id-divorzju meta l-qorti tkun qed tindirizza jekk l-"istatus" huwiex wieħed ta' miżżewġin jew iddivorzjati. F'din is-sitwazzjoni, l-awtorità għandha l-ġurisdizzjoni wkoll li tieħu deċiżjoni dwar il-manteniment.

1151. Jekk jidher li d-deċiżjoni dwar il-manteniment ittieħdet fuq din il-bażi, immarka din il-kaxxa. Il-pariri legali jistgħu jkunu siewja biex tiġi kkonfermata l-bażi li fuqha aktarx li ttieħdet id-deċiżjoni.

1152. F'kontestazzjoni għal rikonoxximent jew rikonoxximent u infurzar, ir-rispondent ser ikollu juri li d-deċiżjoni ma għandhiex tiġi rikonoxxuta fuq din il-bażi, sakemm l-Istat rikjest ma jkunx għamel riserva fuq dik il-bażi.

Kapitolu 16
Talbiet diretti lil awtoritajiet kompetenti

Kif inhu mqassam dan il-Kapitolu:

Dan il-Kapitolu jittratta talbiet diretti mibgħuta lil awtoritajiet kompetenti kif ukoll dawk riċevuti minnhom.

It-Taqsima I tagħti ħarsa ġenerali lejn talbiet diretti fil-kuntest tal-Konvenzjoni u meta jistgħu jintużaw.

It-Taqsima II tistabbilixxi l-proċedura jew il-passi kemm għal talbiet diretti mibgħuta kif ukoll dawk riċevuti għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet.

It-Taqsima III tiddiskuti t-talbiet diretti għal stabbiliment u modifika ta' deċiżjonijiet.

It-Taqsima IV fiha referenzi u materjali addizzjonali għat-talbiet.

It-Taqsima V tkopri uħud mill-iktar mitsoqsijiet frekwenti fir-rigward ta' dawn it-talbiet.

I. Introduzzjoni

1153. Primarjament, dan il-Manwal jittratta applikazzjonijiet u talbiet ipproċessati mill-Awtoritajiet Ċentrali. Madankollu, ser ikun hemm każijiet, kif ġie indikat fil-kapitoli l-oħrajn, li fihom applikant irid jagħmel talba diretta lil awtorità kompetenti sabiex tintuża l-liġi interna ta' Stat Kontraenti għal kwistjoni rregolata mill-Konvenzjoni jew li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din. Dan jista' jinkludi stabbiliment jew modifika ta' deċiżjoni. Talba diretta ser issir f'sitwazzjonijiet li fihom l-applikant ma jistax juża l-Awtorità Ċentrali ta' wieħed mill-Istati jew iż-żewġ Stati involuti peress li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II jew III ma ġewx estiżi f'dak l-Istat għat-tip ta' kwistjonijiet li l-applikant qiegħed ifittex. Talba diretta tista' ssir ukoll għaliex l-applikant jagħżel li jipproċedi barra mis-sistema tal-Awtorità Ċentrali, bl-għajnuna ta' avukat jew mingħajr, iżda l-applikant jkun għadu jixtieq jisfrutta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li japplikaw.

1154. Il-possibbiltà li debitur jagħmel talba diretta lil awtorità kompetenti f'ġurisdizzjoni oħra hija stipulata b'mod speċifiku fl-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni. L-elementi importanti ta' dak l-Artikolu jinkludu:

- l-applikabbiltà tal-liġi interna għat-talbiet diretti kollha,
- id-dispożizzjoni li fi kwistjoni rregolata mill-Konvenzjoni, u soġġetta għall-Artikolu 18, tista' ssir talba diretta lil awtorità kompetenti sabiex tiġi stabbilita jew immodifikata deċiżjoni dwar il-manteniment,
- l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi b'rabta ma' talbiet diretti għal rikonoxximent u infurzar.

1155. Għad li talba diretta ma tistax tgħaddi minn Awtorità Ċentrali, il-kwistjoni xorta waħda taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni (ara l-Kapitolu 3) kemm fl-Istat rikjedenti kif ukoll dak rikjest sabiex ikun japplika l-Artikolu 37.

1156. L-iktar xenarju komuni li fih ser issir talba lil awtorità kompetenti fi Stat Kontraenti ieħor hija sitwazzjoni li fiha l-applikant ifittex rikonoxximent, rikonoxximent u infurzar, stabbiliment jew modifika ta' deċiżjoni dwar manteniment għall-konjuġi biss.

A. Eżempju ta' każ

1157. F hija kreditriċi tal-manteniment li tgħix fil-Pajjiż A. Trid li tiġi stabbilita deċiżjoni dwar il-manteniment li teħtieġ li G iħallas manteniment għall-konjuġi lilha. G jgħix fil-Pajjiż B. La l-Pajjiż A u lanqas il-Pajjiż B ma estendew l-applikazzjoni tal-Kapitoli II u III għal obbligi tal-manteniment għall-konjuġi. Kemm il-Pajjiż A kif ukoll il-Pajjiż B huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni.

B. Kif isir dan skont il-Konvenzjoni

1158. L-Awtorità Ċentrali fil-Pajjiż A mhijiex ser tkun tista' tgħin lil F f'din it-talba. Madankollu, F tista' tagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti fil-Pajjiż B sabiex tistabbilixxi deċiżjoni dwar il-manteniment, jekk il-liġi interna tal-Pajjiż B tippermetti dan it-tip ta' applikazzjoni. F ser tuża l-formoli u d-dokumenti stipulati mil-liġi interna tal-Pajjiż B għall-proċedura ta' stabbiliment, u t-talba ser tipproċedi skont il-liġi domestika u l-proċessi fil-Pajjiż B. Ladarba tkun ġiet stabbilita d-deċiżjoni, F tista' tagħmel talba sabiex tiġi infurzata fil-Pajjiż B minn awtorità kompetenti, jekk il-liġi interna tal-Pajjiż B tippermetti l-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment għall-konjuġi biss.

1159. Il-bqija ta' dan il-kapitolu jittratta talbiet diretti għal rikonoxximent u infurzar, u mbagħad talbiet diretti għal stabbiliment u modifika.

II. Talbiet diretti għal rikonoxximent u infurzar

1160. Ġeneralment, il-proċeduri għat-talbiet kollha ser ikunu rregolati mil-liġi interna tal-Istat rikjest. Din il-liġi ser tistabbilixxi jekk it-talba tistax issir affattu, u x'formoli jew proċessi jridu jintużaw. Madankollu, jekk it-talba diretta tikkonċerna rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni eżistenti, u d-deċiżjoni taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, ser ikunu japplikaw ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni għal dik it-talba diretta. Din it-taqsima tkopri l-proċeduri għal talbiet diretti għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet.

A. Talbiet diretti mibgħuta (rikonoxximent u infurzar)

1161. Il-Konvenzjoni tistipula li għadd minn fost id-dispożizzjonijiet li jirregolaw applikazzjonijiet għal rikonoxximent u infurzar japplikaw għal talbiet diretti għal rikonoxximent u infurzar magħmulin lil awtoritajiet kompetenti (Art. 37(2)).

Dokumenti li jridu jiġu inklużi

1162. Id-dispożizzjonijiet kollha tal-Kapitolu V (Rikonoxximent u infurzar) tal-Konvenzjoni japplikaw għal talbiet diretti; għaldaqstant, it-talba għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti stabbiliti fl-Artikolu 25. Dawn jinkludu:

- test sħiħ tad-deċiżjoni,
- Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà,
- Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa meta r-rispondent ma deherx jew ma kienx irrappreżentat fil-proċedimenti fl-Istat ta' oriġini jew ma kkontestax id-deċiżjoni dwar il-manteniment,

- Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji,
- jekk hemm bżonn – kalkolu tal-arretrati,
- jekk hemm bżonn – dikjarazzjoni li tindika kif taġġusta jew tindiċizza d-deċiżjoni.

1163. Ara l-Kapitolu 4 għal tagħrif dwar dawn il-formoli u l-Kapitolu 15 għal struzzjonijiet dwar il-mili tal-formoli.

1164. Il-formola ta' applikazzjoni rakkomandata ma tistax tintuża għal talba diretta. F'ċerti każijiet, l-awtorità kompetenti rikjesta ser ikollha l-formoli tagħha stess. Aqra l-Profil tal-Pajjiż jew ikkuntattja lill-awtorità kompetenti rikjesta direttament fuq l-indirizz ipprovdut fil-Profil tal-Pajjiż biex tikseb kopja tal-formola.

1165. F'ħafna mill-każijiet li jikkonċernaw talbiet diretti, ser ikun hemm bżonn li tiġi pprovduta wkoll dokumentazzjoni li turi kemm l-applikant irċieva assistenza legali b'xejn fl-Istat ta' oriġini. Dan għaliex id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess effettiv għal proċeduri u l-għoti ta' assistenza legali b'xejn ma japplikawx kollha għal talbiet diretti. Madankollu, tal-inqas, f'kull proċediment għal rikonoxximent jew infurzar, l-applikant huwa intitolat għall-istess livell ta' assistenza legali b'xejn bħalma bbenefika minnu fl-Istat ta' oriġini, jekk, fl-istess ċirkustanzi, hemm disponibbli dak l-istess livell ta' assistenza fl-Istat rikjest (Art. 17 *b)*).

1166. Id-dijagramma ta' hawn taħt turi r-rekwiżit li tingħata assistenza legali b'xejn għal talbiet diretti lil awtorità kompetenti.

ASSISTENZA LEGALI
TALBIET DIRETTI LIL AWTORITÀ KOMPETENTI
MILL-KREDITUR JEW ID-DEBITUR
(Art. 17 *b)* u 37)



Figura 43: Assistenza legali – talbiet diretti lil awtorità kompetenti

1167. Għad li assistenza legali b'xejn jaf ma tkunx disponibbli, kun af li l-Istat rikjest ma jistax jitlob titolu, bond jew depożitu, deskritt bi kwalunkwe mod, sabiex jiggarantixxi l-ħlas ta' kull kost u spiża fil-proċedimenti mġarrbin mill-applikant (Arts 37(2) u 14(5)).

1168. Fl-aħħar nett, f'kull każ, ma hemm l-ebda rekwiżit li Stat rikjest bilfors jagħti xi forma ta' assistenza legali lil applikant li jagħżel li jagħmel talba diretta lil awtorità kompetenti, meta l-kwistjoni setgħet infetħet mal-Awtorità Ċentrali.[193]

B. *Talbiet diretti riċevuti (rikonoxximent u infurzar)*

a) Manteniment għall-konjuġi

1169. Sakemm kemm l-Istat Kontraenti rikjedenti kif ukoll dak rikjest ma jkunux għamlu dikjarazzjonijiet li jestendu l-Kapitoli II u III għal obbligi tal-manteniment għall-konjuġi, talba riċevuta għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni għal manteniment għall-konjuġi biss mhijiex ser tgħaddi mill-Awtoritajiet Ċentrali. Minflok, il-kreditur ser jagħmel talba diretta lill-awtorità kompetenti, li tista' tkun awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva. Madankollu, ir-rekwiżiti dokumentarji stipulati fl-Artikolu 25 jibqgħu l-istess.

1170. Minbarra t-talba (il-formola ta' applikazzjoni rakkomandata ma tintużax għal talbiet diretti), dejjem ser ikunu meħtieġa d-dokumenti li ġejjin:

- test tad-deċiżjoni,
- Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà,
- Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa meta r-rispondent ma jkunx deher jew ma kienx rappreżentat fl-Istat ta' oriġini, jew ma kkontestax id-deċiżjoni,
- Formola taċ-Ċirkustanzi Finanzjarji jew dokument ieħor li jistabbilixxi ċ-ċirkustanzi finanzjarji tal-partijiet,
- dokument li jispjega l-kalkolu tal-arretrati,
- dokument li jispjega kif taġġusta jew tindiċizza d-deċiżjoni,
- dikjarazzjoni jew tagħrif li jikkonċernaw l-għoti ta' assistenza legali lill-applikant fl-Istat rikjedenti.

1171. Dokumenti addizzjonali jistgħu jkunu xierqa skont il-proċess intern tal-Istat rikjest.

1172. Ladarba l-awtorità kompetenti tirċievi t-talba diretta, din ser tgħaddi mill-istess tip ta' proċess ta' rikonoxximent kif spjegat fil-Kapitolu 5 (jew il-proċess regolari jew inkella l-proċess alternattiv). Ser tiġi ddikjarata infurzabbli jew inkella ser tiġi rreġistrata u r-rispondent u l-applikant jiġu nnotifikati (Art. 23(5)), jew inkella r-rispondent ser jiġi nnotifikat u ż-żewġ partijiet ser ikollhom l-opportunità li jinstemgħu qabel ma l-awtorità kompetenti tiddeċiedi fuq jekk tirrikonoxxix id-deċiżjoni wara li tkun saret in-notifika (Art. 24(3)).

1173. Il-motivi għall-kontestazzjoni jew l-appell tad-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà jew reġistrazzjoni tad-deċiżjoni japplikaw bl-istess mod għal talbiet li jsiru minn awtorità kompetenti. Madankollu, jekk l-applikant jeħtieġ assistenza legali biex jilqa' l-kontestazzjoni jew l-appell tar-rispondent, Awtorità Ċentrali mhijiex ser tipprovdi assistenza legali b'xejn, u l-applikant ser ikollu jirranġa għalih. L-awtorità kompetenti jaf tkun tista' tgħin lill-applikant sabiex jaċċessa sorsi oħrajn ta' assistenza, inkluża Għajnuna Legali, jekk disponibbli. L-applikant dejjem huwa intitolat għal tal-inqas l-istess livell ta' assistenza legali li kien intitolat għalih fl-Istat rikjedenti, jekk dak il-livell ta' assistenza jkun disponibbli fl-Istat rikjest (Art. 17 *b)*).

---

193 Rapport Spjegattiv, para. 602.

1174. Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' infurzar tad-deċiżjoni wara li tkun ġiet rikonoxxuta, peress li l-Awtorità Ċentrali ma kinitx involuta fil-proċess ta' rikonoxximent, l-applikazzjoni għal infurzar mhijiex ser tgħaddi b'mod awtomatiku mit-talba diretta għal rikonoxximent sakemm il-liġi ma tistipulax hekk. Jekk le, l-individwu li jagħmel it-talba diretta ser ikollu jagħmel talba għaliha għal infurzar kif meħtieġ mill-proċeduri domestiċi tal-Istat rikjest.

b) Ulied ta' 21 sena jew iktar

1175. Peress li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ma jinkludix ulied li għandhom 21 sena jew iktar, awtorità kompetenti fi Stat mhux bilfors li taċċetta talba għal rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjoni dwar il-manteniment għal dawn it-tfal sakemm ma tkunx saret dikjarazzjoni espliċita skont l-Artikolu 2(3) tal-Konvenzjoni miż-żewġ Stati Kontraenti (Stat rikjedenti u Stat rikjest) sabiex jestendu l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal dawn l-ulied. Fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni bħal din, ma hemm l-ebda rekwiżit li deċiżjoni dwar il-manteniment għal ulied ta' 21 sena jew iktar tiġi rikonoxxuta jew infurzata bilfors.

1176. Kun af li dan ser japplika wkoll meta l-liġi tal-Istat ta' oriġini tippermetti li l-manteniment jitħallas għal ulied li għandhom iktar minn 21 sena, għaliex l-Artikolu 32(4) (li japplika l-liġi tal-Istat ta' oriġini għad-determinazzjoni tad-durata tal-obbligu tal-manteniment) irid jinqara fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2.

1177. Ara l-Kapitolu 3 għal diskussjoni sħiħa dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

c) Forom oħrajn ta' manteniment tal-familja

1178. Għad li l-Konvenzjoni tistipula li l-Istati jistgħu jaqblu li jestendi d-dispożizzjonijiet tagħhom għal forom oħrajn ta' manteniment tal-familja, inklużi persuni vulnerabbli, sakemm dan ma jsirx kemm mill-Istat Kontraenti rikjest kif ukoll minn dak rikjedenti, ma hemm l-ebda rekwiżit li l-awtorità kompetenti fi Stat trid taċċetta talba diretta għal rikonoxximent jew infurzar ta' deċiżjoni għal tipi oħrajn ta' manteniment tal-familja bilfors.

III. Talbiet diretti għal stabbiliment u modifika ta' deċiżjonijiet

1179. Talbiet diretti lil awtorità kompetenti għall-istabbiliment jew il-modifika ta' deċiżjoni li taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ser jiġu rregolati, soġġetti għall-Artikolu 18, kompletament mil-liġi interna. Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni diskussi iktar 'il fuq rigward talbiet għal rikonoxximent u infurzar ma japplikawx għal talbiet għal stabbiliment jew modifika. Effettivament, dan ifisser li l-proċeduri, il-formoli u l-assistenza disponibbli għall-krediturі jew id-debituri li jagħmlu dawn it-talbiet ser ikunu dawk li jinstabu fil-liġi domestika jew il-proċess tal-Istat rikjest.

1180. Ta' min jisħaq li għad li d-deċiżjoni dwar il-manteniment tista' taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni (*pereż.*, meta d-deċiżjoni tkun tikkonċerna l-istabbiliment ta' manteniment għall-konjuġi), id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess effettiv għall-proċedura u l-assistenza legali ma japplikawx għal dawn it-talbiet. F'ċerti każijiet, kreditur jew debitur jista' jintalab iqabbad avukat bl-ispejjeż kontrih fl-Istat rikjest sabiex jagħmel it-talba diretta.

1181. Il-Profil tal-Pajjiż għall-Istat rikjest ser jindika xi proċeduri huma applikabbli għal talbiet diretti f'dak l-Istat, jew jipprovdi tagħrif dwar kif tikkuntattja lill-awtorità kompetenti biex tikseb dak it-tagħrif.

IV. Materjali addizzjonali

A. *Pariri prattiċi*

1182. Irreferi għall-Profil tal-Pajjiż għall-Istat rikjest biex issib x'ser ikun meħtieġ għat-talba diretta. It-talba għandha ssir billi tintuża l-formola ta' applikazzjoni jew dokument inizjali ieħor meħtieġa mill-Istat rikjest. Għad li d-dokumentazzjoni użata għal talbiet għal rikonoxximent u infurzar tista' tkun l-istess bħal dik użata għal applikazzjonijiet li jgħaddu mingħand l-Awtoritajiet Ċentrali, id-dokumentazzjoni għal tipi oħrajn ta' talbiet tista' tkun ferm differenti minn dik użata għal applikazzjonijiet skont il-Konvenzjoni.

1183. Talba diretta rari għandha tintuża meta tkun tista' ssir applikazzjoni permezz ta' Awtorità Ċentrali. L-użu tas-servizzi tal-Awtorità Ċentrali jippermetti lill-assistenti soċjali fiż-żewġ Stati sabiex jgħinu b'mod iktar effettiv lil krediturі u debituri u jipproċessaw kwistjonijiet b'mod iktar mgħaġġel meta mqabblin ma' awtorità kompetenti. Inaqqas ukoll il-probabbiltà li jkun hemm talbiet u deċiżjonijiet doppji. Ċerti awtoritajiet kompetenti jista' ma jkollhomx ir-riżorsi jew l-għarfien biex jipproċessaw b'mod effettiv kwistjonijiet li jistgħu jgħaddu mingħand Awtorità Ċentrali.

B. *Formoli relatati*

1184. Għal rikonoxximent u infurzar biss:

Dikjarazzjoni ta' Infurzabbiltà
Dikjarazzjoni ta' Notifika Xierqa
Dikjarazzjoni tal-arretrati (jekk applikabbli)
Dikjarazzjoni ta' Assistenza Legali (meta tkun meħtieġa)
Dikjarazzjoni li tispjega kif tindiċizza jew taġġusta (jekk applikabbli)

C. *Artikoli Relevanti*

L-Artikolu 2(3)
L-Artikolu 10
L-Artikolu 17 *b)*
L-Artikolu 25
L-Artikolu 37

V. Mistoqsijiet Frekwenti

X'inhi d-differenza bejn applikazzjoni li tgħaddi mingħand Awtorità Ċentrali u talba diretta lil awtorità kompetenti?

1185. Applikazzjonijiet li jgħaddu mingħand Awtoritajiet Ċentrali huma limitati għal dawk stipulati fl-Artikolu 10. Sabiex tinfetaħ l-applikazzjoni ma' Awtorità Ċentrali, il-kwistjoni trid tkun taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni u msemmija fl-Artikolu 10.

1186. Issir talba diretta lil awtorità kompetenti għal kwistjoni rregolata mill-Konvenzjoni. Eżempju ta' talba diretta huwa applikazzjoni għal deċiżjoni għal stabbiliment ta' manteniment għall-konjuġi.

Applikant jista' jagħżel li jagħmel talba diretta lil awtorità kompetenti minflok ma jipproċedi bl-Awtoritajiet Ċentrali?

1187. Iva – jekk il-proċeduri interni tal-awtorità kompetenti rikjesta jippermettu li jsir hekk (ċerti awtoritajiet kompetenti sempliċiment jirreferu l-kwistjoni lill-Awtorità Ċentrali). Madankollu, applikant li jagħżel dan il-metodu għandu jkun jaf li f'ċerti Stati d-dispożizzjonijiet għal assistenza legali għal talbiet diretti jistgħu ma jkunux japplikaw għal sitwazzjonijiet li fihom applikazzjoni setgħet issir mal-Awtorità Ċentrali. Dan aktarx li jseħħ meta l-Istat rikjest ikun stabbilixxa proċeduri effettivi li jippermettu sabiex applikazzjoni tipproċedi mingħajr assistenza legali għal applikazzjonijiet li jgħaddu mingħand l-Awtorità Ċentrali.

Awtorità Ċentrali tista' tibgħat talba diretta lil awtorità kompetenti meta, pereżempju, l-Istat rikjest ma jkunx estenda l-applikazzjoni tal-Kapitoli II u III għat-tip ta' obbligu tal-manteniment?

1188. Iva – ma hemm l-ebda rekwiżit fil-Konvenzjoni li talba diretta trid issir mill-kreditur jew id-debitur stess. Dan ix-xenarju għandu l-ikbar probabbiltà li jseħħ f'sitwazzjonijiet li fihom l-Istat rikjedenti jkun estenda l-applikazzjoni tal-Kapitoli II u III għal manteniment għall-konjuġi iżda l-Istat rikjest ma jkunx għamel hekk. F'dak il-każ, l-Awtorità Ċentrali rikjedenti tista' tassisti lill-kreditur fit-tħejjija tad-dokumentazzjoni u tassisti fit-trażmissjoni lil awtorità kompetenti fl-Istat rikjest.

X'formoli jew dokumenti għandhom jintużaw għal talba diretta?

1189. Jekk it-talba diretta hija għal rikonoxximent u infurzar, inkludi d-dokumenti stipulati fl-Artikolu 25 peress li dak l-Artikolu japplika għal talbiet għal rikonoxximent u infurzar. Il-formola ta' applikazzjoni rakkomandata għandha tintuża biss minn Awtoritajiet Ċentrali, u b'hekk għandek tuża l-formola meħtieġa mill-awtorità kompetenti rikjesta jew inkella l-formola użata mill-Istat tiegħek stess, jekk l-awtorità kompetenti rikjesta ma tkunx speċifikat formola.

1190. Għat-talbiet kollha l-oħrajn, ikkonsulta lill-awtorità kompetenti biex tistabbilixxi l-formoli jew id-dokumenti meħtieġa għat-talba diretta.

Il-kreditur jew id-debitur ser ikollu bżonn avukat sabiex jagħmel it-talba diretta lill-awtorità kompetenti?

1191. Dan ser ikun jiddependi kompletament mill-proċeduri tal-awtorità kompetenti. Jekk it-talba diretta ssir għal rikonoxximent u infurzar, l-Istat rikjest irid jara li l-applikant huwa intitolat għal tal-inqas l-istess livell ta' assistenza legali li huwa disponibbli fl-Istat rikjedenti, jekk dak il-livell ta' assistenza jkun disponibbli fl-Istat rikjest (Art. 17 *b)*).

1192. Fit-talbiet diretti kollha l-oħrajn, jekk ikun hemm bżonn ta' assistenza legali, il-persuna li tagħmel it-talba diretta ser tkun responsabbli sabiex tkopri dawk l-ispejjeż sakemm il-liġi tal-Istat rikjest ma tistipulax mod ieħor.

DS-01-16-221-MT-N

Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat
Il-Bureau Permanenti
Churchillplein 6b
2517 JW The Hague
Il-Pajjiżi l-Baxxi

+ 31 70 363 3303
+31 70 360 4867
secretariat@hcch.net
www.hcch.net

HCCH
HAGUE CONFERENCE ON
PRIVATE INTERNATIONAL LAW
CONFÉRENCE DE LA HAYE
DE DROIT INTERNATIONAL PRIVÉ

Il-Kummissjoni
Ewropea

ISBN 978-92-79-56699-8
9 789279 566998
doi: 10.2838/31447